# Festa Titulari ta' Santa Marija

## L-Imqabba 2019



One4all
GIFT VOUCHERS

THE IDEAL GIFT
FOR ANY OCCASION



CHOOSE TO SPEND AT
OVER 675 SHOPS IN
MALTA AND GOZO

www.one4all.mt



Tron li jixraq lis-Sultana

*Editorjal*

# Soċjetà ħabrieka li tiġġedded maż-żminijiet tal-lum



**Jonathan Mifsud, f'isem il-Bord Editorjali, jintroduċi d-diversi artikli li jinstabu f'din il-pubblikazzjoni filwaqt li jagħti ħarsa lejn il-volontarjat.**

Issa li verament ninsabu fil-ġranet tal-festa għażiża għalina ta' Ommna Marija Mtellgħa s-sema, l-Assunta, nistedinkom sabiex taqraw din il-pubblikazzjoni annwali. Pubblikazzjoni li fiha artikli ferm interessanti kemm dwar il-ħidma mwettqa mid-diversi fergħat fi' ħdan din is-Soċjetà u kif ukoll artikli ta' storja li qegħdin jiġu ppubblikati għall-ewwel darba.

Mill-artikli li ser issibu f'din il-pubblikazzjoni ser tindunaw kemm is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V hija waħda ħabrieka permezz ta' attivitajiet varji għall-gost ta' kulħadd madwar is-sena kollha, dinamika u miftuħa għall-opinjonijiet ta' kulħadd filwaqt li tieħu ħsieb tiġġedded maż-żminijiet tal-lum. It-tiġdid tas-Soċjetà kompla matul din is-sena permezz tal-ħatra ta' Mro Renè Camilleri B.Eng (Hons), ALCM fil-kariga ta' Assistent Surmast kif ukoll permezz tal-ħatra tal-Kumitat Eżekuttiv 2019-2021.

Permezz ta' diversi artikli pubblikati sejrin taqraw dwar kif is-Soċjetà u l-parroċċa tagħna jieħdu ħsieb li jippreservaw dak kollhu li kienu għamlu missirijietna fl-imgħoddi. Fost dawn l-artikli relatati ma dan is-suġġett insibu r-restawr estensiv li qiegħed isir fuq il-faċċata tas-Sede tas-Soċjetà tagħna, ir-restawr tas-sala ta' fejn titħarreġ il-Banda Re Ġorġ V, ir-restawr tad-diversi opri tal-armar kif ukoll ir-restawr ta' erba' pitturi ġewwa l-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba.

Fost l-anniversarji li qegħdin jiġu mfakkra matul din is-sena nsibu il-ħames snin anniversarju mit-twaqqif tal-grupp Go Reds - Adolexxenti Titulari. Min hawn nawguralhom iżjed ħidma fi ħdan din is-Soċjetà filwaqt li nfakkarhom li huma l-futur ta' din l-istess Soċjetà. Insibu wkoll artikli ta' storja marbuta mar-raħal tagħna li ftit li xejn qabel konna nafu dwarhom.

Minn kif sejrin taraw permezz ta' din il-pubblikazzjoni, ħafna mill-ħidma li qiegħda ssir fid-diversi oqsma varji fi ħdan din is-Soċjetà qiegħda ssir b'mod volontarju mid-diversi soċji u partitarji li għandhom kapaċitajiet u ħiliet differenti. Il-ħajja tal-lum inbidlet ħafna minn dik ta' ftit snin ilu, għaliex huma ħafna dawk id-diversi persuni li llum il-ġurnata jaħdmu ħinijiet itwal sabiex ikunu jistgħu jgħixu ħajja iżjed komda, iżda huwa importanti wkoll li tibqa tingħata għajnuna lis-Soċjetà fid-diversi forom kemm manwali u kemm fl-amministrattiv permezz tal-ħiliet tiegħek. Sabiex tkun tista' titella festa kbira minn kull aspett u sabiex nibqgħu naġġornaw ruħna maż-żminijiet tal-lum, ikun hemm bżonn il-ħtieġa ta' diversi ideat u għajnuna, għalhekk min hawn nagħmel appell sinċier għal iżjed għajnuna u parteċipazzjoni matul is-sena kollha speċjalment waqt il-ġranet tat-tħejjija għal-festa Titulari. Min hawn nixtieq nirringrazzja lil kull min b'xi mod jew ieħor joffri l-ħin tiegħu permezz tal-ħidma volontarja f' xi qasam marbut mal-festa u s-Soċjetà.

Illum il-ġurnata l-festi Maltin saru jattiraw ħafna turisti sabiex dawn igawdu l-atmosfera unika tal-festa Maltija, u dan huwa rikonoxxut mill-istat li min naħa tiegħu qiegħed ikompli jgħin lis-Soċjetajiet permezz ta' ko-finanzjament ta' proġetti varji li huma ta' għajnuna kbira sabiex dawn il-festi jkunu jistgħu jibqgħu jiġu organizzati bl-ogħla livell.

F'isem il-Bord Editorjali ta' din il-pubblikazzjoni nirringrazzja lil sħabi l-membri tal-Kumitat Eżekuttiv u d-diversi partitarji tal-għajnuna u kollaborazzjoni li dejjem insibu mingħandhom sabiex stajna niġbru l-artikli u r-riklami fiż-żmien stipulat. Nirringrazzjaw ukoll lill-artikolisti li għoġobhom bil-paċenzja kollha jagħmlu xi riċerka fuq xi suġġett partikolari u qasmu magħna t-tagħrif ferm interessanti. Nirringrazzjaw lil dawk kollha li għoġobhom jirreklamaw is-servizzi tagħhom f'din il-pubblikazzjoni għax mingħajr il-kontribut tagħhom żgur li din il-pubblikazzjoni ma tkunx tista' ssir realtà. Ħajr lil-Best Print tal-għajnuna kbira li joffru fid-disinn u l-ħolqien ta' din il-pubblikazzjoni.

Grazzi mill-qalb lil dawk kollha li b' xi mod jew ieħor dejjem jagħtu l-għajnuna tagħhom sabiex dejjem nilħqu il-livell mixtieq. Minn qalbi nawgura li kulħadd jinħasad il-frott u joħroġ sodisfatt bil-ħidma tiegħu b'risq din il-festa tant għażiża għalina l-Maltin!

Nawgura il-festa t-tajba lil kulħadd!

**Bord Editorjali**
MIFSUD Jonathan
ZAMMIT Mario

**Qari tal-Provi**
MIFSUD Jonathan

**Riklami**
BRIFFA Carmel
FARRUGIA Antoine
GALEA Joseph
TONNA Roderick

**Fotografija**
Arkivji tas-Soċjetà
CAMILLERI Mario
FALZON Alex
FARRUGIA Kan. Dr. Dun Jonathan
GHIGO Matthew
MIFSUD Gabriella
MIFSUD Jonathan
SCHEMBRI BALDACCHINO Chris
TONNA Johann
ZAMMIT Mario
Kummissjoni Web
Uffiċċju tal-President
Department of Information




**Ritratt tal-Faċċata**
Il-vara artistika u devota
ta' Santa Marija
waqt il-Purċissjoni.

*Il-kontenut f'din il-pubblikazzjoni mhux bilfors jirrifletti l-fehma tal-Bord Editorjali jew tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.*

*L-Artikolisti kollha huma responsabbli għal kitbiethom.*

© Soċjetà Santa Marija
u Banda Re Ġorġ V – Mqabba,
Malta Est. 1910

L-ebda parti minn dan il-ktieb ma tista' tiġi kkupjata minghajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.

**Issettjat u Stampat**
BEST Print CO. LTD
**Żurrieq Road, Qrendi**
**Tel: 21 680789, 21 649012**
**E-mail: bestprintqrendi@gmail.com**

# Werrej

Editorjal ... 2
Il-Kumitat Eżekuttiv 2019 – 2021 ... 5
Il-Messaġġ tal-President ... 7
Messaġġ tas-Sindku ... 15
Messaġġ mill-Kappillan ... 19
Messaġġ mis-Segretarju Ġenerali ... 21
Appell mill-Kaxxier ... 25
Messaġġ mid-Direttur Spiritwali ... 31
Messaġġ mis-Surmast Direttur ... 33
Messaġġ mill-Assistent Surmast Direttur ... 41
Programm Vokali u Strumentali mill-Banda Re Ġorġ V ... 44
Kelmtejn mis-Sotto Kumitat tan-Nisa 2019 ... 45
Messaġġ mill-Kummissjoni Banda ... 47
Messaġġ mis-Sezzjoni Żgħażagħ ... 53
L-unur Wirt Artistiku 2019 ... 61
Messaġġ mill-Għaqda tal-Armar ... 65
Messaġġ mill-Għaqda tan-Nar ... 73
Mill-Imħażen tan-Nar tal-Art ... 83
Leħen il-Fratellanzi tas-Ssmu Sagrament u tar-Rużarju Mqaddes ... 91
Messaġġ mill-Kummissjoni WEB ... 95
Messaġġ mill-Klabb Tfal tat-Titular ... 100
Messaġġ mill-Go Reds – Adolexxenti Titulari ... 104
**Programm tal-Festa 2019 ... i-viii**
Il-kultura sportiva fis-Soċjetà ... 106
Attivist tas-Sena 2017/18 ... 110
Il-Planċier Artistiku ... 111
Ir-restawr tal-faċċata tal-Palazz Santa Marija ... 113
Profil Renè Camilleri ... 117
Profil Michael Galea ... 119
Il-verġni tar-Rocio tagħlaq is-Semana Santa Spanjola ... 121
Tagħrif ġdid mir-restawr ta' erba' pitturi fil-parroċċa ta' Santa Marija tal-Imqabba ... 125
Messaġġi mis-Soċjetà ... 149
Eluf Ħabbewk Marija ... 151
Sena Attivitajiet 2018/2019 ... 152
Taħt il-ħarsien tiegħek nistkennu! ... 157
100 sena mit-twelid tal-artist Emvin Cremona ... 165
Iż-Żjara Pastorali tal-Isqof Baldassare Cagliares fl-Imqabba fl-1615 – It-Tieni Parti: Id-Deskrizzjoni tal-Knejjes iż-Żgħar ... 171
Il-Lingwa Maltija ... 178
Tislima – B'tifkira għażiża tal-artist u skultur Renzo Gauci ... 180
Żewġ pjanti tal-1909 u l-1939 tal-illuminazzjoni fit-toroq tal-Imqabba ... 181
Lil Marija Santissima ... 187
50 sena mill-mewt ta' saċerdot li għamel ġieħ lill-Imqabba ... 189
Qddiem il-Kwadru ta' Santa Marija tal-Ħlas ... 193
Patri Rafel ta' Sant'Anna Karmelitan Skalz (Wenzu Despott) ... 194
Messaġġ mill-Għaqda Każini tal-Banda ... 196
Rispett u għaqda bejn is-soċjetajiet ... 196
Fir-Raħal ta' Santa Marija ... 197
L-Ewwel Kappillani li mexxew il-parroċċa tal-Imqabba ... 198
Rendikont tal-Festa ta' Santa Marija 2018 ... 199
Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni ... 200


HID
LIGHTS
MARINE
PIONEER
CAR STEREOS
Pioneer
JVC
SONY
GABBA
AUTO TINT
MQABBA ROAD, SIGGIEWI
99486437
SPEAKERS
SUB-WOOFERS
AMPLIFIERS



# Il-Kumitat Eżekuttiv 2019 – 2021

**President**
Carlo Sciberras

**Presidenti Onorarji**
Dr. Louis Galea B.A., LL.D.
Is-Sur Joseph Farrugia

**Viċi President**
Michael Ghigo

**Segretarju Ġenerali**
Antoine Farrugia

**Viċi Segretarju Ġenerali**
Alex Falzon

**Kaxxier**
Carmel Briffa

**Viċi Kaxxier**
Jonathan Mifsud

**Direttur tal-Każin**
Felix Galea

**Assistent Direttur tal-Każin**
Joseph Galea

**Delegat Planċier**
Michael Ghigo

**Delegat tan-Nar tal-Ajru u tal-Art**
Joseph Briffa

**Delegat tal-Armar**
Alex Falzon

**Uffiċjali għall-Midja u Relazzjonijiet Pubbliċi**
Mario Zammit

**Assistent Uffiċjal Midja u Relazzjonijiet Pubbliċi**
JeanCarl Grech

**Delegat għaż-Żgħażagħ, Nisa, Adoloxxenti u Tfal u Anzjanità Attiva**
Samantha Debono

**Uffiċjali Relazzjonijiet Soċjali**
Joseph Briffa
Jonathan Mifsud

**Kordinatur Kreattività u Innovazzjoni**
JeanCarl Grech

**Chairperson Sezzjoni Proġetti u NGO's**
Marica Mifsud

**Membru għal Għomru**
Roderick Tonna

**Koordinaturi Attivitajiet**
Mario Zammit
Alex Falzon

**Surmast Direttur**
Mro David Agius
A. Mus. LCM, A. Mus. VCM (Hons) ALCM

**Direttur Spiritwali**
Fr. Joseph Zahra O.P.

**Assistent Surmast Direttur**
Mro René Camilleri
B.Eng (Hons), ALCM

**Arkivista**
Antoine Farrugia

**Delegat tal-Banda**
Christopher Spiteri

**Rappreżentanti fl-Għaqda Każini tal-Baned**
Carmel Briffa, Carlo Sciberras

**Konsulent Legali**
Dr Mark Portelli BA.LLD

**Reviżuri**
Mark Cardona, Ryan Vella

**Kummissjoni Banda**
Mro René Camilleri, Christopher Spiteri, Antoine Farrugia, JeanCarl Fenech, Alfred Galea

TAR-ROBBA
Recycling Centre
LIMITED

**Tar-Robba** l/o Kirkop KKP 9090, Malta
Tel: 2168 3558, 2168 5332 Fax: 2164 2834
John Ghigo : 9949 3311
Jurtin Ghigo : 9945 7162
E-mail: johnghig@maltanet.net
Web: www.tarrobbarecycling.com







*For all types of original, second hand and imitation autoparts with the best prices found locally!!!*



TAR-ROBBA
ta' pataw
LIMITED

- Ġarr tal-Konkos
- Blokki tal-Franka
- Blokki tas-Sejjieħ
- Torba
- Bricks









*Il-Messaġġ tal-President*

# Flimkien ninvestu fil-ġejjieni...

**Carlo Sciberras, President tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V jagħti ħarsa lejn il-proġetti li din is-Soċjetà qed twettaq u jwassal messaġġ pożittiv li jinkoraġġixxi u jippremja l-għaqda, id-dedikazzjoni u l-bżulija tal-fergħat fi ħdan is-Soċjetà tagħna.**

Għeżież,

Erġajna ninsabu f'dan iż-żmien tas-sena, żmien li jġib miegħu ferħ liema bħalu, ferħ indeskrivibbli għal kull devot ta' Ommna Marija Assunta u għalina l-membri, segwaċi u benefatturi ta' din is-Soċjetà. Żmien li jġib miegħu wkoll ħidma intensiva kif ukoll sagrifiċċju li finalment ilkoll iwasslu għal sodisfazzjon kollettiv fejn flimkien bħala Soċjetà waħda nkomplu ningħaqdu taħt il-mantar ta' Santa Marija Patruna u Protettriċi tar-raħal tagħna.



L-istorja ta' din is-Soċjetà u l-Festa Titulari fl-Imqabba hi storja glorjuża, storja li kull membru tas-Soċjetà kif ukoll kull Imqabbi għandu jkun kburi bihom, għalhekk bħala Mexxejja u Amministraturi ta' din is-Soċjetà l-għan ewlieni tagħna huwa li flimkien mal-Fergħat, Soċji, Partitarji, Benefatturi f'sinerġija mal-Entitajiet Ċivili u Ekkleżjastiċi nkomplu niktbu din l-istorja glorjuża mhux biss għas-suċċessi reliġjo-kulturali u artistiċi tal-lokal tagħna iżda wkoll għas-suċċessi fuq livelli nazzjonali u internazzjonali f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-funzjoni tagħna bħala Soċjetà b'qalb u ruħ nisranija.

Il-Festa tas-sena l-oħra ssarrfet f'suċċess sabiħ fejn għalkemm it-temp ma kienx wieħed favorevoli, bil-għaqal u b'enerġija kbira minn ħafna partitarji rnexxielna nikkontrollaw l-impatt tal-maltemp bl-aħjar mod possibbli dan grazzi għall-persuni qalbiena fit-toroq tal-armar u n-nar tal-art u fl-egħlieqi tan-nar tal-ajru. Ta' dan kollu nixtieq mill-qalb nirringrazzja lil kull min kien ta' sostenn f'dawk il-mumenti ta' qtigħ il-qalb.

Jekk Alla jrid fil-Festa ta' din is-sena ser nerġgħu nkunu qegħdin naħsdu l-frott ta' tant ħidma u dedikazzjoni tal-Fergħat ta' din is-Soċjetà, fergħat li fid-diversità tagħhom jaħdmu id f'id biex jintlaħaq dak il-koordinament ewlieni biex tkun tista' tiġi ċċelebrata bl-aktar mod simboliku festa kbira u kompluta. Żgur li dak kollu li qed jiġi mħejji bil-ħidma tal-Kumitat Eżekuttiv, L-Għaqda tal-Armar u dawk li jieħdu ħsieb jarmaw u jżarmaw fit-Toroq tagħna, L-Għaqdiet tan-Nar tal-Ajru u tal-Art, is-Sezzjoni Żgħażagħ, Kummissjoni WEB, Surmast Direttur, Assistent Surmast Direttur, Bandisti, Aljievi u Kummissjoni Banda, lill-grupp inkarigat mill-planċier, is-Sezzjoni Nisa, il-Klabb Tfal tat-Titular u Go Reds, Bord Editorjali, il-grupp inkarigat mill-manutenzjoni tal-każin kif ukoll l-impenn tal-Fratellanzi u l-grupp li jgħin fl-armar u żarmar tal-Knisja, se jkun qed jiġi apprezzat mill-qalb minn ħafna ammiraturi li jiġu jżuruna bl-eluf waqt il-ġimgħa tal-Festa. Minn hawn nawguralhom kull suċċess f'din il-ħidma kbira. Ta' min isemmi wkoll żewġ fergħat sportivi fi ħdan is-Soċjetà tagħna li huma St.Mary Mqabba Pool Team u St. Mary Mqabba Darts Team li t-tnejn li huma kellhom riżultati sbieħ fil-Kampjonati Nazzjonali. Ta' dan kollu nirringrazzja mill-qalb lil kulħadd, filwaqt li ntenni awgurju speċjali lil Go Reds Adolexxenti Titulari f'għeluq il-ħames snin mit-twaqqif tagħhom proprju din is-sena.

Is-sena amministrattiva 2018/2019 se tibqa mfakkra wkoll bħala sena li fiha varajna numru ta' inizjattivi u proġetti ta' portata fejn għalkemm inzertat sena li fiha żammejna l-Elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv kif ukoll saru l-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u Parlament Ewropew xorta waħda l-ħidma fis-Soċjetà tagħna mhux talli ma qatgħet xejn, talli l-ħidma ntensifikat f'livelli bla preċedent.



*Carlo Sciberras, Il-President tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V*

# if you can dream it, we can build it

ELBROS
built for life

30
1989
2019
Years of Trust

www.elbros.com.mt




**Proġett restawr faċċata tal-Każin:**

Wara proċess metikoluż ta' applikazzjonijiet u laqgħat ma' korpi governattivi dwar finanzjament għar-restawr tal-faċċata tal-Każin, il-Kumitat Eżekuttiv rnexxielu b'suċċess jikseb finanzjament mill-*Good Causes Fund* u mill-iskema Irrestawra Darek tal-*Planning Authority*, biex jinbeda l-proġett tar-restawr tal-faċċata tal-Każin. Ix-xogħol ta' restawr beda lejn l-aħħar ta' Jannar mill-Kumpanija ta' Restawr Farstone ta' Ħaż-Żebbuġ taħt is-superviżjoni tal-Periti David Zahra u l-Onor Toni Bezzina kif ukoll f'laqgħat konsultattivi mal-Awtorità tal-Ippjanar permezz tas-Sur Kenneth Cauchi. Minn hawn nirringrazzja lil Ministru Owen Bonnici u lill-Perit Onor. Toni Bezzina tal-assistenza tagħhom f'dan il-proġett u tal-kontribut tagħhom lejn din is-Soċjetà. Nirringrazzja wkoll lis-Sur Nenu Ellul li kien il-benefattur tar-restawr tal-istatwa ta' Santa Marija ta' fuq il-bejt, restawr li sar minn Mastru Joseph Camilleri kif ukoll grazzi lis-Sur Francis Muscat li provdielna l-ġebel li kellu bżonn jinbidel. Grazzi wkoll lil Michael Ghigo, Anthony Sammut u Alex Grech li sibnihom warajna fi ħtiġijiet varji. Saret ukoll alterazzjoni tas-sistema tal-illuminazzjoni fejn minn hawn nirringrazzja lis-Sinjuri Ivan Falzon, Felix Galea u l-Perit Ivynne Grixti.

**Planċier Artistiku:**

Il-planċier artistiku kien ukoll fuq quddiem nett fil-lista ta' prijoritajiet tagħna bħala Kumitat Eżekuttiv u għaldaqstant matul is-sena tkompla ix-xogħol preliminari ta' ppjanar fejn proprju lejn l-aħħar tas-sena l-oħra ġew iddisinjati id-disinji uffiċjali u l-ingrandimenti tal-faċċata. Dawn ġew preżentati u approvati waqt is-seduta ġenerali fi Frar. Ix-xogħol fuq dan il-proġett huwa miexi b'ritmu tajjeb fejn din is-sena ser naraw xogħlijiet ta' alterazzjoni kif ukoll xogħol artistiku ġdid ta' njam fil-faċċata artistika. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lid-Diżinjatur rinomat Manuel Grech, id-Delegat tal-Planċier Michael Ghigo u l-Mastrudaxxa bravu Joseph Mizzi li flimkien qed niżguraw opra artistika tal-ogħla livell. Nirringrazzja wkoll lis-Sur Anthony Sammut li qed ikun t'għajnuna fuq xogħol ieħor tal-injam filwaqt li nirringrazzja wkoll lis-Sinjuri Charles Demanuele, Ian Camilleri, Joseph Tonna u Jonathan Mifsud flimkien ma' Chris Schembri Baldacchino u persuni oħrajn tas-sostenn tagħhom fuq dan il-proġett b'mod partikulari xħin niġu għall-armar tal-planċier fil-pjazza. Apprezzament ukoll lil Kumpaniji Polidano Group, Elbros Constructions u l-aħwa Ellul tas-sostenn kbir tagħhom. Minn hawn nirringrazzja wkoll lis-Sur Benny Camilleri tal-ħidma kbira li wettaq fuq il-proġett tal-Planċier Artistiku matul iż-żminijiet. Żgur li x-xogħol siewi li għamel matul is-snin se jkompli jitgawda bl-aħjar mod possibbli.

**Proġett Maħżen:**

Il-Kumitat Eżekuttiv imbarka wkoll fuq proġett ieħor ta' portata kbira, u dlonk wara l-laqgħa ġenerali annwali tas-sena 2018, bdejna bil-laqgħat mal-Periti Manuel Żammit u l-Onor. Toni Bezzina fejn għarrafnielhom il-ħsieb tagħna li ntellgħu żewġ sulari oħra fuq l-imħażen tas-Soċjetà. It-triq ma kienetx faċli biex jinġiebu l-permessi neċessarji, però ma qtajniex qalbna u sewwasew fis-16 ta' April 2018 issottomettejna l-applikazzjoni għand il-*Planning Authority* fejn eventwalment wara bosta laqgħat oħra matul is-sena kollha, proprju fit-8 ta' Ottubru tal-istess sena, waqt laqgħa tal-Bord fl-Awtorità tal-Ippjanar, il-permessi neċessarji għal żewġ sulari oħra ġew approvati. Il-pjanti ġew preżentati u approvati fil-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' din is-sena. Hekk kif tgħaddi l-Festa ta' din is-sena nibdew bix-xogħol ta' kostruzzjoni. Minn hawn nirringrazzja lill-bravi Periti Zammit u l-Onor Bezzina tal-ħidma bla waqfien fuq dan il-proġett. Grazzi wkoll lil Kumpaniji Elbros Constructions, Zahra Group u Polidano Group tas-sostenn biex dan il-proġett ikun jista' jissarraf f'realtà f'qasir żmien. Żgur li dawn il-Kumpaniji għandhom post speċjali fil-qalb ta' din is-Soċjetà, dan għaliex dejjem ikunu minn ta' quddiem bil-għajnuna tagħhom f'kull ħtieġa. Nirringrazzja wkoll l-Fondazzjoni Gal Xlokk tal-fiduċja f'dan il-proġett. Ix-xogħol relatat mal-bini se jkun fdat f'idejn il-bennej is-Sur Joseph Ellul assistit minn Johann Farrugia, Romeo Cilia, Michael Ghigo u partitarji oħra li se jkunu qed joffru l-assistenza tagħhom fejn ikun hemm bżonn. Minn hawn nirringrazzjahom ta' din l-għajnuna kbira filwaqt li nħeġġeġ aktar partitarji tal-mestier biex joffru l-għajnuna tagħhom.

**Proġett ta' Suffitt ġdid fis-Sala tal-Banda:**

L-investiment f'tisbiħ fil-każin kompla għaddej b'ritmu tajjeb ħafna u proprju din is-sena se nkunu qed naraw suffitt ġdid fis-sala tal-banda grazzi għall-finanzjament minn l-iskema tal-Kunsill Malti għall-Arti u l-Għaqda Każini tal-Banda li minn hawn nirringrazzjahom tal-fiduċja fil-proġett. Grazzi wkoll lil Kumpanija D Gypsum Unique u Xuereb Installations tax-xogħol professjonali li għamlu. Grazzi wkoll lil sħabi membri tal-Kumitat Felix Galea u Jonathan Mifsud tal-koordinament tal-ħidma kif ukoll lil Marica Mifsud li ħadmet l-applikazzjoni tal-proposta kif ukoll l-applikazzjonijiet tal-proġetti kollha li għaddejjin bħalissa.

**Proġett Festi Nklussivi:**

Proprju f'din il-Festa se nkunu qed invaraw Proġett mill-fond 'Festi Inklussivi'. Il-proġett jittratta b'mod ħolistiku l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità u anzjani fil-festi tal-irħula u l-ibliet Maltin. Il-fond ġie mniedi mis-Segretarjat Parlamentari għall-Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva u l-proposta tas-Soċjetà tagħna ntgħażel bħala l-aqwa minn fost dawk tal-każini tal-banda li bih se jibbenefikaw minn dan il-fond. Minn hawn nirringrazzja lil Chris Schembri Baldacchino u Marica Mifsud għall-koordinament ġenerali tal-proġett.




# THE FOUNDATIONS OF AN ICON

An icon of contemporary architecture, Valletta's Parliament building is the first of its kind in Malta. Consisting of two massive blocks of stone, carefully balanced on slender columns as part of a UNESCO World Heritage Site, the foundation required a very special substructure. We're proud to have worked with an exceptional team of architects, structural engineers and surveyors, to create the advanced foundations needed for the iconic building in which the most important decisions are taken for our country.

POLIDANO



*Delegazzjoni mis-Soċjetà fis-serata finali tal-Premju għall-Arti flimkien mal-E.T. Dr George Vella President ta' Malta u s-Sinjura tiegħu*

**Rebħ tal-Unur Wirt Artistiku:**

Proprju din is-sena, is-Soċjetà tagħna flimkien mal-Għaqda tan-Nar fi ħdanha ġiet onorata b'unur nazzjonali waqt is-serata ta' premjazzjoni 'Premju għall-Arti' organizzata mill-Kunsill Malti għall-Arti nhar is-16 ta' April fit-Teatru Manoel. Dan l-Unur prestiġjuż li poġġa isem is-Soċjetà tagħna fil-quċċata tal-isfera Artistika u Kulturali Nazzjonali qed ikompli jiżdied mal-kullana ta' unuri mirbuħa mis-Soċjetà tagħna matul iż-żmien, unuri li kollha ġew frott il-ħidma u d-dedikazzjoni tal-istess Soċjetà u l-fergħat tagħha; ħidma kbira għad unur l-arti u l-kultura f'diversi forom bħal armar, mużika, ċelebrazzjonijiet festivi u l-qasam pirotekniku kemm tal-ajru u tal-art li tant aħna magħrufin għalih.

Il-ħidma ta' manutenzjoni fil-post tan-nar kienet ukoll waħda vibranti matul is-sena kollha grazzi għal membri ħabrieka tal-istess għaqda li middew idejhom għal xogħol bżonnjuż ħafna. Minn hawn nirringrazzjahom mill-qalb flimkien ma' dawk kollha li provdew kull forma ta' għajnuna.

Aħna min-naħa tagħna bħala Kumitat Eżekuttiv qegħdin inkomplu ninvestu fil-ġejjieni tas-Soċjetà u l-Festa permezz ta' dawn l-investimenti strutturali kif ukoll investiment fir-riżorsi umani li tant huma importanti. Il-proġetti, jekk Alla jrid żgur li mhux se jieqfu hawn, u l-pjan tagħna huwa wieħed ċar u konkret li jkompli jġib is-sede tas-Soċjetà, il-propjetajiet u l-assi artistiċi tagħha bħala ġawhriet artistiċi u arkitettoniċi ewlenin fir-raħal tagħna u fil-madwar. L-għan tagħna huwa li nħallu l-każin, l-propjetajiet u l-assi artistiċi tiegħu isbaħ u aktar attrezzati biex b'hekk kull individwu jkollu opportunitajiet xierqa fejn jimraħ, jutilizza u jiżviluppa l-ħiliet u t-talenti tiegħu f'ambjent san li jinkoraġġixxi żvilupp.

Madanakollu, l-ebda proġett u prijorità ma tkun tista' tiġi mmaterjalizzata mingħajr l-għajnuna tagħkom is-soċji, partitarji u benefatturi. Għalhekk, ninsab konvint u fiduċjuż li kif dejjem għamiltu ser tkomplu twiegħbu għas-sejħa tagħna bi mħabba u ġenerożità liema bħalha. Is-Soċjetà hi tagħkom is-Soċji, u l-ħidma li qed issir mill-Kumitat Eżekuttiv hi ħidma f'isem kull wieħed u waħda minnkom, għalhekk filwaqt li nirringrazzjakom tas-sapport kontinwu minn hawn inkompli nħeġġiġkom tkunu ta' spalla għalina f'din il-ħidma sfiqa b'investiment fil-ġejjieni.

Minn hawn nixtieq insellem u nirringrazzja lis-Sur Christopher Spiteri li serva fil-Kumitat Eżekuttiv għall-21 sena sħaħ tal-ħidma kbira tiegħu fi ħdan il-Kumitat Eżekuttiv f'diversi karigi importanti u li minħabba ċirkostanzi li ħadd m'għandu kontroll fuqhom ma kienx f'pożizzjoni li jikkontesta l-elezzjoni. M'għandix dubju u nawgura mill-qalb li fil-futur Chris jerġa jkun parti mill-Kumitat Eżekuttiv. Nirringrazzja wkoll lis-Sur Patrick Ghigo u s-Sur Osvaldo Vella li kienu parti mill-Kumitat 2017/2019 u nawguralhom aktar okkażjonijiet ta' ħidma fl-istrutturi tas-Soċjetà, filwaqt li nifraħ u nawgura ħafna ħidma lill-membri l-ġodda s-Sinjuri Michael Ghigo, Alex Falzon, JeanCarl Grech, Felix Galea, Samantha Debono u Joseph Galea li ġew eletti fl-elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv li nżammet f'Marzu ta' din is-sena.



*Carlo Sciberras flimkien mal-membri tal-familja Martin*

Aktar kmieni matul is-sena amministrattiva proprju f'Ottubru, fil-Kunċert ta' Tislima lil Mro George Martin, il-Kumitat Eżekuttiv flimkien mas-Surmast Mro David Agius ħabbar il-ħatra taż-żagħżugħ Imqabbi Mro René Camilleri bħala Assistent Surmast tal-Banda Re Ġorġ V kif ukoll Direttur tal-*Youth Band*. René flimkien mas-Surmast David Agius qed iwettqu ħidma kbira u ta' żelu flimkien b'risq il-Banda u s-Soċjetà. Ad Multos Annos Mro Agius u Mro Camilleri! Minn hawn



*Uħud mill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv preċedenti flimkien mas-Surmast u l-Assistent Surmast*


YO BET IT
THIS IS BEN.
HE LIKES FOOTBALL.
WHAT HE DOESN'T LIKE ARE BAD ODDS.
THAT'S WHY HE PLAYS ON YOBETIT.COM
BE SMART
BE LIKE BEN
YO BET IT
mga
LICENSE: MGA/B2C/227/2012
RGF.ORG.MT
PLAY RESPONSIBLY
18+

inħeġġeġ lill-ġenituri kollha jinvestu fil-formazzjoni edukattiva u mużikali ta' wliedhom billi jħajjru lit-tfal tagħhom jibdew jitgħallmu l-mużika mingħajr ħlas fl-Iskola tal-Mużika tas-Soċjetà tagħna.

Il-messaġġ aħħari tiegħi fl-okkażjoni tal-Festa Titulari ta' Santa Marija huwa bla dubju awgurju sinċier lill-Fergħat, Soċji, Partitarji u Benefatturi għall-Festa mill-isbaħ f'għaqda waħda fejn kulħadd jiġbed ħabel wieħed biex is-suċċessi li tant huma sinonimi ma din is-Soċjetà u ma din il-Festa Kbira jkomplu ġejjin. Ta' dan m'għandix biżżejjed kliem biex nirringrazzja lil kulħadd ta' din il-ħidma bla waqfien.

Minn dawn l-aħħar versi, nixtieq minn qalbi nirringrazzja wkoll lil sħabi membri tal-Kumitat Eżekuttiv tas-sapport u l-fiduċja u tal-ħidma kbira tagħhom. Grazzi wkoll lill-abbli Avukat Dr Mark Portelli li dejjem insibuh warajna fil-ħtiġijiet legali tas-Soċjetà kif ukoll il-Periti Onor. Toni Bezzina, Manuel Zammit, Ivynne Grixti u Omar Caruana tal-għajnuna siewja tagħhom. Nirringrazzja wkoll lil dawk il-persuni u entitajiet kollha li matul is-sena naħdmu spalla ma spalla magħhom għall-ġid komuni, bħal Kappillan tal-Parroċċa Fr John Curmi, il-Viċi Kappillan Fr Anton D'Amato u d-Direttur Spiritwali tas-Soċjetà Fr Joseph Zahra, is-Sindku s-Sur Omar Farrugia u l-Kunsill Lokali tal-Imqabba filwaqt li nawguraw kull suċċess lilu u lill-Kunsilliera sħabu għall-karigi rispettivi tagħhom nirringrazzjaw ukoll lil Dr Charlene Muscat li serviet bħala Sindku fil-leġislatura li għaddiet flimkien mal-Kunsilliera l-oħra li servew lil lokal tagħna matul dawn l-aħħar snin. Minn qalbi wkoll nirringrazzja lill-Pulizija tad-distrett b'mod speċjali l-Assistent Kummissarju Sandro Gatt, is-Supretendent Josric Mifsud, l-Ispetturi Melvyn Camilleri u Roderick Attard u s-Surġent Malcolm Pace. Grazzi wkoll lill-Għaqda Każini tal-Banda u lill-Membri Parlamentari kollha tal-ħames distrett tal-għajnuna li nsibu minn għandhom.



*Il-Faċċata tal-Każin waqt il-Fażi ta' Restawr*

Minn qalbi nawgura Festa Kbira li tixraq il-Patruna tal-Imqabbin Santa Marija filwaqt li nawgura l-Festa t-Tajba lill-Imqabbin kollha.

Viva Santa Marija, Patruna u Protettriċi tal-Imqabba!




TIMBERLAND
SECURITIES INVESTMENT PLC.

BÖRSE FRANKFURT

wiener boerse



Timberland Securities Investment plc.

# Ħruġ ta' Bonds

issa ammessi għall-kummerċ
fuq is-Suq Miftuħ tal-Borża ta' Frankfurt u
l-Vienna Multilateral Trading Facility (MTF)

Bond b'rendiment ta'
**3.75%**
għal perjodu ta' **5 snin**
li jimmatura fl-**2023**

Bond ieħor
b'rendiment ta'
**4.6%**
għal perjodu ta' **10 snin**
li jimmatura fl-**2028**

Is-Suq Miftuħ tal-Borża ta' Frankfurt, flimkien mal-Vienna MTF, huma swieq regolati mill-boroż rispettivi nfushom li ma jeħdux il-forma ta' swieq regolati u għalhekk mhumiex soġġetti għar-reġimi tal-prospett u tat-trasparenza applikabbli għal Swieq Regolati.

- Investiment minimu ta' €3,000
- Timberland Invest Ltd ġiet maħtura bħala distributriċi tal-bonds maħruga f'Malta minn Timberland Securities Investment plc.
- L-investiment fil-bonds għandu jkun ibbażat fuq id-dettalji sħaħ tal-Prospett

Kun af li għamilt
investiment fis-sod
Ċemplilna fuq
**2090 8100**

Timberland Securities Investment plc. (inkorporata f'Malta b'uffiċċju reġistrat f'171, Old Bakery Street, Valletta) hija l-kumpanija li ħarġet il-bonds ai termini tal-Prospett, datat 23 ta' Novembru 2018, approvat mill-Awtorità tas-Suq Finanzjarju f'Liechtenstein u ippassportjat f'Malta. Timberland Invest Ltd (b'uffiċċju tan-negozju f'Aragon Business Centre, Dragonara Road, San Ġiljan, STJ 3140) hija regolata mill-MFSA taħt l-Att dwar Servizzi ta' Investiment u ġiet maħtura bħala d-distributriċi ta' dawn il-bonds f'Malta.

Jekk tinvesti f'dawn il-bonds, mhux se jkollok aċċess għall-flus tiegħek qabel id-data tal-maturità. Madankollu, tista' tittrasferixxi jew tbigħ il-bonds tiegħek, dejjem skont it-termini tal-prospett. Il-valur tal-investiment tiegħek jista' jitla' kif ukoll jinżel, u tista' titlef ftit mill-ammont, jew l-ammont kollu, li inti tkun investejt. Aktar dettalji jinsabu f'dan il-Prospett, li jista' jinkiseb mingħajr ħlas, waqt ħinijiet normali tal-ftuħ, mill-uffiċċju tan-negozju ta' Timberland Invest Ltd f'San Ġiljan, jew mis-sit elettroniku: https://www.timberland-malta.com.



## *Messaġġ tas-Sindku*

# Inkomplu nsaħħu t-tradizzjonijiet tar-raħal tagħna

**Is-Sur Omar Farrugia, Sindku tal-Imqabba, jappella sabiex niċċelebraw din il-festa qaddisa kif jixraq u jħares 'il quddiem għall-interessi tal-lokalità**



Għeżież Soċji u Partitarji,

Nixtieq nibda dan il-messaġġ sabiex nirringrazzjakom minn qalbi tal-fiduċja li wrejtu fija u fi sħabi sabiex inservukom matul il-ħames snin li ġejjin bħala Kunsill Lokali tal-Imqabba. Huwa ta' unur għalija, li qiegħed niċċelebra magħkom il-festa tal-Patruna tagħna l-Imqabbin - Santa Marija, bħala Sindku ta' din il-lokal. Huwa ta' privileġġ li nservi lir-raħal twelidi, ir-raħal li fih trabbejt, li sawwarni b'valuri, f'komunità ta' eċċellenza u mogħni b'kultura ta' festi li matul iż-żmien komplew isaħħu t-tradizzjonijiet li r-raħal tagħna magħruf sew għalihom.

Hekk kif joqrob ix-xahar ta' Awwissu, fil-moħħ u l-qalb tal-Maltin, tibda tfeġġ il-festa ta' Santa Marija, u fl-Imqabba tibda riesqa l-festa Titulari. Nappella sabiex flimkien, niċċelebraw din il-festa qaddisa kif jixraq, b'imħabba lejn xulxin u f'għaqda bejnietna. Nixtieq nirringrazzja lill-kumitat u l-membri, kemm żgħażagħ kif ukoll anzjani ta' din is-Soċjetà mmexxija mill-President ħabrieki s-Sur Carlo Sciberras, għax-xogħol kbir li jagħmlu biex tiġi ċċelebrata festa kbira bħal din. Naf kemm sagrifiċċji jagħmlu dawn in-nies flimkien mal-familji tagħhom tul is-sena kollha. Li ma jkunx dan is-sagrifiċċju bla limitu biex jorganizzaw dan kollu, ma jkunx possibbli li jkollna festa li fiha minn kollox.

Nixtieq nifraħ għas-suċċess miksub li s-Soċjetà flimkien mal-Għaqda tan-Nar Santa Marija, kisbet propju nhar it-Tlieta, 16 ta' April, fejn ġiet mogħnija bl-unur Wirt Artistiku 2019. Unur li sarraf ħidma eċċellenti u professjonali ħafna li tant u tant nies iddedikaw il-ħin tagħhom sabiex komplew jgħollu isem is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V kif ukoll isem raħalna 'l fuq fil-quċċata fl-isfera Artistika u Kulturali ta' pajjiżna. Dan kompla jingħaqad mal-kullana ta' suċċessi li ġew miksuba matul is-snin u li ser jitniżżlu b'għożża kbira fl-istorja.

Kemm għandna nkunu kburin bit-talent li r-raħal tagħna jħaddan u fejn jidħlu ż-żgħażagħ xi ħaġa speċjali. Nieħu gost nara żgħażagħ impenjati fil-qasam tal-volontarjat u jimpenjaw ruħhom għal sfidi li kultant ma jkunux faċli. Juru interess f'oqsma li fil-ħajja tal-lum kultant neħduhom *for granted* jew li ftit li xejn nagħtu kashom. Fost l-attivitajiet li jsiru mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija matul is-sena, l-iktar attività li laqtitni, u li l-kliem ta' tifħir dwarha ma kienx ftit, kien id-dramm kontemporanju mtella fiż-żmien tal-Ġimgħa Mqaddsa, bl-isem ta' "Fejn Hu Alla?!" bit-tema magħżula kienet l-abort. Dramm miktub mis-Sur Jean Paul Muscat, li l-messaġġ ewlieni kien imqabbel mal-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu mat-tbatijiet differenti li jeżistu fost iż-żgħażagħ u l-familji tal-lum. Prosit tax-xogħol tagħkom, flimkien mas-Sur Michael Chetcuti u sħabu, għall-wirja La Semana Santa, li ta' kull sena tpaxxi l-għajnejn ta' kull min jiġi jżurha fis-swali artistiċi fis-Sede tas-Soċjetà.

Hija l-għaxqa tiegħi li nara r-raħal tal-Imqabba ħaj u għaddej b'attività kontinwa, kemm għall-anzjani, għaż-żgħażagħ, għat-tfal u għall-familji tagħna. Flimkien ma' sħabi l-kunsilliera, ser nimpenjaw ruħna għal djalogu kontinwu mal-għaqdiet kollha Imqabbin, għaliex verament nemmen li huma l-qalb li tħabbat u li żżomm dan ir-raħal attiv matul is-sena kollha. Irrid li nsaħħu u ntejbu l-komunikazzjoni ta' bejnietna u nikkolaboraw flimkien għal iżjed attivitajiet u proġetti sabiex inkomplu nagħtu din l-enerġija ġdida li l-Imqabba tant tixraqlu. Għandna potenzjal u kommessi li nkomplu nkabbru l-festi tagħna. Dan kollu però jista' jsir biss Flimkien.

F'dan il-messaġġ tiegħi ma nistax inħalli barra l-ambjent li huwa għal qalbi u ċert li għal qalb kull Imqabbi. Nappella sabiex kull wieħed u waħda minna għandu d-dmir li fil-ġimgħa tal-festa kif ukoll matul is-sena kollha, naraw li l-indafa tkun prijorità u li tingħata l-importanza massima. Ser nimpenja ruħi flimkien ma' sħabi sabiex lkoll flimkien f'komunità, ngħixu f'ambjent li jixraq lilna u lil uliedna u b'hekk inħossuna kburin li nagħmlu parti minn raħal nadif.

Fl-aħħar, nixtieq insellem il-memorja tas-Sur Carmel Zahra, eks President u President Onorarju tas-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V, li għal


LARGE VARIETY OF PARTY ITEMS NOW AVAILABLE AT SIGGIEWI
TOYS & GIFTS
VAST SELECTION OF GIFTS FOR ALL OCCASIONS, TOYS, SUMMER ITEMS & MORE
STATIONERY
LARGE RANGE OF STATIONERY, BOOKS, CARDS & MUCH MORE
SERVICES
PHOTOCOPIES @ 2c
LAMINATION,
BINDING,
PASSPORT PHOTOS
PHOTO PRINTING
6" X 4" @ 18c
& MANY MORE
HELIUM SERVICES AVAILABLE IN SIGGIEWI & HAMRUN
DES Malta
DIE ECKE SIĠĠIEWI
D.E.S
IMPORTERS & DISTRIBUTORS
Triq Mons.M.Azzopardi SIĠĠIEWI - T. 2146 3403
WWW.DESMALTA.COM
WANNA PARTY
PARTY SUPPLIES, COSTUMES & ACCESSORIES
Daniels Shopping Complex
ĦAMRUN - T. 2123 3369
Wanna Party Malta
BALLOON DECORATIONS
FOR ALL OCCASIONS AND HELIUM SERVICE
COSTUMES & ACCESSORIES
AVAILABLE ALL YEAR ROUND INCLUDING COSTUMES FOR HIRE

sebgħa u għoxrin sena sħaħ mexxa lil din is-Soċjetà b'tant għaqal, dedikazzjoni u sagrifiċċju flimkien ma' sħabu u l-familja tiegħu. Insellmulek Nenu. L-Imqabba tibqa' tgħożż ix-xogħol li wettaqt matul is-snin kemm għas-Soċjetà kif ukoll għar-raħal tagħna.

Nikkonkludi billi f'ismi u f'isem il-familja tiegħi, flimkien ma' sħabi l-kunsilliera kollha, nawgura festa mill-aqwa lill-President, Kumitat u Soċji tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V u lill-Imqabbin kollha, u biex f'dawn il-ġranet ta' festa nkomplu nkattru l-għaqda ta' bejnietna għall-ġid tar-raħal tagħna li tant inħobbu. Grazzi mill-qalb.

*Il-President tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V flimkien mal-Kumitat Eżekuttiv u l-Fergħat tas-Soċjetà jirringrazzjaw lil Dr Charlene Muscat li serviet bħala Sindku flimkien mal-Kunsillieri tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba matul il-Leġislatura li għaddiet, filwaqt li jagħtu merħba u jawguraw kull suċċess lis-Sindku l-ġdid is-Sur Omar Farrugia flimkien mal-Kunsilliera Eletti għal din il-Leġislatura.*

Free delivery on orders over €15 or more
Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Mqabba
(corner Hospital Alley)
Tel: 2168 1398 Mob: 7904 0115
OHIO
SNACK - COFFEE - BAR
Opening Hours: Mon - Sat 05:00 till 15:00; Sunday Closed
Kitchen Opening Hours: Mon - Sat 05:30 till 13.30

SIERRA

# €850,000+ IN DISCOUNTS FOR BACK TO SCHOOL




# 30% OFF ALL STATIONERY

## FROM 1ST AUG TO 30TH SEP

*Messaġġ mill-Kappillan*

# Imqaddsa Marija



**Il-Kappillan tal-Parroċċa tal-Imqabba, Fr John P. Curmi, jikteb dwar it-tifsira tat-titlu "Imqaddsa Marija" u x'jgħallimna f'dawn iż-żminijiet.**



**Imqaddsa Marija** huwa l-ewwel titlu Marjan li jissemma kull meta nitolbu l-Litanija fir-Rużarju Mqaddes. Dan it-titlu huwa sinonimu mat-titlu wisq aktar komuni u popolari ta' **Santa Marija**. Huwa l-iktar titlu Marjan antik fil-gżejjer Maltin tant li fis-seklu 13 diġà nsibu kappella ta' Santa Marija fil-Castrum Maris (Sant'Anġlu); kappella oħra ta' Santa Marija fiċ-Ċittadella ta' Għawdex u oħra fil-gżira ta' Kemmuna. Dawn it-tliet kappelli huma deskritti bħala fost l-aktar kappelli antiki ta' Malta fl-epoka post Musulmana, ċioè fil-bidu tal-kristjanizzazzjoni mill-ġdid tal-gżejjer Maltin!

Iżda l-istorja tal-qedem ta' dan it-titlu, **Santa Marija** / **Imqaddsa Marija**, mhux biżżejjed. Irridu naraw dan it-titlu xi jfisser u x'għandu jgħallimna llum.

Huwa titlu li jfaħħar lil Marija għall-**qdusija tagħha**. Fl-Evanġelju naraw il-qdusija ta' Marija fl-ubbidjenza sħiħa tagħha lejn Alla sa mit-tħabbira tal-Arkanġlu Gabrijel, sa fuq l-Għolja tas-Salib. Naraw il-qdusija tagħha fil-kwalità ta' trobbija eżemplari li tat lil Ġesù. Naraw il-qdusija tagħha fl-imħabba u l-karità li uriet lil qaribha tagħha Eliżabetta waqt it-tqala u xejn anqas waqt it-tieġ f'Kana tal-Galilija; naraw il-qdusija ta' Marija wkoll fi kliemha, fix-xhieda tagħha: "**Agħmlu dak li jgħidilkom hu**."

Fuq kollox, dan it-titlu sabiħ, **Imqaddsa Marija**, hu stedina ta' mħabba għalina l-insara u devoti ta' Marija biex aħna ngħixu wkoll bħal Marija l-qdusija. Mhux kulħadd imsejjaħ għall-istess triq (vokazzjoni, xogħol, ħidma, professjoni) imma lkoll imsejħin għall-qdusija. U din il-qdusija jitlobha minna l-istess Ġesù, il-Mulej:

"**Ngħidilkom li jekk ħajjitkom ma tkunx ħafna aħjar minn dik tal-kittieba u l-Fariżej** (li kienu tant rigorużi fejn jidħlu l-liġijiet) **ma tidħlux fis-Saltna tas-Smewwiet.**"

"**Kunu perfetti (qaddisa) bħalma perfett (qaddis) hu Missierkom li hu fis-smewwiet.**"

Ejjew nifirħu bil-qdusija ta' Marija u bħala nkunu qaddisin – fi kliemna, f'għemilna, fi ħsibijietna u kull fejn inkunu.

**Imqaddsa Marija, itlob għalina**.

Minn qalbi nawguralkom festa qaddisa u sabiħa li togħġob lil Alla.


Inħeġġu

aktar nies jagħtu s-sehem tagħhom

fl-armar tal-knisja


Reno Farrugia
Funeral Service
Għall Kull Xogħol
Ta’ Funerali 24/7
16, Emerald, Triq Il-Konvoy ta’ Santa Marija, Mqabba. Mob: 9949 1477

*Messaġġ mis-Segretarju Ġenerali*

# Ħidma kollettiva fis-Soċjetà

**Antoine Farrugia, Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà, jirringrazzja lid-diversi għaqdiet, kummissjonijiet u partitarji tal-ħidma volontarja tagħhom filwaqt li jelenka l-attivitajiet u ġrajjiet ewlenin li seħħew matul din is-sena fi ħdan is-Soċjetà.**



Għeżież Soċji u Partitarji,

Ninsabu fl-aħħar ftit ġimgħat qabel il-Festa Titulari ta' Santa Marija, Patruna tagħna l-Imqabbin. Għal sena oħra reġa' mess lili, li bħala Segretarju Ġenerali ta' din is-Soċjetà mogħnija bl-unuri nidħol fi djarkom permezz ta' din il-pubblikazzjoni annwali li s-Soċjetà tagħna tippubblika fl-okkażjoni tal-Festa Titulari.

Nibda dan l-artiklu billi nsellem lil-membri kollha tal-Kumitat Eżekuttiv preċedenti li temm il-ħidma tiegħu f'Marzu 2019 u nsellem lill-membri l-ġodda li flimkien miegħi niffurmaw il-Kumitat Eżekuttiv għas-sentejn li ġejjin. Minn din is-sena wkoll il-Kumitat Eżekuttiv ġie ffurmat minn 13-il persuna wara li fl-aħħar laqgħa ġenerali għaddiet mozzjoni biex jiżdiedu l-membri. Nieħu dan il-punt li filwaqt li nirringrazzja l-kummissjoni elettorali li ħadet ħsieb il-proċess elettorali, nirringrazzja wkoll lil dawk li kkontestaw però ma ġewx magħżula mis-soċji. Ninsab sodisfatt ukoll li dawn il-persuni flimkien mal-persuni li m'għadhomx jiffurmaw parti mill-kumitat, baqgħu jaħdmu qatigħ fil-frieghi tas-Soċjetà biex tiġi organizzata festa kbira kif nafu nagħmlu aħna l-Imqabbin.

Matul is-sena l-ħidma fis-sede tas-Soċjetà kompliet għaddejja b'ritmu mgħaġġel. Matul din is-sena qiegħed isir restawr tal-faċċata maestuża tas-Sede tas-Soċjetà kif ukoll sar restawr fuq l-istatwa ta' Santa Marija li tinsab fil-quċċata tas-sede tas-Soċjetà tħares lill-Imqabbin. Is-Sur Felix Galea, is-Sur Joseph Galea, is-Sur Jonathan Mifsud u s-Sur Roderick Tonna ħadu ħsieb l-installazzjoni ta' dwal fis-suffitt, sistema



*Id-dehra tal-faċċata waqt l-aħħar fażijiet tar-restawr*



*Is-Sur Joseph Camilleri waqt il-ħidma tar-restawr fuq l-istatwa ta' Santa Marija*


Ta' Frida
Prop. Andrew Grech
Pet & Garden
103, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba - MQB 1309.
Tel: 2164 2693 • Mob: 7970 6677 • E-mail: fridapts@maltanet.net
Where you can find various pet foods, plants, trees, agricultural products and agricultural feeds.
Veterinary Service available every Wednesday
Mon - Fri: 8.00am - 12.00pm & 3.00pm - 7.00pm • Sat: 7.00am - 3.00pm
Premium Quality Rabbit Feeds
LEONE ITALY
HOLLAND KOUDIJS
SPAIN Grup Alimentari Guissona
VANRODBAEYS
Friskies
PURINA PROPLAN
Eukanuba
ANDREWS
whiskas
Pedigree
Hill's SCIENCE PLAN
CIMiAO
Farmina
ROYAL CANIN
CIBAU



Is-Sala tal-Banda armata wara r-restawr



L-inawgurazzjoni tal-pitturi tas-saqaf tal-intrata nhar l-10 ta' Awwissu 2018

ta' *interactive whiteboard* biex jiffaċilita t-tagħlim tal-aljievi, kif ukoll iż-żebgħa fir-restawr tas-Sala tal-Banda. Barra x-xogħol fuq il-faċċata u s-sala tal-banda, sar xogħol ieħor ta' manutenzjoni fil-bdil tal-uċuħ tal-imwejjed tal-ikliet bil-ħidma sfiqa ta' Felix Galea, Roderick Pace u missieru Emmanuel Pace. Is-Soċjetà wkoll ġiet regalata sett siġġijiet fuq stil rustiku mingħand is-Sur Mario Grixti, poġġamann tal-kewkba mill-familja Tabone kif ukoll arblu tal-ħadid għall-maħżen mogħti minn Maria Micallef u l-familja.

Fis-Seduta Ġenerali Annwali li għall-ewwel darba nżammet f'nofs il-ġimgħa ntitolata *Investiment għall-ġejjieni* ġie maqbul unanimament il-proġett tal-estensjoni tal-bini tal-imħażen fejn jintrefa l-armar kollu u fejn ser ikun qiegħed jinżamm il-planċier artistiku. Hawn ta' min jirringrazzja lis-Sur Michael Ghigo, li qiegħed jaħdem qatigħ fuq din l-opra tal-planċier biex fi żmien qasir narawha ssebbaħ il-pjazza biswit is-sede tas-Soċjetà. Dan ix-xogħol qiegħed jitkompla fuq ix-xogħol li kien inbeda mis-Sur Benny Camilleri. Ta' min jirringrazzja wkoll lis-Sur Ian Camilleri, is-Sur Joseph Tonna, is-Sur Charles Demanuele, is-Sur France Sciberras u s-Sur Chris Schembri Baldacchino li permezz tal-koordinament tagħhom ma' diversi partitarji oħra jieħdu ħsieb jarmawh u jżarmawh matul il-jiem tal-festa.

Is-sena l-oħra s-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija ċċelebraw il-25 sena mit-twaqqif ta' din il-fergħa ferm importanti. Din il-fergħa ħalliet marka importanti fis-sede tas-Soċjetà. Biex tfakkar dan l-avveniment, is-Sezzjoni Żgħażagħ żanżnet pittura fl-entratura tas-sede tas-Soċjetà. Din il-pittura tirrappreżenta lill-Assunta flimkien mal-armi ta' Malta, tal-Papa, tal-Imqabba u tal-Madonna. Ħidmet is-Sezzjoni Żgħażagħ issarrfet f'suċċess fil-qofol tal-aħħar jum tat-tridu tant li din is-sena ser ikollna l-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr għall-marċ tal-aħħar jum tat-tridu. Tieħu gost tara ż-żgħażagħ jaħdmu qatigħ u jirċievu kummenti pożittivi minn kull min attenda għall-attivitajiet. Nsemmi fost oħrajn id-dramm ta' żmien il-Ġimgħa Mqaddsa "Fejn Hu Alla?!", kif ukoll l-attività li ttellgħet fil-bidu tax-xahar ta' Novembru. F'dan il-waqt ukoll insellem il-memorja tas-Sur Benny Casha li ħalliena iktar kmieni din is-sena u li kien ta' pedina importanti għas-Soċjetà tagħna fil-qasam tad-drammi kif ukoll fl-edizzjonijiet preċedenti tal-Presepju Ħaj. Minn hawn nibgħat il-kondoljanzi lill-familja tiegħu.

L-għaqdiet tan-nar tal-ajru u tal-art komplew bil-ħidma sfiqa tagħhom fejn minnbarra ħruq tan-nar matul il-ġimgħa tal-festa, wirjiet spettakolari f'lejlet il-festa fl-Imqabba, taw diversi wirjiet oħra f'festi lokalitajiet fil-gżejjer tagħna. Din il-ħidma permezz ta' grupp ta' nies b'ħiliet kbar, issarrfet fil-kisba tal-premju tal-Wirt Artistiku li nkiseb mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija f'nofs April ta' din is-sena. Matul din is-serata, is-Soċjetà ħejjiet kartolina bix-xogħol li l-friegħi kollha tas-Soċjetà jippreparaw għall-festa tant għażiża għalina. F'dawn il-kelmtejn nixtieq nirringrazzjahom tad-dedikazzjoni li juru lejn ix-xogħol tagħhom bil-wirjiet uniċi kif ukoll is-sagrifiċċju personali u ta' qrabathom.

L-għaqda tal-armar kompliet tirrestawra diversi statwi li jsebbħu l-Festa Titulari sabiex jiġu preservati mill-aħjar li nistgħu kif ukoll ir-restawr tal-pedestalli tal-anġli fost affarijiet oħra. Grazzi speċjali tmur għas-sur Ian Camilleri u s-Sur Antoine Abdilla għall-ħidma tagħhom. Tkompla x-xogħol fuq il-pavaljuni ta' Triq Valletta, manutenzjoni fuq fistuni kif ukoll ingħata bidu għal proġett ta' sett pavaljuni ġodda għal Triq il-Parroċċa. Is-Sur Raymond Vella kif ukoll Emmanuel Pace u Roderick Pace ħadmu ammont sostanzjali ta' liedna biex inkomplu nsebbħu lir-raħal tagħna filwaqt li s-sinjuri Saviour Buttigieg u Ivan Falzon ħadmu fistuni ġodda għat-toroq.

L-għaqda tal-armar issottomettiet applikazzjoni għall-fondi biex jiġi restawrat ukoll il-Pedestall tal-Inkurunazzjoni. Minn qalbi nirringrazzja wkoll lill-grupp tal-armar li anke f'lejlet il-festa ma kellux triq faċli biex iħares l-armar mix-xita qalila li għamlet is-sena l-oħra. Hawn ukoll nirringrazzja lil grupp armar ġewwa l-knisja mmexxija mis-Sur Paul Gauci u s-Sur Salvu Mifsud li jieħdu ħsieb jikkoordinaw flimkien mad-diversi voluntiera sabiex jarmaw u jżarmaw l-armar għall-festa ġewwa l-knisja. Inħeġġeġ iktar nies jingħaqdu ma' wieħed minn dawn il-gruppi sabiex titkattar iżjed il-ħidma.

Il-ħidma tal-banda kompliet tavvanza 'l quddiem. Is-sena l-oħra kienet sena speċjali għax żdiedu żewġ servizzi barra l-Imqabba. Qiegħed nirreferi għall-marċ fil-festa tal-Madonna tal-Lourdes fil-Qrendi u marċ mill-Banda Re Ġorġ V fil-festi ċentinarji ad unur Santa Katerina VM fiż-Żurrieq. F'Ottubru tas-sena li għaddiet, il-Kumitat Eżekuttiv ħatar lill-Mro Renè Camilleri bħala assistent surmast biex ikun ta' għajnuna għas-surmast attwali Mro David Agius. Mro Renè Camilleri ġie mogħti l-kariga propju waqt kunċert li l-banda tagħna tellgħet fis-sala Marija Assunta b'memorja ta' Mro George Martin. Kienet serata memorabbli li kull min attenda żgur li ħareġ sodisfatt. Minn hawn nixtieq nifraħ lill-bandisti tal-post u nagħmel kuraġġ lill-aljievi biex ikomplu fit-triq li qabdu tat-tagħlim tal-mużika u nħeġġeġ lil ġenituri jibgħatu lil uliedhom fl-iskola tal-mużika fis-Soċjetà tagħna.

L-fergħa tan-nisa tas-Soċjetà, kompliet tkun ta' pilastru għas-Soċjetà tagħna permezz ta' ġbir ta' fondi mill-*coffee mornings, high teas* kif ukoll lotteriji u ħarġiet kulturali. Il-fergħa nisa wkoll jagħtu sehem dirett fit-tindif tas-sede tas-Soċjetà matul is-sena kollha b'mod speċjali fil-ġranet tal-festa.

Friegħi oħra fis-Soċjetà tagħna huma t-Tfal tat-Titular u l-Go Reds Adolexxenti Titulari. It-tisħiħ li jsir fit-tfal minn età żgħira huwa importanti għax jitgħallmu jħaddnu l-kultura mużikali u l-arti kif ukoll jibdew jifhmu kif titmexxa għaqda. Dan qiegħed ngħidu għax fil-ħin li jkun għaddej dan il-klabb, fis-sede tas-Soċjetà jkun għaddej it-tagħlim tal-mużika kif ukoll xogħol ta' arti fl-armar. Dawn iż-żewġ fergħat fis-Soċjetà tagħna ġieli wkoll marru xi mawra sal-imħażen matul is-sena jew xi *treasure hunt* ma tonqosx. Kif dawn it-tfal jilħqu l-età ta' tnax-il sena jidħlu membri fil-grupp tal-Adolexxenti – grupp li jitratta issues li żgħażagħ ta' dik l-età jibdew jesperjenza. Matul is-sena wkoll isiru xi *sleep overs, campings* u laqgħat ta' formazzjoni.

Il-Kummissjoni WEB hija kummissjoni importanti li tiġbor l-istorja tal-bieraħ u tal-lum biex tkun arkivjata għall-futur. Proġett li jibqa' jissemma huwa l-proġett Rakkont Ħaj – li qanqal interess speċjali mill-Imqabbin. F'kull attività li ssir, dejjem ikun hemm persuna mill-kummissjoni biex tħejji il-mument għall-futur. Il-Kummissjoni Fondi hija fergħa oħra fi ħdan is-Soċjetà. Il-grupp ta' nies immexxi mis-Sinj. Marica Mifsud, Jean Carl Grech u Chris Schembri Baldacchino imbarkaw fuq proġetti u ħadu ħsieb li jiġu mwettqa sal-inqas dettall. Ta' min isemmi li s-sena l-oħra is-Soċjetà tagħna ġiet l-ewwel fil-proġett intitolat Festi Inklussivi u li għalkemm beda jitwettaq iktar kmieni din is-sena, ser ikun qed jilħaq il-quċċata tiegħu matul il-ġranet tal-festa.

Din hija togħma żgħira ta' kemm is-Soċjetà tagħna tkun attiva matul is-sena. Mingħajr daqq ta' trombi u ħidma fis-skiet, jinħasad il-frott ta' sena ħidma ad unur il-festa tal-Patruna tagħna Santa Marija. Nagħlaq billi nirringrazzja lil sħabi tal-Kumitat Eżekuttiv tal-appoġġ kontinwu li nsibu mingħandhom, lill-WR Kappillan u kleru, lill-Assistent Kummissarju, Spettur, Surġent u pulizija tas-sapport kontinwu. Nifraħ lis-Sindku u l-kunsilliera li ġew eletti f'Mejju li għadda, filwaqt li nirringrazzja lis-Sindku u l-kunsilliera li t-terminu tagħhom ġie fi tmiemu fl-aħħar ġimgħa ta' Ġunju.

L-ikbar grazzi tmur lilkom għeżież soċji, partitarji u benefatturi li flimkien mal-familji tagħna nsibu appoġġ sħiħ biex il-preparamenti li nkunu ħejjejna jilħqu l-qofol tagħhom bejn it-30 ta' Lulju u 22 ta' Awwissu fil-Festa Titulari ad unur Santa Marija – Patruna tal-Imqabbin.

Nawgura l-Festa t-Tajba lil kulħadd!






*Appell mill-kaxxier*

# Donazzjonijiet li jissarrfu fi proġetti

**Il-kaxxier, is-Sur Carmel Briffa, jappella għas-sehem ta' kulħadd filwaqt li jfakkar dwar il-proġetti li saru dawn l-aħħar snin**



Għaddew ħamsin sena minn mindu fl-1969 ġejt avviċinat minn Ċensu Farrugia, Joseph Psaila, Ġanni Zammit u Feliċ Galea sabiex noħroġ għall-elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv, u wara li ġejt elett nhar il-Ħadd 23 ta' Frar 1969 għalkemm ikkontestat, ġejt maħtur bħala Segretarju. Minn dak iż-żmien l-hawn qatt ma ħarist lura u ħdimt b'qalbi kollha sabiex is-Soċjetà kibret għal dik li hija llum.

Meta dħalt jien, il-każin kien mitluq u wara bdejt naħdem flimkien ma sħabi tal-Kumitat Eżekuttiv sabiex inkabbru l-każin. L-ewwel li rnexxielna nagħmlu kien li nakkwistaw u nixtru biċċa art fejn fuqha bnejna żewġ imħażen għall-armar u sala fuqhom. Fil-każin bnejna sala għall-kunċerti kif ukoll biddilna s-soqfa li kienu bix-xorok. Tajna dehra ġdida lill-każin billi saru l-armi fuq il-faċċata u taħt l-istatwa ta' Santa Marija. Fl-1999 irnexxielna nakkwistaw id-dar ta' maġenb il-każin u bnejna Palazz ieħor. Barra min hekk is-sala prinċipali ġiet dekorata bil-pitturi. Is-sena l-oħra wara li tlesta x-xogħol ta' restawr fl-intrata tal-każin, din ingħatat dehra ġdida b'sett ta' pitturi fis-saqaf mill-pittur Kav. Pawlu Camilleri Cauchi. Din is-sena qegħdin nirrestawraw il-faċċata tal-Każin kif ukoll qegħda tiġi rinovata s-sala tal-kunċerti b'saqaf tal-*gypsum* ġdid u dawl adattat għaż-żminijiet tal-lum. Beħsiebna wkoll nagħtu bidu għat-tkabbir tal-imħażen tal-armar.

Dan ma kienx ikun possibbli li kieku ma kinetx il-ġenerożità tas-soċji, partitarji u benefatturi li dejjem sibnihom meta avviċinajnihom u għalhekk jien dejjem inħambaq sabiex nibżgħu għall-affarijiet ħalli dak li akkwistajna jibqa' jitgawda min dawk ta' warajna.

Din is-sena reġa' ġie maħtur Kumitat Eżekuttiv ġdid u għalkemm it-treġija għadha l-istess, daħlu xi membri ġodda li huma ta' għajnuna kbira għall-kumitat. Hawn nixtieq insellem lil sieħbi Chris Spiteri li minħabba pressjoni ta' xogħol ma setax ikompli però xorta għadu jgħin mill-aħjar li jista'.

Għal dik li hija festa, is-Soċjetà għaddejja b'ritmu mgħaġġel fil-preparamenti sabiex il-festa terġa' tkun suċċess. Hawn minn qalbi nixtieq nirringrazzja lill-Għaqda tan-Nar għas-sagrifiċċju li jagħmlu matul is-sena sabiex iħejju l-programm tan-nar għal matul il-ġranet tal-festa. Ħajr ukoll lis-Sezzjoni Żgħażagħ li ħadmu bla heda matul is-sena kollha sabiex ikabbru l-briju tal-festa speċjalment fl-aħħar jum tat-tridu. Ħajr lis-Sezzjoni Nisa li b'attivitajiet li jagħmlu jiġbru l-fondi sabiex jgħinu lis-Soċjetà. Il-klabb Tfal tat-Titular u l-Adolexxenti bil-laqgħat u l-attivitajiet tagħhom kull ġimgħa u fl-aħħar u mhux l-inqas nirringrazzja lis-Surmast u l-Assistent Surmast għat-tagħlim tal-mużika li jagħmlu matul is-sena kollha.

Kif qegħdin taraw sabiex torganizza festa ta' livell hekk għoli bis-sehem tal-Għaqdiet tal-Armar, Nar u Banda jirrikjedu ħidma bla waqfien u piż finanzjarju kbir. Għalhekk nixtieq nappella lill-membri u partitarji biex jattendu għal kull attività li s-Soċjetà torganizza, kemm dawk li jsiru bħala '*fund raising*' u anke għal dawk kulturali. Il-preżenza tagħkom għal dawn l-attivitajiet tagħmlilna ħafna kuraġġ.

Ejjew flimkien naħdmu biex inkabbru l-festa u niċċelebraw festa akbar ġewwa l-Imqabba ad unur il-Patruna tagħna Santa Marija. Nieħdu pjaċir flimkien mingħajr ma noffendu u nweġġgħu lil ħadd sabiex ingawdu s-sagrifiċċju li lkoll flimkien għamilna matul is-sena.

Nagħlaq billi nawgura l-Festa t-tajba lis-Soċji, Partitarji u benefatturi ta' din is-Soċjetà, lill-Imqabbin kollha u dawk li jżuruna matul il-ġranet tal-festa.

Viva Santa Marija Patruna tal-Imqabbin!

mcsims
















Ta' Rita
TA' RITA
LAPSI VIEW
RESTAURANT • PIZZERIA • BBQ
Għar Lapsi, Siġġiewi SGW 2829
Tel: 2164 0608


Convenience Shop
10 Years
All you need is
The Convenience Shop

# Albion Vrt Station

**Triq Luret Cutajar, Zebbug ZBG 2731**
**Tel: 21467052 Mob: 99471703/99866576**
**Email: josef@albion.com.mt Website: albion.com.mt**
**Opening Hours: Mon-Fri 7.30am – 4.30pm Saturday 7.30am – 1.00pm**





**FOR:** **VRT TESTS AND INSPECTIONS**
**VEHICLE SERVICING AND REPAIRS**
**COMPUTERISED WHEEL ALIGNMENT**
**AIRCONDITION SERVICE AND REFILL**
**CAR BATTERIES**
**INSURANCE SALES**

LIKE US ON facebook

TOTAL Lubricants




***3***
***YEARS WARRANTY ON CAR BATTERIES***

MAPFRE | MIDDLESEA

Flora Grech is an enrolled Tied Insurance Intermediary under the Insurance Intermediaries Act, 2006 for Mapfre Middlesea p.l.c. (C-5553). Mapfre Middlesea is authorised by the Malta Financial Services Authority (MFSA) to carry on Long Term and General Business under the Insurance Business Act 1998. Mapfre Middlesea and Flora Grech are authorised by the MFSA.

## Contact us for a quotation




**15, Pjazza Tal-Knisja, Mqabba** **99283663**

(Eżatt quddiem il-Bieb il-Principali tal-Knisja)



*Messaġġ mid-Direttur Spiritwali*

# Il-Meravilja tagħna hija Marija nnifisha

**Patri Joseph Zahra O.P., id-Direttur Spiritwali tas-Soċjetà, jikteb dwar il-messaġġ li l-Assunzjoni ta' Marija trid tgħaddilna**



L-Assunzjoni ta' Marija Santissima kienet possibbli, għax qabilha, Kristu l-Mulej, qam mill-mewt rebbieħ fuq il-mewt u d-dnub. Marija Santissima, ġiet imtellgħa fis-sema bir-ruħ u l-ġisem mogħnija bil-privileġġ singulari li tipparteċipa fil-qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu. Marija kienet meħlusa mid-dnub minn qabel biex tkun imħejjija għalih. Kristu Ġesù, ġie biex jeħles l-umanità kollha mid-dnub u hekk għamel bl-adozzjoni tal-ġisem uman li ħa mill-Verġni Marija.

Il-Qaddejja umli tal-Mulej, bid-disponibbiltà mimlija bil-grazzja tagħha, ippermettiet li l-Verb Divin jissawwar fi bniedem f'ġufha. Marija għalhekk hija l-Omm tal-Verb Divin magħmul bniedem.

**Għandna tabilħaqq għalfejn nimtlew bil-meravilja, għandna tabilħaqq għalfejn nistgħaġbu b'fidi kbira quddiem din ir-realtà, li Marija kienet kapaċi taċċetta fiha lit-Tieni Persuna tas-Santissima Trinità, u tagħtih persuna umana lid-dinja!!**

Dan hu li seħħ fil-ġuf ta' Marija u għalhekk il-Meravilja tagħna hija Marija nnifisha. Għalhekk f'Marija mtellgħa s-sema, aħna nimtlew bil-ferħ u għalhekk niċċelebraw mhux biss festa, imma niċċelebraw il-Għid tal-Assunta b'daqshekk solennità.

Ma ninsewx li aħna Knisja istitwita minn Sidna Ġesù Kristu nnifsu u kkonsagrata fil-jum Solenni tal-ewwel Għid il-Ħamsin – Jum Pentekoste bl-inżul tal-Ispirtu s-Santu mwiegħed fuq l-ewwel komunità miġburin flimkien.

Huwa ta' unur kbir għalina bħala Knisja mogħnija bl-Ispirtu s-Santu, li qegħdin niċċelebraw lil Sidtna Marija Ommna. L-Atti tal-Appostli stess jagħtina x'nifhmu li Marija kienet parti mill-komunità tal-ewwel Knisja. "U lkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' xi nisa u ma' Marija, omm Ġesù…" (Atti 1:14).

Sidtna Marija Ommna u Patruna tagħna, hija l-mimlija bl-Ispirtu s-Santu. Bħalma rrefera għaliha l-Arkanġlu meta indirizzaha fis-sejħa / fit-Tħabbira li kellha ssir Omm Alla magħmul bniedem: "Sliem għalik, mimlija bil-Grazzja." (San Luqa 1:28)

L-"Iva" li tenniet, l-"Hawn jien il-Qaddejja tal-Mulej", li lissnet, "Ħa jkun minni, skont kelmtek.", mhix biss kelma tagħha, imma kelma tal-Ispirtu Qaddis li jgħammar fiha, għax hi kienet kollha kemm hi tiegħu.

"Iva" li tfisser, li l-Ispirtu Qaddis irid iġedded kollox billi jqaddes kollox. Meta qed ngħidu kollox, qed nirreferu għal Ħolqien kollu.

Meta niflu r-risposta affermata tagħha: "Hawn jien il-Qaddejja tal-Mulej", malajr nindunaw li din tfisser li Marija tassew b'umiltà, riedet tagħmel dak li l-Mulej qed jitlobha, imma tfisser ukoll li, f'dak l-istess waqt, l-Ispirtu Qaddis, huwa preżenti jagħmilha ta' Qaddej għax huwa id-Difensur. L-Ispirtu Qaddis qed jiddefendi l-Ħolqien kollu mid-dnub billi bil-Ħidma Divina tiegħu qed inissel f'Marija lill-Verb Divin, lis-Salvatur, lill-Messija, it-Tieni Persuna tas-Santissima Trinità.

Marija Santissima tenniet ukoll: "Ħa jkun minni skont kelmtek", li tfisser "hekk ikun", "Ammen", "Nemmen tassew". Marija emmnet u għax emmnet, is-Setgħani għamel magħha ħwejjeġ kbar, kif tgħanni hi stess, mimlija bil-meravilja t'Alla, fil-Magnifikat!!

Dan ifisser iżda li Alla bagħat lid-Difensur, lill-Ispirtu Qaddis biex inissel lill-Verb f'Marija, għax Alla tabilħaqq jemmen fil-bniedem u għalhekk ma' riedx li l-bniedem jintilef fi dnubu – ried isalvah mid-dnub, u hekk għamel bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu.

Għalhekk flimkien mal-Ispirtu Qaddis mogħti lill-Knisja, illum qegħdin niċċelebraw lill-Assunta. **Il-Messaġġ ewlieni tal-Assunta huwa messaġġ kollu kemm hu favur il-ħajja li mhux biss tibda bir-rieda ħielsa ta' Alla, imma hi indirizzata biex tgħix fl-eternità ħaġa waħda miegħu.** Il-ħajja hija msejħa biex bħala pellegrina f'din id-dinja, tgħix bi mħabba kbira u b'ubbidjenza, s-sejħat li Alla jagħmlilha.

Biex dan iseħħ, il-ħajja li jagħtina Alla, ma jagħtihilniex li ngħixuha fl-arja, imma jagħtihielna li ngħixuha f'ġisem uman li jissawwar fil-ġuf. Ġisem uman li għalhekk jissejjaħ: It-tempju tal-Ispirtu s-Santu.

Ix-xjenza wkoll turina kif mal-fekondazzjoni nnifisha, ma jibqax ir-realtà taż-żewġ entitajiet (maskili

u femminili), imma tissawwar entità totalment ġdida. Huwa f'dak il-mument stess li Alla nnifsu jkun qiegħed jagħti don ta' ħajja umana ġdida. Ħajja umana li mill-ewwel tibda l-proċess naturali tagħha biex tissawwar, tikber, titwieled, tgħix sakemm tmut fil-ġisem imma tibqa' tgħix f'għaqda waħdanija ma' Alla li jkun ħalaqha u salvaha.

Min ser jgħinna ngħixu tassew b'rispett uniku u b'responsabbiltà, u mhux b'egoiżmu favur il-ħajja? Huwa l-Ispirtu Qaddis imsawwab fuqna bl-Ilma tal-Magħmudija. Tinsewx li aħna ma nirċevux Magħmudija tal-Ilma għall indiema (dik kienet il-magħmudija ta' Ġwanni l-Għammiedi). Aħna nirċievu l-Magħmudija tal-Ispirtu s-Santu u n-nar. "Nar ġejt inqiegħed fuq l-art, u kemm nixtieq li diġà qabad!!", (San Luqa 12:49). Dan hu n-nar tal-fidi.

Il-Magħmudija tagħna, hija Magħmudija li tikkonsagrana fl-Ispirtu s-Santu permezz tal-mewt u l-Qawmien ta' Kristu Ġesù, u tagħtina d-don tal-fidi.

Huwa propju biex jistedinna mill-ġdid ħalli ngħixu din il-Fidi fl-Ispirtu s-Santu, li Alla jippermettielna li niċċelebraw lill-Marija Santissima li minn fuq is-Salib, ħallielna fil-persuna ta' San Ġwann l-Evanġelista, biex tibqa' tkun ommna.

Bħalma Marija kienet preżenti flimkien mal-ewlenija Knisja, illum Marija hija preżenti magħna bl-uniku messaġġ tagħha, antik, imma attwali: "Għamlu kulma jgħidilkom Hu." (San Ġwann 2: 5). Huwa hu, Ġesù, li jrid ibiddel l-ilma fi nbid – dak li hu komuni, f'dak li hu divin. Jibdel dak li hu dnub, f'maħfra, Dak li hu mewt, f'qawmien..

**Il-messaġġ tal-Madonna, mhuwiex differenti minn ta' Kristu.** Marija twassal l-istess Kelma ta' Alla. Bl-Assunzjoni tagħha fis-sema, Marija qegħda tgħaddilna l-messaġġ biex inħarsu lejha fl-eternità, iżda mhux maqtugħin mir-realtà tagħna l-bnedmin.

Dan ikun possibbli meta aħna nkunu kapaċi, mhux biss niċċelebraw lil Santa Marija Assunta, imma nimmeditawha u nikkontemplawha. Ir-Rużarju ta' Marija jgħinna nagħmlu dan meta nitolbu bir-raba' u l-ħames misteri tal-Glorja.

Xi tfisser timmedita u xi tfisser tikkontempla?

Timmedita tfisser, taħseb u tinżel fil-fond permezz ta' ħsibijietek u t-tagħlim u l-interpretazzjoni vera, il-misteru partikulari. Timmedita tfisser, twaħħad fik l-istess misteru. Tant tidħol fil-fond tiegħu li tħossok preżenti fih. Iġġibu reali f'talbek u f'ħajtek. U hekk tkun tista' tikkontemplah. Tikkontempla tfisser tmur tgħix dak li inti tkun tlabt u mmeditajt.

Iva Marija Ommna tridna ngħixu l-vera fidi llum. Marija tridna ngħixu flimkien mal-Knisja universali, l-fidi fid-don ta' ħajja li ma tintemmx imma tinbidel. Din il-fidi, irridu ngħixuha b'impenn, anke jekk ninsabu f'dinja li qed tkompli tikxef l-aġenda tagħha li twarrab lil Alla billi tkompli toħloq soċjetà liberali. Marija llum, qegħda tkompli twasslilna l-messaġġ ta' Binha u Bin Alla, Sidna Ġesù Kristu li tennielna: "Araw, qiegħed nibgħatkom bħall-ħrief qalb l-ilpup.." (San Luqa 10:3) "Morru fid-dinja kollha, xandru l-Aħbar it-Tajba lill-ħolqien kollu… Min jemmen u jitgħammed, isalva, iżda min ma jemminx ikun ikkundannat." (San Mark 16:15-16)

Talba:

Sidtna Marija Ommna u Patruna Titulari tagħna; Santa Marija Assunta, int li int il-Meravilja ta' Alla u tagħna, minn din il-knisja Parrokkjali tiegħek, hawn fl-Imqabba, ibqa' ħarisna, itlob magħna u għalina, ipproteġina u kompli kkonvinċina li tabilħaqq jaqblilna nisimgħu dejjem minnek u nagħmlu biss dak li jrid minna Ġesù fuq l-eżempju tiegħek stess, il-mimlija bl-Ispirtu Qaddis ta' Alla.

Ammen.

Nawgura l-Festa t-tajba lil kulħadd!





*Messaġġ mis-Surmast Direttur*

# Ħidma kontinwa fil-qasam mużikali

**Mro David Agius A.Mus L.C.M, A.Mus V.C.M ( Hons), ALCM jikteb dwar il-ħidma u l-impenji tal-banda matul din is-sena.**



Soċjetà mogħnija bl-unuri! Festa kompluta! Dawn huma l-iktar żewġ fatti li jibqgħu jidwu f'din is-Soċjetà. Din is-sena s-Soċjetà kompliet iżżid l-unuri bir-rebħ tal-Unur Wirt Artistiku waqt is-serata finali "Premju għall-Arti 2019" li saret ġewwa t-Teatru Manoel fil-preżenza tal-ET Dr. George Vella President ta' Malta u li fih ġew ippremjati l-aqwa talenti lokali fl-isfera tal-Arti. Għalhekk kull Imqabbi għandu jkun onorat li f'dan ir-raħal ċkejken hemm Soċjetà mmexxija b'tant għaqal li sena wara sena matul dawn l-aħħar snin rajna evolviment ta' din is-Soċjetà li jawgura futur sabiħ.

Festa Kompluta – Dan l-istat ta' fatt ieħor, hemm ħafna x'wieħed jelabora fuqu minn kull lat iżda f'dawn il-kelmtejn li qiegħed naqsam magħkom il-qarrejja ta' dan il-ktejjeb nixtieq nenfasizza iktar fuq l-element mużikali. Għalkemm ħafna drabi niġu ttimbrati li f'dawn in-naħat ta' Malta nagħtu iktar importanza lill-arti piroteknika, nista' nistqarr li jekk ikun hemm rieda mid-Direttur Mużikali dan mhux minnu.

Bil-fatti nista' nikkonferma li fis-Soċjetà tagħna dejjem nieħdu ħsieb biex immexxu 'l quddiem il-kultura mużikali. It-tagħlim mużikali dejjem ingħata importanza u l-ammont ta' aljievi li qed jitgħallmu bħalissa jixhed l-interess li dejjem intwera biex ikollna mużiċisti ta' kwalità.

Minn dawn il-kelmtejn nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lil Mro Gordon Mayer li tul dawn l-aħħar snin kien qiegħed jgħin fit-tagħlim. Inħoss li s-Soċjetà Santa Marija Banda Re Ġorġ V kienet pedina importanti fil-karriera mużikali tiegħu biex issa qed jokkupa l-kariga ta' Surmast Direttur tal-Banda Lourdes tal-Qrendi. Nawguralu mill-qalb u nagħtih ħajr għaż-żmien li dam jokkupa l-kariga ta' Assistant Surmast ma' din il-banda.

F'Ottubru li għadda waqt il-kunċert li tellgħet il-banda ġewwa s-sede tas-Soċjetà ġie appuntat lil Mro René Camilleri bħala l-Assistent Surmast il-ġdid u nawgura iktar snin ta' ħidma flimkien biex ngħollu l-isem u l-popolarità ta' din il-banda.

Flimkien u dejjem taħt il-gwida tiegħi qed naħdmu bis-sħiħ biex inkabbru l-iskola tal-mużika. Ukoll qed inħajru lill-aljievi biex jitgħallmu strumenti varji biex nimlew ċertu sezzjonijiet tal-banda biex wieħed ikun jista' jagħmel provi kemm jista' jkun b'mużiċisti tal-lokal.

Aħna qed nagħmlu kollox possibbli biex inħajru tfal jersqu lejn il-mużika, kemm permezz tal-klabb tat-tfal fi ħdan is-Soċjetà, kif ukoll billi ntellgħu ta' kull sena *Music Appreciation Day* ġewwa l-iskola primarja tal-Imqabba. Hawnhekk nirringrazzja lis-Surmast tal-iskola li dejjem laqgħana b'mod entużjast!



*Il-Banda Re Ġorġ V fis-Sala Marija Assunta waqt il-Kunċert "Tislima lil Mro George Martin"*



*Mro David Agius waqt il-preżentazzjoni tal-Music Appreciation Day*






















BUILDING
YOUR VISION
ZAHRA
GROUP
CONSTRUCTION WORKS,
SUPPLIERS OF CONCRETE & CONCRETE BLOCKS,
CRANE HIRE, PLANT HIRE & AGGREGATE
Siġġiewi Road, ta' Kandja, L/O Mqabba.
Tel: 2164 0957, Fax: 2164 1601, Mob: 9942 4689
E-Mail: info@zahragroup.com.mt
www.zahragroup.com.mt


WE OFFER LIFTING SERVICES FOR:
Water Tanks · Tiles · Gypsum Boards · Appliances · Furniture · Glass & Aluminum & much more
WE TRANSPORT ANYTHING!
FREESTANDING LIFTER!
NO ELECTRICITY
NO DAMAGES!
Our lifter operates without having to lean against your facade / balcony
We're insured! · No electricity needed · Our lifter can go up to 11 stories high & has a large platform · We are always happy to help!
· The lifter does not take space & is placed in just a parking space
· We also provide transport for your furniture!
BEST PRICES ON THE MARKET & WE'RE ON TIME!
Call us now on 9945 8834 or 9945 8296

Din is-Soċjetà dejjem ħadet ħsieb biex ir-riżorsi għat-tagħlim ikunu pprovduti, kemm permezz ta' strumenti, u anke l-ambjent fejn ngħallmu, fejn anke investejna f'*interactive white board*.

Minn dawn il-kelmtejn inħeġġeġ lill-aljievi preżenti biex ikomplu jkunu kommessi għall-istudju biex ikollna mużiċisti ta' kwalità u wkoll inħeġġeġ lil min hu interessat biex jersaq lejn din is-Soċjetà fejn toffri tagħlim b'xejn darba fil-ġimgħa għax żgur jista' jiġu skopert xi talent ġdid!

L-impenji ta' din il-Banda qatt ma jieqfu, u wara l-kunċert ta' Ottubru, mill-ewwel bdew il-preparamenti għall-kunċert tas-Semana Santa li sar sinonimu ma' din l-Għaqda. Din is-sena dan il-kunċert ġie mtellgħa ġewwa l-Kappella ta' San Bażilju fejn inħoloq ambjent verament sabiħ.

Il-konkorrenza li qed nara mill-pubbliku għal dawn il-kunċerti tkompli timlieni bil-kuraġġ biex naħdem iktar ħalli dejjem inkunu iktar kreattivi u nattiraw iktar segwaċi lejn din il-banda li qed tikseb diversi kisbiet f'kull sezzjoni li tħaddan fiha.

Ma jistax jonqos li l-kunċert tal-10 ta' Awwissu nagħtuh l-importanza meħtieġa u nistqarr li din is-sena bdejna naħdmu iktar kmieni mis-soltu fuqu u fiduċjuż li bħal snin oħra jkun ta' livell għoli.

Il-koreografija ta' kull kunċert trid ħafna ħidma u ħsieb u wieħed irid ikun fantasista biex kemm jista' jkun il-kunċert jintlaqa' b'mod tajjeb mill-udjenza preżenti. Wara dawn it-22 sena li ilni Surmast Direttur dejjem ħdimna għall-versatilità u dan il-kunċert baqa' jikber minn żmien għal żmien u din is-sena mhux ser tkun xi eċċezzjoni!

Is-Soċjetà dejjem tibqa' ħajja dment li jkollok Kumitat Eżekuttiv attiv is-sena kollha u dan nista' nikkonfermah b'wiċċi minn quddiem. Nirringrazzja lil kull membru tal-Kumitat Eżekuttiv tal-appoġġ u fiduċja dejjiema li tawni matul dawn l-aħħar snin. Din is-Soċjetà kienet waħda mill-pedini importanti fil-karriera mużikali tiegħi f'ħatriet u impenji ġodda u ta' dan jien dejjem ser nibqa' grat. Inħares b'wiċċi 'l quddiem għal iktar ħidma u permezz ta' esperjenzi ġodda li qed nikseb ikunu ta' valur miżjud lejn din is-Soċjetà li tibqa' dejjem tiggwadanja għat-tixrid tal-kultura mużikali! Grazzi lil marti Antonella li dejjem kienet ta' sostenn biex jien inkun nista' nibqa' għaddej bil-ħidma tiegħi.

Grazzi lil kull sezzjoni u lill-partitarji numerużi tal-fiduċja li dejjem urew fija u bħalma nagħmel kull sena nawgura lill-Kamra tan-Nar tas-Soċjetà l-isbaħ xewqat għal esibizzjonijiet piroteknici mill-isbaħ li dejjem jagħmlu unur lil din is-Soċjetà.

**Viva Santa Marija!**

Is-Soċjetà Santa Marija u
Banda Re Ġorġ V
tifraħ u tawgura
lis-Surmast tal-Banda Re Ġorġ V,

# Mro David Agius

A.Mus, LCM, A.Mus VCM (Hons), ALCM
tal-ħatra tiegħu ta' Surmast Direttur
tal-Banda Żejtun.

30 Years of Service

ATTARD BROS
GROUP OF COMPANIES

Mikesand, Industrial Zone ta' Qali RBT 13
Tel: 2141 5332Fax:2143 0967 Email:info@attardbros.com



Attard Bros. Co. Ltd.

Building, Civil Engineering and Hard Landscaping Contractors



A.C.S. Ltd.

Producers of Precast Prestressed Concrete Panels, Beams and Predalles Slabs.



Cementstone Mfg. Ltd.

Producers of Hollow concrete Blocks, Roofing Blocks, Coping Stones, Curbs and Paving Blocks.



Attard Blue Mix Ltd.

Producers of Ready Mixed and Pump Mix Concrete, Concrete Additives, Steel Bars, Stirrups, Steel Mesh and all type of Steel Reinforcement.



Eurocraft Ltd.

Manufacturers and Suppliers of High Quality Contract Furniture.



Attard Developments Ltd.

Developers of Residential and Commercial Buildings.

Your Construction Partner

www.attardbros.com


Il-bank tiegħek
fil-qalb tal-komunità
ĊEMPEL 2380 2380
ŻUR hsbc.com.mt
MUR fl-eqreb fergħa
HSBC
Nirnexxu flimkien
Approvat u maħruġ mill-HSBC Bank Malta p.l.c. 116, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT1444. (Ref No. 101330 - 03/18).


TIMELESS
HOME & DECOR
The shop where you find everything under one roof!
Valletta Road, Zurrieq
Tel: 2733 0622
Email: timelessmalta@gmail.com
Opening Hours
Mon - Fri from 9:00 till 13:00
16:00 till 19:00
Sat from 9:00 till 13:00



# Cassar Florist

**(taz-zizzu)**

***For your Wedding Flowers, Holy Communion, Head Dresses, Engagement Parties, funerals, bouquets for feasts, Wedding Invitations, Souvenirs, Tulle & Accessories for all occasions***



***5% discount on total wedding flowers, souvenirs & invitations***

**Triq Ġużeppi Mattew Callus, Żurrieq (near Aida Hall)**
**Tel: 2164 0501 / 9946 7457 / 9989 7385**

*Il-familja Cassar tixtieq il-Festa t-Tajba lill-Imqabbin kollha!*

*Messaġġ mill-Assistent Surmast Direttur*



# Esperjenza Ġdida - Ħidma għall-futur

**Mro René Camilleri B.Eng.(Hons) ALCM jikteb dwar din l-esperjenza ġdida fi ħdan il-Banda Re Ġorġ V u l-ħsibijiet għall-futur**



Għeżież, huwa ta' unur kbir għalija li għall-ewwel darba għandi l-opportunità li nwassal dan il-messaġġ fl-okkażjoni tal-festa Titulari tagħna l-Imqabbin, dik ta' Santa Marija. Bl-ikbar onestà nistqarr magħkom li qatt ma stennejt li nkun parti mit-tim tal-Banda Re Ġorġ V mill-festa ta' din is-sena. Għalhekk nixtieq nibda din il-kitba billi nirringrazzja lil dawk in-nies li għamlu dan possibbli; il-President żagħżugħ is-Sur Carlo Sciberras, is-segretarju u bandist tal-post is-Sur Antoine Farrugia u lill-bqija tal-Kumitat Eżekuttiv kollu tal-fiduċja. Nixtieq ukoll nirringrazzja lis-Surmast Direttur Mro David Agius, li laqgħuni sabiex bħala tim wieħed flimkien mad-delegati tal-banda naħdmu għall-ġid tal-Banda Re Ġorġ V. Inwiegħed li kif għamilt matul dawn l-aħħar għaxar xhur kemm ilni fil-kariga ta' Assistent Surmast Direttur, il-prijorità tiegħi ser ikunu dejjem it-tagħlim tal-arti mużikali u li nżommu l-livell tal-banda fl-ogħla wieħed possibbli.



*Il-ħatra ta' Mro Rene' Camilleri bħala Assistent Surmast tal-Banda Re Ġorġ V, nhar il-26 ta' Ottubru 2018*

Kif forsi ħafna minnkom tafu, ir-rabta tiegħi mal-Banda Re Ġorġ V hija f'demmi, fejn għalkemm ma niftakarx minħabba li kont għadni tarbija, naf sew l-impenn ta' missieri l-Inġ. Mro Anthony Camilleri (jew aħjar "*Twanny*") meta kien Surmast Direttur ta' din il-banda. Bis-sapport ta' ommi u missieri, bdejt nitgħallem il-mużika ta' erba' snin u komplejt navvanza fl-istudji mużikali sal-lum il-ġurnata. Kull sodisfazzjon fil-karriera mużikali tiegħi nafu lilhom, grazzi Ma u Pa! Minn hawn nixtieq ukoll nirringrazzja lit-tfajla tiegħi Amanda, talli tifhem il-ħinijiet twal tax-xogħol li nagħmel għall-ġid tal-Banda Re Ġorġ V, wara l-ħinijiet tax-xogħol professjonali tiegħi bħala Inġinier.

Il-ħidma tiegħi ssoktat propju min-nhar is-26 ta' Ottubru 2018, fejn wara l-ħatra uffiċjali bdejt ngħallem lid-diversi aljievi li jattendu l-iskola tal-mużika tagħna. Sibt bażi tajba, grazzi għas-surmast preżenti Mro David Agius u l-avvanz li sar seta' jitgawda waqt il-*Music Appreciation Day* ta' nhar il-6 ta' Ġunju li għadda. Hawnhekk iż-żewġ studenti Steve Mallia u Michaela Sciberras daqqew quddiem it-tfal tal-iskola primarja flimkien mal-bandist tal-post Gabriel Mallia, li għadu jiġi jitgħallem ġewwa l-iskola tagħna b'mod regolari. Nemmen li ż-żmien li ngħallmu l-mużika sempliċiment b'kotba u lapes għadda; illum il-ġurnata hawn ħafna affarijiet li jidhru aktar attrajenti għat-tfal mill-mużika. Għalhekk b'diskussjoni mal-Kumitat Eżekuttiv, il-każin qiegħed jimmodernizza s-sala tal-Banda fejn fiha jsir it-tagħlim tal-mużika, u jitwaħħal b'mod permanenti *Interactive whiteboard* b'*sound system*, sabiex it-tagħlim ikun aktar interattiv għal studenti ta' kull età. B'hekk l-għan tagħna, apparti li jiżdiedu l-ammont ta' studenti li



*L-użu ta' smart whiteboard fit-tagħlim fi ħdan l-iskola tal-mużika tal-Banda Re Ġorġ V*

# All`u 1

## Siggiewi

**Clothes • Underwear • Baby Items • Shoes**
**Hand Bags • Households • Gifts**

*Dr. Nikola Zammit Street, Siggiewi*
**Tel: 00356 21462360**

Find us on facebook



# *Aida Hall*

Triq Ġużeppi Mattew Callus, Żurrieq
**Tel: 2168 3112 • Mob: 7999 4247**



*For Receptions, Parties and all occasions*

ħaddan l-iskola tal-mużika, huwa li kemm jista' jkun l-aljievi preżenti li jammontaw għal ħamsa u għoxrin student, inżommuhom interessati li jkomplu jitgħallmu l-arti mużikali. Minn hawnhekk inħajjar lill-ġenituri biex jagħtu l-opportunità lit-tfal tagħhom jitgħallmu l-mużika mingħajr ħlas ġewwa l-Palazz Santa Marija; tingħata attenzjoni individwali, bl-opportunità li jibnu karriera fil-qasam mużikali. Kemm jiena u s-surmast Mro David Agius nifhmu li l-aspett akkademiku għandu jkun l-ewwel prijorità. Però nemmnu wkoll li huwa importanti ħafna li t-tfal ikollhom mezz ta' żvog mir-rutina akkademika, u li anke tista' tissarraf f'opportunità ta' xogħol kemm fuq bażi ta' *part-time* jew *full-time* fix-xena mużikali. L-awgurju tiegħi huwa li s-sede tas- Soċjetà Santa Marija verament ikun iċ-ċentru tal-arti mużikali ġewwa raħalna, fejn il-Banda tibqa' l-prijorità assoluta tal-attività ġewwa l-Palazz tagħna. Is-sede tas-Soċjetà jissejjaħ "Każin tal-Banda" propju għaliex kollox għandu jdur mal-Banda. Min ikun interessat li jibda jitgħallem il-mużika, jista' jagħmel dan billi jibgħat *email* fuq banda@santamarija.com jew messaġġ fuq il-paġna ta' *facebook* tas-Soċjetà Santa Marija.

Apparti r-responsabbiltà fil-qasam tat-tagħlim, il-kariga ta' Assistent Surmast tinkludi d-direzzjoni tas-*Santa Maria Youth Band* fi ħdan il-Banda Re Ġorġ V. Bi pjaċir ngħid li din reġgħet ġiet attiva b'mod regolari, fejn ħadna sehem nhar it-2 ta' Diċembru 2018 fl-attività *Milied Imdawwal* organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija, b'daqq ta' innijiet tal-Milied li ntlaqaw tajjeb ħafna min-nies preżenti. Ninsab ċert li kunċert bħal dan ser jidħol ta' kull sena fil-kalendarju tas-*Santa Maria Youth Band* għal żmien il-Milied. Issa jmiss proġett ieħor għal din il-*band* żagħżugħa, fejn ser jiżdid n-numru ta' mużiċisti grazzi għal studenti promettenti li qegħdin jitgħallmu fi ħdan l-iskola tal-mużika tagħna, filwaqt li għall-ewwel darba ser tieħu sehem fil-Festa Titulari ta' din is-sena fl-ispettaklu tat-Tielet Jum tat-Tridu. Filwaqt li ħafna soċjetajiet jonfqu eluf ta' flus sabiex iġibu *bands* biex iżewqu l-ispettaklu tal-aħħar jum tat-tridu, din is-sena ser nkunu l-ewwel Soċjetà f'pajjiżna li ser jagħti l-opportunità lill-bandisti u alljievi tiegħu stess sabiex ikunu parti mill-akbar marċ li jsir ġewwa raħalna. Għalhekk, apparti tagħlim bl-aqwa faċilitajiet, permezz tas-*Santa Maria Youth Band* qegħdin noffru ċ-ċans li dan it-tagħlim jiġi espress quddiem udjenza kbira. Il-*youth band* ser tkun il-pass qabel mużiċist jingħaqad mal-banda sħiħa.

Hawnhekk tajjeb insemmi li fil-programm uniku *El Sagrado* ta' nhar il-5 ta' April għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa, iktar min-nofs il-mużiċisti kienu bandisti tal-post. Magħna ingħaqad għall-ewwel darba l-bandist ġdid fuq il-perkussjoni, Michael Galea. Minn hawn, nawguralu futur sabiħ mal-Banda Re Ġorġ V u suċċess fil-karriera mużikali tiegħu. Dan il-kunċert ittella' b'suċċess ġewwa l-Kappella San Bażilju u l-kliem ta' tifħir wara dan il-programm min-nies li mlew din il-kappella jimlewna b'kuraġġ għal iktar ħidma.

Matul din is-sena, bħala Kummissjoni Banda, iddiskutejna fuq kif il-Programm Vokali u Strumentali tal-10 ta' Awwissu jista' jappella għall-udjenza akbar ta' kull età billi l-programm jiqsar, isir investiment fis-sistema tas-*sound* u li l-programm jilħaq element ta' *climax* fi tmiem l-ewwel u t-tieni parti tiegħu. Apparti l-aspett klassiku sabiex infakkru l-mitejn sena mit-twelid tal-kompożitur ċelebri Franz Von Suppé, magħna ser ikollna l-kantanta żagħżugħa u finalista fl-ewwel edizzjoni tal-*X-Factor Malta*, Nicole Frendo, li ser tpaxxina b'żewġ siltiet u tieħu sehem fil-gran finale ta' dan il-programm Vokali u Strumentali. Nistedinkom biex ma titilfux dan il-kunċert uniku!

Fuq nota personali, permezz ta' dawn il-kelmiet, nixtieq nirringrazzja lis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija, b'mod speċjali lill-President Jean-Paul Muscat talli reġgħu afdawni bil-kompożizzjoni tad-diska li ħarġet din is-Sezzjoni għal din is-sena. Wara s-suċċess tas-sena l-oħra bid-diska *L-Aqwa Żgħażagħ Mqabbin*, kantata minn Jasmine Abela fuq lirika ta' Nicholas Baldacchino, din is-sena pruvajt noħroġ melodija sempliċi addattata għal leħen maskili, b'istrumentazzjoni moderna u kummerċjali. Din ser tindaqq f'xow spettakolari u sinkronizzat nhar il-12 ta' Awwissu wara l-marċ tat-Tieni Jum tat-Tridu.

Il-festa tagħna hija mogħnija b'kull aspett li jżewwaq il-festa Maltija; banda, briju, armar u nar. Għaldaqstant, nixtieq nawgura kull suċċess lil kull fergħa fi ħdan is-Soċjetà sabiex ix-xogħol li jkun ilu għaddej matul is-sena kollha jirriżulta f'dak mixtieq f'din il-festa kbira, b'mod speċjali lilna bħala tim tal-Banda Re Ġorġ V, l-għaqda tan-nar tagħna għal xows uniċi li huma biss jafu joffru ġewwa pajjiżna, l-għaqda tal-armar li x-xogħol tagħha jiġi apprezzat minn kull persuna li jżur raħalna f'dawn iż-żminijiet u lis-Sezzjoni Żgħażagħ għall-ispettakli kbar organizzati. Minn qalbi nawgura l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha u lkoll flimkien ngħajtu "VIVA L-PATRUNA TAGĦNA L-IMQABBIN, SANTA MARIJA!"



*Is-Santa Maria Youth Band taħt d-direzzjoni ta' Mro Rene' Camilleri tieħu sehem fl-attività "Milied Imdawwal"*

# Programm Vokali u Strumentali
# Mill-Banda Re Ġorġ V

*Is-Sibt, 10 ta' Awwissu, 2019 fid-9:00pm*



### Innu Malti
*Dr Robert Samut*
Tkanta l-finalista ta' *X-Factor Malta 2018*, Nicole Frendo

### Omaggio al Circolo Giorgio V
*Mro David Agius*

### Innu tal-Imqabba – Lil Raħal Twelidi
*Inġ. Mro Anthony Camilleri*

### Sousa on Parade
*John Philip Sousa*

### Overture - Morning, Noon and Night
*Franz Von Suppé (arranġament ta' Henry Fillmore)*

### Blue Tango
*Leroy Anderson*

### Purple Rain
*Arranġament ta' Mro René Camilleri*
Tkanta l-finalista ta' *X-Factor Malta* 2018, Nicole Frendo

### Glorious Overture
*Mro David Agius*

### Cry of the Celts
*Ronan Hardiman*
Bil-parteċipazzjoni taż-żeffiena mill-*Yada Dance Company*

### Disney at the movies
*Arranġament ta' John Higgins*

### Music
*Arranġament ta' Mro Raymond Zammit*
Tkanta l-finalista ta' *X-Factor Malta 2018*, Nicole Frendo
Gran Finale b'nar sinkorinzzat *live*, maħdum mis-*Saint Mary Fireworks Factory,* Mqabba

### Innu lil Maria Assunta
*Leonard Farrugia*

### Innu tal-Banda Re Ġorġ V
*Inġ. Mro Anthony Camilleri*



*Kelmtejn mis-Sotto Kumitat tan-Nisa 2019*

# Santa Marija: Patruna tal-Imqabbin

**Frances Ghigo tirringrazzja lid-diversi soċji u tappella għas-sehem ta' kulħadd fl-attivitajiet tal-festa.**

Għaddiet sena oħra u wasalna biex niċċelebraw l-aktar festa għażiża għal kulħadd, għaliex niċċelebraw it-tlugħ fis-sema ta' Marija Santissima li marret tingħaqad ma' binha fis-sema.

Din il-festa hija wisq għażiża għalina l-Imqabbin u barka li niċċelebrawha bl-aktar pompa għaliex hija l-festa tal-Patruna tagħna Santa Marija. Filwaqt li nsellem li qarrejja kollha ta' dan il-ktieb nixtieq nibda ngħidilkom ftit mill-affarijiet li saru matul din is-sena.

Kif tafu s-sena li għaddiet is-self li kellna fuq l-estensjoni tal-każin mill-bank ġie mħallas kollu, grazzi għall-għaqal tal-Kumitat Eżekuttiv u f'dan kollu aħna n-nisa għandna sehem kbir, għaliex kull qligħ mil-lotteriji, *coffee mornings* u attivitajiet oħra kollha kienu jmorru għal dan l-iskop.

Għandna biex inkunu kburin! Nirringrazzjaw lil Alla!

Din is-sena reġa' għandna somma sostanzjali biex fl-10 ta' Awwissu nagħtuha lill-Kumitat Eżekuttiv sabiex dejjem inkomplu nsebbħu l-palazz maestuż tagħna.

Meta naraw l-għajnuna li dejjem tagħtuna timlewna b'kuraġġ kbir biex dejjem inkomplu naħdmu. Hawnhekk bla dubju ta' xejn bħas-soltu tidħol il-ħabrieka s-sinjura Doris Camilleri li dejjem għaddejja biex dejjem tiġbor il-fondi u tagħmel ħafna xogħol fil-bejgħ tal-biljetti għal xi ikla li jorganizzaw is-sezzjonijiet kollha. Torganizza l-*coffee mornings* u kull



*Wieħed mill-Coffee Mornings regolari organizzati mill-Fergħa Nisa*

ħaġa oħra. Meta toqrob il-festa tiġbor għall-marċi u għall-fjuri. Grazzi Doris!

Nirringrazzja lis-Sinjorina Ġuża Farrugia, is-sinjura Nathalie Azzopardi u s-sur Michael Chetcuti li fil-ġranet tal-festa dejjem għaddejjin bix-xogħol tal-fjuri għall-knisja u quddiem il-Madonna.

Grazzi kbira tmur lil sħabi tas-sotto kumitat li dejjem iħabirku biex l-għan tagħna jintlaħaq. Lil dawk minn sħabna li b'sagrifiċċju jiġu jnaddfu l-każin, magħhom ukoll nirringrazzja lil xi partitarji li ma humiex fis-sotto kumitat imma xorta jiġu jgħinu fil-bżonnijiet li jkun hemm bżonn.



*Tombla organizzata mill-Fergħa Nisa waqt il-Coffee Mornings*

Grazzi tmur ukoll lil dawk li jħobbu jagħtu xi affarijiet biex intellgħuhom lotterija fil-*coffee mornings* jew *afternoon teas*.

Nirringrazzja lis-soċji u partitarji kollha nisa u rġiel li nsibuhom ta' għajnuna s-sena kollha.

L-appell tiegħi huwa biex kemm nistgħu nieħdu sehem fil-funzjonijiet mill-isbaħ li jsiru fil-knisja ad unur il-Patruna tal-Imqabbin kollha.

Nitlobkom ukoll biex kulħadd jieħu sehem fil-marċi u l-attivitajiet li jsiru mutul il-festa kollha mingħajr ma noffendu u ma nweġġgħu lil ħadd.

Grazzi mill-qalb u l-Festa t-Tajba lil kulħadd.

Ma baqali xejn xi ngħidilkom ħlief Viva Santa Marija Patruna tal-Imqabbin!

Blue Grotto Avenue,
Żurrieq

Mobile:
7741 2342

VILLAGE CORE
BAKERY & CONFECTIONERY









## *Messaġġ mill-Kummissjoni Banda*

# Ħidmet il-Banda Re Ġorġ V

**Christopher Spiteri, f'isem il-Kummissjoni Banda, jikteb dwar l-impenn tal-Banda Re Ġorġ V matul is-sena li għaddiet u l-impenji li ġejjin matul il-jiem tal-festa.**

Permezz ta' dan l-artiklu għal darba oħra nilqgħukom għas-sezzjoni ddedikata lill-banda Re Ġorġ V propju hekk kif il-festi Maltin laħqu l-qofol tagħhom fil-ġimgħa ddedikata lil Marija Assunta. Il-banda, bħalma tista' tgħid għal kull sezzjoni oħra tas-Soċjetà tagħna, taħdem bla waqfien matul is-sena kollha b'mod partikolari f'Awwissu fejn tiċċelebra bix-xieraq il-festa tat-Titular. B'kordinazzjoni sħiħa bejn is-Surmast, l-Assistent Surmast, Kummissjoni Banda u l-bandisti tal-lokal tiġi mfassla Ħidmet il-Banda Re Ġorġ V. F'dan il-messaġġ ser nagħtu rendikont tal-impenn tal-banda matul din l-aħħar sena, kif ukoll il-preparamenti li qed isiru għall-Festa ta' Marija Assunta 2019.

Matul il-festa li għaddiet, il-banda tagħna tat is-sehem tagħha billi laqgħet il-vara Titulari ta' Marija Assunta fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba. Fil-jum iddedikat lill-banda, l-10 ta' Awwissu, il-banda tellgħet il-Programm Vokali u Strumentali li sar sinonimu mal-festeġġjamenti ta' matul il-festa. B'kollaborazzjoni mas-Sezzjoni Żgħażagħ, fit-13 ta' Awwissu l-banda ferrħet il-folol ta' nies li nġabru għall-marċ grandjuż tat-Tielet Jum tat-Tridu, marċ li sar magħruf għall-organizzazzjoni u l-kobor tiegħu. Il-Banda Re Ġorġ V għalqet l-impenji tagħha matul il-jiem tal-festa bil-marċ tradizzjonali ta' nofsinhar.



*Il-Banda Re Ġorġ V waqt wieħed mis-servizzi fil-festa ta' matul il-ġimgħa tal-festa*

Hekk kif għaddiet il-festa, f'temp ta' ftit jiem, il-banda tagħna kienet mistiedna sabiex tferraħ it-toroq taż-Żurrieq permezz ta' marċ għall-okkażjoni tal-Festa Ċentinarja ta' Santa Katerina. Kienet okkażjoni ferm sabiħa li l-banda tagħna rrappreżentat il-lokal tagħna fl-okkażjoni ta' dan l-avveniment.

F'Settembru, il-banda tagħna żammet l-appuntament annwali tagħha permezz ta' marċ, programm ta' innijiet u programm strumentali fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja ġewwa Ħaż-Żabbar.

Il-ħidma bla waqfien tal-banda tagħna ssoktat f'Ottubru fejn kien xahar impenjattiv għall-Kummissjoni Banda u l-bandisti tagħha hekk kif ġew organizzati diversi attivitajiet. Minbarra li komplew il-lezzjonijiet fl-akkademja mużikali tas-Soċjetà komplejna wkoll bil-preparamenti għall-programm ad unur Mro George Martin li sar propju nhar il-Ġimgħa 26 ta' Ottubru fis-sala Artistika, friska mir-restawr, is-Sala Marija Assunta. Kien programm ferm milqugħ mill-partitarji, b'mod speċjali dawk li jiftakru sew lil dan is-surmast li qatta' xejn inqas minn 35 sena fit-tmexxija tal-banda tagħna.



*Il-Banda Re Ġorġ V waqt il-kunċert "Tilsima lil Mro George Martin"*

F'Ottubru wkoll, Mro René Camilleri nħatar Assistent Surmast sabiex b'mod partikolari jgħin lis- surmast Mro David Agius fit-tagħlim tal-mużika ġewwa l-każin, kif ukoll jgħin lil Kummissjoni Banda u l-Youth Band fl-impenji tagħha matul is-sena. Min hawnhekk nawguraw mill-ġdid lil Mro René Camilleri kif ukoll nieħu l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lil Mro Gordon Mayer tal-ħidma tiegħu fi ħdan il-banda tagħna sakemm okkupa il-kariga ta' Assistent Surmast.

F'Diċembru l-banda ħadet sehem fil-villaġġ tal-Milied għal darb'oħra organizzat mis-Sezzjoni

APPLY FOR YOUR
LOYALTY CARD AND
EXCHANGE POINTS
SAVED FOR GREAT GIFTS!

196, Triq it-Tabib Nikola Zammit, Siġġiewi
21 466 444 - info@jjsm.com.mt

JJ supermarket



Paras

St. Nicholas Square, Siġġiewi
**OPEN EVERYDAY FROM**
**9AM TO 11PM**
**21 465 465**

Upstairs area available for private functions

Żgħażagħ Santa Marija tal-Imqabba ġewwa r-raħal tagħna. Fl-ewwel xhur ta' din is-sena kellna l-ikla ad unur il-bandisti tal-post bħala apprezzament tal-impenn tagħhom. Bdew ukoll il-preparamenti għall-programm annwali tas-Semana Santa, li dan issa daħal sewwa fil-kalendarju mużikali tal-banda tagħna. Din is-sena l-programm ittella' ġewwa l-kappella medjevali ta' San Bażilju fejn jakkumpanja lill-banda kellna lis-



*Il-Banda Re Ġorġ V waqt il-kunċert EL Sagrado*

Sur Mario Ciantar fuq il-vjolin. Fl-istess xahar ta' April fl-okkażjoni tar-rebħ tal-unur Nazzjonali Wirt Artistiku 2019, sar marċ tal-okkażjoni sabiex niċċelebraw kif inhu xieraq dan l-unur li jkompli jkabbar il-kollezzjoni ta' unuri li s-Soċjetà kisbet matul is-snin.



*Il-Banda Re Ġorġ V waqt il-marċ taċ-ċelebrazzjoni tar-rebħ tal-unur Wirt Artistiku*

F'Mejju u Ġunju daħlet sewwa fil-kalendarju tal-Kummissjoni Banda, il-"Music Appreciation Day" ġewwa l-Iskola Primarja tal-Lokal tagħna. F'din l-attività nippromovu t-tagħlim tal-mużika b'xejn li jsir fil-każin tagħna permezz ta' preżentazzjonijiet, daqq minn aljievi tagħna u diskorsi mill-għalliema tal-mużika.

F'Ġunju wkoll għat-tieni sena konna mistiedna sabiex nagħmlu marċ ġewwa l-Qrendi fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna ta' Lourdes. F'Lulju komplejna bl-impenji tagħna barra l-lokal permezz ta' servizzi ġewwa Ħal Kirkop u ż-Żurrieq, fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp u tal-Madonna tal-Karmnu rispettivament. Minbarra l-impenji li għandna matul il-jiem tal-festa tagħna, wara l-festa għal sena oħra ser inkunu qed



*Il-Banda Re Ġorġ V waqt is-servizz fil-Festa tal-Madonna ta' Lourdes il-Qrendi*

indoqqu propju f'jum il-festa tal-Madonna tal-Grazzja. Ix-xogħol tal-Kummissjoni Banda Re Ġorġ V huwa kontinwu u ma jieqaf qatt hekk kif din is-sena wkoll is-sala tal-banda ħadet dehra differenti permezz ta' tisbiħ li sar b'mod partikolari fis-suffitt.

Il-Kummissjoni Banda tiltaqa' mal-Kumitat Eżekuttiv b'mod regolari sabiex jitfasslu pjanijiet innovattivi dejjem biex il-banda timxi 'l quddiem u tkun minn tal-ewwel f'raħalna u anke f'pajjiżna. F'għeluq dan il-messaġġ qasir nixtieq nagħmel ir-ringrazzjamenti meħtieġa lill-bandisti tal-lokal kollha, lill-assistent surmast u lis-surmast tal-banda li jagħmlu sagrifiċċji matul is-sena kollha sabiex itellgħu materjal ġdid u innovattiv li jferraħ lil kull min jattendi għall-attivitajiet imsemmija. Inħeġġeġ ukoll lill-bandisti jattendu dejjem bi ħġarhom sabiex b'hekk il-livell tal-banda tagħna dejjem jibqa' jogħla.

Nestendi l-appell sabiex il-ġenituri jibagħtu lil uliedhom għat tagħlim tal-mużika fl-iskola tal-mużika tas-Soċjetà tagħna, tagħlim offrut b'xejn taħt it-tmexxija tas-Surmast Mro David Agius u l-Assistant Surmast Mro René Camilleri. Nikkonkludi dan il-messaġġ billi nħeġġeġ lil kulħadd jattendi għas-serata mużikali fl-10 ta' Awwissu, f'Jum il-Banda, fejn il-banda tagħna ser tkun qegħda tesegwixxi siltiet tal-widna u ferriħija fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Assunta. Grazzi wkoll tal-għajnuna kontinwa u l-kontribuzzjoni li dejjem tagħtu lill-banda tagħna f'ħidmietha matul is-sena kollha. Bħal dejjem, Viva l-Kbira Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V!



*Uħud mill-bandisti tal-post waqt teħid ta' ritratti mal-Unuri tas-Soċjetà*


Donazzjoni mis-Sur Henry Zaffarese


Charlie Cauchi - Għall-ħidma fil-Piroteknika


Preżentazzjoni lill-persuni li kienu strumentali sabiex il-proġett tal-25 anniversarju tas-Sezzjoni Żgħażagħ jiġi mwettaq


Donazzjoni minn Julia Farrugia Portelli


Chris Schembri Baldacchino - Bandist tas-sena


Mario Zammit - Attivist tas-sena 2018


Donazzjoni minn Wilfred Cassar f'isem il-Kap tal-Iskola


Donazzjoni ta' Klarinett mill-Onor. Ministru Dr Owen Bonnici


Donazzjoni minn Dr Stefan Zrinzo Azzopardi


Rene Camilleri - Preżentazzjoni ta' mużika li kkompona hu stess ad unur Carmel Zahra


Donazzjoni mis-Sur Owen Sciberras


Donazzjoni mis-Sur Jonathan Dingli


Nicholas Baldacchino - Apprezzament tal-ħidma fid-diska li tikkomemmora l-25 anniversarju tas-Sezzjoni Żgħażagħ


Roberta Mallia - Apprezzament tas-sehem tagħha b'mod volontarju permezz tal-vuċi tagħha


Preżentazzjoni lill-Mqabba FC tar-rebħ tagħhom tal-Youth League Section D


Preżentazzjoni ta' silta mużikali mis-Sezzjoni Żgħażagħ


Preżentazzjoni lill-Presidenti l-imgħoddija matul il-25 sena tas-Sezzjoni Żgħażagħ


Joseph Buttigieg - Għall-ħidma fil-Piroteknika


Donazzjoni mis-Sindku Dr Charlene Muscat


Donazzjoni minn Marie Grace Zerafa f'isem il-Kumitat Sezzjonali Partit Laburista


Donazzjoni minn Jonathan Dingli f'isem il-Kumitat Sezzjonali Partit Nazzjonalista


Donazzjoni minn Onor. Toni Bezzina


Donazzjoni minn Dr Herman Schiavone


Donazzjoni mill-Inġinier Stanley Zammit


Donazzjoni minn Doris Camilleri f'isem il-Kumitat tan-Nisa


Chris Spiteri - Għoxrin sena membru fil-Kumitat Eżekuttiv


Rene Camilleri - Apprezzament tal-ħidma fid-diska li tikkomemmora l-25 anniversarju tas-Sezzjoni Żgħażagħ


Preżentazzjoni lis-Sur Albert Marshall - Chairman Eżekuttiv tal-Kunsill Malti għall-Arti


Il-Familja Zahra tippreżenta l-konfratija ta' Carmel Zahra


Colin Schembri - Għall-ħidma fil-Piroteknika




# IVAN'S GARAGE

Siġġiewi Road, Qrendi   Tel: 2168 0006   Mob: 79704143
Email: ivans@maltanet.net







**Panel Beater & Sprayer • Repairs Insurance Claims**
**Available Underseal & Rustproofing**



## *Messaġġ mis-Sezzjoni Żgħażagħ*

# Festa Kompluta

**Jean Paul Muscat jelenka dwar il-ħidma kontinwa tas-Sezzjoni Żgħażagħ matul is-sena**

Kif jgħaddi ż-żmien! Qisu l-bieraħ li kont qiegħed nikteb l-ewwel artiklu tiegħi u minn dakinhar sal-lum għaddew tliet snin. Tliet snin li ser nibqa' niftakar għal ħajti kollha! Minn hawn nixtieq nirringrazzja lilkom il-partitarji tal-fiduċja li wrejtu fija u tal-konkorrenza f'kull attività li nagħmlu s-Sezzjoni Żgħażagħ.

Bl-istess mod nistgħu ngħidu fuq is-Sezzjoni Żgħażagħ, dan għax propju din is-sena daħlet fis-26 sena ta' storja tagħha. Ħolma żagħżugħa li matul is-snin kompliet tikber u tifjorixxi, sabiex illum wasalna u sibna postna fost is-sezzjonijiet żgħażagħ ewlenin f'pajjiżna, permezz ta' unuri u rekords li din is-Sezzjoni Żgħażagħ kisbet matul is-snin. Dan kollu seta' jsir grazzi għall-ammont kbir ta' żgħażagħ li matul dawn is-snin iddedikaw ħinhom u l-enerġija tagħhom sabiex dan kollu seta' jkun possibbli.



*Il-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija 2018 - 2019*



*Waħda mill-kmamar armata fl-attività Terrur fil-Kantina*



*Il-pubbliku fil-pjazza fl-attività Milied Imdawwal*



*Il-pjazza ta' quddiem il-Każin armata bid-dwal fl-attività Milied Imdawwal*

Nisthajjilkom issaqsu imma fiex jikkonsisti l-ħidma tas-Sezzjoni Żgħażagħ? Ovvjament l-ewwel ħsieb li jiġi f'moħħ kulħadd huwa l-marċ tat-Tielet Jum tat-Tridu, iżda wara dan ikun hemm ħafna xogħol u esperjenzi li aħna ż-żgħażagħ ngħaddu minnhom matul is-sena kollha. Ngħid esperjenzi bir-raġun, għaliex dawn huma mumenti li żgur ser nibqgħu ngħożżu għal għomorna kollu.

Ħafna żgħażagħ isibuha diffiċli biex jagħmlu l-pass u jkunu membri ta' din is-sezzjoni u nemmen li din il-biża' qegħda f'diversi rħula u nemmen li l-fatt prinċipali huwa għaliex trid ammont ta' ħin u ħidma sabiex tkun tista' tilħaq l-għanijiet tiegħek, u ħafna jaħsbu li dan jista' jkun ta' xkiel kemm għall-istudju kif ukoll għal ħin minn affarijiet oħra.

Biss ir-risposta tiegħi hi waħda ċara, dik li tipprova ssib bilanċ. Bħala sezzjoni normalment tifforma ruħha lejn l-aħħar ta' Settembru, u l-ħidma tibda minn hemm. Isiru diversi attivitajiet varji, biss l-ewlenin saru l-Milied Imdawwal u s-Semana Santa li magħha























*Is-Sala Marija Assunta armata bil-wirja La Semana Santa en España*

għal dawn l-aħħar tliet snin inkorporajna d-Dramm tal-Ġimgħa Mqaddsa b'temi kontemporanji. Minn hawn nixtieq nagħmel kuraġġ lil dawk iż-żgħażagħ b'mod speċjali lil dawk l-adolexxenti li forsi jarawha bi tqila biex jagħmlu l-pass u jifformaw parti mas-Sezzjoni Żgħażagħ minħabba forsi l-iskola u l-eżamijiet.

Minn hawn ninkoraġġikom li tagħmlu kuraġġ u tippruvaw din l-esperjenza speċjali għax tgħinkom tikbru u titgħallmu aktar kif tqassmu l-ħin. Forsi kif tisimgħu l-kelma xogħol tieħdu qatgħa għax fil-verità kulħadd jieħu gost joqgħod daqsxejn rilassat, biss però x-xogħol li nagħmlu jsarraf f'ħafna mumenti sbieħ ta' divertiment kif ukoll l-aktar importanti jsarraf fi ħbiberija vera u sinċiera.

Garanzija li nista' nagħti żgur hija li fi żmien il-festa s-sagrifiċċji kollha li tkun għamilt matul is-sena jissarrfu f'ferħ u sodisfazzjon meta tara r-riżultat ta' dak li tkun ippjanajt ma' sħabek isir realtà u jiġi milqugħ tant tajjeb min-nies li jkunu qegħdin igawdu l-festa. Għalhekk minn qalbi nixtieq nagħmlilkom kuraġġ u ma tiddejqu xejn tagħmlu l-pass u tidħlu membri fis-Sezzjoni Żgħażagħ.



*Uħud mill-membri distinti fil-ftuħ tal-wirja La Semana Santa en España*

Fil-bidu semmejt li għaddew 26 sena bi skop. Dan għamiltu għaliex hawn minn jaħseb li wara anniversarju prestiġjuż li flimkien iċċelebrajna b'mod grandjuż is-sena li għaddiet, fost l-oħrajn tpitter is-saqaf tal-intrata. Iżda dan vera ma kienx il-każ, kien propju fl-aħħar ta' Settembru fejn inħatar il-Kumitat taż-Żgħażagħ il-ġdid b'taħlita ta' membri ġodda, oħrajn li bqajna mis-sena li għaddiet kif ukoll membri li kienu fi snin qabel fil-kumitat, għal darb'oħra din it-taħlita tat żvolta u enerġija ġdida lil din is-sezzjoni fejn għal sena oħra għamilna sena mimlija attivitajiet ma jaqtgħu xejn u li ħdimna qatigħ sabiex il-festa ta' din is-sena tkun waħda memorabbli.

Qiegħed ngħid festa, għaliex bħalma sar is-sena li għaddiet fl-okkażjoni tal-anniversarju, iddeċidejna li noffru xi ħaġa f'kull jum tat-Tridu, bil-qofol jintlaħaq fit-Tielet Jum tat-Tridu. Nemmen li l-affarijiet li ħejjejna għalikom il-partitarji tagħna ser jintlaqgħu tajjeb ħafna. Din l-enerġija ser tissarraf fost l-oħrajn f'diska oriġinali ġdida li ser tiżżanżan propju għal festa ta' din is-sena kif ukoll b'diversi sorpriżi li ħejjejna għat-tlett ijiem tat-tridu, jiġifieri fil-11,12 u 13 ta' Awwissu. Ħdimna wkoll fuq sorpriża li ser tkun qegħda tintuża' fit-tielet jum tat-tridu fejn tajjeb ngħid li ħdimna fuqha l-membri kollha ta' din is-Sezzjoni.

Ma jonqosx ukoll li wara li jintemm il-marċ ta' filgħodu jkollna spettaklu tal-karti sinkronizzati mal-mużika għat-tielet sena konsekuttiva, biex hekk flimkien mal-fergħat kollha u l-Kumitat Eżekuttiv tassew nagħmlu 'Festa Kompluta', u propju din hi t-tema li aħna bħala Sezzjoni Żgħażagħ iddeċidejna li nużaw għal din il-Festa Titulari tas-sena 2019.

Fl-aħħar nett irrid nirringrazzja minn qiegħ qalbi lil sħabi kollha tal-kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ li ħdimna kantina u sirna qisna familja waħda, lill-ġenituri u l-familjari tagħna, lill-Kumitat Eżekuttiv tas-sapport u l-fiduċja li dejjem wera fina, lill-fergħat kollha tas-




*Mixgħela tax-xemgħat għall-ewwel darba fl-Imqabba*



*Xena waqt id-dramm kontemporanju maż-żminijiet tal-lum - Fejn hu Alla?!*



*Xena waqt id-dramm kontemporanju maż-żminijiet tal-lum - Fejn hu Alla?!*

Soċjetà li dejjem naħdmu flimkien sabiex inkomplu ngħollu isem din is-Soċjetà u l-aħħar u mhux l-inqas lilkom tal-għajnuna kollha li nsibu b'mod speċjali meta tattendu l-attivitajiet li aħna nagħmlu għalikom, għax jekk ma tkunx l-għajnuna tagħkom żgur ma nkunux nistgħu ntellgħu festa hekk kbira u devota lil Ommna u Patruna ta' raħalna.

VIVA DEJJEM SANTA MARIJA!



*Il-Ġimgħa Marjana 2019*




LONDONER PUB

**THE LONDONER PUB**
Smart City®, Ricasoli, Malta.
T. (+356) 21 801567
info@thelondonerpubs.com.mt
**www.thelondonerpubs.com.mt**

The Londoner British Pub



Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija Mqabba
tippreżenta
Spettakolari
Mużika
Originali
Uniċi
Nar
Dawl
Il-Marċ tat-Tielet Tridu
Mill-10:00p.m. 'il Quddiem
@santamarija
www.facebook.com/santamarija
www.santamarija.com
Santa Marija Mqabba

# Alessio's Old Cottage

**Triq il-Parroċċa, Mqabba Tel: 2168 3292**

**Sub-Post Office u Ġbir ta' Parcels**

**Ħinijiet tal-ftuħ:**

**Mit-Tnejn sas-Sibt:**
***7.30am - 12.00pm***
***4.30pm - 7.00pm***

**Ħdud u Festi:**
***6.30am - 12.00pm***

*Issibu dak kollu li teħtieġu:*
*Kartolini, affarijiet tal-iskola, rigali,*
*kotba, żraben u ħwejjeġ għal kull età,*
*affarijiet ta' Hi-Fi kif ukoll*
*uniformijiet tal-iskola San Benedittu,*
*ġbid ta' ritratti tal-passaporti*
*u joffri servizz ta' Queens dry cleaning*




# Briffa Landscaping

Kirsten Briffa

***Automatic Drip Irrigation Systems***
***Turf Maintenance & All Your Gardening Needs***

*Mob: 9946 9580*
*E-mail: kbriffa783@gmail.com*

# L-unur Wirt Artistiku 2019



Il-Premju tal-unur Wirt Artistiku 2019

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba flimkien mal-Għaqda tan-Nar Santa Marija nhar it-Tlieta, 16 ta' April 2019 ġiet mogħnija bl-unur Wirt Artistiku 2019 mill-Kunsill Malti għall-Arti. Id-delegazzjoni kienet komposta mill-President tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V Carlo Sciberras u d-detentur tal-Kamra tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba Josef Camilleri flimkien ma membri oħra mis-Soċjetà. Huma rċevew dan l-unur waqt is-serata finali "Premju għall-Arti 2019" li saret ġewwa t-Teatru Manoel fil-preżenza tal-ET Dr. George Vella President ta' Malta u li fih ġew ippremjati l-aqwa talenti lokali fl-isfera tal-Arti.




Is-sur Josef Camilleri u s-sur Carlo Sciberras waqt is-serata Premju għall-Arti 2019

L-Għaqda tan-nar tas-Soċjetà Santa Marija tal-Imqabba sa mill-bidu tas-seklu 20 kienet diġà stabilixxiet lilha nnifisha f'Malta bħala waħda mill-ewlenin għal kwantità u kwalità ta' nar kif ukoll għall-diversi elementi ġodda li raw il-bidu tagħhom minn ġewwa din l-għaqda; fin-Nar tal-Ajru kif ukoll fin-Nar tal-Art.

Dan l-unur jiżdied mal-lista ta' unuri Nazzjonali u Internazzjonali mirbuħa minn din is-Soċjetà matul is-snin fosthom l-ewwel post fil-Festival Internazzjonali tan-Nar tal-Ajru fil-Port il-Kbir fl-2006, ir-rebħ tal-Kampjonat Dinji tal-Logħob tan-Nar tal-ajru 'Caput Lucis' ġewwa Ruma fl-2007, l-ewwel Post fil-Kompetizzjoni Nazzjonali tan-Nar tal-Art Mekkanizzat ġewwa l-Furjana fl-2010. Unuri oħra bħal ma huma l-Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti fl-2013 permezz ta' Raddiena Tri Dimensjonali, l-unur 'Les Etoile d'Or du Jumellage' mogħti mill-Kummissjoni Ewropeja fl-1998, rebħ darbtejn tal-Kompetizzjoni Nazzjonali tal-Presepju Ħaj kif ukoll il-premju għall-isbaħ faċċata tal-Każini fi żminijiet tal-Milied. Dawn l-unuri miġjuba minn din is-Soċjetà huma frott ta' ħidma bla waqfien matul is-snin mis-soċji u l-partitarji tagħha fl-oqsma tal-armar, il-mużika, iċ-ċelebrazzjonijiet festivi u diversi attivitajiet kulturali matul is-sena bil-għan li l-isem tas-Soċjetà, l-Imqabba u Malta jkunu dejjem fil-quċċata tal-isfera Artistika u Kulturali. Il-ħidma kollha f'dawn id-diversi forom jilħqu l-qofol fil-Festa Titulari ta' Santa Marija fl-Imqabba.



Il-marċ taċ-ċelebrazzjoni tal-unur Wirt Artistiku 2019

Dan l-unur ġie ċċelebrat nhar il-Ħadd 28 ta' April 2019 permezz ta' marċ madwar it-toroq prinċipali tar-raħal tal-Imqabba bis-sehem tal-Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba kif ukoll permezz ta' opportunità li l-pubbliku seta' jieħu ritratt mal-Unuri kollha tas-Soċjetà.

Dan l-unur huwa ddedikat lil mijiet ta' persuni li tant ħadmu matul iż-żmien u li qegħdin jkomplu jaħdmu sabiex isem is-Soċjetà jkompli jiddistingwi ruħu fil-quċċata tal-isfera Artistika u Kulturali Nazzjonali.



L-unuri tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V


OWEN
BONNICI
MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA,
KULTURA U GVERN LOKALI
IL-FESTA
T-TAJBA
/bonniciowen
@owenbonnici
/bonnicio
2180 2000
www.owenbonnici.com


Darren's Butcher
Darren's Butcher tal-Imġarr
Triq Rokku Buhagiar
Il-Qrendi, Malta
99 459 243
Monday 7am-1pm 3pm-7pm
Tuesday closed 3pm-7pm
Wednesday 7am-1pm closed
Thursday 7am-1pm 3pm-7pm
Friday 7am-1pm 3pm-7pm
Saturday 7am-5pm
Sunday 8am-12am


Daily Needs
Misraħ il-Fidwa, Mqabba (ħdejn il-bandli)
Tel: 2164 7381
All you need in one stop shop
Free delivery
Great choices on delicatessen, beverages,
wines, detergents, etc.

# CHEYENNE
AUTO MECHANIC GARAGE

**REPAIRS ON ALL TYPES OF CARS • TURBO FITTING • FULL CAR SERVICING • PRE TEST FOR VRT • REPLACEMENT OF PETROL ENGINE TO DIESEL • BATTERIES**

**Christian Mifsud**
Owner

1, Sejba Road, Mqabba ZRQ 09
Tel: 21 640684 • Mob: 79 444 420



# C TRONICS
Blue Grotto Avenue Zurrieq

Opening Hrs
Mon-Fri 4.00 Pm—7.00 Pm
Sat 9.00 Am—12.00 Pm
For appointments Call on
T: 21642744 M: 79478259



Major Notebook Brands for Sale

lenovo

hp

ASUS



Computer Upgrades starting from € 200.00
Computer systems starting from € 325.00
All in One Printer Starting from € 69.00
Notebooks Starting from € 325.00

Internet Problem @ home.
We have a solution







Computer Repairs & Formats
Notebook Repairs & Formats
Printer Repairs
Tablet & Mobile repairs
Data Back-up

Watch TV over internet

Summer heat Is Coming.
Prevent your Notebook damage from Overheating.

*Messaġġ mill-Għaqda tal-Armar*

# Ir-restawr jagħti l-ħajja lura u joħroġ is-sbuħija tal-armar li ħallewlna missirijietna

Ian Camilleri, f'isem l-Għaqda Armar Santa Marija jagħti rendikont tax-xogħol kollu li sar matul din is-sena.

Għeżież soċji u partitarji, ser nibda dan l-artiklu tiegħi bil-kelma GRAZZI lil dawk kollha li taw daqqa t'id fil-maltemp mhux f'loku li għamel fil-ġimgħa tal-festa tas-sena l-oħra. Dakinhar fi ftit ħin, inġbarna grupp imdaqqas ta' partitarji, min jgħatti l-istatwi u min iżarma. Nista' ngħidilkom li ma kienet xena xejn sabiħa. Kull dilettant tal-armar li laqqat xi maltempata jaf x'qiegħed ngħid.

Hekk kif intemmet il-festa u beda jiddaħħal l-armar lura fl-imħażen stajna nibdew nanalizzaw xi ħsarat ġarrabna. L-aktar armar li ntlaqat ħażin kien dak l-aktar antik. Bħal ngħidu aħna l-istatwi tal-appostli, il-pedestall il-kbir, l-istatwi ta' miegħu u l-anġli li nsibu fi Triq il-Parroċċa, flimkien mal-pedestalli tagħhom. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lis-Sur Franky Azzopardi u l-familja Briffa li laqgħu l-istatwi fil-proprjetà tagħhom sakemm għadda l-maltemp.

**Restawr tal-istatwi**

Wara li għall-festa tas-sena l-oħra l-artist Imqabbi Rosario Zammit, irrestawralna waħda mis-slaten (Ester) li tintrama mal-Pedestall il-Kbir u l-istatwa ta' Sant'Anna, din is-sena tajna spinta akbar biex inkomplu nirrestawraw ferm aktar statwi. Bejn il-maltemp li għamel kif ukoll bejn iż-żmien li dawn l-istatwi ilhom ma jaraw żebgħa ġdida fuqhom inħass li kellna nżidu l-ammont ta' statwi għar-restawr.

Għalhekk din is-sena ser inkunu nistgħu ngawdu minn restawr ta' tliet appostli – San Tumas, San Ġuda Taddew u San Mattija. Magħhom ser ikollna wkoll restawr ta' San Ġwakkin, Sultana minn fost l-erba' li nsibu mal-Pedestall il-Kbir u wieħed mill-anġli ta' Triq il-Parroċċa. Apparti r-restawr ser inkomplu



*L-istatwa rrestawrata ta' Sant' Anna*



*L-istatwa rrestawratha ta' Esther*







DOS AVÓS

DOS AVÓS,
TRIQ SAN BAŻILJU, MQABBA

BOOK YOUR TABLE ON 21681131 / 99680942

OR MESSAGE US ON FACEBOOK: DOS AVÓS



It-tliet appostli rrestawrati – San Tumas, San Ġuda Taddew u San Mattija



L-iskultura li tifforma parti minn pedestall

ninvestu f'raġġieri ġodda għal dawn l-appostli, xogħol ta' Twanny Zammit. Dan ir-restawr juri kemm aħna għandna għall-qalbna dak li ħallewlna missirijietna.

## Pedestalli fi Triq il-Parroċċa

Kull dilettant li jiġi jżur raħalna fil-ġimgħa tal-festa ma jonqosx li jittawwal fi Triq il-Parroċċa, li minbarra li hi waħda minn fost l-isbaħ toroq li nsibu fl-Imqabba, tkun mimlija b'armar antik u mill-isbaħ. Kienet ilha tinħass il-ħtieġa li jsir restawr fuq il-pedestalli tal-anġli li nsibu f'din it-triq. Għalhekk jiena flimkien mas-Sur Antoine Abdilla tajna importanza kbira biex nibdew inqaxxru kull saff żebgħa li kellhom u nirranġaw fejn kien meħtieġ.



Wieħed mill-pedestalli wara li tqaxxret miż-żebgħa



Waħda mill-bażi li jitpoġġew fuq il-pedestalli taħt l-istatwi wara li tqaxxret miż-żebgħa

Nista' ngħidilkom li mhix ħaġa faċli li tirrestawra pedestalli li għandhom 'l fuq minn 95 sena. Apparti t-tqaxxir taż-żebgħa, jiena ħadt l-inkarigu li nżarmalhom l-iskultura kollha fejn naddaftha u xkatlajtha biex nistgħu ngħidu hekk reġgħet ġiet għall-istat oriġinali tagħha. Sibt skultura maqsuma kaġun ta' msiemer imsaddin u anke skultura li bdiet iddur għaliha s-susa. Ħadt ħsieb li nitratta kull parti mill-pedestall kontra kull tip ta' insett u susa biex nipproteġi l-injama.



Wieħed mill-pedestalli wara li ingħata ż-żebgħa undercoat

Għal din il-festa wieħed ser ikun jista' jgawdi u jammira aktar fil-fond id-disinn ta' dawn il-pedestalli u l-iskultura li fihom. Din is-sena ser tkunu tistgħu tapprezzaw ix-xogħol li sar. Is-sena d-dieħla apparti li ser inkomplu fuq ir-restawr ta' aktar minn dawn il-pedestalli, ser nibdew ninduraw l-iskultura u niżbgħu l-pedestalli kif inhu xieraq.

## Pavaljuni fi Triq il-Parroċċa

Kif diġà spjegajt qabel, din is-sena ħarisna b'mod speċjali lejn Triq il-Parroċċa fejn apparti r-restawr tal-pedestalli u l-anġli, ħassejna l-bżonn li nagħmlu disinn ġdid ta' sett pavaljuni. Din it-triq tixraq li jkollha l-ifjen armar u għalhekk avviċinajna lil wieħed mill-aħjar diżinjaturi li hawn Malta biex jagħmlilna disinn xieraq.

Silvio Pace li minn fommu stess ħarġu l-kliem "l-isbaħ triq għall-armar", ħadem fuq disinn prattiku iżda sabiħ ferm u li żewwiġna fih l-idea li kellhom il-pavaljuni passati dik tal-armi tal-irħula ta' Malta u Għawdex fejn nsibu l-festa ta' Santa Marija.

Fuq dan il-proġett ħdimna bil-għaqal biex fi żmien ta' ftit xhur stajna nlestu pavaljun lest minn kollox inkluż l-isfumar. Bħala tfassil ħdimna fuqu jiena flimkien mas-Sur Antoine Abdilla u bħala ħjata ħallejna f'idejn il-mara tiegħi Daniela Camilleri. Għall-isfumar bħalma


MAYPOLE
since 1900
White
Sliced Bread
100% Natural
No Preservatives
Wholemeal
Sliced Bread
100% Natural
No Preservatives
Source of Fiber
100% NATURAL
NO PRESERVATIVES
93, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Mqabba
6.00am till 9.00pm
+356 22 581 564


TA' MANWEL FARMHOUSE
NADUR, GOZO
a perfect place for a relaxing & peaceful holiday
Mob: 7924 0971
fb: taManwel05



*Żewġ pumi indurati bid-deheb.*

għamilna fi proġetti oħra ħallejna f'idejn l-artist bravu Ryan Stivala li x-xogħol professjonali tiegħu kompla jibni relazzjoni tajba mal-Għaqda tal-Armar tagħna.

Mal-ewwel pavaljun li ser inkunu qegħdin ingawdu din is-sena, wieħed ser ikun jista' jinnota żewġ pumi indurati bid-deheb. Dawn ġew immodifikati min-naħa tiegħi u ndurati mis-Sinjura Alison Falzon. Ma nistax nonqos



*Indurar tal-plakek tal-ismijiet tal-appostli*



*Il-labardi tal-arbli indurati mis-Sinjura Falzon*

li nirringrazzja lis-Sinjura Falzon għax-xogħol professjonali tagħha fejn jidħol indurar. Dan hekk kif apparti l-pumi, indurat ukoll il-plakek tal-ismijiet tal-appostli li rrestawrajna u xi ġummiemi tal-pavaljuni.

Ix-xogħol tal-indurar ser jispikka fix-xogħol ta' paċenzja u dedikazzjoni li s-Sinjura Falzon ħadet biex indurat il-labardi tal-arbli li jintramaw fil-pjazza ewlenija tal-Imqabba. Dawn ser ikomplu jagħtu dehra ferm aktar rikka.

## Makkinarju ġdid għall-armar

Fl-artiklu tiegħi tas-sena l-oħra kont għedt li l-Għaqda tal-Armar flimkien mal-Kumitat Eżekuttiv ħassew il-bżonn li jinxtara *fork lifter* aktar modern minn dak li diġà kellna. Biex jikkumplimenta dan il-makkinarju s-Sur Ludwig Micallef ħa ħsieb jibni struttura tal-ħadid li inżebgħet mis-Sezzjoni Żgħażagħ.




*Il-Fork Lifter li nxtara*

Dan għen mhux ftit biex stajna ntejbu s-sigurtà waqt li jkun qiegħed isir l-armar u ż-żarmar tat-toroq. Dan seta' jseħħ biss grazzi għad-donazzjonijiet tagħkom is-soċji u l-partitarji. Din is-sena wkoll saret manutenzjoni mekkanika estensiva fuq il-*fork lifter* l-antik mis-Sur Matthew Formosa, li minn qalbna nirringrazzjawh.

## Il-Pedestall il-Kbir

Fil-festa li għaddiet wieħed seta' jinnota li s-sett ta' gastri li jdawwlu l-Pedestall il-Kbir inbidlu biex bdew jagħtu ferm aktar dawl u dehra mill-isbaħ. Il-bażi ta' dawn il-gastri nħadmet minn Michael Ghigo filwaqt li l-weraq inħadmu mil-Landier Twanny Zammit. Hekk komplejna nsebbħu din l-opra li hi ferm għal qalbna.



*Il-bażijiet ma' fejn ser jeħlu l-weraq*

## Tmiem il-proġett tal-anġli ta' maz-zuntier

Il-proġett ta' erba' anġli li nsibu mad-dawra taz-zuntier ġie fi tmiemu s-sena l-oħra hekk kif l-artist Għawdxi Michael Cutajar Zahra għaddielna r-raba' u l-aħħar statwa biex b'hekk temmejna proġett ieħor u li jista' jitgawda minn kulħadd. Ir-raba' statwa ġiet

# Id-dar tiegħi mgħarrqa



**Moħħi mistrieħ!**
**Ħadu ħsieb kollox**

GasanMamo
INSURANCE
*Ngħinuk dejjem*

96% tal-klijenti ta' GasanMamo huma sodisfatti

**Ħal Safi**
**Joseph Busuttil - Tied Insurance Intermediary**
**61, Żurrieq Road**
T: +356 2168 2095, 2768 2095

insurance@gasanmamo.com

GASANMAMO INSURANCE IS AUTHORISED BY THE MFSA | **GASANMAMO.COM**
SOURCE: INTERNAL DATA (2018)

mħallsa mill-partitarju Philip Ellul (Ta' Katrinu).

### Triq Karmenu Ciantar

Fil-bidu ta' din it-triq wieħed seta' jinnota arblu ġdid u ferm itwal minn dak li kien hemm qabel. Dan l-arblu ma setax ikun possibbli mingħajr l-għajnuna tal-kumpanija Elbros flimkien ma' Michael Ghigo li ħadu ħsieb li jiwweldjaw il-pajpijiet u titħaffer ħofra aktar fonda.

Ħajr ukoll lil Raymond Vella tal-inizjattiva u lil kull min ta d-donazzjoni tiegħu kif ukoll lill-Kumitat Eżekuttiv tal-koordinament ġenerali ta' dan il-proġett li ttella' proprju fit-28 ta' Lulju minn grupp sabiħ ta' partitarji taħt it-tmexxijja tas-Sur Ludvig Micallef, li min hawn nirringrazzjawh tal-għajnuna li nsibu mingħandu f'dak li għandu x'jaqsam mal-armar.



*Ir-raba anġlu ta' madwar iz-zuntier*



*L-arblu l-ġdid fi Triq Karmenu Ciantar*

Is-Sezzjoni Żgħażagħ immexxija mill-President Jean-Paul Muscat ħadet ħsieb tiżbogħ l-arblu. Min-naħa tagħhom is-Sinjuri Edward Galea u s-Sinjura Rose Briffa ħadu ħsieb li jagħmlu l-fistun u l-bandiera għal mal-arblu l-ġdid.

### Statwa Santa Marija tal-Mentna

L-istatwa ta' Santa Marija tal-Mentna ġiet imsebbħa wkoll permezz ta' żewġ arbli li proprju s-sena l-oħra rajna l-bnadar ta' Malta, tal-Papa u l-Imqabba u fil-ġranet tal-Festa żanżanna żewġt ibnadar bil-pitturi, 'Nome di Maria' u l-emblema tas-Soċjetà, fuq disinn u xogħol artistiku ta' Patrick Ghigo u ħjata ta' Rose Briffa.

### Fistuni u liedna ġdida

Matul din is-sena s-Sur Ivan Falzon ħa ħsieb li jaħdem fistuni ġodda għal diversi toroq fosthom Triq San Bażilju u l-isqaqien tal-madwar. Is-Sur Saviour Buttigieg ħadem ukoll fuq fistuni ġodda għall-*by-*



*L-istatwa ta' Santa Marija tal-Mentna u ż-żewġt arbli bil-bnadar magħhom*

*pass*. Rigward il-liedna nixtieq nirringrazzja lis-Sur Raymond Vella li ħadem ammont konsiderevoli ta' liedna għall-*by-pass* u toroq oħrajn. Flimkien miegħu wieħed ma jistax jinsa lis-Sinjuri Emanuel u Roderick Pace li wkoll ħadmu liedna ħadra li ser tintuża fil-Pjazza, fi Triq San Katerina, fi Triq il-Parroċċa u fi Triq id-Duluri.



*Raymond Vella u l-liedna li ħadem matul din is-sena*

Finalment nixtieq nirringrazzja lil kull min jagħti sehmu fl-armar u ż-żarmar taħt it-tmexxija għaqlija tas-Sur Alex Falzon li jieħdu ħsieb jarmaw u jżarmaw it-toroq kollha tal-Imqabba. Dan ma jistax ikun possibbli mingħajr l-għajnuna tal-isponsors prinċipali li huma Elbros Construction Ltd, Zahra Group u Polidano Group li dejjem tawna l-appoġġ tagħhom kull meta kellna bżonn, b'mod speċjali fl-użu tal-makkinarji biex ingorru l-armar.

Żgur li meta wieħed jara u japprezza l-evoluzzjoni tant rikka fil-qasam tal-armar fil-festa tagħna, żgur li jiġih f'moħħu l-ħidma kollettiva ta' tant persuni taħt it-tmexxija għaqlija tas-Sur Mario Camilleri matul iż-żminijiet li b'mod kollettiv poġġew lill-Festa Titulari ta' Santa Marija fl-Imqabba bħala waħda mill-festi ewlenin f'pajjiżna fil-qasam tal-armar.

Nagħlaq billi nirringrazzja lil kull min qiegħed jagħti l-għajnuna kemm manwali kif ukoll finanzjarja biex l-għaqda tal-armar tkompli tissaħħaħ.

Viva Santa Marija!










BOV CARDS

YOUR CARD
**YOUR EXPERIENCES**

Shop with your BOV Contactless Cards and make the most out of your experience. Just tap and go – fast and easy payments for all your purchases.

BOV
Bank of Valletta

More information is available from **www.bov.com** or contact **2131 2020**.

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

COM 2094



*Messaġġ mill-Għaqda tan-Nar*

# L-Arti tal-Piroteknika

**Is-Sur Josef Camilleri, *Licensee*, jagħti ħarsa lejn is-sena preċedenti u l-ħidma kbira li saret matul din is-sena għall-festa**



Għeżież Soċji, Partitarji u Benefatturi,

Għaddiet sena oħra mimlija ħidma u sagrifiċċji u għalhekk l-ewwel ħaġa li nixtieq nagħmel hija li nirringrazzja lill-membri kollha u l-familji tagħhom fi ħdan l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba tas-sagrifiċċji kbar li jagħmlu biex għal darb'oħra fis-sena 2018 reġgħu għamlu unur kbir lill-Għaqda tan-Nar li aħna tant ngħożżu. Bħalma kulħadd jaf, is-sena 2018 kienet suċċess kbir fejn dan is-sagrifiċċju kollu ssarraf f'sodisfazzjon kbir fis-sena 2019 minħabba li l-Għaqda tagħna rebħet l-unur tal-Wirt Artistiku 2019.

Kull sena, bħalma tafu, dejjem ikun fiha t-tlajja' u l-inżul tagħha però bid-dedikazzjoni ta' kulħadd dejjem tasal għal dak li tkun tixtieq. Għal sena oħra l-Għaqda tan-Nar Santa Marija qed tħejji programm varjat ta' nar biex bħal kull sena tferraħ lill-poplu Malti u Għawdxi kollu flimkien mal-ħafna turisti li jiġu f'pajjiżna ta' kull sena biex jitpaxxew bin-nar Malti li huwa arti li ma jirbaħlu ħadd. Il-pirotekniċi Maltin urew dan kollu bil-fatti meta għal darb'oħra l-Festival Internazzjonali tan-Nar Malti ntrebaħ mill-Kamra tan-Nar 25 ta' Novembru taż-Żejtun u għalhekk nixtieq nifirħilhom tal-unur li rebħu kemm għalihom kif ukoll għal pajjiżna.

Il-pirotekniċi Maltin u Għawdxin huma kapaċissimi fejn jien nikkumparahom mal-aqwa kompożituri fid-dinja peress li dak li jikkomponu jsarrfuh f'pittura fis-sema. L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba din is-sena reġa' kellha suċċessi oħra sew bis-sehem piroetkniku tagħha fil-"Gozo Alive" fix-Xewkija u anke bis-sehem tagħha fil-festa ta' San Pawl fil-Munxar, Għawdex. Il-membri ħabrieka tal-Għaqda tagħna b'tant sagrifiċċji ser jerġa' jkollhom nar għall-festa ta' San Ġwann il-Battista ġewwa x-Xewkija Għawdex, għall-festa tal-Madonna tas-Sokkors ġewwa Kerċem, Għawdex u għall-festa ta' San Ġorġ ġewwa r-Rabat, Għawdex. Wara dawn kollha, l-Għaqda għandha aktar nar għall-festa ta' Stella Maris f'Tas-Sliema.

Għaldaqstant l-għaqda tan-nar tagħna qed tħejji wkoll programm ta' nar varjat għall-festa tal-Patruna tagħna Santa Marija ġewwa l-Imqabba u b'hekk inħeġġu lill-poplu Malti u Għawdxi kollu biex fil-ġimgħa tal-festa jattendu għan-nar u għall-ispettakli kbar li għandna mħejjija għal din is-sena. Matul il-ġimgħa tal-festa, kif mistenni, għandha tispikka l-aktar il-ħarqa ta' lejliet il-festa li tkun sinkronizzata mal-mużika u żgur li bħalma dejjem għamilna, dejjem nippreżentaw xi sorpriżi ġodda. Minbarra dan, l-għaqda tagħna ilha għall-dawn l-aħħar tnejn u għoxrin sena tipprepara dawn it-tip ta' xows filwaqt li kienet l-ewwel għaqda li bdiet taħraq in-nar sinkronizzat mal-mużika.

Din is-sena ser jerġa' jkun hemm ħruq ta' nar tal-bomba, murtaletti, blalen u sfejjer, murtali tal-beraq pront u tal-kulur. Għal darb'oħra, waqt it-translazzjoni ser jinħarqu settijiet ta' murtali bil-logħob li l-għaqda tagħna tant saret rinomata għalihom. Waqt ix-xow sinkronizzat mal-mużika ser jinħaraq ukoll xogħol tradizzjonali Malti bħal blalen, sfejjer, beraq pront, murtali tal-kulur, eċċ. Wara dan kollu ser jerġa' jkun



*Il-membri tal-Għaqda tan-Nar ġewwa l-knisja*



*Diversi settijiet ta' murtali waqt il-proċess ta' tnixxif*

# dee's ™

## pizzeria & takeaway

**OPENING HOURS**

Mondays Closed

Tuesdays - Fridays:
*5:00pm till late*

Saturdays:
*4:00pm till late*

Sundays:
*4:00pm till late*

**Tel: 21680200**

**Mob: 79680200**

**17, Triq Dun Guzepp Zammit, Zurrieq**

Special Offer
1.5 Litre Coca Cola with every €25 spent

Find us on: facebook®

**FREE delivery**
Terms and conditions apply

**We also deliver to workplaces, factories, offices, etc...**
**(both lunchtime and evening)**




**www.dees-pizzeria.com**



*Uħud min-nar preparat għall-waqt l-ispettaklu Fireworks Spectacular*

hemm nar tal-art mekkanizzat li l-ħaddiema tal-għaqda tagħna jagħmlu b'tant sagrifiċċji biex dan l-ispettaklu jpaxxi lil kull min jattendi għalih. In-nar ukoll ikompli fil-ġurnata tal-Għid tal-Assunta fejn ser ikun hemm settijiet ta' murtali bil-logħob, sfejjer bil-logħob, beraq pront u murtali tal-kulur biex nagħtu tislima xierqa lill-wisq għażiża Ommna, Marija Santissima.

Irrid nirringrazzja mill-ġdid lill-membri tal-għaqda u l-familji tagħna għas-sagrifiċċji kbar li jkollhom jagħmlu, speċjalment li b'passjoni kbira għall-festa tal-Assunta, dawn jagħtu saħħithom u ħilithom biex iferrħu lil kulħadd. Irrid nirringrazzja wkoll lill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv, li meta ħabbatnilhom il-bieb dejjem sibnihom ta' spalla għalina. Irrid nirringrazzja min qalbi wkoll lill-Kumitati kollha fi ħdan is-Soċjetà tagħna. Nirringrazzja wkoll lis-surmast, bandisti, soċji u lill-partitarji kollha tal-għajnuna kbira li dejjem sibna mingħandhom. Nirringrazzja wkoll lill-Kappillan tagħna, Dun John Curmi, u lill-kleru kollu. Ngħid grazzi bil-quddiem lil dawk il-Maltin u l-Għawdxin kollha li ta' kull sena jiġu jżuruna u nirringrazzjawhom ukoll tal-kontributi finanzjarji tagħhom f'lejliet il-festa.

Għeżież partitarji, l-għaqda tan-nar tagħna ma tistax tinsa li tirringrazzja mill-qalb lill-benefatturi kbar tagħha, is-Sur Wenzu Ellul, u lil ħutu kollha magħrufin bħala tal-Elbros u lis-Sur Joe Zahra u t-tfal tiegħu tal-għajnuna kbira li dejjem sibna mingħandhom kull meta tlabnihielhom. Nirringrazzja lil dawk kollha li jagħtu l-għajnuna tagħhom fil-Kamra tan-Nar u nirringrazzja wkoll lill-benefatturi kollha tas-Soċjetà. Ma' dawn irrid nirringrazzja wkoll lill-Assistent Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Sandro Gatt, lis-Supretendent, is-Sur Josric Mifsud, u l-membri kollha tal-korp tal-pulizija li dejjem sibna għajnuna kbira mingħandhom. Nirringrazzja wkoll lis-sidien tar-raba' kollha li jħalluna nużaw il-propjetajiet tagħhom matul il-ġimgħa tal-festa. Nispera li ma nsejt lil ħadd fir-ringrazzjamenti tiegħi u jekk sar hekk, żgur li mhux b'intenzjoni u niskuża ruħi bil-quddiem.

Jien, bħala detentur tal-Kamra tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba, f'isem l-Għaqda tan-Nar nirringrazzja lis-Sur Benny Dingli, il-licensee tal-Kamra tan-Nar Madonna tal-Ġilju u lil sħabu kollha ta' din l-istess għaqda tal-ħbiberija sinċiera u tal-kooperazzjoni bejn iż-żewġ għaqdiet. Nawgura li din il-ħbiberija ta' bejnietna nkomplu nsaħħuha ħalli nuru li aħna lkoll aħwa Mqabbin. Jalla l-Madonna żżomm idejha fuqna, aħna li naħdmu n-nar u tħarisna minn kull tiġrib, lilna u lill-familjari tagħna.

Għeżież soċji u partitarji, nħeġġiġkom biex fil-jiem tal-festa ma ninsewx lill-Patruna tagħna, Santa Marija, li għandna ġewwa l-Knisja, u mmorru nitolbuha l-għajnuna tagħha biex dejjem tħarisna. Nappella lil kulħadd, li bħalma dejjem għamilna, nieħdu pjaċir flimkien mingħajr ma nweġġgħu lil ħadd u niftakru li aħna lkoll aħwa Mqabbin. Grazzi mill-qalb għażiża Ommna Marija, aħna lilek nħobbuk, dejjem żommna taħt mantarek u ħarisna min kull dnub. Grazzi Santa Marija, il-Patruna universali. Bħalma dejjem nagħmel bħala President tal-Għaqda Piroteknika Maltija, inħeġġeġ lill-festi Maltin u Għawdxin kollha biex nimxu mar-regolamenti u nosservaw il-liġijiet kollha ħalli b'dak li nagħmlu nagħtu pjaċir lil kull min iħobb din l-arti. Nawgura l-festi t-tajba lill-Maltin u l-Għawdxin kollha. Grazzi lil kulħadd.

***

L-Għaqda tan-nar Santa Marija tal-Imqabba tirringrazzja mill-qalb lil kull membru fi ħdanha tas-servizz kbir li jagħtu b'tant dedikazzjoni u mħabba b'risq l-istess għaqda u għall-festa tal-Patruna tagħna Santa Marija u b'risq is-Soċjetà tagħna li tant ngħożżu.



























SUPPLY
& INSTALLATION
OF ALL KINDS OF
SOFFITS
& GYPSUM BOARDS



# Mineral Fibre Soffits



## Demountable Partitions



## Bulkheads and all kind of ceilings

## Gypsum Partitions



**Xuereb Installations Ltd.**

Tal-Hlas Road, Qormi

T: 21 495 799 - 21 495 972 - 21 495 836 - 21 495 792 - F: 21 495 834

E-mail: xil@xuerebinstall.com Website: www.xuerebinstall.com


ST. MARY FIREWORKS MQABBA - MALTA
presents
FIREWORKS SPECTACULAR
featuring the Tower of Light
14TH AUGUST
9:30PM
MQABBA BY-PASS
St Mary
FIREWORKS FACTORY
Mqabba
Malta




# Private Functions ...

If it is Baptism, Birthday, Anniversary, Reunion, Hens, Bachelors, Graduation, Staff, Baby Showers, Private Functions or a Retirement party, whether a sit down meal or astand up reception, we do it for you

Ask management for more details ...





**Step in plus**
RESTAURANT • BAR • LOUNGE

Wied iz-Zurrieq • Blue Grotto • Malta
T +356 2168 3104 • 9944 2084
Stepin Dine & Drink
www.stepinmalta.com


Open DAILY
06:00hrs - 22:00hrs
Try our New Outlet
at Vjal ix-Xarolla, Żurrieq
Step 'n' Shop
all your DAILY NEEDS
• Free Bottle of STEP IN WINE with a purchase of over €60
• €10 Voucher from Step In Restaurants with a purchase of over €100 Terms & Conditions Apply.
Step 'n' Shop • Żurrieq Centre • Żurrieq
T + 356 2168 1190 • M + 356 9944 2084
Step 'n' Shop • Vjal ix-Xarolla • Żurrieq
T + 356 2768 0008
NOW OPEN





**Jesmond Mangion**

Xogħol fil-*fibreglass,*
Restawr ta' statwi,
Induratura bil-boll
u sgraffiar,
Irħamar,
Mudellatura fit-tafal,
Labardi għall-
antarjoli eċċ.
Mob: 79060725







*Mill-Imħażen tan-Nar tal-Art*

# Nar tal-Art li jkompli jsebbaħ il-festa

**Johann Tonna, f'isem l-Għaqda tan-Nar tal-Art jikteb dwar il-preparamenti li saru minn din l-għaqda matul din is-sena**

Iż-żmien itir, u bil-għajnuna ta' Alla u tal-kbira Ommna l-Assunta erġajna wasalna biex niċċelebraw festa oħra ad unur Ommna Marija Santissima, u b'hekk inwettqu dak li tant ħlomna u ħdimna għalih matul din is-sena!

Bħalma kulħadd jaf, il-logħob tan-nar jirrikjedi ħafna xogħol u preparamenti, speċjalment dak tal-art, li jirrikjedi manutenzjoni kontinwa fejn jidħlu l-armaturi u mekkaniżmu. Xogħol ta' injam, ħadid u żebgħa, sabiex jagħti dehra isbaħ u x-xogħol ikun aktar pulit u attrajenti għal min jiġi jżurna.



*Ix-xogħol li sar fuq sett ċrieki*

Naturalment din is-sena l-ħidma ma naqsitx. Inżebgħat mill-ġdid ir-raddiena magħrufa bħala "Ta' Soldi", sar xogħol ukoll fuq sett ċrieki ta' tapit, u nħadem disinn ġdid għal waħda mill-irdieden li għandna. Dan ix-xogħol ġie kollu mżanżan fil-festa ta' San Pawl Nawfragu ġewwa l-Munxar Għawdex. Apparti dan hemm xogħol ġdid ieħor li mistenni jiġi mżanżan fil-jum tal-Ħruġ il-Vara fuq iz-zuntier, nhar id-9 ta' Awwissu.

Barra minn hekk hemm ħafna xogħol ieħor ippreparat għall-ħarqiet ta' barra mir-raħal, prinċipalment dawk ta' San Ġużepp ġewwa l-Kalkara u l-Imsida. Dawn huma essenzjali sabiex l-Għaqda tan-Nar tal-Art tkun tista' ġġib il-finanzi meħtieġa sabiex ittella' l-wirja prinċipali fil-Jum ta' Lejlet il-festa Titulari nhar l-14 ta' Awwissu.

Iżda dan kollu li semmejt s'issa huwa biss parti mix-xogħol li jsir, dan għaliex apparti l-manutenzjoni jsir ukoll il-brim tal-gass, vajina, u l-fintuna, li wara jkunu jridu jiġu kkargati b'sagrifiċċju kbir mill-membri ħabrieka tagħna, li minn hawn nixtieq nirringrazzja minn qalbi tax-xogħol u d-dedikazzjoni kbira tagħhom.



*Il-vajina wara tlestiet mill-proċess tal-brim*

Fuq nota personali, ma nistax ma ninnotax li l-interess fin-nar tal-art ġewwa l-Imqabba qiegħed dejjem jonqos. Ejja ma nitilfux dak li aħna pijunieri fih, u li aħna tant magħrufin għalih!

Infakkar ukoll li s-sena d-dieħla jaħbat l-għaxar anniversarju mir-rebħ tal-Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art fuq il-Fosos tal-Floriana tas-sena 2010, wirja li żgur tibqa' ttimbrata f'moħħna u f'moħħ kull dilettant li kien preżenti hemm. Għalhekk inħeġġeġ għal aktar għajnuna u parteċipazzjoni sabiex intellgħu ħarqa oħra kbira u nuru li għadna fost il-kbar f'Malta fejn jidħol in-nar tal-art!

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi biex f'isem l-Għaqda tan-Nar tal-Art nirringrazzja lil kull min kien ta' sapport u dejjem tagħna l-għajnuna meta kellna bżonn, lill-familji tagħna ta' kemm jieħdu paċenzja bina, u fl-aħħar u mhux l-inqas, l-akbar grazzi tmur lil Ommna Santa Marija, li dejjem iżżomm ħarsitha fuqna li naħdmu n-nar.

VIVA SANTA MARIJA!!



*Nar tal-art fil-festa ta' San Pawl Nawfragu ġewwa l-Munxar*













9 8 7 6 5
4 3 2 1 0














# For all your insurance requirements

Motor

Home

Boat

Travel

Personal Accident

Business

Group Health

Health

Life Insurance

# MOIRA MAGRO

## Tied Insurance Intermediary

Triq Manwel Sciberras,
Qrendi QRD1681

T: +356 2164 7694
M: +356 7921 1175
E: insurance@moiramagro.com
: www.facebook.com/moiramagrotii

MAPFRE | MIDDLESEA

MAPFRE | MSV Life

Moira Magro is an enrolled Tied Insurance Intermediary (TII) under the Insurance Distribution Act, Cap 487 for MAPFRE Middlesea p.l.c. and MAPFRE MSV Life p.l.c. MAPFRE Middlesea p.l.c. and MAPFRE MSV Life p.l.c. are authorised under the Insurance Business Act, Cap 403 of the Laws of Malta. The TII and all the entities are regulated by the Malta Financial Services Authority.

# The St. Mary Ground Fireworks Group of Mqabba

Presents a

## Mechanised Ground Fireworks Display

## 14th August @ 11.30 pm

Mqabba Church Square









Ghaqda Nar ta' l-Art
SANTA MARIJA
MQABBA


BROWNS®
MALTA
Exceptional Food... Consistently
"One of the very nicest things about life is the way we must regularly stop whatever it is we are doing and devote our attention to eating" (Luciano Pavarotti)
And Browns Malta is the place to do so!
Original, exceptional and tasty food is served every time - that's our commitment.
We are open 7 days a week, from 10:00am till late! Accepting bookings for large groups, staff lunches & dinners, hens & bachelors, birthdays & all other occasion.
Kitchen open all day
T: 2122 7410 / 2702 0471
M: 9940 6309


C&G HARDWARE STORE
45, KARMENU CIANTAR STREET, MQABBA
TEL N$^{OS}$: 21642167 • 99885491
• CAR + MOTTURA SECURITY KEY CUTTING SERVICE
• NAREX POWER TOOLS + HAND TOOLS
• WATER PUMPS + KITCHEN MIXERS
• ELECTRICAL WATER HEATER GEYSERS
• ALUMINIUM LADDERS + SAFETY SHOES
• GREEN SUN SHADING + CHARCOAL
• GARDEN TOOLS & FURNITURE + PICNICCOOLERS
• LARGE RANGE OF ENERGY SAVING LAMPS
• ACORN PLUMBING FITTINGS + DRAIN PIPES + WIRES
• METAL FANS + GAS HEATERS
• 10% DISCOUNT ON PAINT
• CAR ACCESSORIES
• LIQUID MEMBRAIN + CEMENT + GROUTING
• IRON BOARDS + LIQUID DETERGENTS
2300 W
MOTTURA
SIGMA COATINGS
Sika
HAMMERITE
METAL PAINT
CISA
WÜRTH
THE ASSEMBLY PROFESSIONALS
narex
Cuprinol
GARDEN
SILCA














# Demsey Aluminium



Manufacturers of
Aluminium & PVC Windows, Doors, etc

Factory A25A
Triq G. Garibaldi, Marsa
Tel: 2168 9862
Mob: 9949 0381, 9942 2583

# Dr. Lorraine Żammit B.A. Dip. Not. Pub. LL.D.

Notary Public & Commissioner for Oaths

Office: 21, Valletta Road, Mqabba, MQB 9012 MALTA

Phone: (+356) 21 647456
Mobile: (+356) 9986 0028
E-mail: notary@lorrainezammit.com






# ETIENNE GARAGE



• Panel Beater & Oven-baked Spray Painting •
• 24hr Towing Service •
• Mob: 79333964 •

Garage No.8
Triq L-Imqabba
Sqaq il-Mithna
Qrendi



# Leħen il-Fratellanzi tas-Ssmu Sagrament u tar-Ružarju Mqaddes

**Antoine Farrugia, Rettur tal-Fratellanza tas-Ssmu Sagrament Imqaddes u Paul Gauci, Rettur tal-Fratellanza tar-Ružarju jagħtu ħarsa lejn is-sehem tal-Fratellanzi fil-festi tal-knisja matul is-sena.**

Għeżież Imqabbin, wasalna biex niċċelebraw festa titulari oħra ad unur il-Patruna tagħna Santa Marija. Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V dejjem tagħti spazju fil-pubblikazzjoni annwali biex jingħata rendikont tal-ħidma tal-fratellanzi tas-Ssmu Sagrament u tar-Ružarju Mqaddes.

Appena d-dħul tal-vara ta' Santa Marija wara l-purċissjoni, membri tal-fratellanzi bdew ineħħu l-apparat li jkun armat fil-knisja parrokkjali għal festa titulari biex jintrefa, sabiex ikun jista' jerġa' jiġi armat fil-festa tas-sena ta' wara. Fl-ewwel Ħadd ta' Ottubru, il-fratellanzi ħadu sehem fil-festa tal-Madonna tar-Ružarju mmexxija mill-fratellanza tar-Ružarju Mqaddes. Il-fratellanza ħadet ħsieb biex tarma kif jixraq it-tempju Marjan għal din il-festa.

Fix-xahar ta' Novembru, membri tal-fratellanzi ssieħbu fil-pellegrinaġġ annwali fl-Għid tal-imwiet kif ukoll fil-quddiesa b'suffraġju għall-membri mejtin li kienu huma li wittew it-triq biex il-fratellanzi f'raħalna baqgħu b'saħħithom. Fix-xahar ta' Diċembru il-fratellanzi tas-Ssmu Sagrament u tar-Ružarju Mqaddes ħadu sehem fil-purċissjoni tal-Immakulata Kunċizzjoni.

Fix-xhur li nkunu ftit kwieti, ix-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu ġew organizzati laqgħat ta' formazzjoni lill-fratelli biex fix-xahar ta' April, il-fratellanza tas-Ssmu Sagrament mexxiet il-purċissjoni ta' Ħadd il-Palm, l-Adorazzjoni tal-Kwaranturi kif ukoll il-purċissjoni bis-Ssmu Sagrament f'għeluq il-festi tal-Kwaranturi. Ta' min isemmi li bosta fratelli ħadu sehem ukoll fiċ-Ċenaklu Ħaj organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija fis-sotto-terran tas-Soċjetà Santa Marija – intitolat Fejn Hu Alla?? Fil-bidu tax-xahar ta' Mejju, membri tal-fratellanzi ħadu sehem fit-talba sabiħa tar-Ružarju Mqaddes fl-okkażjoni tal-Erbgħat ta' Santa Marija. Jekk Alla jrid mis-sena d-dieħla l-Erbgħat ser jibdew isiru b'differenza.

Fix-xahar ta' Ġunju, il-fratellanza tas-Ssmu Sagrament u tar-Ružarju Mqaddes ħadu sehem fil-purċissjoni tal-Madonna tal-Ġilju. Is-sehem tal-fratellanzi f'din il-festa jkun li barra li jarmaw l-apparat tagħhom, jieħdu sehem ukoll fil-purċissjoni. Ġimgħa wara, il-fratellanzi tas-Ssmu Sagrament u tar-Ružarju Mqaddes ħadu sehem fil-purċissjoni ta' Corpus Christi – waħda mill-festi prinċipali tas-Ssmu Sagrament.

**L-appuntament li jmiss huwa nhar l-14 u l-15 ta' Awwissu fejn ser nieħdu sehem fit-Translazzjoni solenni u l-purċissjoni ta' Santa Marija. Inħeġġu lil kulħadd biex jattendi l-funzjonijiet reliġjużi li jkunu mifruxa fuq 3 ġimgħat sħaħ. Jibdew fid-29 ta' Lulju bi ħruġ il-vara min-niċċa sat-22 ta' Awwissu.**

Nagħlqu dan il-messaġġ annwali billi **nħeġġu aktar fratelli jieħdu sehem u jattendu għall-attivitajiet organizzati mill-parroċċa, anke min ikun jista' jagħti daqqa t'id fl-armar u żarmar tal-knisja fil-festi kollha billi jkellem lil xi ħadd mill-fratelli.**

Nawguraw l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha!



*Il-fratelli tas-Ssmu Sagrament ġewwa l-knisja*



*Il-fratelli tar-Ružarju Mqaddes waqt il-Purċissjoni tal-Madonna tar-Ružarju*

XAROLLA
DENTAL CLINIC

Open Monday to Saturday 8.30 - 13.00
Monday to Friday 15.00 - 19.00

facebook.com/xarolladentalclinic

164, Triq Matteolo Saliba, Żurrieq ŻRQ 2021
Tel: 2164 1741
xarolladental@gmail.com






LOUVOLITE
DRESS TO IMPRESS
WITH OUR STUNNING EXTENSIVE NEW COLLECTION OF BLINDS IN ALL SIZES, SHAPES AND COLOURS.
EXPRESS DELIVERY SERVICE NOW AVAILABLE
FABRICS AND ACCESSORIES ARE UK MADE
Find us on: facebook
Sta. Venera - Tel: 2124 0001
Fgura - Tel: 2169 1029
Mosta - Tel: 2143 3975
San Gwann - Tel: 2137 3103
Zurrieq - el: 2713 3555
Victoria, Gozo - Tel: 2755 0160
Email: sales@portelliandbrincat.com.mt
www.portelliandbrincat.com.mt
portelli&brincat
INNOVATION THROUGH EXPERIENCE AND QUALITY

CASTELLETTI
SIMPLY
delightful
OPEN EVERY DAY FOR LUNCH & DINNER
Palazzo Castelletti | 62, St. Paul Street | Rabat
Tel. 21452562 | 99109911
www.palazzocastelletti.com




M 7999 9936 E info@juliafarrugia.com
2, Qrendi Road, Żurrieq (ħdejn l-Amerija)



## Messaġġ mill-Kummissjoni WEB

# Inżommu viċin tagħkom permezz tat-teknoloġija

**Marica Mifsud, f'isem il-Kummissjoni WEB tikteb dwar il-ħidma bla waqfien ta' din il-kummissjoni matul is-sena kollha, b'mod speċjali l-ħidma bla heda li sseħħ fi preparazzjoni u matul il-jiem tal-festa Titulari ta' Santa Marija**

F'dawn il-ġranet sajfin, il-Kummissjoni WEB tkun impenjata bi sħiħ sabiex lilkom is-segwaċi nkunu nistgħu nwasslulkom l-aħjar u l-aħħar aġġornamenti ta' din il-festa grandjuża mil-lenti artistika tal-membri fi ħdan dan il-grupp dinamiku.

Il-Kummissjoni WEB taħdem qatih minn wara l-kwinti sabiex taċċerta li l-Festa Titulari fl-Imqabba titwassal b'mod komplet fuq il-mezzi differenti tal-midja soċjali, permezz ta' ritratti, filmati, avviżi, kitbiet u kif ukoll kollegamenti diretti permezz ta' Facebook. Dan il-prodott jissarraf f'sigħat twal ta' ħidma li tibqa għaddejja sas-sigħat bikrin ta' filgħodu u sa ħafna wara li l-attivitajiet tal-festa jkunu għaddew.

Dan il-grupp jieħu ħsieb ukoll li jiffriża l-memorji u l-istorja ta' din is-Soċjetà glorjuża u tal-festa tal-Patruna tagħna Santa Marija. Kummissjoni WEB b'għaqal kbir tarkivja r-ritratti u filmati tul is-snin ta' dak kollu li għandu x'jaqsam mal-festa Titulari, għaż-żmien li ġej.

Il-preparamenti ta' diversi għaqdiet fi ħdan is-Soċjetà, fosthom dawk tal-għaqda tal-armar, il-banda, it-tfal, l-adolexxenti, iż-żgħażagħ u d-dilettanti tan-nar huma uħud mis-setturi li jintwerew fuq il-midja soċjali, fejn juru stampa ċara tat-talent kollettiv kif ukoll tas-sbuħija li wieħed ikun ċittadin attiv fil-komunità Imqabbija. Permezz ta' dawn ir-ritratti u filmati qegħdin nkomplu ngħaddu messaġġ importanti favur il-volontarjat. Il-volontarjat jista' jiġi attwat f'diversi modi, u f'diversi setturi fil-komunitajiet Maltin, li kollha kemm huma jħallu ħafna ġid u sodisfazzjon.

Minbarra l-websajt uffiċjali, l-paġna ta' Facebook, Twitter, Instagram u kif ukoll YouTube, il-Kummissjoni WEB qed taspira sabiex tibda sistema ta' xandir b'mod dirett fuq dawn il-mezzi soċjali fil-ġranet tal-festa sabiex nkomplu niffaċilitaw lis-segwaċi tagħna. Din is-sistema se tkun introdotta bl-għajnuna finanzjarja tal-fond "Festi Inklussivi" fejn fost miżuri oħra li se jkunu qed jitwettqu fil-ġranet tal-festa ħsibna sabiex nkunu iktar preżenti fost dawk is-segwaċi li bl-ebda mod ma jistgħu jattendu għall-attivitajiet festivi. Ix-xandir dirett fuq dawn il-mezzi se jkun qed jinvolvi kemm l-festi interni u kif ukoll il-festi esterni. Dan il-proġett se tkun qed tibda l-ħidma fuqu b' mod immedjat.



*Uħud mill-membri ta' Kummissjoni WEB*

Kummissjoni WEB tiltaqa' ta' spiss sabiex taħseb u tiddiskuti ideat innovattivi li jistgħu ikomplu jżewwqu bl-isbaħ mod u b'elementi ġodda ta' kull sena għal waqt il-ġranet tal-festa. Tieħu ħsieb ukoll id-dehra friska tal-paġna ta' Facebook, kif ukoll kartelluni u *photo frames* li minn sena għal oħra dejjem jinbidlu u jaġġornaw mal-moda tal-midja soċjali tal-mument.

Dan il-grupp żagħżugħ jaħdem bl-aħjar mod u b' ħafna sagrifiċċji u b' ħafna ħsieb wara kull kartellun, rivista, avviż, album ta' ritratti, muntaġġ ta' filmati u ħafna u ħafna iktar elementi li jaslu fi djarkom fi żmien stipulat. Biss din il-kummissjoni ma taħdimx biss fil-ġranet tel-festa iżda matul is-sena kollha. Kummissjoni WEB tieħu ħsieb li tkun preżenti f' kull attività li tittella' jew tieħu sehem fiha is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, minn reklamar sa' aġġornamenti u prodott finali.

Minbarra f' dawn l-attivitajiet, żgur li kulħadd għadu jiftakar l-istaġun suċċess ta' 'Rakkont Ħaj' fejn fi ftit minuti konna nwasslulkom filmati ħelwin ta' membri mill-komunità Imqabbija li jiftakru raħalna b' modi differenti jew li għandhom xi ħaġa x' jirrakkontaw. Dawn il-puntati nisslu tbissima, kif ukoll sentimenti nostalġiċi mhux biss fost l-Imqabbin iżda fost dawk kollha li jsegwu l-paġna popolari tas- Soċjetà fuq Facebook. Bi pjaċir nħabbru li dan il-proġett se jitkompla fix-Xitwa li ġejja hekk kif għandna ħafna iktar intervisti interessanti preparati għalikom. Żgur li mhux ta' min jitlifhom. Minn hawn nixtiequ nirringrazzjaw mill-qalb lilkom lkoll li qegħdin tkomplu tagħmlu l-paġna uffiċjali ta' Facebook dejjem iktar popolari permezz tal-lajks tagħkom. Din il-paġna hi waħda mill-aktar popolari fost il-paġni ta' festi u soċjetajiet


The Fruit Shop
Fresh fruit every day
Prop. George Attard
9th April 1942 Street, Mqabba
Tel: 21 647963 • Mobile: 7946 3151


IL-PERIT
TONI BEZZINA
ID-DEPUTAT TAL-ĦAMES DISTRETT
MINN FOSTKOM, GĦALIKOM.
Toni Bezzina
Nawgura
l-Festa t-Tajba
lil kulħadd
e: toni@tonibezzina.com
t: [+356] 21490826
m: [+356] 99430012
www.tonibezzina.com
BIRŻEBBUĠA • IL-QRENDI • L-IMQABBA • ĦAL FARRUĠ • ĦAL KIRKOP • ĦAL SAFI • IŻ-ŻURRIEQ

mużikali oħra, dan għaliex permezz ta' Kummissjoni WEB li dejjem iżommu din il-paġna ħajja permezz t'aġġornamenti regolari.

Il-Kummissjoni WEB tagħmel ħilitha sabiex tkun edukattiva ukoll, permezz ta' memorji mill-passat, b'tagħrif mill-aktar interessanti. Għalkemm dan mhux biss, għat-tieni darba il-Kummissjoni WEB, organizzat *Scavenger Hunt* edukattiva fir-raħal pittoresk tal-Birgu, fejn intlaqgħet tajjeb ħafna, speċjalment minn gruppi u individwi minn rħula u pajjiżi oħra. L-għażla tal-lingwa Ingliża f'din l-attività għenet sabiex kellna ukoll żewġ gruppi ta' parteċipanti barranin f'din l-attività. Is-suċċess ta' din l-attività jkompli jimliena bil-kuraġġ sabiex din l-attività tidħol fil-kalendarju tagħna bħala attività annwali.

Qabel ngħalaq, nixtieq li nistieden lilkom għeżież segwaċi sabiex tkomplu issegwuna fuq il-midja soċjali u tgħinuna nkomplu nkabbru din il-festa mill-isbaħ li nagħmlu ad unur il-Patruna tagħna Santa Marija. Nħeġġeġ ukoll lil dawk individwi li għadhom interess fil-fotografija, jew filmati, teknoloġija, narrazzjoni jew ideat innovattivi sabiex javviċinaw lil xi membru tal-Kummissjoni WEB sabiex huma ukoll ikunu jistgħu jissieħbu fi ħdan din il-fergħa u jagħtu s-sehem tagħhom



*Uħud mill-parteċipanti fl-Scavenger Hunt li saret ġewwa l-Birgu*

filwaqt li jkomplu jiżviluppaw it-talenti personali tagħhom.

Grazzi lil dawk kollha li jagħtu s-sehem tagħhom b' xi mod jew ieħor u lil dawk kollha li jingħaqdu magħna bi ħġarhom fil-ġranet tal-festa, fejn bis-saħħa tagħhom ikomplu jżewwqulna u jsebbħulna l-prodott finali miġbur fil-fotografija u l-filmati. Fl-aħħar nett, ikbar grazzi tmur lejn Ommna Marija tas-sema li hija hi li tgħaxxaq bi ġmielha u li tkompli tħeġġiġna sabiex noffru dawn it-talenti ad unur il-festa tagħha.






# JMA Aluminium works



Joseph Mizzi Aluminium works

**FREE QUOTATIONS**

Address Work shop & Office
LQA040A
Luqa industrial estate
Luqa,MALTA.

mob : 99445686

Email : mizalum@gmail.com

For aluminium products with competitive prices and professionally done with years of experience in aluminium works.

We fabricate aluminium apertures like doors & windows with new profiles and a large range of colours .

We cater for customer made structure as greenhouse,verandas,skylight,facades and more.

Call for free quotation for :



- Louvers fixed & adjustable
- Double glazed apertures (with Argon Gas)
- Showers & Partitions
- Insect screens & Roller nets
- Hinged , Sliding & Revolving apertures
- Maltese Balcony's , Stairs & Handrails
- Security Main Doors
- Arched apertures & Folding doors



We do also Soffit Ceilings in Mineral Fibre & Gypsum in various models





## Messaġġ mill-Klabb Tfal tat-Titular

# Il-fjur u l-futur tas-Soċjetà

**Charmaine Azzopardi tikteb dwar l-attivitajiet organizzati mill-Klabb Tfal tat-Titular matul is-sena kollha.**

Għaddiet sena oħra u din is-sena kienet sena oħra mimlija daqs bajda għall-klabb Tfal tat-Titular. Dawn huma l-fjur u l-futur tas-Soċjetà tant għażiża għalina. Bħala klabb niltaqgħu darba fil-ġimgħa fejn nagħmlu sezzjonijiet ta' krafts, mużika, żfin, logħob, qari ta' stejjer kreattivi u kif ukoll ma jonqos xi ftit tisjir. Huwa ta' sodisfazzjoni kbir għalina meta naraw lil dawn it-tfal ħerqana biex jaraw xi jkollna preparat għalihom.



*Il-funzjoni tat-Tberik u Preżentazzjoni tat-tfal lil Santa Marija fil-festa tas-sena li għaddiet*

Minbarra s-sezzjonijiet jiġu organizzati attivitajiet oħra. Is-sena li għaddiet il-klabb tat-tfal ħadu sehem waqt is-serata li tittella' fil-Lejla Maltija li ssir fil-Kwindiċina. Kemm nieħdu gost naraw lit-tfal ferħanin u fl-istess ħin ngħallmuhom irabbu ċertu kunfidenza u ngħinuhom jegħlbu l-mistħija.



*It-Tfal tat-Titular waqt is-serata tal-Kwindiċina*

Attività ta' suċċess hija bla dubju t-*Trick or Treat*, l-attività ta' żmien il-*Halloween,* li nistgħu ngħidu li ta' kull sena dejjem tikber, fejn jingħaqdu magħna mhux biss tfal tal-Partitarji imma jkollna rispons tajjeb ħafna minn tfal minn barra r-raħal u hemm lilna jimlewna b'kuraġġ kbir li nkomplu norganizzaw attivitajiet bħal dawn. Għalkemm din is-sena kienet ix-xita u aħna nafu kemm it-tfal ikunu qegħdin jistennewha, aħna ma qtajniex qalbna iżda għamilna festin ġewwa l-każin. Minn qalbna nixtiequ nirringrazzjaw lil dawk in-nies kollha li ġabu l-ħelu l-każin biex din l-attività setgħet tkun waħda ta' suċċess. L-għan tagħna huwa li apparti li nferrħu lit-tfal, ngħallmuhom ukoll jaħsbu f'dawk in-nies li huma fil-bżonn fejn il-fondi miġbura minn din l-attività tajnihom lil Puttinu Cares.



*L-attività Trick or Treat fil-Halloween*

Żmien impenjattiv għalina huwa żmien il-Milied fejn apparti li nagħmlu xi kraft, it-tfal jieħdu sehem fl-attività 'Milied Imdawwal' imtella' mis-Sezzjoni Żgħażagħ, fejn nagħmlu xi żifna u kanzunetta. Ta' kull sena jitqassmu r-rigali fid-djar minn Santa Klaws fejn komplejna niġbru donazzjonijiet għall-Puttinu Cares. Ma jonqosx ukoll il-festin tal-Milied li norganizzaw



*Il-Party tal-Milied għat-Tfal*



*It-tfal bil-krafts li għamlu huma għal-Milied*

flimkien mal-Kumitat Eżekuttiv. Imbagħad lejliet il-Milied sar ukoll *Breakfast with Santa* fejn kellna lil Santa Klaws jilgħab xi logħob u jiekol flimkien mat-tfal.

Fi żmien il-karnival morna nżuru l-imħażen fejn jarmaw il-karrijiet u t-tfal ħadu gost jaraw u japprezzaw ix-xogħol artistiku. U minn hawn nixtieq ngħid prosit kbira lill-grupp Dream Team, fejn f'dan il-grupp insibu xi partitarji ta' din l-istess Soċjetà, li waqt il-ħin liberu tagħhom jaħdmu għall-karnival ukoll. It-tfal ħadu sehem ukoll b'żifna waqt is-Serata Karnivaleska mtella' mis-Sezzjoni Żgħażagħ. Ma jonqosx ukoll il-festin tal-karnival.



*Żjara ġewwa wieħed mill-imħażen ewlenin tal-Karnival*

Kif qed taraw is-Sezzjoni Żgħażagħ jinkludu ħafna lit-tfal tat-Titular u fuq xewqa tagħhom it-tfal ħadu sehem fil-purċissjoni li saret fi żmien il-Għid qabel il-ftuħ tad-dramm 'Fejn hu Alla?!'

Fir-Rebbiegħa morna wkoll dawra sal-Buskett fejn għamilna *picnic*. Din is-sena wkoll, għall-ewwel darba



*Is-sindku tal-Lokal Omar Farrugia u l-kunsillier Owen Sciberras flimkien mal-grupp Tfal tat-Titular waqt il-festin tal-Ewwel Tqarbina*



*Żjara ġewwa l-imħażen tal-armar tas-Soċjetà*

għamilna festin lit-tfal li rċevew l-Ewwel Tqarbina fejn tajna tifkira għal din l-okkażjoni. Ma jonqosx ukoll li ħadna lit-tfal sal-imħażen tal-armar fejn it-tfal raw fejn jintrefa' l-armar tal-festa u kif ukoll is-Sur Ian Camilleri spjegalhom kif jinħadem l-armar.

Nixtieq nagalaq dawn il-kelmtejn billi nirringrazzja lil kull min kien ta' għajnuna għalina l-amministraturi biex b'hekk stajna nkomplu nedukaw, norganizzaw attivitajiet, filwaqt li nferrħu lil dawn it-tfal. Grazzi kbira tmur lejn dawn iċ-ċkejknin li huma wlied u l-futur ta' din is-Soċjetà.



*It-tfal waqt sessjoni ta' tpinġija*

Ma nistax ma nirringrazzjax lill-ġenituri tat-tfal fejn dejjem kellna koperazzjoni kbira mingħandhom, filwaqt li nixtieq nappella lilkom il-partitarji biex tħeġġu lit-tfal tagħkom biex jingħaqdu magħna ħalli nieħdu gost flimkien.

F'isem il-Klabb Tfal tat-Titular nixtieq nawguralkom il-festa t-tajba.

VIVA L-KBIRA SANTA MARIJA!






# REBORN SNACK BAR

58, Crossroads, Marsa
(in front of BOV)

Tel: 27036073

like us on facebook

---





Fresh Fish from our daily catch,
Alive Shellfish & Frozen Foods,
Marinated Fish & Stuffed Fish

Fresh Fish Burgers, Fish Pies, Fish Ravioli,
Fresh Pasta ... and more

Ice Cubes & Ice Flakes for BBQs,
Parties and Feasts

# Richard's

*Gourmet fish shop*

21, Triq l-Għid, Siġġiewi
**2146 6144** **7991 4577**

**Opening Hours**
Tuesdays & Thursdays: 8:30 - 12:00 & 16:00 - 19:00
Wednesdays & Fridays: **OPEN ALL DAY** from 8:30 - 19:00
Saturday: 8:30 - 13:00

Find us on facebook

**We offer Free Delivery Service**




Donations



Messaġġ mill-Go Reds – Adolexxenti Titulari

# Ħames Anniversarju mit-twaqqif tal-Klabb Go Reds - Adolexxenti Titulari

**Maria Galea tikteb dwar l-attivitajiet organizzati minn din il-fergħa**

Qegħdin fil-jiem tal-festa ad unur il-Patruna tal-Imqabba Santa Marija, festa li fiha nkunu mpenjati ftit mhux ħażin. Din is-sena qiegħda ġġib magħha anniversarju għall-klabb Go Reds – Adolexxenti Titulari. Bil-għajnuna ta' Ommna Marija din is-sena jaħbat il-ħames sena mit-twaqqif ta' dan il-klabb – l-ewwel klabb tal-adolexxenti ġewwa l-Imqabba. Snin deskritti bħala esperjenza unika ta' ħidma volontarja li tgħallimna u għexna flimkien.

Kien propju f'Jannar 2014 meta nibtet din l-idea fejn imbagħad fl-1 ta' Frar 2014 saret l-ewwel laqgħa, u nista' ngħid li huwa ta' sodisfazzjon kbir għalina l-amministraturi meta tara l-frott li qiegħda tħalli. Għalkemm fih it-tlajja' u l-inżul, is-sigriet wara dan kollu hu li bl-għaqda u l-imħabba ta' bejnietna bqajna niġġeddu, qatt ma ħarisna lura u żgur li mhux ser nieqfu hawn. Dan kollu jsarraf għall-aktar ħidma biex flimkien niċċelebraw festa xierqa lill-Patruna tagħna tal-Assunta.

Matul dawn il-ħames snin nista' ngħid li kienu snin ta' avventuri u memorji sbieħ li wettaqna flimkien. Dawn l-adolexxenti tagħna li aħna wisq kburin bihom dejjem ġew b'ħeġġa kbira u b'ideat ġodda li lkoll flimkien dejjem wasalna għall-istess għan. Bħala grupp nagħmlu mezz li niltaqgħu darba fil-ġimgħa fejn nagħmlu laqgħat immexxija minnhom stess b'osservazzjoni tagħna l-amministraturi fejn imbagħad inwettqu dawk l-avvenimenti li huma jkunu jixtiequ.

Matul iż-żmien tal-festa huma dejjem ikunu ta'għajnuna u b'ħeġġa kbira biex jinvolvu ruħhom biex jaħdmu għall-festa li wisq għandhom għal qalbhom. Ta' kull sena norganizzaw 'Wine and Pizza' fix-xalata li nista' ngħid li dejjem qiegħda tikber. Wara li tgħaddi l-festa mbagħad immorru xi ġurnata baħar għall-mistrieħ.

Huma jaħdmu ħafna id f'id mas-Sezzjoni Żgħażagħ fejn apparti għajnuna fi żmien il-festa jagħtu daqqa t'id ukoll fl-attivitajiet organizzati miż-żgħażagħ bħal Milied Imdawwal, fil-Ġimgħa l-kbira u anke f'kull ikla li jorganizzaw.

Ma jonqsux l-avventuri li huma joħolmu bihom li nista' ngħid li dejjem kienu ta' suċċess kbir. Organizzajna *picnics, night hikes, campings, sleep over* ġewwa s-sala l-ġdida tal-każin u anke morna qattajna 3 ijiem ġo *farmhouse* ġewwa l-gżira Għawdxija. Ma naqsitx ukoll xi *treasure hunt* madwar ir-raħal u xi sajda. Nista' ngħid b'wiċċi minn quddiem li huwa ta' sodisfazzjon kbir għalina meta tarahom jaħdmu flimkien u saru qishom familja waħda.

Ta' kull sena dejjem ħasbu biex jaħdmu għal għan filantropiku fejn ħarġu bi ħġarhom iħabbtu l-bibien biex ġabru donazzjonijiet għall-Puttinu Cares, għall-Istrina u anke għinna lit-tfal tal-Ursolini. Għamilna wkoll laqgħat edukattivi mis-Sedqa dwar l-abbużi, fosthom l-Alkoħol, Drogi u anke Dipendenza fuq it-Teknoloġija.

Fl-aħħar u mhux l-anqas nixtieq nagħlaq dawn il-kelmtejn billi ngħid Prosit Kbira lil dawn il-membri tal-*Go Reds* u lil familjari tagħhom tal-koperazzjoni u tal-għajnuna kbira li dejjem sibna mingħandhom. Nixtieq ukoll nirringrazzja lil Samantha Debono li naħdmu ħafna id f'id biex dan il-klabb jista' jkun ta' suċċess. Ejjew ħalli flimkien inħarsu b'ottimiżmu biex l-imħabba u r-rispett kbir li żergħu fina missirijietna twarrad f'festa kbira tal-Assunta.

Nawgura festa mill-aqwa lill-Imqabbin kollha. Ejjew ħalli flimkien niċċelebraw festa kif jixraq lill-Assunta mingħajr ġlied u piki żejda. Aħna l-Imqabbin li lkoll mgħammdin taħt il-Patruna tagħna Santa Marija.

Viva Santa Marija!



*Il-membri tal-GO Reds - Adolexxenti Titulari*

*Festa Santa Marija 2019*

# Ċelebrazzjonijiet fil-Knisja



## It-Tlieta, 30 ta' Lulju

*Bidu tal-Kwindiċina*

**6:30pm** Quddiesa solenni, talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali. Imexxi **Fr Trevor Fairclough**.

## L-Erbgħa, 31 ta' Lulju

*Jum l-Għaqdiet Reliġjużi u l-Fratellanzi*

**6:30pm** Quddiesa. Talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali. Imexxi **Fr Anton D'Amato**.

## Il-Ħamis, 1 ta' Awwissu

*Jum is-Soċji u l-Benefatturi*

**6:30pm** Quddiesa. Talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali. Imexxi **Fr Trevor Fairclough**.

## Il-Ġimgħa, 2 ta' Awwissu

*Jum it-Tfal*

**6:00pm** Preżentazzjoni tat-tfal (sa ħames snin) lill-Madonna. Imexxi **Fr Trevor Fairclough**.

**6:30pm** Quddiesa. Mistiedna t-tfal kollha tal-parroċċa.
Talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali. Imexxi **Fr Trevor Fairclough**.

## Is-Sibt, 3 ta' Awwissu

*Tifkira tal-Mejtin tal-Parroċċa*

**6:30pm** Quddiesa b'suffraġju għall-mejtin tal-parroċċa, speċjalment dawk li mietu mill-aħħar festa sal-lum. Mistiedna l-qraba u l-ħbieb tagħhom.
Talba tal-kwindinċina, innu u barka sagramentali. Imexxi l-**Kappillan Fr John P. Curmi**.

## Il-Ħadd, 4 ta' Awwissu

*Jum il-Familji*

**6:30pm** Quddiesa bis-sehem tal-familji. Mistiedna speċjali dawk il-koppji li din is-sena għalqu 25 u 50 sena miżżewġin. Talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali. Imexxi l-**Kan. Dr Jonathan Farrugia**.

## It-Tnejn, 5 ta' Awwissu

*Jum il-Morda u l-Anzjani*

**6:30pm** Quddiesa għall-morda u l-anzjani tal-parroċċa. Jiġi amministrat is-sagrament tal-Griżma tal-Morda. Talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali. Imexxi **Fr Trevor Fairclough**.

## It-Tlieta, 6 ta' Awwissu

*Jum is-Saċerdoti, ir-Reliġjużi u l-Vokazzjonijiet*

**6:30pm** Konċelebrazzjoni mmexxija minn **Fr Trevor Fairclough**.
Talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali.

## L-Erbgħa, 7 ta' Awwissu

*Jum iż-Żgħażagħ*

**6:30pm** Quddiesa bis-sehem taż-żgħażagħ. Talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali. Imexxi **Fr Anton D'Amato**.

## Il-Ħamis, 8 ta' Awwissu

*Jum l-Għaqda tan-Nar*

**6:30pm** Quddiesa għall-membri u dilettanti tan-nar. Talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali. Imexxi **Fr Trevor Fairclough**.

## Il-Ġimgħa, 9 ta' Awwissu

*Ħruġ il-vara fuq iz-zuntier*

**6:30pm** Quddiesa kantata, talba tal-kwindiċina u barka sagramentali. Imexxi **Fr Trevor Fairclough**.

**7:30pm** Isir il-ħruġ solenni tal-vara titulari ta' Santa Marija fuq iz-zuntier tal-knisja u wara jitkanta l-innu *Ave Maris Stella* u l-antifona. Tieħu sehem il-Banda Re Ġorġ V.

## Is-Sibt, 10 ta' Awwissu

*Jum ta' talb għas-Saċerdoti li servew fil-parroċċa matul is-snin*

**6:30pm** Quddiesa kantata, talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali. Imexxi l-**Kappillan Fr. John P. Curmi**.

## Il-Ħadd, 11 ta' Awwissu

*L-Ewwel Jum tat-Tridu*

**6:30pm** Quddiesa solenni. Iqaddes **Fr Anton D'Amato**. Jipprietka **Mons. Richard Borg**. Wara, talba tal-kwindiċina, innu, *Salve Regina*, litanija, antifona u barka sagramentali.

## It-Tnejn, 12 ta' Awwissu

*It-Tieni Jum tat-Tridu*

**8:00am** Quddiesa kantata. Imexxi l-**Kan. Dr Jonathan Farrugia**.

**6:30pm** Quddiesa solenni. Iqaddes **Fr Trevor Fairclough**. Jipprietka **Mons. Richard Borg**. Wara, kollox bħall-jum ta' qabel.

## It-Tlieta, 13 ta' Awwissu

*It-Tielet Jum tat-Tridu*

**8:00am** Quddiesa kantata. Imexxi l-**Kan. Dr Jonathan Farrugia**.

**6:30pm** Quddiesa solenni. Iqaddes **Fr Trevor Fairclough**. Jipprietka **Mons. Richard Borg**. Wara, kollox bħall-jum ta' qabel.

## L-Erbgħa, 14 ta' Awwissu

*Lejlet il-Festa*

**8:00am** Quddiesa solenni minn **Fr Trevor Fairclough**. Wara jitkanta t-*Te Deum* u l-antifona *Beata Mater*.

**6:30pm** Translazzjoni solenni tar-Relikwa mill-knisja parrokkjali għal Triq id-Duluri lejn il-kappella ta' Marija Addolorata fejn isir l-inċensar tar-Relikwa u jsir it-talb. It-Transulazzjoni tkompli mit-Triq tan-nofs għal ħdejn il-Każin ta' Santa Marija u wara fil-Knisja. Wara *Salve Regina*. Imexxi l-**Mons. Charles Attard**. Wara quddiesa kantata u ċelebrazzjoni ewkaristika, immexxija mill-**istess Monsinjur**.

## Il-Ħamis, 15 ta' Awwissu

*Jum il-Festa*

**7:00am** Quddiesa letta mill-**Kappillan Fr John P. Curmi**.

**8:00am** Quddiesa letta minn **Fr Trevor Fairclough**.

**9:15am** Quddiesa konċelebrata solenni bil-paniġierku minn **Patri Mario Attard OFM Cap**. Iqaddes **Mons. Etienne Sciberras**. Mistednin l-għaqdiet soċjali flimkien mal-Kunsill Lokali.

**11:15am** Quddiesa letta minn **Fr Anton D'Amato**.

**5:00pm** Quddiesa letta mill-**Kan. Dr Jonathan Farrugia**.

**6:00pm** Għasar solenni mill-**Kan. Dun Ġorġ Spiteri**. *Salve Regina* u innu.

**7:15pm** Purċissjoni bl-istatwa artistika, devota u titulari tal-parroċċa mmexxija mill-istess ċelebrant.

**10:15pm** Antifona u ċelebrazzjoni ewkaristika.

## Il-Ħamis, 22 ta' Awwissu

*L-Ottava tal-Festa*

**6:30pm** Quddiesa, ripożizzjoni tar-relikwa, *Te Deum* u barka sagramentali.

N.B. Il-mużika tat-tridu, lejlet u nhar il-festa tkun taħt id-direzzjoni tas-**Surmast Patri Salv Galea OP.**

**QRAR: L-Erbgħa 14 ta' Awwissu, ikun hawn konfessuri għall-qrar bejn it-8:30am u l-11:00am u l-4:00pm u s-6:30pm.**





*Festa Santa Marija 2019*

# Programm Festi Esterni

## It-Tlieta, 30 ta' Lulju

*Bidu tal-Kwindiċina*

**8.00pm** Mixegħla tal-knisja u tas-Sede tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

**8.00pm** Lejla Maltija fil-pjazza ta' quddiem il-Każin. Jieħdu sehem l-aqwa talent Malti bis-sehem tal-Banda Re Ġorġ V.

*Matul il-ġranet tal-Kwindiċina*

**8.00pm** Mixegħla tal-faċċata tal-knisja u tas-Sede tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

## Il-Ġimgħa, 9 ta' Awwissu

*Jum il-Ħruġ tal-Vara fuq iz-zuntier*

**7.30pm** Hekk kif il-Vara artistika u devota ta' Santa Marija tinħareġ fuq iz-zuntier, tiġi milqugħa mill-Banda Re Ġorġ V bid-daqq ta' innijiet Marjani. Mal-Banda jieħdu sehem ukoll is-Soprani Imqabbin, is-Sinjorina Roberta Mallia u s-Sinjura Francesca Cassar. Inħeġġu lil kulħadd sabiex wara ninġabru lkoll fil-knisja għal funzjoni qasira.

**8.30pm** Il-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A.Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM tagħti bidu għall-ewwel marċ tagħha li jibda miż-żuntier tal-Knisja.

## Is-Sibt, 10 ta' Awwissu

*Jum il-Banda*

**8.15pm** Marċ trijonfali mill-Banda Re Ġorġ V li jibda minn ħdejn il-bini Muniċipali tal-Kunsill.

**9.00pm** Wara li nassistu għall-wasla tal-mistednin distinti, il-Banda Re Ġorġ V dejjem taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A.Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM, tagħti bidu għall-ProgrammVokali u Strumentali fuq il-planċier taħt il-Patroċinju tal-Eċċellenza Tiegħu Dr George Vella President ta' Malta u s-Sinjura tiegħu. Wara jsir riċeviment għall-mistednin distinti, soċji, benefatturi u partitarji kollha.

## Il-Ħadd, 11 ta' Awwissu

*L-Ewwel Jum tat-Tridu*

**8.30pm** Il-Banda San Ġużepp ta' Ħal Kirkop taħt id-direzzjoni ta' Mro Brian Cassar tibda marċ brijuż minn quddiem s-sede tas-Soċjetà għal madwar diversi toroq fir-raħal li jispiċċa quddiem is-sede tas-Soċjetà.

## It-Tnejn, 12 ta' Awwissu

*It-Tieni Jum tat-Tridu*

**8.30pm** Il-Banda Unjoni ta' Ħal Luqa taħt id-direzzjoni tas-Surmast direttur tagħha John D. Zammit F.V.C.M. tibda marċ brijuż minn quddiem is-sede tas-Soċjetà madwar it-toroq ewlenin tar-raħal u li jintemm quddiem is-sede tas-Soċjetà.

## It-Tlieta, 13 ta' Awwissu

*It-Tielet Jum tat-Tridu*

**8.30pm** Il-Banda tas-Soċjetà Santa Marija, il-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A.Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM, tibda l-marċ tradizzjonali tal-aħħar tridu organizzat u mmexxi miż-żgħażagħ. Il-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr taħt id-direzzjoni ta' Mro Tancred Grech tagħmel ukoll marċ sponsorjat mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija. Bħas-soltu, jakkumpanja l-marċ il-briju tas-soċji u partitarji. Wara l-marċ jingħata bidu għal spettaklu kbir li jinkludi filmati awdjoviżivi u spettaklu mħejji mis-Sezzjoni Żgħażagħ, fil-Pjazza quddiem is-Sede tas-Soċjetà.

## L-Erbgħa, 14 ta' Awwissu

*Il-Vġili tal-Assunta*

**8.15pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A.Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM tibda Programm Strumentali fuq il-planċier biswit is-sede tas-Soċjetà.

**8.30pm** Marċ mill-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A. Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM madwar it-toroq ewlenin.

**9.45pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A.Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM, tibda marċ madwar it-toroq ewlenin.

## Il-Ħamis, 15 ta' Awwissu

*L-Għid tal-Assunta*

**1.00pm** Il-Banda Re Ġorġ V għal darb'oħra mmexxija minn Mro David Agius A.Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM tibda l-marċ popolari ta' filgħodu minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq prinċipali tar-raħal.

**6.00pm** Il-Banda Peace tan-Naxxar taħt id-direzzjoni ta' Mro Lino Pirotta tibda marċ minn Triq San Bażilju sal-Pjazza, tidħol fiz-zuntier tal-knisja u tilqa' l-ħruġ tal-Vara artistika u devota ta' Santa Marija b'innijiet Marjani. Wara l-banda tkompli takkumpanja l-Vara matul il-purċissjoni.

**7.15pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq taħt id-direzzjoni ta' Mro Alfred Farrugia L.Mus. L.C.M issellem l-Vara Titulari minn fuq il-planċier bid-daqq tal-Ave Marija u innijiet oħra. Tieħu sehem ukoll is-Sopran is-Sinjura Francesca Cassar. Wara l-istess banda tkompli b'marċ qasir.

**8.45pm** Malli l-Vara tasal quddiem il-Każin, il-Banda Queen Victoria mmexxija minn Mro Alfred Farrugia L.Mus. L.C.M tesegwixxi l-Innu l-Kbir lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni tal-Kav. Mro George Martin, fuq kliem tal-W.R. Patri J.M. Ghigo. Jieħu sehem il-Baritonu Louis Cassar, it-Tenur Joseph Aquilina kif ukoll il-Kor Bel Canto taħt id-direzzjoni ta' Mro Herman Farrugia Franz. Wara l-istess banda tkompli bil-Programm Strumentali.

**10.30pm** Wara r-ringrazzjament ġewwa l-knisja mill-membri u ammiraturi tan-nar, il-Banda Re Ġorġ V mmexxija minn Mro David Agius A.Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM tkompli tallegrana b'marċ qasir li jintemm quddiem is-Sede tas-Soċjetà.

## Il-Ħamis, 22 ta' Awwissu

*L-Ottava tal-Festa*

**7.30pm** Mixegħla tal-faċċata tal-knisja kif ukoll tas-Sede tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Nagħlqu l-Festa ta' din is-sena b'serata ta' għana u divertiment quddiem is-Sede tas-Soċjetà.



# Minn fejn ser jgħaddi l-Marċ



**Għal darb'oħra permezz ta' din il-paġna se nagħtu ftit dettalji rigward ir-rotot u tagħrif ieħor fuq il-baned mistiedna. Din is-sena se jkollna sitt baned mistiedna għall-Festa Titulari ta' Santa Marija. Però qabel ma nagħtu aktar dettalji, nieħdu l-opportunità biex bħas-soltu nħeġġu lilkom takkumpanjaw il-marċ matul it-triq kollha, u sabiex nagħtu dehra isbaħ lir-raħal tagħna għal matul il-festa permezz tat-tiżjin mad-djar tagħkom. Infakkru wkoll fl-imġiba tajba matul il-jiem tal-festa. Għalhekk dan li ġej huwa programm fid-dettall tar-rotot tal-marċi kif ukoll is-sehem tal-baned rispettivi.**

## Il-Ġimgħa, 9 ta' Awwissu

*Ħruġ tal-Vara fuq iz-zuntier*

**7:30pm** Wara li tilqa' l-Vara artistika u devota ta' Ommna Marija Assunta bi programm ta' innijiet Marjani fuq iz-zuntier tal-knisja, il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro David Agius A.Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM, tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'marċi brijużi. Il-marċ jgħaddi hekk: Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju, Triq Santa Katerina, Triq San Innoċenzju, Triq iċ-Ċavi, Triq Santa Marija, Triq Santa Katerina, Triq il-mitħna, Triq it-Troll, Triq il-Pal, Triq Santa Katerina, Misraħ il-Ġublew tad-Djamanti, Triq is-Sejba, Triq it-troll, Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq l-Aħwa Ghigo, Triq il-Barumbara, Triq il-Madonna tal-Ġilju, għall-Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju

## Is-Sibt, 10 ta' Awwissu

*Jum il-Banda*

**8:15pm** Jerġa' jmiss lill-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni tas-Surmast direttur tagħha, Mro David Agius A.Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM, tagħmel marċ li jibda minn ħdejn il-Bini Muniċipali tal-Kunsill għall-Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju u jintemm fil-Pjazza quddiem il-Każin. Wara l-Banda tagħti bidu għall-Programm Vokali u Strumentali annwali tagħha.

## Il-Ħadd, 11 ta' Awwissu

*L-Ewwel Jum tat-Tridu*

**8:30pm** Il-Banda San Ġużepp ta' Ħal Kirkop taħt id-direzzjoni ta' Mro Brian Cassar tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli kif ġej: Triq San Bażilju, Sqaq l-Isptar, Triq Mikielanġ Sapiano, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq il-Katakombi, Triq Ħal Kirkop, Triq Dun Nikol Zammit, Triq Dun Ġeraldu Mangion, Triq in-Nazzarenu, Triq Ħal Kirkop, Triq il-Ħajt tal-Matla, Triq George Martin, Triq Mons. Alfons Caruana, Triq Xandru Farrugia, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq il-Barrieri, Triq il-Ħarriġiet, Triq l-Imterrqa, Misraħ il-Fidwa, Triq San Mikiel, Triq San Bażilju u Pjazza tal-Knisja u jintemm quddiem is-Sede tas-Soċjetà.

## It-Tnejn, 12 ta' Awwissu

*It-Tieni Jum tat-Tridu*

**8.30pm** Il-Banda Unjoni ta' Ħal Luqa taħt id-direzzjoni tas-Surmast direttur tagħha John D. Zammit F.V.C.M. tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli kif ġej: Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq ix-Xriek, Triq Santa Katerina, Misraħ Ġublew tad-Djamanti, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq il-Murselli, Triq Ħal Kirkop, Triq l-Ispnar, Triq il-Familja Brancati, Triq it-Torba, Triq iż-Żurrieq, Triq is-Saljatura, Triq il-Qrendi, Misraħ Ġublew tad-Djamanti, Triq Santa Katarina, Triq il-Kileb, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq Karmenu Ciantar, il-Pjazza tal-Knisja u jintemm fil-Pjazza quddiem is-Sede tas-Soċjetà.

## It-Tlieta, 13 ta' Awwissu

*It-Tielet Jum tat-Tridu*

**8.30pm** Il-Banda Re Ġorġ V dejjem taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A.Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM tagħmel il-marċ tradizzjonali tagħha fost il-briju kbir u l-ispettaklu li ħejjew għalina s-Sezzjoni Żgħażagħ. Il-marċ jibda minn quddiem il-Każin u jkompli hekk: Pjazza tal-Knisja, Triq San

Bażilju, Triq Valletta, Triq il-Fjuri, Triq il-Parroċċa mit-tarf, il-Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju u jintemm fil-Pjazza quddiem il-Każin.

Il-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr taħt id-direzzjoni ta' Mro Tancred Grech tagħmel marċ sponsorjat mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija. Il-marċ jibda minn quddiem il-Każin u jkompli hekk: Triq San Bażilju, Triq Karmenu Ciantar, Triq id-9 ta' April, Misraħ il-Fidwa, Triq il-15 ta' Settembru, Triq Ġorġ Mangion, Triq Ħarriġiet, Triq Imterrqa, Triq il-Konvoj, Triq il-Qattara, Triq San Mikiel, Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju u jintemm fil-Pjazza quddiem is-sede tas- Soċjetà.

## L-Erbgħa, 14 ta' Awwissu

*Lejlet il-Festa*

**8.15pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A.Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM teżegwixxi programm strumentali quddiem il-Każin u wara tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli għal Triq Santa Katarina, Triq San Innoċenzju, Triq Mikielanġ Sapiano, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq Karmenu Ciantar u jintemm fil-Pjazza quddiem il-Każin.

**8.15pm** Il-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A.Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM tibda marċ minn quddiem is-sede tas-Soċjetà.

## Il-Ħamis, 15 ta' Awwissu

*L-Għid tal-Assunta*

**1.00pm** Il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro David Agius A.Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM, tagħmel il-marċ tradizzjonali ta' filgħodu li jibda minn quddiem is-sede tas-Soċjetà u jkompli għal Triq San Bażilju, Triq Valletta, Triq il-Parroċċa għall-Pjazza quddiem il-Każin.

**6.00pm** Il-Banda Peace tan-Naxxar taħt id-direzzjoni ta' Mro Lino Pirotta tibda marċ minn ħdejn is-sede tas-Soċjetà, Triq San Bażilju, Pjazza tal-Knisja. Tidħol fiz-zuntier tal-knisja u tilqa' l-ħruġ tal-Vara artistika ta' Santa Marija b'innijiet Marjani. Wara l-banda tkompli takkumpanja l-Vara matul il-purċissjoni.



**7.15pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro A. Farrugia, L.Mus.L.C.M, flimkien mas-Sopran Francesca Cassar, issellem lill-Madonna bid-daqq tal-Ave Marija.

**8.45pm** Hekk kif il-Vara tasal quddiem il-Każin tas-Soċjetà tagħna, il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro A. Farrugia, L.Mus.L.C.M., tesegwixxi l-kbir Innu lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni tal-maħbub u qatt minsi eks-Surmast il-Kav. G. Martin, A.Mus.L.C.M.,O.S.T.J., fuq versi tad-Direttur Spiritwali Patri J.M. Ghigo SJ. Ikantaw il-Baritonu Louis Cassar, it-Tenur Joseph Aquilina kif ukoll il-Kor Bel Canto taħt id-direzzjoni ta' Mro Herman Farrugia Franz. Wara, bis-sehem tal-istess kor, jiġi esegwit l-Innu Marċ Popolari Marija Assunta, kliem u mużika tal-mibki Mro Leonard Farrugia. L-istess banda tkompli bil-Programm Strumentali tagħha sakemm jasal il-ħin tad-dħul tal-purċissjoni meta terġa' ssellem lil Ommna Marija Assunta bid-daqq tal-Ave Marija.

**10.30pm** Wara l-Barka Sagramentali u r-ringrazzjament kollettiv fil-knisja mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija, il-Banda Re Ġorġ V tagħlaq il-festa b'marċ qasir li jintemm quddiem is-Sede tas-Soċjetà.

Festa Santa Marija 2019

# Programm Piroteknikų

## It-Tlieta, 30 ta' Lulju

*Bidu tal-Kwindiċina*

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.

**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.

**7.15pm** Mad-daqq tal-Barka Sagramentali wara l-funzjoni tal-Kwindiċina tinħaraq kaxxa infernali u murtaletti.

**9.15pm** Ħruq ta' beraq pront u murtali tal-kulur.

## Il-Ġimgħa, 9 ta' Awwissu

*Ħruġ tal-Vara Titulari fuq iz-zuntier*

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.

**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.

**7.30pm** Mal-ħruġ tal-Vara Titulari fuq iz-zuntier isir ħruq ta' salut, musketterija, kaxxa infernali u murtaletti bil-logħob.

**9.30pm** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.

**11.00pm** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ. Wara jsir ħruq ta' logħob tan-nar tal-art.

## Il-Ħadd, 11 ta' Awwissu

*L-Ewwel Jum tat-Tridu*

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.

**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.

**8.15pm** Mal-Barka Sagramentali fi tmiem il-funzjoni tat-Tridu jsir ħruq ta' musketterija u murtaletti bil-logħob.

**9.30pm** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.

**11.30pm** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ u wirja ta' logħob tan-nar tal-art.

## It-Tnejn, 12 ta' Awwissu

*It-Tieni Jum tat-Tridu*

Kollox bħall-jum ta' qabel.

## It-Tlieta, 13 ta' Awwissu

*It-Tielet Jum tat-Tridu*

Kollox bħall-jum ta' qabel.

## L-Erbgħa, 14 ta' Awwissu

*Lejlet il-Festa*

**9.30am** Mad-daqq tat-*Te Deum* ikun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxa infernali u diversi murtaletti bil-logħob.

**11.45am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti bil-logħob.

**6.30pm** Kif tibda t-Translazzjoni solenni tar-Relikwa jkun hemm ħruq ta' salut, kaxxa infernali u wirja kbira ta' settijiet ta' murtaletti bil-logħob.

**9.30pm** Jingħata bidu għall-ispettaklu kbir u innovattiv ta' logħob tan-nar tal-ajru sinkronizzat mal-mużika li jinkludi salut, bombi sinkronizzati, blalen u disinni, sfejjer, baraxxijiet kbar u spettakolari, it-Torri tad-Dawl, settijiet ta' murtali tradizzjonali tal-beraq pront, beraq tal-kulur, beraq bil-logħob u murtali tal-kulur. Ix-xogħol sinkronizzat se jinħaraq bis-sistemi kompjuterizzati *FireOne u Ten2*.

**11.30pm** Wirja kbira ta' logħob tan-nar tal-art oriġinali u mekkanizzat.





## Il-Ħamis, 15 ta' Awwissu

*L-Għid tal-Assunta*

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.

**9.30am** Mad-daqq tal-Glorja jkun hemm ħruq ta' murtali tal-bomba, kaxxa infernali u murtaletti bil-logħob.

**11.45am** Ħruq ta' murtali tal-bomba akkumpanjat mid-daqq tas-sirena, segwit minn ħruq ta' murtaletti bil-logħob.

**7.15pm** Waqt il-ħruġ tal-Purċissjoni bil-vara titulari u artistika ta' Santa Marija mnaqqxa fl-injam u mogħnija b'pedestall tal-fidda, jiġi sparat salut. Hekk kif l-vara devota tal-Patruna tal-Imqabba toħroġ fuq iz-zuntier u tindaqq l-'Ave Maria', tinħaraq musketterija u kaxxa infernali spettakolari li se tkun tinkludi ħafna baraxxijiet u logħob ieħor u li tkun maħruqa bis-sistema kompjuterizzata *FireOne*. Wara l-kaxxa infernali jkun hemm wirja kbira ta' murtaletti bil-logħob li jakkumpanjaw il-purċissjoni.

**9.00pm** Hekk kif jiġi esegwit l-*Innu lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema* wara li l-Vara Titulari tkun waslet quddiem is-sede tas-Soċjetà Santa Marija, isir ħruq ta' kaxxa infernali, murtali tal-beraq pront u tal-kulur.

**10.00pm** Hekk kif il-purċissjoni bil-vara tal-Patruna tal-Imqabba tkun se tidħol, isir ħruq ta' kaxxa infernali tal-kulur.

**10.15pm** Mad-dħul tal-purċissjoni bil-vara tal-Patruna tal-Imqabba isir ħruq ta' nar minn fuq il-bejt tas-Sede tas-Soċjetà. Wara, fil-knisja, tingħata l-Barka Sagramentali flimkien mal-partitarji u dawk kollha involuti fil-logħob tan-nar bħala ringrazzjament lil Santa Marija.

## Il-Ħamis, 22 ta' Awwissu

*L-Ottava tal-Festa*

**6.00pm** Mal-ħruġ tal-purċissjoni tar-Repożizzjoni tar-Relikwa tinħaraq musketterija.

**Nota mill-Bord Editorjali**

**Bħas-snin ta' qabel, dan ix-xogħol kollu sar bis-saħħa tal-membri tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija. F'isem il-Kumitat Eżekuttiv, nieħdu din l-opportunità biex f'isem is-soċji u l-partitarji kollha, nirringrazzjaw lill-membri kollha ta' din l-Għaqda tan-Nar kif ukoll lil kull min għen sabiex jittella' dan il-programm vast ta' logħob tan-nar. Jalla jkollhom is-sodisfazzjon sħiħ ta' xogħolhom u nitolbu biex Santa Marija tħarishom waqt ħidmiethom fil-kmamar tan-nar u wkoll waqt il-ħruq.**

**L-Għaqda tan-Nar Santa Marija hija r-rebbieħa tal-Ewwel Kampjonat Internazzjonali tan-Nar ta' Malta li sar fl-2006 fil-Port il-Kbir, filwaqt li sena wara ġiet inkurunata wkoll bir-rebħ tal-Kampjonat Dinji tan-Nar 'Caput Lucis' f'Ruma, l-Italja. Fl-2010 l-Għaqda Nar tal-Art Santa Marija rebħet il-Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art fuq il-Fosos tal-Furjana. Fl-2014, l-Għaqda tan-Nar kompliet iżżid il-kullana ta' suċċessi permezz tal-premju tal-Artiġjanat, għal xogħol innovattiv. Fis-sena 2019, is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba flimkien mal-Għaqda tan-Nar Santa Marija ġiet mogħnija bl-unur Wirt Artistiku 2019.**
















Attivitajiet li ġew organizzati
mill-Go Reds - Adolexxenti Titulari






# TAL-BAZZI

*Joseph & Julian Farrugia*

*Ġarr ta'*
*ġebel, ramel u torba,*
*żrar u xogħol bil-gafef u tractor,*
*ħsad u ħart*

12, Warda tal-Ġilju,
Triq in-Nazzarenu, Mqabba
**mob: 9988 7021**
**mob: 9987 7175**
**tel: 2168 3409**



# Il-kultura sportiva fis-Soċjetà

Jonathan Mifsud jikteb dwar il-qasam sportiv fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V u dwar is-suċċessi miksuba matul l-istaġun li għadda.

Fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija Banda Re Ġorġ V nsibu li l-isports jingħata wkoll importanza xierqa sabiex is-Soċjetà tibqa' tkun mimlija b'attivitajiet differenti matul is-sena kollha. Matul din l-aħħar sena is-Soċjetà kienet rappreżentata minn żewġ timijiet fil-logħba tal-Pool kif ukoll bit-tim fil-logħba tad-Darts.

**St. Mary Pool Team Mqabba**

Fil-logħba tal-Pool din is-sena insibu li l-ewwel tim (St. Mary Imqabba A) kompla jilgħab fil-First Division tal-National Team League u spiċċa *runners up*. Dan ir-riżultat wassal sabiex St. Mary Imqabba A jikseb id-dritt li jilgħab fil-30th Anniversary Cup tal-Malta Pool Association fejn hawnhekk it-tim lagħab kontra timijiet mill-Premier Division. Hawnhekk dan it-tim wasal sal-istadju Pre-eleminari. It-tieni tim (St. Mary Imqabba B) din is-sena kompla jilgħab fit-Third Division Section B tal-National Team Leagues u spiċċa fis-sitt post tal-kampjonat.

Għal darb'oħra l-għaqda u l-armonija kienu kruċjali biex setgħu jinġiebu dawn ir-riżultati. Sabiex dan l-isport seta' jkompli jkun prattikat f'ambjent xieraq u kif ukoll is-sede tas-Soċjetà tkun tista' tilqa' fi ħdanha logħob kompetittiv komplew isiru xi xogħlijiet u manutenzjonijiet meħtieġa. Fost ix-xogħlijiet li saru nsibu li kien hemm it-tibdil taż-żewġ pannijiet tal-imwejjed tal-billiards li dawn ġew ġentilment sponsorjati mill-Kumitat Eżekuttiv. Din is-sena ġew ukoll organizzati diversi tournaments sabiex tinkiseb aktar esperjenza filwaqt li jkunu jistgħu jinġabru xi fondi b'risq din l-għaqda sportiva. Fost dawn it-tournaments organizzati nsibu l-Peter Agius Pool Tournament li kien miftuħ għall-players minn madwar Malta kollha ta' kull livell fejn fuq medda ta' xhur intlagħbu diversi logħbiet. Ta' min jgħid li l-finali ta' dan it-tournament intlagħbet bejn Chris Galea u Duncan Edwards li huma żewġ players li jiffurmaw parti mit-tim St. Mary Imqabba A. Dan it-tournament li kien ġentilment sponsorjat minn Peter Agius intrebaħ minn Chris Galea. Din l-għaqda wkoll ħadet ħsieb li torganizza xi attivitajiet soċjali fejn fost dawn organizzat ikla Majjal bejn l-ħbieb ġewwa l-Każin fejn din kienet ġentilment sponsorjata minn Michael Bezzina. Għal istaġun li ġej li jibda għall-ħabta ta' Settembru, is-St. Mary Pool Team tal-Imqabba ser tkun qiegħda terġa' torganizza Pool tournament fuq bażi nazzjonali, din id-darba ġentilment sponsorjat minn Edwin Gatt f'isem "The Wooden Box".

Minn hawn nieħu l-opportunità biex f'isem is-St. Mary Pool Team nirringrazzja lil dawk id-diversi kumpaniji li emmnu f'din l-għaqda u taw l-appoġġ tagħhom permezz ta' sponsorships. Illum il-ġurnata l-logħba tal-pool hija parti mis-Soċjetà tagħna fejn ta' kuljum tara nies ġodda jieħdu interess u tfal jitgħallmu, kif ukoll tara nies jieħdu pjaċir jqattgħu siegħa żmien iħarsu lejn il-plejers jipprattikaw kif ukoll jagħtu l-appoġġ meħtieġ waqt il-logħob. Min hawn nagħmel appell li jekk hemm min hu interessat li jibda jipprattika dan l-sport għandu javviċina lil xi membru tat-tim fejn ċertament ser ikunu qegħdin jieħdu ħsieb li jgħallmu u jaqsmu l-għarfien tagħhom dwar dan il-qasam miegħu. Għal aktar tagħrif dwar din l-għaqda tistgħu żżuru l-paġna ta' Facebook/St Mary pool club Imqabba



*It tim St. Mary Imqabba A*



*It tim St. Mary Imqabba B*



MOBILTECH VRT STATION
VRT GHAND ĠANNI L- ELECTRICIAN
WE ALSO DO:
TYRES AND PUNCTURE REPAIR
BATTERIES
A/C SERVICE
ELECTRICAL PARTS AND REPAIR
INSURANCE AND LICENCE
VRT FOR:
CARS
LIGHT COMMERCIALS
QUAD BIKES
LOW VEHICLES
4 WDS
VALLETTA RD - ZURRIEQ
TEL: 21640466 / 79498465
e mail: mobitechgarage@hotmail.com




PAUL & MARK
Super-Market (ta' Sapienz)
CRAI
Triq il-Biżantini, Qrendi • Tel: 2164 9033
9987 6448 • 9988 3833
Għal dak kollu li l-mara tad-dar ikollha bżonn
Free Deliveries
Issa ssibulna wkoll prodotti tad-ditta
CRAI
Ma' kull xirja ta' €50 jinghata rigal
Max-xirja jinghataw stickers tal-CRAI li jissarrfu f'rigali sbieħ
Paul u Mark jawguraw il-festa t-tajba lil kulhadd

### St. Mary Mqabba Darts Team

Il-logħob tad-darts fl-istaġun li għadda kompla jkun ferm popolari fis-Sede tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Din is-sena t-tim kompla jilgħab fit-tielet diviżjoni tal-League tal-Malta Darts Association. F'dan l-istaġun li għadu kemm intemm, St. Mary Mqabba Darts Team spiċċa fis-sitt post minn erbatax-il tim u dan huwa ta' inkoraġġiment kbir għall-membri.

Sabiex il-membri jkomplu jkabbru l-esperjenza f'dan il-qasam kompetittiv, tliet membri minn din l-għaqda ħadu sehem fil-Malta Darts Open Tournament li sar f'Novembru li għadda ġewwa Montekristo Estates. Is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija għenet lil din l-għaqda wkoll billi ħadet ħsieb li torganizza Darts Tournament fuq medda ta' xhur li kien ġentilment sponsorjat mill-Onorevoli Stefan Zrinzo Azzopardi. Dan id-Darts Tournament intrebaħ minn Mario Darmanin filwaqt li Ramon Zammit spiċċa *Runner Up*. F'isem din l-għaqda nirringrazzja lill-isponsors kollha li jemmnu f'din l-għaqda sabiex tkompli titkattar il-kultura sportiva fi ħdan din is-Soċjetà.

Għall-istaġun li jmiss li jibda għall ħabta tal-bidu ta' Ottubru, t-tim qiegħed iħares b'kuraġġ u determinazzjoni kbira, dan ukoll wara li xi membri



*Il-finalisti tad-Darts Tournament li kien ġentilment sponsorjat mill-Onorevoli Stefan Zrinzo Azzopardi*

ġodda u ta' esperjenza ser jingħaqdu fit-tim. Permezz ta' din il-kitba nixtieq inħeġġeġ lil dawk kollha li jogħġobhom dan l-isport jew li jixtiequ jiprattikawh jew jippruvawh sabiex jagħmlu kuntatt ma' xi membru tat-tim. Nagħmel appell ukoll sabiex tiġu ssegwu l-logħob u tagħtu s-sapport meħtieġ lill-membri tat-tim waqt il-logħob kompetittiv. Għal aktar tagħrif dwar dan it-tim tistgħu żżuru l-paġna ta' Facebook/St. Mary Darts Team.

Nawgura l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha!

Is-Soċjetà ta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tixtieq tifraħ u tawgura lill-membri kollha ta' St.Mary Mqabba Pool Team li kkwalifikaw fit-tieni post fil-Kampjonat Nazzjonali tal-Ewwel Diviżjoni



# Attivist tas-Sena 2017/18

Mario Zammit twieled fil-17 ta' Awwissu 1979 ġewwa l-Imqabba, ħa l-edukazzjoni tiegħu ġewwa l-Iskola Primarja tal-Imqabba, dik tas-Sekondarja ġewwa ż-Żurrieq u wara kompla l-edukazzjoni tiegħu ġewwa t-Technical Institute tan-Naxxar. Illum il-ġurnata Mario jaħdem bħala Skrivan maċ-Ċivil.

Minn mindu kien żgħir, Mario kien dejjem partitarju fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Hu beda jagħti kontribut akbar lejn il-festa u s-Soċjetà mis-sena 2005 meta hu ngħaqad fil-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija fejn hu dam iservi għal diversi snin bejn is-snin 2005 u 2009. Kienet din l-istess esperjenza li ħeġġitu sabiex jibda jservi wkoll fil-Kumitat Eżekuttiv mill-2008 'l quddiem. Mario huwa ta' għajnuna kbira għad-diversi fergħat fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Huwa membru tal-bord Editorjali tal-Pubblikazzjoni Annwali tal-Festa Titulari, kif ukoll jagħti l-għajnuna tiegħu fl-Għaqda tan-Nar. Mario hu membru attiv fil-Kummissjoni WEB li hu kien wieħed mill-Fundaturi tagħha, fejn hu għadu jagħti s-sehem tiegħu sabiex jitwassal leħen is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ permezz tal-użu tat-teknoloġija moderna u l-mezzi soċjali.



*Mario Zammit jirċievi l-premju tal-Attivist tas-Sena 2017/18 mingħand il-President tas-Soċjetà Carlo Sciberras*

Minn hawn il-Bord Editorjali f'isem is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V jixtieq jifraħ lil Mario Zammit għall-premju ferm meritat bħala "Attivist tas-Sena 2018", filwaqt li jirringrazzjah tal-ħidma siewja f'din is-Soċjetà u jħares 'il quddiem għal aktar ħidma fi ħdan din l-istess Soċjetà.


**Lorraine's Beauty Clinic**

All face & body treatments,
Make-up, Manicures & Pedicures, Waxing,
Semi-permanenrt make-up,
Holistic & Complimentary Therapies
by qualified Therapist.

Call for appointment or SMS to
21689 785 or 99450647

Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba





# Il-Planċier Artistiku

Michael Ghigo, id-delegat tal-planċier jikteb dwar il-ħidma ta' dan il-proġett ambizzjuż

Bi pjaċir kbir din is-sena erġajt qiegħed nagħmel parti mill-Kumitat Eżekuttiv u ta' dan nirringrazzja lis-soċji kollha li wrew il-fiduċja fiha. Jien ingħatajt il-kariga ta' Delegat Uffiċjali tal-planċier u għalhekk flimkien ma' sħabi membri tal-Kumitat Eżekuttiv u bil-għajnuna tagħkom irrid inwettaq ix-xewqa ta' kull partitarju li jħobb il-festa tant għażiża għalina ta' Santa Marija, li jitlesta l-planċier.



*Is-Sur Michael Ghigo flimkien mas-Sur Manuel Grech waqt il-ħidma fuq il-planċier*

Propju fl-ewwel xhur tas-sena l-oħra, il-Kumitat Eżekuttiv laqqa' lill-membri interessati jgħinu fil-proġett tal-Planċier u kien hemmhekk li ġie ffurmat grupp ta' nies biex flimkien jitfassal pjan ta' ħidma. Minn hawn nixtieq nuri apprezzament lejn il-ħidma tas-Sinjuri Charles Demanuele, Ian Camilleri, Joseph Tonna, Chris Schembri Baldacchino u Jonathan Mifsud kemm bħala membri ta' dan il-grupp kif ukoll bħala l-imħuħ wara x-xogħlijiet tal-armar tal-planċier fil-pjazza flimkien ma' partitarji oħrajn li kull sena jagħtu daqqa t'id waqt l-imsemmi armar.

Wara l-festa tas-sena 2018 komplejna bil-ħidma tagħna mal-artist bravu s-Sur Manuel Grech fejn propju din is-sena ġie ffinalizzat id-disinn artistiku tal-faċċata tal-planċier. Wara li ngħażlet il-pjanta beda x-xogħol. Din is-sena qiegħed isir xogħol ta' alterazzjoni fuq il-faċċata. Dan il-proġett jirrikjedi xogħol varju ta' njam u għalhekk ġie avviċinat il-mastrudaxxa s-Sur Joseph Mizzi li qiegħed jagħmel dan ix-xogħol. Qiegħed ukoll isir xi xogħol ta' njam minni stess bl-għajnuna tal-partitarju s-Sur Anthony Sammut, li minn hawn nirringrazzjah għax dejjem kien ta' għajnuna kbira u dejjem ġejna mogħtija pariri siewja. Barra dan ix-xogħol qiegħed ukoll nagħmel xogħol ta' lavur fl-injam u fil-*fibre*. Dan jirrikjedi ħafna xogħol u paċenzja kbira biex ikollok ir-riżultat mixtieq u perfett. Fuq xogħol tal-ewwel saffi ta' żebgħa f'din l-ewwel fażi qed jaħdem is-Sur Ivan Falzon li wkoll huwa partitarju u ta' għajnuna kbira għas-Soċjetà tagħna.

Ix-xewqa tiegħi hija li dan il-proġett ikun fi stadju avvanzat fi żmien tliet snin u għalhekk qed nitlob li kull min jista' jgħin kemm finanzjarjament u kemm manwalment jipprovdi l-għajnuna tiegħu. Meta jitlesta dan il-proġett inkunu nistgħu ngħidu li l-pjazza tkun kompluta b'armar mill-ifjen u planċier kif dejjem xtaqna armati fiż-żmien il-festa tant għażiża għalina tal-Assunzjoni. Imma fuq kollox il-Banda tagħna jkollha fejn tgawdi post xieraq biex imtellgħa l-programm annwali ta' kwalità.

Il-kumpanija Polidano Brothers qiegħda wkoll tkun ta' għajnuna kbira għalina f'dan il-proġett. Nixtieq nuri l-apprezzament tagħna lkoll u nirringrazzjaw lil din il-kumpanija għal spazju li offritilna f'maħżen kbir minn tagħha biex inkunu nistgħu narmaw il-planċier u nkomplu bix-xogħol mingħajr diffikultà matul is-sena kollha. Apprezzament ukoll lill-kumpanija Elbros tal-għajnuna li qed joffru fuq dan il-proġett kif ukoll nirringrazzjaw lill-familja Ellul li offritilna spazju biex jinżamm parti mill-qafas tal-planċier. Nixtieq nirringrazzja wkoll lis-Sur Benny Camilleri tal-impenn, dedikazzjoni u ħidma sfiqa matul iż-żminijiet fuq dan il-proġett.



*Parti mix-xogħlijiet li qed isiru fuq il-faċċata*

Nagħlaq dan il-messaġġ billi nawgura minn qalbi l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha u nistieden lil kulħadd biex jiġi jgawdi l-festa, u fl-istess ħin japprezza x-xogħol li jkun sar matul is-sena kollha.

VIVA L-PATRUNA UNIVERSALI SANTA MARIJA!

*For all your Framing Requirements ...*



- Number 1 Custom Frame Makers for Photos, Pictures, Paintings, Mirrors etc.
- Also on sale, a wide range of pictures and paintings (oil on canvas).

We Offer Free Delivery For Oversized Frames.
Ample Parking Available for our Clientele.

*Frame Lane*

Frame Lane, Mula Rd., Zebbug.
Tel: 21467104. Mob: 79888794.
email: framelane@gmail.com






# Teżor il-Bidwi

***Ħaxix dirett mill-bidwi***

Triq il-Konvoj ta' Santa Marija,
Mqabba
Mob: 99267341, 79277743

Opening Hours

Mon & Thur
8.45 - 19.00

Tue & Fri
8.45 - 12.00; 16.00 - 19.00

Saturday
8.45 - 12.00

Sunday & Public Holidays
10.00 - 13.00
Wednesday: Closed



# Ir-restawr tal-faċċata tal-Palazz Santa Marija

**Perit David Zahra BE&A (Hons), M Sc Cons Tech**
**Conservation Architect**

Il-proċess ta' restawr, fih innifsu, huwa proċess twil, ikkumplikat u delikat. Sfortunatament ma jeżistux riċetti! Kull bini huwa uniku, il-għaliex għadda minn storja partikolari, imdawwar b'ambjent partikolari, b'ċirkostanzi u ġrajjiet uniċi. Għalhekk il-mod ta' kif jiddegrada l-ġebel jiddependi minn diversi fatturi fosthom il-kwalità tal-ġebla nnifisha, l-ambjent ta' madwarha speċjalment jekk hemmx ħafna *pollution*, jekk il-bini hux qrib tal-baħar, jekk hemmx ħafna umdità tiela' u ħwejjeġ bħal dawn.

Barra minn hekk, kull proġett ta' restawr irid jibda minn riċerka dwar l-istorja u l-iżvilupp tal-binja, sabiex wieħed jistabbilixxi kif u meta nbniet, jekk inbnietx f'daqqa jew f'numru ta' fażijiet, eċċ. Dan jgħin sabiex wieħed jifhem x'materjali probabbilment intużaw, it-teknika ta' kostruzzjoni li ntużat, eċċ. Pereżempju, binjiet antiki jinbnew bil-ħitan tax-xulliel u dawk iktar riċenti bil-kantun. Dan kollu jaffettwa t-tip ta' intervent li jista' jsir u kif għandu jsir sabiex niżguraw li ma ssirx iktar ħsara milli ġid meta jsir ix-xogħol!

Il-proċess tar-restawr huwa msejjes fuq prinċipji universali, jew aħjar regoli ġenerali, li wieħed irid isegwi u japplika f'kull intervent. Dawn jinkludu:

1. il-protezzjoni tal-materjal oriġinali,
2. li jsir l-inqas intervent possibbli,
3. ma ssir l-ebda ħsara lill-patina/wiċċ tal-ġebla,
4. li jintużaw materjali kompatibbli mal-ġebla,
5. il-materjali u l-interventi ikunu riversibbli

L-għan tal-intervent huwa li permezz tax-xogħlijiet li jsiru titnaqqas ir-rata ta' degradazzjoni tal-ġebla. Barra minn hekk, wieħed irid jassigura l-istabbilità strutturali tal-binja/faċċata. Dan il-proċess kollu jrid ikun dokumentat bir-reqqa sabiex dawk ta' warajna ikunu jafu x'sar.

Għalhekk, qabel jibda r-restawr, parti mill-proċess tal-permess mal-Awtorità tal-Ippjanar, jinkiteb *'Restoration Method Statement'* li fih jiġi dokumentat l-istorja u l-istat tal-binja u jiġu deskritti il-proċessi u l-interventi tar-restawr li huma maħsuba li għandhom bżonn isiru. F'dan il-każ dan ir-rapport kien ippreparat mill-Perit Wendy Jo Attard.

Wara li joħroġ il-permess, li jkun fih bosta kundizzjonijiet rigorużi, isiru numru ta' provi *(trial panels)* fejn wieħed jistabbilixxi t-tip ta' intervent li jrid isir, u dawn jiġu mqabbla ma' rappreżentanti tal-Awtorità tal-Ippjanar (*Heritage Planning Unit*) kif ukoll rappreżentanti tas-Soprintendenza tal-Wirt Kulturali. Dan il-proċess ta' approvazzjoni jrid isir kull darba li ser tibda fażi ġdida jew tintuża teknika differenti waqt ix-xogħol ta' restawr.

Allura wieħed jistaqsi, imma kif isir ix-xogħol veru u propju? Għalkemm kull proġett ta' restawr huwa differenti minn ieħor, kull intervent dejjem jibda mill-affarijiet l-iktar bażiċi biex imbagħad wara, jekk hemm bżonn, jintużaw teknika jew/u materjali iktar ikkomplikati.



*Il-Perit David Zahra waqt waħda miż-żjarat regolari tax-xogħlijiet tar-restawr tal-faċċata*

Għalhekk l-ewwel ħaġa li ssir hija li l-ġebla tiġi mnaddfa bi broxkijiet, mhux iebsin, bħal ngħidu aħna 'nylon fibre'. Dak li jweġġa l-idejk, iweġġa l-ġebla! Wara mbagħad ġieli jiżdied xi ftit ilma *'de-ionised'* għas-sistema ta' *'wet brushing'*. Xi kultant ukoll nużaw xi bioċida sabiex noqtlu xi pjanti u liċeni li jikbru fuq il-ġebla, jew ġol-fili, u li jistgħu jagħmlu ħsara. Jinqalgħu ukoll elementi tal-ħadid bħal imsiemer u affarijiet oħra, għaliex meta jsaddu jfaqqgħu l-ġebla. Imbagħad jinfetħu l-fili li qed jaqgħu jew li jinkludu xi materjali bħas-siment li jagħmel ħafna ħsara lill-ġebla Maltija. Wara jitkaħħlu l-fili b'taħlita ta' ġir *(hydraulic lime)*, ramel u xaħx.

# RENTAL OF HALL

@PALAZZ SANTA MARIJA

MQABBA

65sq metres of space equipped with sound system & free wifi









**suitable for:**

- parties
- meetings
- talks
- presentations
- zumba
- yoga
- aerobics

FOR MORE INFO CALL US ON **7906 4778**

OR EMAIL US ON INFO@SANTAMARIJA.COM

Design: Kummissjoni WEB

Xi drabi ikun hemm bżonn ukoll li jsir xi bdil ta' xi ġebel li jkun iddeterjora ħafna jew li għandhom ħafna ħsara. Fejn ikun possibbli, elementi dekorattivi li jkollhom xi xfur imtajjra jew tilfu xi dettalji jerġgħu isiru b'teknika imsejħa *'plastic repair'*, bażikament taħlita ta' ġir *(hydraulic lime)*, ramel u xaħx. Il-proporzjon tal-materjali li jintużaw jassiguraw li l-kulur jaqbel mal-ġebla l-oriġinali li qed tissewwa. Ġebel maqsum ukoll jiġi injettat b'kolla *(epoxy resin)* sabiex ma tibqax sejra. Dan ix-xogħol kollu jrid isir b'paċenzja u b'reqqa kbira sabiex ma ssir l-ebda ħsara lill-ġebla eżistenti. Fl-aħħar nett, il-ġebla ġieli jkollha bżonn li tingħata velatura sabiex tagħlaq l-intervent.

Din il-faċċata partikolari offriet u għadha toffri diversi sfidi. L-ewwel nett, il-faċċata hija elaborata ħafna, b'ħafna xogħol ta' lavur fin li jagħmilha faċċata ta' livell arkitettoniku għolja ħafna. Il-binja jidher ukoll li nbniet mill-inqas fi tliet fażijiet differenti. Għalhekk il-ġebel ġie minn sorsi differenti, inħadem b'mod differenti u billi nbniet fuq medda ta' għexieren ta' snin, huwa ddeterjorat b'mod differenti. Jidher ukoll li kienu saru diġà xi interventi fil-passat u setgħu ntużaw materjali li mhux bilfors għenu sabiex il-ġebla tiġi ppreservata aħjar. Kien hemm ukoll ħafna *'fixtures'* imwaħħlin mal-faċċata li issa ssaddu u bdew jagħmlu l-ħsara lill-ġebel. Barra minn hekk, jidher li l-effett tat-traffiku ħalla l-marka tiegħu b'dak li nsejħulu *'black crust'*, speċjalment f'dawk il-partijiet tal-faċċata li ma jinħaslux bix-xita, bħal taħt il-gwarniċuni u fuq wara tal-kolonni. Il-faċċata wkoll fiha ħafna xogħol ta' lavur fin u hawnhekk ukoll hemm tendenza li jinqabad il-ħmieġ u tifforma l-*'black crust'*. Din importanti li titneħħa għaliex tagħmel ħafna ħsara.

Il-prinċipju kardinali huwa li wieħed jifhem li l-iskop tar-restawr mhuwiex li l-faċċata jew il-binja tiġi ġdida. Persuna anzjana ma tistax terġa' ssir żagħżugħa! Hekk il-bini tagħna. Dan għaddiet minn fuqu storja ta' għexieren, jekk mhux ta' mijiet ta' snin, u ż-żmien ħalla l-marka tiegħu u għalhekk għandu prestiġju kbir. Ir-restawr irid jassigura li l-bini li ġie f'idejna, jgħaddi lil ta' warajna mingħajr ma' nkunu irvinajnieh, li nkunu żammejna kemm jista' jkun ix-xogħol fil-ġebel ta' missirijietna, u mhux kopja moderna li ma tiswa xejn, irridu nħallu lil ta' warajna jifhmu kif kienu jibnu missirijietna, it-teknika u l-materjali li kienu jużaw u s-sengħa u l-ħila kbira li kellhom, irridu nħallu lil ta' warajna binja awtentika, xhud tal-istorja kbira tagħha, irridu nifhmu li intervent ta' restawr mhuwiex darba u daqshekk iżda huwa parti minn ċiklu kontinwu ta' manutenzjoni sabiex niżguraw li dan il-ġojjell jiġi ppreservat għat-tgawdija ta' wliedna u wlied uliedna. Għal dan ser inkunu mfakkrin u apprezzati minn dawk li ġejjin warajna u li ser ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom materjali u teknoloġija li tiżboq dak li nafu u li għandna llum u għalhekk irriduhom ikollhom iċ-ċans li jindukraw dan il-monument oriġinali u mhux xi kopja moderna tiegħu!

Fl-aħħar nett nixtieq nirringrazzja lill-Onor Perit Toni Bezzina li ħadem qatigħ sabiex ġab il-fondi mill-iskema Irrestawra Darek, kien strumentali biex jinġiebu l-permessi meħtieġa u dejjem kien ta' għajnuna u sapport matul il-proġett kif ukoll lill-Ministru Owen Bonnici tal-għajnuna tiegħu u lill-Kumpanija Farstone tax-xogħol li sar. Barra minn hekk nixtieq ukoll nirringrazzja lill-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà b'mod partikulari lill-President Carlo Sciberras li kien il-mutur wara dan il-proġett, li l-ħin kollu jibgħat u jċempel sabiex jassigura li x-xogħol isir bl-aħjar mod possibbli!



*Mastru Joseph Camilleri waqt ir-restawr fuq l-istatwa ta' Santa Marija*





*Il-faċċata qabel u wara r-restawr*

REMISSA

SPORTS BAR, MQABBA

SERVING FREE APPETIZERS 9999 8108

Super S
ironmongery

*Everything you need for your Home under one Roof!*



Electrical & Water Fittings, A Large Selection of Power Tools & Hand Tools,
Indoor & Outdoor Lightings, Skirting, A Large Variety of Household Appliances and Kitchen Utensils,
Fans, Dehumidifiers, Heaters & Fan Heaters, Ceiling Roses, Garden Furniture,
Picnic Tables, Umbrellas and much more ...

**Dun Matteola Saliba Street, Żurrieq Tel: 2768 9256**

Opening Hours: Monday to Friday 06:30 to 19:00hrs; Saturday 06:30 to 14:00hrs

**TA' BALAL**

**PETROL SERVICE STATION**

GENERAL TYRE REPAIRS, ALSO
NEW TYRES, LUBRICANTS, AUTO PARTS
AND OTHER AUTO ACCESSORIES

*Prop. Emanuel Gatt*

**New Street, Luqa • Tel: 2180 9351**



*Profil*

# Renè Camilleri

## *L-Assistent Surmast Direttur tal-Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba*



Renè Camilleri, iben Anthony mill-Imqabba u Louise neè Camilleri miż-Żurrieq, twieled nhar il-31 ta' Awwissu 1995 u joqgħod l-Imqabba. Huwa rċieva l-edukazzjoni ġenerali tiegħu fl-iskola Primarja tal-Imqabba u fil-Kulleġġ San Duminku Savio ta' Ħad-Dingli. Wara sentejn fil-Junior College, fl-2013 daħal l-Università ta' Malta minn fejn fl-2017 kiseb bl-unuri l-Baċellerat fl-Inġinerija Mekkanika (B.Eng. (Hons)). Illum, Renè jaħdem bħala *Mechanical Engineer* mal-*Public Works*, u għaddej b'iktar studju f'dan il-qasam permezz ta' *Masters in Building Services Engineering* mill-Università prestiġjuża ta' *Brunel*.

Ta' età żgħira ħafna, ħa l-ewwel taħriġ mużikali tiegħu mingħand missieru stess, l-Inġ. Mro Anthony Camilleri, eks-Surmast Direttur tal-Banda Re Ġorġ V. Ta' ħames snin beda jattendi l-*Johann Strauss School of Music* il-Belt Valletta fejn beda jistudja l-klarinett għand Mro Michael Pirotta u l-pjanu għand Mro Paul Abela. Renè kien jifforma parti sew mill-*Youth Orchestra* tal-*Euro Academy of Music* kif ukoll mill-*Junior College Orchestra*, it-tnejn immexxija minn Mro Manoel Pirotta, fejn kellu l-opportunità jdoqq f'ħafna okkażjonijiet importanti.

Fl-2006 huwa ngħaqad bħala bandist mal-Banda *Queen Victoria* taż-Żurrieq u hawnhekk insibuh ukoll illi għal din l-istess Banda, aktar tard huwa kkompona u rregala tliet marċi brijużi bl-isem "L-Ewwel" fl-2012, "Lill-Kummissjoni Banda" fl-2015 u "Antonio" fl-2018. Maż-żmien, Renè baqa' javvanza grad wara l-ieħor u fl-2016, huwa akkwista l-*Associate Diploma of the London College of Music* fil-klarinett, fejn ikklassifika l-ewwel fis-sezzjoni tiegħu. Fl-istess ħin huwa kompla wkoll bl-istudji tiegħu fit-teorija tal-mużika fejn wara li lesta l-gradi ġewwa l-*Johann Strauss School of Music,* kompla l-istudji tiegħu għand Mro Ray Sciberras, u preżentement qiegħed jistudja l-armonija, il-kuntrapunt, l-orkestrazzjoni u d-direzzjoni għand Mro Luke Vella. Fil-Programm Vokali u Strumentali li tellgħet il-Banda Queen Victoria nhar it-18 ta' Lulju 2018, Renè kien is-solista fuq il-klarinett fejn esegwixxa s-silta impenjattiva *"Concertino per Clarinetto"* ta' Charles Gabriele.

Dan l-aħħar, Renè kkompona diversi diski oriġinali mal-grupp *WaterWings* li tiegħu jifforma parti u miegħu jdoqq il-*keyboards* f'diversi *festivals* ewlenin, *private functions* u tiġijiet madwar Malta. Riċentament, Renè sar *performer* mal-band *Brown Sugar* tal-kantant Brittaniku Desi Campbell, fejn insibuh idoqq kemm il-klarinett kif ukoll t-*tenor saxophone*. F'Awwissu 2018, Renè kkompona d-diska kantata minn Jasmine Abela, "L-Aqwa Żgħażagħ Imqabbin" fl-okkażjoni tal-25 sena anniversarju tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija tal-Imqabba.

Nhar il-26 ta' Ottubru 2018, Renè nħatar Assistent Surmast tal-Banda Re Ġorġ V fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija tal-Imqabba, fejn huwa qiegħed jgħallem ammont sabiħ ta' studenti kif ukoll jgħin fid-direzzjoni tal-banda. Għal din il-banda Imqabbija, fis-sena 2018 Renè kkompona l-ewwel marċ funebru tiegħu bl-isem ta' "Tislima lil Nenu", li żżanżan nhar il-5 ta' April 2019 fil-Programm tal-Ġimgħa Mqaddsa ġewwa l-Kappella San Bażilju, imtellgħa mill-Banda Re Ġorġ V.

**Mariano's Garage**

***Mariano D'Amato***



Spraybooth painting
Insurance Approved

**M: 99873335**
**E: marianodamato87@gmail.com**
**A: Triq San Ġwann, Kirkop**





*Profil*

# Michael Galea

Michael Galea twieled fit-2 ta' Ottubru 1996, iben George Galea mill-Imqabba u Miriam Galea neè Debono minn Tas-Sliema. Beda l-edukazzjoni tiegħu ġewwa l-iskola primarja ta' Pembroke u kompla fis-Seminarju tal-Arċisqof, ir-Rabat. Wara l-iskola sekondarja, huwa kompla bl-istudji tiegħu fil-Junior College u aktar tard mar l-MCAST, fejn bħalissa jinsab fl-aħħar sena ta' studju għall-Baċellerat fl-Inġinerija tas-Software.

L-ewwel taħriġ mużikali kien mingħand ommu, li meta kien għadu ta' età żgħira beda jitgħallem il-kitarra, kif ukoll meta kien is-Seminarju ħa taħriġ fid-*drum kit* waqt il-lezzjonijiet tal-mużika. Minn hemm kompla jistudja fuq id-drums u l-perkussjoni, waqt li beda jieħu esperjenzi differenti minn baned u orkestri differenti, fosthom l-Junior College Orchestra u l-Orkestra taż-Żurrieq. Fl-2010 huwa ngħaqqad mal-Big Friends Guggen Musik, fejn għal 8 snin kien jifforma parti mill-grupp tal-perkussjoni. Ma' din l-banda irnexxilu jikseb esperjenza vasta, anke mill-fatt li daqq 'l barra minn xtutna, f'postijiet bħal Dubai waqt iċ-ċelebrazzjonijiet tal-45 sena ta' indipendenza.



Fl-2019 huwa sar parti mill-Banda Re Ġorġ V fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija tal-Mqabba, fejn iddebutta għall-ewwel darba fil-5 ta' April 2019, għal kunċert tas-Semana Santa.

Is-Soċjetà ta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V
tifraħ u tawgura
ill-bandist Michael Galea
għad-debutt tiegħu mal-Banda Re Ġorġ V

Is-Soċjetà Santa Marija
u Banda Re Ġorġ V
tħeġġeġ lill-partitarji kollha jieħdu
sehem fil-marċi tal-festa,
filwaqt li jobdu l-istruzzjonijiet
mogħtija lilhom mill-membri
tal-kumitat

# Magic Clean

DETERGENTS & TOILETRIES

*Discount Detergent Shop*

Triq Filippu Farrugia, Żurrieq (Ħdejn il-Museum tal-Bniet)

**Tel: 2164 7070 • Mob: 7720 8974**

**Għall-Offerti u Sorprizi mill-Aħjar**
**• Punti Doppji • Free Deliveries • Prodotti b'Xejn**
**• Bonus Card • L-Orħos u l-Aħjar Prezzijiet**

*Magic Cleam... The Heart of Magic Prices*





# Il-verġni tar-Rocio tagħlaq is-Semana Santa Spanjola

**Michael Chetcuti jikteb dwar il-vara tal-EL Rocio u l-purċissjoni li twassal għat-tmiem tas-Semana Santa ġewwa Spanja**

Din is-sena ma nistax ma nitkellimx u ma nfaħħarx lid-devotissima vara antika tal-Verġni mbierka Tan-Nida, magħrufa bħala "Virgen del Rocio" (La Paloma Blanca) propju f'din is-sena ċentinarja li fiha qiegħed jiġi mfakkar il-mitt sena minn mindu din l-vara tant ivvenerata mill-Ispanjoli speċjalment dawk tal-Andalucia ġiet solennament inkurunata b'kuruna tad-deheb.

Fix-xhur li għaddew u b'mod speċjali fit-8, 9 u 10 ta' Ġunju saru festi kbar biex ifakkru din il-ġrajja storika. Fil-lejl ta' bejn il-Ħadd 9 ta' Ġunju, nhar Pentekoste u t-Tnejn propju fit-3 ta' filgħodu, fost dellirju ta' ferħ u entużjażmu kbir, il-vara ħarġet fit-toroq ħelwin ta' EL Rocio. Il-verġni mbierka Tar-Rocio nkurunata mis-santwarju bajdani tagħha, liebsa lbies ġdid għal din l-okkażjoni speċjali, libsa u mantell abjad tal-Lama rrakmati b'deheb fin u b'Kuruna rjali ġdida bħala Reġina Tal-Andalucia u Padruna Ta' Almonte. Din il-manifestazzjoni ta' fidi u ta' mħabba lejn din is-sovrana



*Is-santwarju li fijh tinsab il-vara tal-Madonna tal-EL Rocio ġewwa Almonte*



*Il-vara tal-EL Rocio bl-ilbies il-ġdid għal din l-okkażjoni speċjali*

tas-sema, għalqet bil-kbir il-festi tas-Semana Santa ġewwa l-penisola Spanjola li għaliha attendew eluf kbar ta' devoti. Il-festi ħa jibqgħu sejrin matul is-sena kollha bħala s-sena tal-Ġublew.

Il-vara tal-Madonna tar-Rocio tinsab fis-santwarju ddedikat lilha ġewwa Almonte fin-nofsinhar ta' Spanja. Din ix-xbieha hija magħrufa għall-pellegrinaġġ kbir li jsir kull sena f'dan is-santwarju lejlet u nhar Jum Pentekoste msejjaħ "La Romeria de el Rocio". Sebat



*L-immaġini mirakoluża tal-EL Rocio*




# FAJSU

**Supply of**

**STEEL SHEET | PLATE | BAR | TUBE | PIPE**

**SALES OF BUILDING MATERIAL**

**IL-FAJSU CO.LTD.**

"Tal-Ħarruba", Triq il-Ġarġir, Nigret, Rabat Rbt 4631 Malta
Email: il-fajsu@hotmail.com
Mob: 7945 4448, Tel: 21 454 448, 2145 6937 Fax: 2145 0985

ijiem qabel il-festa diversi fratellanzi (Hermandad) mir-reġjun tal-Andalucia jitilqu bil-mixi mill-post tal-fratellanza tagħhom u jerħulha lejn dan is-santwarju fost ħafna kant ta' tifħir lejn din l-immaġini mirakoluża tar-Rocio.

Huma jkunu lebsin ilbies tradizzjonali Spanjol u magħhom jieħdu xbieha tagħhom tar-Rocia fuq karru tal-fidda mżejjen b'ħafna fjuri miġbud minn żwiemel jew barrin. Lejlet il-festa jippreżentaw din ix-xbieha (Bandalora) lill-Madonna fis-Santwarju u l-għada nhar Għid il-Ħamsin ikun hemm fil-beraħ Quddiesa Pontifikali u filgħaxija xi nofsillejl tibda purċissjoni bir-rużarju mill-fratellanzi kollha tas-santwarju fejn fit-3 ta' filgħodu toħroġ il-vara nkurunata tar-Rocio sa filgħodu, taħt il-baldakkin tal-fidda.

Kemm il-vara u s-Santwarju tar-Rocio huma antiki ħafna saħansitra din id-devozzjoni tmur lura għas-seklu tlettax (1200). Il-vara hija mlibbsa bi drappijiet prezzjużi ħafna mimlijin brukkat. Dan is-santwarju marjan żaruh ħafna nies distinti fosthom il-Papa San Ġwanni Pawlu II fil-14 ta' Ġunju 1993. Din l-vara devota tar-Rocio ġiet solennament inkurunata fit-8 ta' Ġunju 1919. Ir-rettur tas-Santwarju ta' dak iż-żmien Don Munoz y Pavon qabbad kumitat biex iġib permess mill-Vatikan biex il-Madonna tar-Rocio tista' tiġi nkurunata. Il-Papa Benedittu XV laqa' t-talba tagħhom. Għalhekk bdew iħejju biex jagħmlu kuruna tad-deheb, liema kuruna tiżen 2 kilogrammi u nofs deheb. Il-Madonna tar-Rocio ġiet inkurunata mill-Kardinal Alamaraz, Isqof ta' Sevilja.

Viva La Virgen del-Rocio.

Viva La Paloma Blanca Viva.


*Il-purċissjoni bil-vara tal-EL Rocio*

L-isbaħ mod
kif niċċelebraw il-festa
tal-PATRUNA TAGĦNA
**SANTA MARIJA**
hija billi nimlew il-knisja parrokkjali tar-raħal
iddedikata LILHA fil-funzjonijiet li jsiru,
speċjalment fil-ġranet tat-tridijiet,
lejliet il-festa filgħaxija
u għall-quddiesa tal-Paniġierku
nhar il-festa filgħodu.
Għalhekk nuru mħabbitna
lejn il-Madonna ommna
billi NATTENDU
BI ĦĠARNA.

THE CORE
BEAUTY & WELLBEING
...where Beauty is at Heart
6, Sebastian Saliba Street , Luqa

"My mission is to be fully committed in treating and advising my clients to reach their highest potentials for obtaining healthier skin, feeling unique, make every appointment worth while, leaving looking and feeling beautiful"...

Mariella Borg

We have **experience** and we get **results** by combining **powerful Brands** together with the latest technologies in **electrical modalities.**

Offering **Dermalogica** and **Guinot** customised facial treatments for all skin types and conditions - Anti-ageing , Non Surgical Lifting , Acne Prone skins , Pigmentation challenges , Problematic skins suffering from dehydration, dryness, Eczema , Rosacea ...

Electroloysis -- Waxing -- Eyelash Tinting -- Eyebrow Shaping /Eyebrow tinting -- Make-up Services

For appointment call 21806989 or 99273375 and follow us on the core beauty and wellbeing





# Tagħrif ġdid mir-restawr ta' erba' pitturi fil-parroċċa ta' Santa Marija tal-Imqabba

Kan. Dr Jonathan Farrugia

Tul din l-aħħar sena (minn Mejju 2018 sa Mejju 2019) kont inkarigat minn proġett li ilni ħafna nixtiequ jsir u li kien ta' sodisfazzjoni kbir għalija li fl-aħħar kelli l-opportunità nagħti sehmi b'mod konkret u tanġibbli biex sar realtà. Dan jirrigwarda r-restawr ta' erba' pitturi ta' valur kbir għall-patrimonju ta' raħalna: il-kwadru tal-Inkurunazzjoni tal-Madonna li sar lejn l-1658, il-kwadru ta' San Rokku li kien soprakwadru fuq l-istess artal sa ma nħatt wara l-gwerra, il-kwadru l-antik tal-Immakulata Kunċizzjoni li jissemma għall-ewwel darba fl-1686, u l-kwadru titulari tal-Assunzjoni tal-Madonna li sar b'ċertezza fl-1897.

Il-proġett tar-restawr tal-aħħar tnejn minn dawn tħabbar mill-kappillan fid-9 ta' Awwissu 2016 fil-kelmtjen li għamel meta l-vara titulari kienet fuq iz-zuntier, iżda sa April tas-sena ta' wara ma sar xejn. F'April tal-2017, biex infakkru l-75 sena mill-ħbit fuq il-knisja matul it-tieni gwerra dinjija, ipproponejt lill-kappillan biex nagħmlu wirja żgħira fil-knisja li kellha tinkludi ritratti antiki, informazzjoni ġdida, diżinji li qatt ma dehru u xi fdalijiet imkissra ta' oġġetti li kienu fil-knisja sal-1942. Dawn inkludew biċċiet mill-artal li kien inbidel fl-1910, it-tabernaklu tal-artal li tfarrak fil-gwerra, lapidi tal-irħam mill-paviment tal-kor, l-uniku ventaltar tal-festi sekondarji li għadu jeżisti, il-pittura ta' San Rokku, il-għadam ta' San Innoċenzju u – fuq insistenza personali tiegħi – il-kwadru l-antik tal-Immakulata li kien għadu jġorr il-marki tal-ħsara li ġarrab. Dawn kollha reġgħu dehru fil-knisja wara 75 sena u min wera interess fl-inizjattiva kellu x-xorti jarahom mill-qrib. Ma' dawn, bla ħsieb, ġew ukoll tliet abbozzi oriġinali – tnejn ta' Venuti li juru l-evanġelisti u l-koppla, u ieħor ta' A. Armenopulo li kien l-ispirazzjoni għall-pittura l-oriġinali ta' fuq il-bieb ewlieni tal-knisja – safejn huwa magħruf din kienet l-ewwel darba li dawn iddaħħlu fil-knisja flimkien.

Naturalment dawn l-oġġetti qajmu ħafna interess, speċjalment il-pittura tal-Immakulata li ħafna Mqabbin qatt ma kienu rawha jekk mhux f'xi ritratt. Kien hemm anke min offra li jġib sponsor għar-restawr ta' xi ħaġa minnhom, imma minħabba raġunijiet li ma kellux kontroll fuqhom, xi xhur wara kellu jirtira l-offerta. Però din l-okkażjoni offriet ix-xoqqa f'moxtha biex dak li kien ħabbar il-kappillan fil-festa tas-sena ta' qabel jibda jitwettaq. Bi ftehim mal-kappillan ġbart l-istimi minn tliet kumpaniji ta' restawr, skont ir-regolamenti tal-Kummissjoni Patrimonju Ekkleżjastiku, u hekk il-ballun beda jdur. L-istimi ma kinux biss taż-żewġ kwadri li kienu ssemmew fl-2016, imma inkludew ukoll il-kwadri tal-Inkurunazzjoni, ta' San Rokku, tal-Lunzjata l-antika u tal-Pietà li hemm fis-sagristija. Dawn inġabru matul Ġunju u Lulju 2017.

Ir-rikors għar-restawr ta' dawn is-sitt pitturi sar f'Novembru 2017 u l-permess wasal f'nofs Mejju 2018, wara xi ntoppi bla ħsieb minn fuq, imma li servew biex ġew riveduti xi żbalji li kienu saru fil-konfront tal-parroċċa f'dawn l-aħħar snin.

Bħalma jiġri kull meta jsir restawr bit-teknika moderna, kien mistenni li jinkixfu xi dettalji moħbija, speċjalment fil-pitturi l-aktar antiki; li ma kienx mistenni, iżda, kien l-ammont ta' kurżitajiet li ħarġu minn dan ir-restawr, speċjalment f'dak tal-Inkurunazzjoni u tal-Immakulata. Permezz ta' dan l-artiklu u r-ritratti esklussivi ta' miegħu ser naqsam magħkom ftit mill-entużjażmu li qsamna flimkien jien, ir-restawraturi (Pierre Bugeja, Sabine Azzopardi u Valentina Lupo) kif ukoll xi nies oħra li b'xi mod daħlu fil-ġrajja: ir-restawratur u fotografu David Bugeja u l-kuratur tal-Mużew Nazzjonali tal-Arti, il-ħabib tiegħi Dr Sandro Debono.

### L-Inkurunazzjoni tal-Madonna

Dil-pittura kelli ċerta ġibda lejha sa minn meta miż-Żurrieq ġejt noqgħod l-Imqabba mal-familja tiegħi f'Jannar tal-1987; forsi waħda mir-raġunijiet kienet għax kulħadd kien jgħid li l-figura li hemm taħt il-Missier Etern hija Santa Katarina ta' Lixandra, il-Patruna taż-Żurrieq, imma sa ftit xhur ilu, apparti l-għajdut, ma kienx hemm provi konkreti dwar min kienet. Meta ġejt ordnat saċerdot fl-2008 ħsiebi mill-ewwel kien li fis-santa ta' tifkira nagħmel din il-pittura u niftakar li kont ktibt dwar l-istorja tagħha fil-ktieb tal-festa ta' Santa Marija ta' dik is-sena,[1] u l-artiklu kont spiċċajtu hekk: "*Sfortunatament huwa wkoll l-aktar kwadru li jinsab f'qagħda ħażina. Biex inkunu nistgħu nibqgħu ngawduh għandu bżonn ta' restawr sabiex jerġa' jieħu l-ħajja mill-ġdid u narawh kif kien meta tpoġġa f'postu, almenu 350 sena ilu. Hemm bżonn li*


SCICLUNA FLORIST
Garden Centre
Specializes in:
Flower Arrangements for Weddings, Holy Communion etc.
Souvenirs for every occasion, Artificial Flower and Tulle,
Fresh Plants and Fruit Trees.
Bronja Street, Żurrieq
Tel: 2164 9621


ShoeShine Footwear
Carmelo Caruana Str,
Zurrieq ZRQ 1140
Tel: 21 685 241
Mob: 99 821 932
shoeshinefootwear@hotmail.com
Exclusive styles from quality brands
Ladies, Men & Children Quality Footwear
- smart shoes
- casual shoes
- elegant shoes
- matching bags & accessories
Best Buy, Best Choice
we offer bonus card
Also Vast Selection Of Sports Shoes
DIADORA
KELME
CONVERSE
asics


iSHINE
deep cleaning
Cleaning & Disinfection of Carpets & Mattresses
Upholstery cleaning
Window cleaning
Marble polishing
Boat cleaning
Car valeting
For more information contact Karl
Mob: 7928 1209
9982 1932
Tel: 2168 5241

*jintwera aktar interess fit-teżori li għandha l-parroċċa tagħha li ftit ftit qegħdin jitnaqqru bl-effetti taż-żmien! Din kienet waħda mir-raġunijiet għalfejn għażilt dan il-kwadru bħala waħda mis-santi ta' tifkira tal-ewwel quddiesa tiegħi, biex ikun magħruf aktar u jingħatalu l-apprezzament li jistħoqqlu… u biex forsi jinqala' xi benefattur li jagħmel tajjeb għalih!*" Wara għaxar snin baqa' ma nqala' ħadd u kif ġew iċ-ċirkustanzi – kemm il-ħżiena kif ukoll it-tajbin – spiċċajt biex ħallastu jien (biex niftehmu: ma għandi l-ebda ndiema!) u issa dal-kwadru fl-aħħar ġie rrestawrat u jista' jitgawda fil-ġmiel kollu tiegħu.



*L-inkwadru minn wara*

Ir-raġuni prinċipali għalfejn kellu jiġi restawrat kienet il-ħsara viżibbli li kienet tidher fih, speċjalment fil-parti ta' isfel fejn letteralment il-pittura kienet mikula mill-kamla u s-susa. Kien dan l-ewwel wieħed li tniżżel minn postu u ttieħed Ħal Qormi għand ir-restawratriċi Sabine Azzopardi biex jibda x-xogħol fuqu. Id-data kienet it-23 ta' Mejju 2018. Minħabba li kien qrib ħafna tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju u ma kienx jixraq li jkun hemm artal bla pittura fil-ġranet tal-festa, ħallast għal kopja identika u stampata fuq foamboard li tpoġġiet flokha.

Fil-każ ta' din il-pittura s-sorpriżi bdew mill-ewwel, hekk kif inqala' l-kwadru minn postu. Meta rajnih minn wara ndunajna li t-tilar l-oriġinali li bih kien tpoġġa fil-knisja l-qadima[2] kien għadu hemm u, aktar interessanti, rajna li l-kwadru kien iqsar fit-tul minn kif inhu llum. Mal-għoli tiegħu żdiedet tavla ta' 29 ċentimetru biex ħa l-qjies li għandu fil-preżent. Meta mqabbel mad-daqs tal-kwadru tal-Immakulata, li wkoll kien tpoġġa fil-knisja l-antika, naraw li dan kien ferm iżgħar; dan jurina li fil-knisja l-qadima jew il-gwarniċuni tal-ġebel għall-kwadri ma kienux ta' daqs uniformi, jew inkella li ma kienx hemm gwarniċuni u l-kwadri kienu sempliċiment imdendlin mal-ħitan. Dik it-tavla mwaħħla kienet għalhekk dokument li tefa' ftit aktar dawl fuq l-istorja tiegħu. Probabbilment din żdiedet fi tmiem is-seklu sbatax, lejn l-1698, meta tpoġġa fuq dan l-artal fil-knisja preżenti.

Din kienet l-ewwel prova ċara li l-kwadru, ftit tas-snin wara li tlesta – qed ngħidu madwar 40 sena wara – ntmess minn artist ta' inqas ħila biex saru l-erwieħ tal-purgatorju u biex ittawlu l-figuri tal-qaddisin, li meta nħarsu lejhom nindunaw li huma sproporzjonati u li r-riġlejn tagħhom huma goffi wisq meta mqabblin mal-ħlewwa tal-bqija tal-figuri, speċjalment tal-uċuħ. Dawn iż-żjidiet u l-alterazzjonijiet saru biex jimtlew dawn id-29 ċentimetru li żdiedu mal-pittura.

In-naħa ta' wara tal-kwadru wrietna li l-pittura kienet oriġinarjament magħmulha minn 3 biċċiet tila meħjutin flimkien u eventwalment żdiedet biċċa oħra fil-parti ta' isfel biex ħa l-qjies tal-lum. Din t'isfel kienet inkullata b'kolla taċ-ċomb mat-tavla li twaħħlet mat-tilar. Is-sinjali fejn hemm il-ħjatiet fil-fatt għadhom jidhru xi ftit għax ma jistgħux jitneħħew mingħajr ma ssir vjolenza fuq it-tila.

Fil-bidu tal-proċess tar-restawr il-pittura ġiet immuntata fuq tilar ġdid bil-brackets li jistgħu jiġu ssikkati sabiex tkun kollha kemm hi stirata mal-istess gwarniċ, u mhux imġannta kif kienet qabel. Meta t-tila nqalgħet minn mat-tilar sibna li dan kien magħmul minn żewġ strixxi njam li jidħlu f'xulxin u kien msaħħaħ b'imsiemer li kienu jsiru bl-idejn fil-funderiji, qabel ma bdew isiru l-imsiemer b'mod industrijali. It-tila kienet imwaħħla miegħu b'imsiemer tal-qasab. It-tilar kellu ħafna susa, li kienet il-kaġun ta' ħafna mit-toqob li kien hemm fil-parti t'isfel tal-kwadru.

It-tindif li sar biex jitneħħa minn fuq il-pittura l-ħmieġ, it-tbajja' tax-xemgħa u l-verniċ beda jikxef xi dettalji li kienu tgħattew biż-żmien, bħal pereżempju uċuħ żgħar f'*silhouette* ta' puttini mferrxin madwar il-parti ta' fuq tal-kwadru. Dawn donnhom saru apposta b'mod li ma tantx ikunu jidhru, imma għal xi raġuni l-artist ma għattihomx biż-żebgħa. Aktar tindif tal-pittura beda juri li f'xi partijiet, speċjalment fil-figuri ta' Kristu u tal-Missier seta' kien hemm xi *overpaintings* jew inkella li kien hemm xi *pentimenti* tal-artist fejn hu stess prova jikkoreġi xi żbalji li jkun għamel. Dan narawh pereżempju fil-wiċċ ta' Kristu fejn jidhru linji differenti fejn jibdew ix-xagħar u l-leħja.

Bil-għajnuna tal-ispirti apposta li jintażaw għat-tindif u biex jitneħħew l-*overpaintings* reġa' beda joħroġ il-kulur l-oriġinali li biż-żmien u bil-ħmieġ kien iddallam ħafna. Il-parti l-kbira tal-biċċa ta' fuq ma




# SILVIO'S

*For all types of chairs, stools, armchairs and tables*



Chairs and tables

***FOR HIRE***

**Telephones:**
**2146 8982, 2146 1683**
**Mob: 9945 4333**

11, Triq il-Kataniż, Żebbuġ - Malta

tantx kellha interventi ta' żebgħa, ħlief fin-nofs, fejn fuq il-kuruna tal-Madonna inkixef l-Ispirtu s-Santu. Din nistgħu ngħidu li kienet skoperta kalkulata għax in-nuqqas tal-Ispirtu s-Santu kien jinħass peress li hemm il-Missier u l-Iben, imma t-Trinità ma kienetx kompluta. Kont għedt lir-restawratriċi li jekk tfittex f'dik il-parti li turi qisha splużjoni ta' dawk wisq probabbli kienet ser issib xi ħaġa, u hekk ġara. Tajjeb ngħidu li dan l-intervent ta' żebgħa sar ftit snin biss wara li saret il-pittura oriġinarjament, għalhekk, ladarba ż-żmien meta sar l-intervent kien qrib ħafna ta' meta tpitter il-kwadru, kien diffiċli li jitneħħa dan il-livell ta' żebgħa mingħajr ma titneħħa l-pittura ta' taħt ukoll.



L-inkwadru waqt il-proċess tar-restawr

Mistoqsija li tajjeb nistaqsu hija "għalfejn l-Ispirtu tgħatta?" Bi ftit ħsieb, u b'ħarsa lejn l-uniku ritratt li nafu bih ta' dan l-artal qabel il-gwerra, nistgħu naslu għar-risposta. Qabel, fuq dan il-kwadru, kien hemm bħala soprakwadru pittura żgħira ta' San Rokku, li ser intuh daqqa' t'għajn fil-parti li jmiss. Għalkemm din il-pittura hija kwadra, fir-ritratt jidher li kellu parti oħra nofs tond fin-naħa ta' fuq. Fiha jidher l-Ispirtu s-Santu. Mela nistgħu ngħidu li dan l-intervent biex il-ħamiema titgħatta sar fl-istess żmien meta żdiedet it-tavla fil-parti ta' isfel, u probabbilment sar mill-istess artist li pitter l-erwieħ tal-purgatorju u tawwal il-figuri tal-qaddisin. Dan għedna li sar lejn l-1698 meta l-kwadru tpoġġa fil-knisja preżenti; fis-sopra kwadru li tpoġġa fuq l-istess artal kien hemm Spirtu s-Santu ieħor u għalhekk dan ta' ġol-pittura tal-Inkurunazzjoni tgħatta biex ma jkunx hemm tnejn. L-effett baqa' tajjeb sakemm ġie sfreġjat l-artal bejn l-1946 u l-1948, meta nħatt biex isir bħal tal-Immakulata l-ġdid; fl-istruttura l-ġdida s-soprakwadru tneħħa[3], u għalhekk dan l-artal ġie bi Trinità "difettuża".

It-tindif kixef ukoll id-dijademi mal-irjus tal-figuri, li qabel ma kienux jidhru, ħlief dik tal-Missier li għandha forma trijangolari. Madwar ras Santa Katarina nkixef aktar il-velu ħafif li qiegħed itir fiż-żiffa – dan huwa l-uniku element ta' moviment li fiha l-pittura kollha.

Il-parti ta' isfel kixfet aktar affarijiet kurjużi. Għedna li kien ċar li l-figuri ta' San Ġużepp u ta' Santa Katarina ġew imtawlin biex jimtela l-ispazju l-ġdid li nħoloq meta żdiedet it-tavla. Meta r-restawratriċi bdiet bil-mod tneħħi ż-żebgħa li saret meta żdiedet it-tavla, ħareġ ħjiel żgħir ta' fejn kienu r-riġlejn l-oriġinali, li jinsabu qrib ħafna ta' fejn kienet tispiċċa t-tila l-oriġinali qabel saret iż-żjieda. Tħalla jidher ftit wieħed mir-riġlejn ta' Santa Katarina biex ikollna ħjiel kemm kienet proporzjonata l-figura qabel.



Inkurunazzjoni tal-Madonna

Ħaġa kurjuża oħra hija d-dettal li nkixef ħdejn riġlejn il-qaddisa. Qabel ħdejn il-ponta tax-xabla kien hemm qisu turban tat-Torok. Hija ħaġa komuni fl-ikonografija ta' din il-qaddisa, speċjalment f'Malta sas-seklu tmintax, li jkollha ras ta' Tork ħdejn riġlejha biex tfakkar it-talb li kien isir lilha fil-medjuevu għall-ħarsien kontra l-attakki tal-Furbani. L-istatwa titulari tal-qaddisa fiż-Żejtun ukoll insibulha ras ta' Tork ħdejha, kif ukoll statwa tal-ġebel li hemm fiż-Żurrieq








# Pet Care

Kull ma trid għall-ġnien u għar-raba', sustanzi eċċ.
Għall-Pets, Mediċini għall-annimali kollha.
Ġwież u affarijiet għall-kaċċa, insib u sajd,
ħniex ta' l-imperjal ta' barra u reels,
qasab, snanar u swivels u kaxxi tal-plastic tas-sajd eċċ,
lenza, spag tan-nar, nases u dqiq tal-ful eċċ.

**Qrendi Road, Żurrieq – Tel: 2164 9727**




li fl-antik kienet timmarka l-konfini abitati tar-raħal. Daż-żewġ statwi saru madwar mitt sena wara li saret din il-pittura. It-tindif mill-passati taż-żebgħa kixfu li taħt dak it-turban kien hemm wiċċ, u warajh tidher ir-rota mkissra li hija wkoll sinonima mal-qaddisa. B'hekk għandna l-konferma li l-figura hija fil-fatt Santa Katarina peress li qabel ma kien hemm xejn li jispeċifika min hi.

Skoperta interessanti oħra kienet tal-pajsaġġ li hemm fl-isfond tal-qaddisin. Meta żdiedet il-parti ta' isfel kollox ġie miżbugħ kannella biż-żebgħa taż-żejt u t-tieni artist pinġa wkoll l-isfond bil-kannella biex ikun jaqbel mal-biċċa li żdiedet. It-tindif kixef pajsaġġ pjuttost ħelu, b'diversi għoljiet li jagħtu perspettiva ta' bogħod, u anke ħafna siġar fuqhom. Dan id-dettall wassal lir-restawratriċi biex tipotizza li jista' jkun li l-pittura kienet saret aktar kmieni fis-seklu sbatax minn xi artist Taljan, probabbli mit-Toscana, u li ġiet irregalata lill-knisja minn xi familja li kellha l-kuntatti mal-Italja.



*Il-kxif tal-inkwadri tal-Inkurunazzjoni tal-Madonna u ta' San Rokku wara r-restawr*

Il-kwadru reġa' tpoġġa f'postu fit-13 ta' Settembru u ġie inawgurat fl-aħħar jum tal-istess xahar.

**San Rokku**

Apparti l-kwadru tal-Inkurunazzjoni nhar it-30 ta' Settembru ġie inawgurat ukoll il-kwadru l-antik ta' San Rokku li qabel kien is-soprakwadru fuq l-istess artal. Din il-pittura żgħira tixhed li mal-altar tal-Inkurunazzjoni kienet marbuta wkoll id-devozzjoni lejn San Rokku, il-qaddis protettur kontra l-pesta. Dan is-sopra-kwadru kien magħmul minn żewġ biċċiet: parti kwadra li turi lil San Rokku qed ikollu viżjoni tal-Madonna bil-Bambin, u parti oħra nofs tond aktar 'il fuq li turi l-Ispirtu s-Santu jew xi xena tal-ġenna; ħabba din l-Ispirtu s-Santu fil-pittura l-oħra tgħatta. Peress li din il-parti tal-knisja nbniet ftit snin wara l-pesta qalila tal-1676 nifhmu għalfejn l-Imqabbin ftakru f'dan il-qaddis meta l-memorja tat-telfiet li ġarrbu kienet għada daqshekk friska. L-istil tagħha huwa dak mannerist, popolari ħafna fis-seklu sbatax; ninnutaw li l-figura tixbaħ ħafna lil dik tal-istess qaddis li jidher fil-kwadru titulari tal-knisja ta' San Bażilju.

Il-pittura li ġiet restawrata saret fis-seklu 17 ukoll. Jista' jkun li kienet tinsab fil-knisja l-antika mdendla ma' xi ħajt, imbagħad inħaseb post għaliha meta nbniet il-knisja l-ġdida; possibilità oħra hi li saret biex timla n-niċċa tas-soprakwadru fuq l-artal tal-Inkurunazzjoni, imma ladarba l-pittura hija kwadra waqt li n-niċċa kellha fuq nofs tond aktar inklinat li naċċetta l-ewwel ipoteżi. L-artist jidher li ma kellux il-perfezzjoni artistika li kellu dak li għamel il-pittura tal-Inkurunazzjoni, imma bħala pittura hija eżempju tajjeb ħafna ta' arti vernakulari. Żgur li kien magħmul minn id aqwa minn dik li messet il-parti t'isfel tal-kwadru l-kbir li kien taħtu fuq l-istess artal.



*L-inkwadru ta' San Rokku waqt il-proċess tar-restawr*

Fl-istruttura l-ġdida tal-knisja wara l-gwerra ma kienx hemm post għall-pittura ta' San Rokku, u din twarrbet. Għamlet ħafna snin mitfugħa bl-addoċċ f'wieħed mill-kaxxarizzi fis-sala tal-armar u t-tila nqalgħet minn mat-tilar li miegħu kienet marbuta, sakemm jien neħħejtu u poġġejtu f'post aħjar. L-interess f'dan il-kwadru reġa' qam wara li f'April 2017 niżżilnih għall-wirja li saret fl-okkażjoni tal-75 sena mit-tiġrif tal-knisja. Minn studju li sar fuqu mir-restawratriċi Valentina Lupo rriżulta li l-pittura qatt ma ntmesset u għadha fl-istat oriġinali tagħha. Il-parti nofs tond li kienet fuqha, imma li ma kienetx parti minnha, ma dehritx aktar. Dal-kwadru ttieħed għar-restawr mill-kumpanija Atelier del Restauro f'Mejju 2018 ukoll. Ir-riżultat kien wieħed tassew sabiħ għax il-pittura mhux biss ħelset mill-ħafna tiċrit li kellha, imma wkoll ħadet il-ħajja mill-ġdid billi l-kuluri reġgħu ħarġu fil-ġmiel kollu tagħhom.


B & G HARDWARE
STORE
Paint
OVER 5,000
COLOURS
INSTANTLY
AVAILABLE
10% DISCOUNT on:
PAINTS • ELECTRICAL & PLUMBING FITTINGS
SELECTION • QUALITY • PRICES
FREE DELIVERY
10, Triq San Tumas, Luqa
Tel/Fax: 2167 5362


WE'VE GOT WHAT YOU'RE LOOKING FOR!
MATERIAL FOR FLAGS, BANNERS AND
ALL RELATED ACCESSORIES
WOOL, COTTON, POPLIN, TREVIRA, CRYPLENE, NYLON TAPE, SWIVELS,
ROPES, GEORGE CROSSES AND LOTS MORE
BIBAS
YOU'LL FIND IT ALL AND MORE AT BIBAS,
HOMPESCH ROAD, FGURA.
Tel: 2169 1269 E-mail: bibas@go.net.mt
5%
DISCOUNT
ON PRESENTATION OF
THIS ADVERT

**L-Immakulata Kunċizzjoni**

Il-pittura sabiħa u prezzjuża tal-Immakulata Kunċizzjoni li sal-1942 kienet iżżejjen l-artal li jġib dan l-isem sabet postha hemm lejn is-sena 1686 meta tissemma għall-ewwel darba bħala "ġdida" fil-viżita pastorali li saret mill-Isqof Cocco Palmieri. Tissemma bħala pittura li fiha tidher il-Madonna flimkien ma' Sant'Anna.[4] Ftit inqas minn mitt sena wara, fl-1772, fuq dan l-istess artal twaqqfet il-Fratellanza tal-Immakulata li minn dik is-sena bdiet tieħu ħsiebu. Fiż-żmien meta tpoġġiet il-pittura f'postha l-artal kien għadu kkurat mill-parroċċa u mill-benefatturi privati.

L-artist li għamilha fl-istat oriġinali tagħha ma nafux fiċ-ċert min hu, imma l-istil u ż-żmien li fihom saret jistgħu jitqarrbu ħafna mal-attività artistika ta' Stefano Erardi. Fuq ix-xogħol tal-artist oriġinali, iżda, saru ħafna manumissjonijiet oħra, u dan issa ġie konfermat. Bidla sinifikattiva saret bejn is-snin 1717 u 1723 meta fir-rokna opposta għal dik fejn tidher Sant'Anna xi artist pitter l-erwieħ tal-purgatorju telgħin fis-sema waqt is-sagrifiċċju tal-quddiesa.[5] L-importanza ta' dan il-pass, nofs seklu qabel ma twaqqfet il-fratellanza tal-Immakulata, ma tistax tiġi sottovalutata, u dan narawh mill-mod kif dan l-artal kien jissejjaħ mill-viżitaturi tul is-seklu Tmintax. Fil-viżta li saret fl-1 ta' Mejju tal-1723 l-isqof Gaspare Gori Mancini isejjaħ dan l-artal "*Tal-Kunċizzjoni tal-Beata Verġni Marija u tal-Erwieħ tal-Imqaddes Purgatorju*,"[6] u jibqa' jissejjaħ hekk fil-viżti li saru wara tul dan is-seklu. Jidher li waħda mir-raġunijiet ewlenin għalfejn dan l-artal kiber fil-popolarità fost l-Imqabbin tul is-seklu tmintax kien proprju minħabba s-Sodalità tal-erwieħ tal-purgatorju li ġiet imwaqqfa fuqu. Xhieda indiretta ta' dan huwa l-fatt li l-parti fejn hemm l-erwieħ kienet l-aktar parti li kellha taqtir ta' xemgħa u ġdiem ikkawżat mid-duħħan tax-xemgħat li milli jidher aktar kienu jinxtegħlu quddiem din ir-rokna. Jidher, għalhekk, li l-importanza li kien igawdi dan l-artal qabel twaqqfet il-fratellanza kien grazzi għall-erwieħ li d-devoti tagħhom kienu jitolbu quddiemu u joffru l-quddiesa fuqu.

L-artist li żied din ix-xena, u probabbilment flimkien magħha anke l-anġlu kbir li hemm jibbilanċja l-figura ta' Sant'Anna, jista' jkun li kien Pasquale Buhagiar.[7] Ir-restawratriċi kkonfermat li l-id li żiedet dawn il-partijiet kienet waħda tajba, speċjalment meta ħareġ ċar li kull figura tal-erwieħ saret letteralment b'pinzellata waħda.

Din il-pittura baqgħet f'postha sal-Ħamis 9 ta' April 1942. Sa dak iż-żmien dan il-kwadru tal-Immakulata kien l-uniku wieħed apparti dak tal-Inkurunazzjoni li kien għex il-passaġġ mill-knisja l-qadima għall-knisja l-ġdida, għax il-pitturi l-oħra li kienu fil-knisja l-qadima (it-titular tal-Assunta, il-Madonna tar-Rużarju, il-Viżitazzjoni, il-Pentekoste u l-Lunzjata) kollha kienu nbidlu. Dan il-fatt, flimkien mal-fatt l-ieħor li kwadru sofra ħsarat kbar imma riparabbli fil-qerda tal-1942, iżidu mal-ħasra li twarrab biex floku tpoġġa ieħor. Hija wkoll ħasra ikbar li fil-binja l-ġdida l-gwarniċ il-ġdid



*Permezz ta' ritratti infra red ġew jidhru par idejn taħt dawk li hemm*

tal-ġebel sar apposta iżgħar (10 ċentimetri mill-wisa' u 30 ċentimetru mit-tul) qisu biex din il-ġawhra artistika żgur ma terġax issib postha fil-knisja.[8] Nittamaw li dan l-iżball 'il quddiem jinqala' xi ħadd li jkollu l-kuraġġ jirranġah.

Il-kwadru reġa' tniżżel fil-knisja fl-10 ta' Settembru 2018 u ttieħed għar-restawr fir-residenza tas-sinjura Sabine Azzopardi nhar it-13 tal-istess xahar. Kurżità li ħarġet fid-deher mill-bidu hi li l-kwadru fil-fatt kellu jiċċekken biex daħal fil-gwarniċ tal-ġebel li nbena fil-knisja l-ġdida lejn l-1698; fil-fatt biċċa ta' madwar 10cm mit-tila kienet imrembla mat-tilar fin-naħa ta' isfel. Dan jikkuntrasta mal-fatt li l-kwadru l-oppost, dak tal-Inkurunazzjoni, kellu jitkabbar biex qagħad sew fil-gwarniċ il-ġdid. Dan ikompli jikkonferma dak li għedna ftit 'il fuq dwar in-nuqqas ta' uniformità fid-daqsijiet tal-pitturi fil-knisja li tlestiet lejn l-1607.

Ftit ġimgħat wara, meta l-proċess ta' tindif kien miexi ġmielu, il-kwadru beda jikxef is-sigrieti li ilu jżomm moħbija għal ħafna snin. Għadni niftakar sewwa l-ġurnata tal-1 ta' Novembru meta Sabine bagħtitli messaġġ "*Hi Jonathan, I think you should have a look at the painting. Just let me know when you can come!*" L-urġenza kienet ċara, imma dakinhar ma stajtx niċċaqlaq minħabba li kelli l-lezzjonijiet sat-8pm. Mort l-għada u qaltli li taħt dik il-pittura li konnha qed naraw kien hemm oħra. Bqajt bla kliem sakemm bdiet turini x'beda ħiereġ mit-tindif: fuq il-globu li hemm taħt il-figura tal-Madonna issa kien jidher ħjiel ta' riġel qiegħed jirfes fuq qamar li wkoll qabel ma kienx jidher – dan kien bil-ponot iħarsu 'l fuq flok 'l isfel, kif inhu l-qamar li naraw illum. Mal-qamar l-oriġinali kien hemm ħjiel ta' xi ħaġa mrembla, li jien issuġġerejt li seta' kien is-serp – fil-fatt l-ebda serp

# Callus Garden Centre

**for all your garden needs**

21 462 229
79 405 135

**Callus Garden Centre**
Triq l-Imqabba
is-Siġġiewi SGW 2200

callusLandscaping@gmail.com

**Callus Garden Centre**



CL

*Est. 1981*

# Camilleri Marble Works Ltd

For all kinds of Marble, Quartz & Granite Works, Staircases, Monuments, etc...

Factory & Showroom: Tarxien Road, Gudja GDJ 1905

**Mobile: 9946 8711 / 7905 7782**

**Tel: 2169 6571**

Email: icamill52@gmail.com



*Permezz ta' ritratti infra red ġew jidhru qamar, riġel u ġewnaħ*

Il-pass li jmiss kien li nistudjawh ftit aktar fil-fond. Kellimt lill-kappillan u tani permess inqabbad fotografu espert biex jieħu xi ritratti b'*infra red camera* biex jinkixfu xi saffi oħra ta' żebgħa li kienu taħt. Il-fotografija saret mir-restawratur David Bugeja. Sabiex il-parroċċa ma titgħabbiex bi spejjeż li ma kienux ipproġettati, l-ispiża għal din il-fotografija speċjalizzata ħallastha jien – u għal darb'oħra nistqarr li ma għandi l-ebda ndiema għas-somma li ħriġt.



*Il-linji oriġinali madwar il-figura ta' Marija*

ma jidher f'din il-pittura. L-aktar dettall li skantani kien li taħt l-idejn tal-Madonna, li huma fuq xulxin kif is-soltu tkun xbieha tal-Immakulata, dehru par idejn oħra qegħdin pala ma' pala, kif soltu jkunu l-idejn ta' persuna qed titlob. Barra minn hekk taħt il-karnaġġjon tal-anġlu wkoll deher li kien hemm kuluri oħra. Ma kienx hemm dubju li l-Madonna li hemm taħt kienet tirrappreżenta l-Immakulata wkoll, imma forsi b'interpretazzjoni inqas klassika u aktar vernakulari. X'kienet ir-raġuni għala tpittret mill-ġdid u min għamilha diffiċli ngħidu; mhix eskluża l-possibilità li x-xogħol sar mill-istess artist għax xogħolu ma għoġbux jew għax lin-nies ma għoġbithomx, għalkemm dan jien narah xi ftit dubjuż, speċjalment jekk hija verament xogħol ta' Erardi. Għal mument ħsibt li taħtha hemm il-pittura li tissemma fl-1679, imma din l-ipoteżi diffiċli tkun sostnuta peress li mill-istudju li sar ġie konfermat li l-figura ta' Sant'Anna (li tissemma fl-1686 meta jgħidlek li l-pittura kienet 'ġdida') tagħmel parti mis-saff oriġinali li ma nbidilx, għaldaqstant diffiċilment nistgħu nemmnu li ntużat l-istess tila tal-pittura li kien hemm qabel.[9]

Ir-restawratiċi kkonfermat li l-kwadru kellu almenu tliet interventi, li fihom intużat żebgħa taż-żejt, u dawn wasslu biex partijiet mill-istampa l-oriġinali nbidlu kompletament. Li nistgħu ngħidu fiċ-ċert hu li l-partijiet li ma ntmessewx huma l-figura ta' Sant'Anna (b'xi eċċezzjonijiet żgħar fuq il-libsa tagħha); is-sema kulur isfar; u s-sħab oranġjo bil-puttini ta' ġo fih. Dawn għadhom juru s-saff l-oriġinali tal-pittura. Il-partijiet l-oħra kollha ġew impittra mill-ġdid, inkluża l-figura tal-Madonna.

Permezz ta' dawn ir-ritratti stajna naraw aħjar il-linji l-oriġinali tal-mant madwar il-figura ta' Marija. Jidher ċar li fl-aħħar intervent li sar ħwejjiġha ngħataw aktar volum u żdiedu l-partijiet li qed jittajru madwarha. Fir-ritratti, li qed jiġu ppubblikati esklussivament, jidhru wħud minn dawn id-differenzi. Il-linja l-bajda fejn tidher il-figura sħiħa tal-Madonna tindika b'mod approssimattiv kif setgħet kienet il-figura l-oriġinali, li kienet aktar żnella. Fost id-differenzi notevoli li ħarġu minn dawn ir-ritratti nistgħu nsemmu l-ġewnaħ tal-anġlu fuq ix-xellug tal-Madonna li kien jidher sħiħ qabel ma tgħatthiet parti minnu bil-mant; l-idejn l-oriġinali ta' Marija li kienu flimkien f'qagħda ta' talb qabel ma tgħattew bl-idejn imsallbin li jidhru llum; u r-riġel tax-xellug jirfes fuq qamar ieħor li eventwalment tgħattew; dehru wkoll żewġ puttini li tgħattew biż-żebgħa, wieħed taħt is-sħab ħdejn il-mant imtajjar; u ieħor li kien qrib tal-qamar l-oriġinali u li issa jinsab taħt il-qamar il-ġdid.

Wara konsultazzjoni mal-kappillan u mas-Sur Debono, fuq il-parir tar-restawratriċi, ġie deċiż li


Charlie It-Tirxa
GĦAL XOGĦOL
TA' QTUGĦ TA' BLAT, MINI SKIP,
THAMMIL, TWAQQIGĦ TA' BINI, XOGĦOL BIL-
KUMPRESSUR, ROCK CAT,
ĠARR TA' TORBA, RAMEL, ŻRAR U ĠEBEL,
KIRI TA' BOB CATS, EXCAVATORS U HI-UP
7927 7420


CASSARINI RESTAURANT
WIED IZ-ZURRIEQ
Triq is-Sajjieda Wied iż-Żurrieq, Qrendi
Tel: 2099 7911 | Mob: 7964 7912
facebook: Cassarini Restaurant



L-inkwadru tal-Inkurunazzjoni tal-Madonna qabel ir-restawr



L-inkwadru tal-Inkurunazzjoni tal-Madonna wara r-restawr



L-inkwadru tal-Immakulata Kunċizzjoni qabel ir-restawr



L-inkwadru tal-Immakulata Kunċizzjoni wara r-restawr


KULL M'GHANDU BŻONN
L-Induratur
DEHEB TA' L-INDURATURA, SILVER LEAF, ALUMINIUM LEAF
FLIMKIEN MA' DIVERSI GHODDA U PRODOTTI OHRA
RELATATI MA' DAN IX-XOGHOL ARTISTIKU
KIF UKOLL GHAR-RESTAWR.
E. THEUMA & COMPANY LTD.
"Theuma House", 302, St. Paul Street, Valletta VLT 1213, MALTA
Tel +356 21 236605 / 21 234075 Fax: +356 21 244201
info@etheuma.com www.etheuma.com


Fresh & Clean
LAUNDRY & DRYCLEAN
Tel: 2146 1410 • Mob: 7966 6262
talfreshandclean@gmail.com

nżommu mas-saff taż-żebgħa li kien jidher u ma nħassrux dik ix-xbieha biex noħorġu dik li hemm taħtha. Din id-deċiżjoni għaqlija saret ukoll biex l-anzjani li jiftakru l-kwadru f'postu fil-knisja, u dawk l-oħrajn li kienu mdorrijin jarawh fil-kamra fejn kien mitluq, ikunu jistgħu jagħrfuha. Għaldaqstant tneħħa l-verniċ li kien ta patina safra lill-pittura kollha u ġiet konservata x-xbieha li kienet fil-livell l-aktar reċenti. Madanakollu ż-żebgħa li ntużat hija waħda riversibbli sabiex jekk 'il quddiem ikun hemm min irid ineħħi dan il-livell biex jikxef il-Madonna ta' taħt, dan ikun jista' jsir. Ir-restawratriċi ħadet ħsieb, però, li r-ras u x-xagħar tal-Madonna jkunu kemm jista' jkun qrib l-oriġinali, u għalhekk xi ftit mill-volum tax-xagħar tnaqqas u tħalla jidher bħala dell.



Is-Sur Lonzu Mifsud, li ġabar parti mill-spejjeż sabiex dan l-inkwadru seta' jiġi restawrat

Dan il-kwadru nkixef minn Lonzu Mifsud, li ġabar parti mill-ispejjeż, f'serata ta' mużika marjana, ukoll iffinanzjata minni, flimkien mal-kwadru titulari tal-Assunta fil-knisja parrokkjali nhar il-5 ta' Mejju 2019.

### It-titular tal-Assunzjoni tal-Verġni Marija u l-prospettiva tal-kor

Jekk għandna ngħidu kollox, il-katalist biex saru dawn ir-restawri kollha kien proprju l-kwadru titulari. Meta fl-2009 l-ħabib tiegħi Mark Micallef Perconte kien ġie jieħu r-ritratti tal-knisja armata għall-festa titulari biex ġew ippubblikati fl-ewwel volum ta' *Lwien il-festi Maltin* hu kien għaddieli kopja tagħhom. Fosthom kien hemm ritratti *close-ups* tal-kwadru titulari u fihom, speċjalment fil-parti tad-dija madwar ras il-Madonna, kienu jidher ħafna ħmieġ u ħafna titjir ta' xemgħa. Wara dik is-sena kien hemm diversi parroċċi li rrestawraw il-kwadri titulari tagħhom, fosthom is-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ, il-Qrendi, il-Birgu, Senglea, Ħaż-Żabbar, il-Ħamrun, San Pawl il-Baħar u oħrajn. U nibtet il-mistoqsija ta' dejjem: "għalfejn kulħadd jagħmel u l-Imqabba qatt ma nagħmlu xejn?!" Għall-grazzja ta' Alla f'dil-ħaġa sibt is-sapport tal-kappillan, li ma damx ma ħabbarha u, kif rajna, wasslet biex mat-titular ġew irranġati kwadri oħra li kienu fi ħtieġa kbira, aktar mit-titular innifsu.

Rigward dal-kwadru fl-imgħoddi kont ġa tajt kontribut notevoli f'dak li għandu x'jaqsam il-kuntest



It-titji tax-xemgħa fuq il-pittura

li minnu ħareġ. Fl-2006 kont ippubblikajt artiklu li ħareġ għall-ewwel darba informazzjoni dwar il-familja tal-artist Filippo F. Venuti mis-seklu sbatax 'il hawn u kif imxew minn Cortona għal Ruma, minnfejn Filippo ġie Malta[10]. Dak l-artiklu kien ħareġ ukoll id-data li fiha Venuti wasal f'pajjiżna, flimkien ma' lista notevoli ta' xogħlijiet tiegħu li hawn Malta,[11] u ġie anke ċċitat f'*paper* ippreżentata minn Sara Mandray f'*Masters seminar* li sar f'Pariġi fl-2015 minħabba d-dettalji fuq il-ġenealoġija ta' wieħed mill-antenati ta' Filippo.[12] Sentejn ilu fl-2017, jiġifieri sena qabel beda r-restawr, ħriġt bl-ipoteżi li d-data li fiha sar il-kwadru kienet 1897, wara snin tiġi ċitata sena żbaljata.[13] Għaldaqstant wieħed jista' jifhem l-interess tiegħi li nara dal-proġett mitmum.

Wara l-festa ta' Santa Marija tas-sena l-oħra l-gandlieri ta' kuljum ma reġgħux sabu posthom quddiemu, u nhar l-10 ta' Settembru telaq fl-istudios tal-kumpanija PrevArti biex jitnaddaf u tissewwielu l-ħsara. Naturalment ma stajtx ma nkunx preżenti meta dan tniżżel. L-ewwel ma sar kien li nqala' l-gwarniċ oħxon li kellu nvitat ġo fih… u kif inqalgħet l-ewwel biċċa, dik t'isfel, ħarġet il-firma tal-artist u s-sena li fiha sar, u kienet dik li kont ipotizzajt jien: 1897. Minn ritratti antiki tal-knisja nafu li dan il-gwarniċ li kien qiegħed jgħatti dan id-dokument ma kienx ilu li sar – probabbilment sar wara l-gwerra – mela issa l-ħsieb huwa li floku jitpoġġa ieħor aktar sempliċi u li ma jgħattix is-sena u l-firma.

Meta niżżilnih minn postu sibna dokument ieħor, din id-darba miktub fuq it-tilar li miegħu mwaħħla


3M Kebab House
34, Blue Grotto Avenue, Zurrieq
3M KEBAB HOUSE
FREE DELIVERY minimum order of €10
Tel: 2164 2986 - 9917 1435
7947 3207
Opening Hours:
Mondays Closed, Tuesday to Sunday: 11am till Late


3M Take Away
32, Blue Grotto Avenue, Zurrieq
FREE DELIVERY minimum order of €10
Tel: 2164 2986 - 9917 1435
7947 3207
Opening Hours:
Mondays Closed, Tuesday to Sunday 4pm till Late


Andrew Vassallo Ltd
GENERAL TRADING
TEL: 21692917
MOB: 79494438
www.andrewvassallo.com
Specialising In:
• Skylights
• Fiber Glass Flag Poles
• Water Gutters
• Raised Flooring
• Manhole Covers
• Street Furniture
• Raised Flooring
• Liquid Membrane
• UPVC & Aluminium Apertures
• All Type Of Staircases
Find us on facebook : Andrew Vassallo LTD

kristianne Stationery

MATTIA PRETI SQUARE, ZURRIEQ

Tel: 27791325  email: kristiannestationery@gmail.com





For all your stationery needs, books, gifts, greeting cards, …..

Photocopying - Binding - Lamination - Book Covering

*Panel Beating • Spray Painting*

**Lawrence Grixti**

# DEMSWEET

**Approved by Insurance** **Garage**

Sejba Road, Mqabba

Mob: 9945 5636

Tel: 2164 2992

d.Spiral

Stationery and more...

*Stationery – Greeting Cards – Toys – Souvenirs & Invitations*
*Books & Magazines – Gifts & Novelties – Lamination – Binding & much more…*

***Unbeatable prices in photocopies!***

Sub-post Office for Birkirkara

D.Spiral
Triq il-Vitorja, Birkirkara
Tel: 21491419
Email: dspiralst@gmail.com Website: www.dspiralst.com



*Il-firma tal-artist u s-sena li fiha sar*

l-pittura. Din kienet nota li ħalla l-patri Karmelitan Skalz li rrestawra l-kwadru wara l-gwerra: "*Restaurato da P. Raffaele Teresiano Anno 1943*". Din hija l-unika informazzjoni li għandna dwar l-uniku restawr li sar fuq dal-kwadru minn meta sar fl-1897. Li naħseb li ġara hu li meta ntlaqtet il-knisja u waqa' s-saqaf tal-kor flimkien mal-koppla, xi ġebel jew xi gandlier tar għal fuq il-kwadru u ċarratlu l-parti fejn hemm l-appostli; din fil-fatt kienet l-unika parti mill-kwadru li kienet tidher imqatta' u mraqqa', u r-roqgħa kienet bdiet tiġbed fuq il-bqija tat-tila. S'issa konna nafu li xi ħadd xi darba għamel dan l-intervent; issa nafu min għamlu u meta, u dan huwa pass kbir 'il quddiem fil-mixja ta' għarfien u apprezzament aktar serju ta' wirt raħalna.



*Ix-xbieha ta' San Pawl li Venuti pittru bi tliet idejn*

Wara li ħadt ir-ritratti ta' dawn id-dettalji ġodda, il-kwadru telaq. Kif mort id-dar ikkuntattjajt mill-ewwel lil P. Martin Borg, Karmelitan Skalz, għax jekk hawn patri f'Malta li jaf sewwa l-ġrajjiet tal-Ordni tiegħu u jaf min huma l-persunaġġi li sawru l-istorja tal-istess Ordni, dan huwa żgur P. Martin. Ma kellix dubbju li xi ħaġa jaf dwar dan P. Raffaele, u ma mortx żmerċ! P. Martin fil-fatt mill-ewwel bagħatli d-dati tat-twelid u tal-mewt, ta' meta daħal fil-Karmelu u ta' meta ġie ordnat, u laqa' l-istedina tiegħi li jikteb artiklu qasir dwar dan ir-restawratur mhux magħruf li qiegħed jidher f'dan il-ktieb ukoll.

Tul ix-xhur li l-kwadru dam fl-*istudio* il-Mosta mort narah kemm-il darba biex nara l-andament tax-xogħol. Pierre dejjem laqagħni b'idejh miftuħa u kien jurini t-teknika li qed tintuża biex jitnaddaf il-ġdiem tax-xemgħa, biex jitneħħa t-titjir u biex jerġgħu jiġu mlewna l-kuluri. Waqt it-tindif ħarġu wkoll il-linji bil-lapes li kien għamel Venuti nnifsu bħala *sketch* qabel ma' pitter ix-xbieha. L-aktar li jidhru dawn huma fejn hemm idejn il-Madonna u fejn hemm l-istilel. Meta kont qed nara l-kwadru aktar mill-qrib rajt li għal xi raġuni Venuti pitter lil San Pawl bi tliet idejn: waħda fuq sidru, waħda fuq ix-xabla u l-oħra mgħollija qisu qiegħed jippriedka. Jidher li Venuti kien iħobb jiċċajta xi ftit ukoll.



*Il-linji bil-lapes li kien għamel Venuti bħala sketch qabel ma pitter ix-xbieha*

Ix-xogħol kien lest lejn il-bidu ta' Diċembru u madwar xahar wara nġieb lura l-Imqabba u nżamm merfugħ fil-knisja ta' San Mikiel sakemm walset id-data tal-5 ta' Mejju meta nkixef mis-sinjura Doris Camilleri li ġabret is-somma meħtieġa għar-restawr u anke aktar.



*Is-sinjura Doris Camilleri li ġabbret is-somma kollha tal-spejjeż biex seta' jsir dan ir-restawr*



L-inkwadru ta' San Rokku qabel ir-restawr



L-inkwadru ta' San Rokku wara r-restawr



L-inkwadru tat-titular tal-Assunzjoni tal-Verġni Marija qabel ir-restawr



L-inkwadru tat-titular tal-Assunzjoni tal-Verġni Marija wara r-restawr

Meta l-kwadru ma kienx f'postu kien iż-żmien ideali li nagħtu tindifa sewwa lill-ħajt kollu skultura tal-kor, kif ukoll biex nispiċċaw iż-żebgħa tat-tieqa li kienet saret lejn l-2006 u baqgħet magħmulha nofhsa biss. Ħaġa tal-iskantament kif fi 13-il sena ħadd ma xammar il-kmiem u insista li dik il-pastażata titranġa, għax apparti milli l-għażla tal-kuluri kienet waħda tad-daħk (tpoġġa l-oranġjo flok il-*maroon*!), din saret saċ-ċinta biss. Barra minn hekk, fil-parti t'isfel fejn hemm il-blokok taħt il-kolonni, dak li xi darba kien *maroon* madwar l-uċuh tal-anġli kien inżebagħ b'kuluri oħra hekk li dik il-prospettiva tant sabiħa saret oġġett ta' ridikolu għal kull min kien jidħol fil-knisja. Huma dawn id-dettalji li jwassluni biex nistaqsi kemm verament l-Imqabbin iħobbuha l-knisja tagħhom!



Il-parti ta' fuq tal-kor wara li inżebgħat

Il-kappillan ma sabx oġġezzjoni u l-kumpanija Elbros offriet l-*iscaffolding* b'xejn għal tliet xhur. Kienet l-għaxqa tiegħi kultant immur sal-knisja filgħaxija wara l-quddies nixxabbat ma' dak l-*iscaffolding* u nħares lejn il-knisja minn fuq; darba ttantajt niżbogħ il-ħadid tat-tieqa. Sadattant tlett iħbieb tiegħi mill-Isla, is-sinjuri Gino Parnis, Charles Genovese u Alfred Briffa, offrew li jnaddfuha u li jillustraw id-deheb. Intgħażlet l-iskala l-ġdida tal-kuluri u ttieħdet nota tagħhom sabiex jekk 'il quddiem ikun hemm il-ħsieb li jinżebgħu l-prospettivi skulturati l-oħra, isiru fuq il-mudell tal-kor. Ix-xogħol taż-żebgħa sar mis-sur Paul Gauci, waqt li ibnu Jesmar ħa ħsieb iberfel id-deheb kollu minn fuq s'isfel u anke sar irtokk fuq il-partijiet tad-deheb li kienu ċċaqmu jew li kienu neqsin.



Is-sur Paul Gauci waqt xogħol taż-żebgħa tal-kor

Waqt iż-żebgħa nstabu xi partijiet mill-iskultura li kienu fil-periklu li jaqgħu, bħal pereżempju l-anġlu l-kbir li hemm taħt it-tieqa, kif ukoll ħafna fili miftuħin. Dawn ġew imsewwija mis-sur Gauci u mis-Sur Michael Ghigo. Għarafna wkoll li qabel saret l-induratura u l-kor ħa l-kuluri li niftakruh bihom, kien hemm xi partijiet li kienu biċ-ċelesti – minn hawn ħareġ li fl-antik il-knisja kellha kuluri ferm aktar ferrieħa minn dawk li għandha llum. Fil-parti t'isfel tal-kolonni fil-partijiet bejn id-deheb, tpoġġa l-maroon ukoll biex ix-xogħol ikun aktar uniformi u biex il-leqq tad-deheb joħroġ aktar.

Wara kważi tmien xhur u madwar 700 siegħa xogħol il-prospettiva kienet lesta, sabiħa aktar milli qatt kienet qabel, u minn ħaġa li twaqqgħalna wiċċna 'l art saret tron li jixraq lix-xbieha tas-Sultana ta' raħalna li tagħti l-isem lill-parroċċa.



Is-sur Jesmar Gauci waqt xogħol taż-żebgħa tal-kor

Il-kwadru twaħħal f'postu f'din il-prospettiva dinjituża nhar il-5 ta' Ġunju, biex isebbaħ il-knisja għall-festi li kienu waslu. Issa jonqos li jsir il-gwarniċ li jħalli l-firma viżibbli.

Tajjeb ngħidu wkoll, għal raġunijiet ta' kompletezza, li meta nqalgħu l-kwadru tal-Inkurunazzjoni u t-titular instabu xi diżinji ta' vapuri magħmulin bil-lapes fuq il-ħajt. Magħhom kellhom ukoll l-isem u l-indirizz ta' min għamilhom: "Carmel Sciberras, 44 St Catherine Str. Mqabba". Dak tal-kor kellu miktub ukoll "*Regina in celum assunta*" u d-data li donnha hi "17 of March 1960". Dan itina x'nifhmu li dik is-sena kienet tbajdet il-knisja. Is-sur Sciberras ġie identifikat ukoll; illum jgħix il-Kanada u jiftakar li meta kien żagħżugħ kien għen fit-tibjid tal-knisja, għaraf il-kitba tiegħu, imma ma jiftakarx għala kien poġġiha.

## Konklużjoni

B'dan l-artiklu ridt nagħti dokumentazzjoni kompluta u dettaljata tal-'vjaġġ artistiku' li sar fil-parroċċa tagħna tul is-sena li għaddiet, kemm biex l-istorja jkun jafha kulħadd kif inhu xieraq, u kif ukoll biex kulħadd ikun jaf il-fatti kif tassew seħħew. Il-kontribuzzjonijiet li saru biex dal-proġetti setgħu jsiru huma ta' ġieħ għal dawk in-nies li verament għandhom għal qalbhom il-patrimonju ta' raħalna. Minn hawn insellem b'mod speċjali lil Lonzu Mifsud u lil Doris



fgp
The Garage Door People

Serving You Since 1962

FGP Ltd. is Malta's longest established garage door manufacturer. We supply a full range of residential, commercial & industrial garage doors and gates, barriers, bollards, remote control automations as well as miscellaneous sheet metal works.

**INSULATED OVERHEAD SECTIONAL DOORS**

- Silent · Weather Sealed · Various Designs & Finished
- Residential & Industrial Doors · Competitive Prices
- Remote Control available



109, Valletta Road, Luqa LQA 1762 | T: 2166 7107/8, 2167 3627 | E: sales@fgp.com.mt | W: www.fgp.com.mt

**EGM PSAILA**

Ta' Leri

*• Kiri ta' Skips • Ġarr ta' xogħol bil-vannijiet*
*• Tħammil bil-gaffa • Ġarr ta' ġebel*

Emmanna, Triq Wied Costa, Ta' Kandja l/0 Siġġiewi

**Maurizio u Giovanni Psaila**
**9983 0453 / 9982 6145**
taleri@hotmail.com

Camilleri tal-ħidma tagħhom għall-ġbir tal-fondi, kemm meta sabu l-kollaborazzjoni u kemm meta ma sabuhiex.

Il-pass li jmiss hu li jkollna mużew tal-parroċċa, bħalma kont ħabbart meta inawgurajt il-kwadru tal-Inkurunazzjoni. Dan għandu jsir fis-sular ta' fuq tal-uffiċċju parrokkjali, fejn fost opri oħra ser jitpoġġa l-kwadru tal-Immakulata. Jalla għal darb'oħra nerġgħu nsibu lil min verament iħobb lil raħalna biex din il-ħolma ssir realtà wkoll.

## Referenzi

[1] Jonathan Farrugia, "Il-pittura tal-Inkurunazzjoni tagħlaq 350 sena,"fil-*Programm tal-festa ta' Santa Marija*, (l-Imqabba: 2008), 63-67.

[2] Il-kwadru jissemma għall-ewwel darba fl-1658, meta l-knisja parrokkjali preżenti kienet għadha ma nbnietx.

[3] Floku tpoġġa ieħor ta' Rafel Bonnici Calì li juri l-Madonna inkurunata mal-Missier Etern. Ir-raġuni kienet li kien hemm il-ħsieb li flok dak tal-Inkurunazzjoni jitpoġġa kwadru ġdid ta' San Ġużepp li kien ġa lest. Sa sentejn ilu dawn kienu biss għidut, imma fl-2017 sibt ir-rikors biex issir din il-bidla, u għalhekk l-għidut ġew konfermati. Ara J. Farrugia, *L-Imqabba: 9 ta' April 1942*. *Tifkiriet, storja u dokumenti*, (Malta: Parroċċa Santa Marija, l-Imqabba, 2017), 94-95. 140; Arkivju Arċiveskovili ta' Malta, "Suppliche 1953", f. 496.

[4] Arkivju Arċiveskovili ta' Malta, *Visitatio Pastorales* Vol. 23, 224v.

[5] Arkivju Arċiveskovili ta' Malta, *Visitatio Pastorales* Vol. 31, 300v.

[6] Ibid.

[7] SANDRO DEBONO, "L-arti u l-ħtieġa għaliha", minn Sicut Lilum (ed. Charles J. Farrugia), Malta 2012, 456-461.

[8] Xi anzjani li dak iż-żmien kienu għadhom tfal isostnu li kien hemm l-għidut li kien hemm grupp ta' nies li ħadmu bid-determinazzjoni biex jinbidel għax, skont huma, l-Madonna mdawra bl-anġli "kienet qisha ta' Santa Marija". Il-fatt li l-gwarniċ sar żgħir wisq, u mhux ftit, jagħti prova ċara li kien hemm min assolutament ma riedx li dan il-kwadru jerġa' jsib postu fejn kien. Jekk dan norbtuh mal-fatt li kien hemm manuvra biex jitneħħa l-kwadru tal-Inkurunazzjoni – li wkoll juri l-Madonna tiegħla s-sema – il-piż ta' dawn l-għidut jiżdied, u bħalma dawk dwar il-pittura l-ġdida ta' San Ġużepp irriżulta li kienu veri, jista' jkun li dawn dwar ir-raġuni għala tneħħa dal-kwadru huma minnhom. Jekk dan kien il-każ, ifisser li kien hemm proġett 'moħbi' biex ix-xbihat li jfakkru fl-Assunzjoni jonqsu minn ġol-knisja ddedikata lilha. Ħasra li fil-każ tal-altar tal-Immakulata għaddiet ir-rieda ta' dawn in-nies u tellfu lill-Imqabbin milli jgawdu din il-ġawhra ta' kuljum fil-knisja.

[9] Iżda jekk għandi nkun għalkollox onest, din ma kellhiex tkun sorpriża. Fl-istudju li kien għamel Sandro Debono ta' dan il-kwadru huwa kien ġa sostna li xi partijiet kienu ġew mimsusa, imma l-proċess tar-restawr ħareġ li ħafna kienu l-partijiet mill-oriġinali li tgħattew, probabilment aktar milli kien basar Debono stess. Apparti minn dan, Pierre Bugeja, li rrestawra l-kwadru titulari, kien ġie jagħmel studju fuq dan il-kwadru wkoll, u hu kien l-ewwel wieħed li qalilna li taħt il-figura tal-Madonna hemm oħra. Imma kont insejt.

[10] Jonathan Farrugia, "Filippo Fortunato Venuti u l-kwadru titulari tal-Assunta fl-Imqabba" Programm tal-festa titulari ta' Santa Marija (l-Imqabba: 2006), 87-96.

[11] Ma' din tul is-snin żidt xogħlijiet oħra li sirt naf bihom wara.

[12] Sara Mandray, "Ridolfino Venuti (1705-1763). Antiquaire romain des Lumières et fondateur de l'Académie étrusque de Cortone", Littérature italienne «de la Renaissance aux Lumières», on-line, 2015.

[13] Jonathan Farrugia, "Nota dwar is-sena li fiha sar il-kwadru titulari tal-Assunta fl-Imqabba" *Programm tal-festa titulari ta' Santa Marija* (L-Imqabba: 2017), 131-135.

Festa sabiħa
hija festa dinjituża!
Sokor, tgħajjir u firdiet
ma jixirqulniex
u ma jogħġbux lill-Madonna!
Għalhekk nieħdu sehem fil-marċi u l-briju
fit-toroq imma nżommu dejjem imġiba li
tagħmel ġieħ lilna bħala Mqabbin
u li togħġob lill-Patruna tagħna
SANTA MARIJA!

# Dr Jessica Rita Galea

LL.B., Dip.Not.Pub, LL.D (Melit)

*Avukat*

tawgura l-Festa t-Tajba lill-Imqabbin kollha

*Ħinijiet tal-Uffiċċju:*

**Ħal Kirkop**

224, Triq San Pietru

it-Tlieta mill-4.15pm sas-7.00pm

**Iż-Żurrieq**

117, 'Taħt ir-Raħal', Triq San Pawl

it-Tnejn u l-Ħamis

mill-5.00pm sas-7.00pm

Mob: 79971958



Elmo

INSURANCE

elmoinsurance.com

Bellizzi Services Ltd. 86, Triq Matteolo Saliba, Zurrieq ZRQ 2021 | Tel: 21642519 | Fax: 21689791 | bellizziservices@gmail.com

Elmo Insurance Ltd. Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, XBX 1111, Malta | T: 2343 0000 | info@elmoinsurance.com

Bellizzi Services Ltd. is enrolled to carry on tied insurance intermediary activities and is regulated by the Malta Financial Services Authority.
Elmo Insurance Ltd. is authorised to carry on general insurance business and is regulated by the Malta Financial Services Authority.



# Messaġġi mis-Soċjetà

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tifraħ u tawgura lill-mużiċista żgħażugħ Imqabbi Rene' Camilleri B.Eng (Hons), ALCM, tal-ħatra tiegħu ta' Assistent Surmast tal-Banda Re Ġorġ V u Direttur tal-Youth Band fi ħdan is-Soċjetà tagħna.

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tifraħ u tawgura lil Inġ Mro Anthony Camilleri B.Mech.Eng(Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M. għas-suċċess miksub fil-Ħames konkors Internazzjonali tal-marċi "Città di Allumiere", li kien organizzat mill-Banda Amici della Musica ta' Allumiere bl-għajnuna tad-dar tal-pubblikazzjoni mużikali Scomegna wara li fil-fażi preliminari, minn fost 60 kompożizzjoni (53 mill-Italja u 7 barranin) il-kompożizzjoni tiegħu bl-isem "Maltensi" għaddiet mal-aħħar għaxra waqt is-serata finali li saret nhar is-Sibt 15 ta' Ġunju 2019. Il-ġurija ikklassifikat il-kompożizzjoni tiegħu fir-raba' post fil-kategorija "Marce da Parata".

Is- Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tifraħ u tawgura fl-okkażjoni tal-ħames anniversarju mit-twaqqif tal-grupp tal-Adolexxenti 'Go Reds', ħolqa oħra fi ħdan is-Soċjetà tagħna li tul dawn il-ħames snin ħalliet frott fost il-membri tagħha. Grazzi tmur lill-amministraturi ta' dan il-klabb kif ukoll lill-membri.

Is-Soċjetà Santa Marija turi l-apprezzament tagħha lejn Nikolai Farrugia li serva bħala Ambaxxatur taż-Żgħażagħ matul is-sentejn li għaddew, filwaqt li jawgura lill-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ il-ġdid Nathan Aquilina kull ġid fil-ħidma tiegħu. Awguri mill-qalb!

Is-Soċjetà Santa Marija tixtieq tifraħ u tawgura lil dawk kollha li kisbu xi suċċess fl-istudji tagħhom, kemm f'eżamijiet lokali kif ukoll internazzjonali f'kull livell edukattiv, vokazzjonali u professjonali. Is-Soċjetà tifraħ ukoll lil dawk kollha li kellhom suċċessi personali f'dixxiplini sportivi, artistiċi, mużikali, kulturali, soċjali, teknoloġiċi u kull dixxiplina oħra kif ukoll nifirħu lil dawk kollha li kellhom suċċessi f'konkorsi u kompetizzjonijiet varji. Minn hawn, filwaqt li nerġgħu ntennu l-awgurju tagħna, inħeġġu lil dawn il-persuni kollha biex ikunu patreċipi fl-istrutturi tas-Soċjetà f'ambjent sagħan li joffri potenzjal għall-iżvilupp tal-ħiliet individwali u kollettivi.

Is-Soċjetà Santa Marija tixtieq tifraħ u tawgura lil istudenti tal-Iskola Primarja tal-Imqabba tar-riżultati ferm tajbin miksuba fl-International Super T-matik Mental Maths finals. Awguri u prosit tassew lil istudenti u lil għalliema ta' dan it-tragward mistħoqq.

Is-Soċjetà Santa Marija tixtieq tifraħ liż-Żgħażagħ tal-Parroċċa tagħna tal-esperjenza Missjunarja li kellhom fl-Albanija sabiex jgħinu lil ħafna tfal u persuni li jgħixu fil-faqar. Prosit lil dawn iż-żagħżagħ flimkien mal-Kappillan Dun John Curmi u l-Viċi Kappillan Dun Anton D'Amato.

Is-Soċjetà Santa Marija tixtieq tifraħ u tawgura lill-players, coach u diriġenti tat-team tal-Imqabba FC Youth Nursery U19 għar-rebħ tal-kampjonat nazzjonali sezzjoni Ċ u eventwalment promozzjoni għal Sezzjoni B.

**In Memoriam:**

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tixtieq isellem il-memorja tal-Imqabbin kollha, b'mod speċjali s-soċji, partitarji u l-benefatturi kollha ta' din is-Soċjetà li ħallew din id-dinja lejn l-aħħar tas-sena 2018 jew fis-sena 2019, u nirringrazzjawhom tas-sehem tagħhom b' risq il-festa ta' Santa Marija.

**Agħtihom O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.**




**L-AVUKAT**
**DR MARK PORTELLI B.A., LL.D.**

*jawgura l-Festa t-Tajba*

*lill-Imqabbin kollha*

*u jieħu l-okkażjoni biex jinforma l-klijenti tiegħu*

*li d-dettalji l-ġodda tal-uffiċċji huma*

**11, Triq l-Aħwa Ghigo, Mqabba MQB 1330**

**99, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT 1446**

Tel: **2123 9151** | Fax: **2123 9757** | Mob: **7905 5392**

Email: **mark@pnpadvocates.com** | Web: **www.pnpadvocates.com**

# Eluf Ħabbewk Marija



George Grech

Eluf ħabbewk Marija,
Minn żminijiet bikrija,
Eluf huma l-imqades,
T'imħabbithom, turija.

Eluf, fik raw tamithom,
Emmnu qalbhom qawwija,
Li inti tieqaf magħhom,
Bis-setgħa tiegħek smewwija.

Eluf lil ismek lissnu,
Fit-talb, fl-għawġ u fit-tifħir,
U b'ismek lil uliedhom,
Dakkru f'numru hekk kbir.

Għax jafu l'inti Marija,
Inti tassew setgħana,
U lesta li fil-ħtieġa,
Tieqaf lkoll magħna.

L-ewwel ma lilek ħabbek,
Kien Alla, l-Mulej,
Li għażlek fost tant ħlejjaq,
B'Omm Ibnu, il-Feddej.

Ħabbek l-Ispirtu s-Santu
Li bħala għarustu għażlek,
U dan permezz tal-Anġlu,
Mar Huwa lilek għarrfek.

Ħabbek sew Ġesù, Ibnek,
Li tajtu libsa umana,
Hu riedek wara mewtu,
Tkun anki int l-Omm tagħna.

Ħabbewk l-Anġli tas-sema,
Li tagħhom int Sultana,
U meta tlajt fis-sema,
Għamilthom tant ferħana.

Ħabbewk, ħarsuk b'tant għożża.
Sant Anna u San Gwakkin,
Għaliex inti għamilthom,
Nanniet ta' Ġesù Bambin.

Il-ġust Ġużeppi ħabbek,
Iddefendik, u satrek,
Fis-skiet hu ġarrab kollox
Għalik hu ħadem, ħabrek.

Ħabbewk l-Appostli kollha,
U l-ewlenin insara,
Is-Santi Padri kollha,
Mimlija kollha ħrara.

Bl-eżempji l-inti tajthom,
U l-għaqal li raw fik,
Warajk lilhom saħħarthom,
Imħabbithom kollha għalik.

Ħabbitek il-Knisja mqaddsa,
Li waqqaf Ġesù Ibnek,
U bħala Omm minn tagħha,
Hija wkoll ħatritek.

Kif tista' ma tħobbx lilek,
Imnissla mingħajr ħtija,
Imżejna b'daqstant grazzja,
U b-oħla dawl mogħnija?

Min igħoddhom l-eluf kollha,
Li lilek daqstant ħabbew,
Madwar id-dinja kollha,
Numru bla għadd tassew.

Ħabbejnik ukoll aħna,
U nibqgħu nħobbuk,
Il-poplu ta' dawn il-gżejjer,
Patruna dejjiema rriduk.

Għaliex kull meta aħna,
Fil-għawġ fittixnik,
Dlonk inti waqaft magħna,
U hekk dejjem sibnik.

Int tnissel ġewwa qlubna,
Ferħ li ma tistax tfissru,
Bi dmugħ jimtlew għajnejna,
U lkoll aħna ninkissru.

U flimkien b'għajta waħda,
Ninfexxu għalenija,
Xħin lilek aħna nilmħu,
"Viva Santa Marija".

*Awwissu 2018*

# Sena Attivitajiet 2018/2019





*Matul is-sena ġew organizzati diversi ikliet mis-sotto-kumitati*



*Ftuħ tal-Wirja La Semana Santa de Espana fl-Imqabba*



*Dramm tal-passjoni fis-Sotterran ta' Palazz Santa Marija fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa*



*Edizzjoni oħra tal-Wirja La Semana Santa de Espana fl-Imqabba*



*Nassaba – Song of a Bird – Play imtella ġewwa Palazz Santa Marija minn entita private b'kollaborazzjoni ma Teatru Malta*



*Trick or Treat organizzata mill-Klabb Go Reds u Tfal tat-Titular*



*Scavenger Hunt organizzata mill-Kummissjoni WEB ġewwa l-Birgu*



*Fi żmien il-Milied is-Sezzjoni Żgħażagħ torganizza edizzjoni oħra ta' Milied Imdawwal*



*Il-festin tal-Milied għat-tfal*



*Ikompli t-tagħlim tal-mużika mill-Banda Re Ġorġ V*



*Marċ mill-Banda Re Ġorġ V fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-pittura tas-saqaf tal-Intrata tas-Sede tas-Soċjetà*




*Is-Soċjetà żiedet unur ieħor dak tal-Premju Nazzjonali għall-Arti*


nawgura l-festa
t-tajba lil kulħadd
l-inġinier
zammit
stanley
stanley.zammit@gmail.com
79420596
ingstanleyzammit


JOHN'S
BUTCHER
for all kinds of local fresh meats,
in house pre packed items
and frozen products
41, Misrah il-Fidwa Imqabba
Tel: +356 21680942






# MALLIA

## PETROL STATION LTD.

## SIGGIEWI



New Tyres, New Batteries,
Oil Filters, Accessories,
Car Care products &
more

Mob: 79617353/4



# Taħt il-ħarsien tiegħek nistkennu!



Patri Mario Attard OFMCap

Kemm kienet tolqotni dik it-talba li konna ngħidu meta kont postulant, novizz u student mal-Kapuċċini! U, kemm din it-talba għadha tolqotni kull darba li, bi grazzja, nitlob it-talba ta' Għeluq il-Jum! Emmnuni li, din it-talba għadni nismagħha tidwi u mhux iżarżar, f'widnejja sal-lum!

*Taħt il-ħarsien tiegħek nistkennu, Omm qaddisa ta' Alla: la twarrabx minn quddiemek it-talb li nagħmlulek fi ħtiġijietna, u eħlisna dejjem minn kull tiġrib, o Verġni glorjuża u mbierka*.

Din it-talba li, fl-ilsien Latin, tissejjaħ *Sub tuum praesidium,* wisq probabbli hija l-aktar talba qadima li hija ddedikata lill-Verġni Marija. Fil-fatt, din it-talba, kienet ilha tintuża kemm fir-rit tal-Lvant u anki f'dak tal-Punent. Anki jekk, għadd ta' varjanti ta' din it-talba, kienu diġà eżistenti f'dak iż-żmien. Interessanti li, fl-1917, il-librerija John Rylands f'Manchester irnexxielha takkwista papiru kbir Eġizzjan. S'issa għadu ħadd ma jaf f'liema post dan il-papiru kien skopert. F'dan il-papiru, fi framment ta' 18-il ċentimetru b'9.4 ċentimetri, hemm fih it-test kollu ta' din it-talba bil-Grieg. C.H. Roberts seħħlu jippubblika dan id-dokument fl-1938. Roberts iddata din il-biċċa minn dan il-papiru lura lejn is-seklu erbgħa.

Dan l-għaliex kien tal-fehma li kien impossibbli li wieħed seta' qatt isib invokazzjoni lit-*Theotokos* (Omm Alla), qabel dan is-seklu. Madankollu, il-kollega tiegħu, E. Lobel, li miegħu kien ikkollabora fl-edizzjoni tal-papiri hekk imsejħa *Oxyrhuchus*, kien tal-fehma li t-test ma setax ikun aktar antik mit-tielet seklu. Għalhekk, skont E. Lobel, dan it-test kien miktub bejn is-sena 250 u 280. Kontributur ieħor għal Roberts, ċertu H.J. Bell, qal li dan id-dokument jista' jkun mudell ta' xi ħadd li kellu l-ħila jnaqqax. Dan jixhduh is-sbuħija tal-ittri minquxa fuq dan il-papiru. Għalhekk, minn hawn nistgħu ngħidu li t-talba *Sub tuum praesidium* ġiet sekli qabel l-*Ave Maria* fit-talb Nisrani.

| | |
|---|---|
| *X'naqraw fuq il-papiru:*<br>.ΠΟ<br>ΕΥCΠΑ<br>ΚΑΤΑΦΕ<br>ΘΕΟΤΟΚΕΤ<br>ΙΚΕCΙΑCΜΗΠΑ<br>ΕΙΔΗCΕΜΠΕΡΙCΤΑC<br>ΑΛΛΕΚΚΙΝΔΥΝΟΥ<br>…ΡΥCΑΙΗΜΑC<br>ΜΟΝΗ<br>…ΗΕΥΛΟΓ | *It-test Grieg tat-talba:*<br>Ὑπὸ τὴν σὴν<br>εὐσπλαγχνίαν<br>καταφεύγομεν<br>Θεοτὸκε· τὰς ἡμῶν<br>ἱκεσίας μὴ παρ-<br>ίδῃς ἐν περιστάσει<br>ἀλλ᾽ ἐκ κινδύνου<br>λύτρωσαι ἡμᾶς<br>μόνη ἁγνὴ<br>μόνη εὐλογημένη. |
| *Il-verżjoni Latina tat-talba:*<br>Sub tuam<br>misericordiam<br>confugimus,<br>Dei Genitrix! nostras<br>deprecationes ne des-<br>picias in necessitatibus<br>sed a perditione<br>salva nos<br>sola pura,<br>sola benedicta. | *Il-verżjoni Maltija:*<br>Taħt il-ħniena<br>tiegħek<br>nistkennu,<br>Imqaddsa Omm Alla! Talbna twarrabx<br>fil-bżonnijiet,<br>imma mill-periklu<br>eħlisna,<br>Int biss li int safja,<br>Int biss li int imbierka. |


A new, state of the art dental practice offering high quality dental care for you and all your family. Apart from offering the latest cosmetic dental techniques and solutions we are proud to offer you everyday dental treatments in a relaxed and caring environment.
St. Paul's Dental Clinic
Dolmen Street
Safi
TEL: 27560272
MOB: 79092400


St Peter's Ironmongery
sP
St. Peter's Ironmongery, Troll Street, Mqabba MQB 1240
Tel: 21 680 143 Mob: 79 499 721
E-mail: danielfarrugia08@gmail.com
Prop. Daniel Farrugia
Electrical & Light Fittings
Plumbing Fittings
Drain Pipes & Fittings
Cement
Tile Adhesive & Grouting
Membrane
Plastering materials
Geysers
Plastic & Fibre Tanks
Modern LED Bulbs
Range of Power, Hand & Air Tools
Stainless Steel Sinks & Mixers
Various types of Ladders
Key Cutting including Security Keys
Safety Wear & Safety Shoes
Outdoor & Indoor Paint 10%
Summer items (BBQs, charcoal, umbrellas, fans, etc.)
Garden Tools & Furniture
Heaters
Household items (toasters, kettles, etc.)
Marine Stainless Steel items
FREE DELIVERY
Opening Hours:
Monday to Friday:
7.00 a.m. - 7.00 p.m.
Saturday:
7.00 a.m. - 1.00 p.m.



# Stefan Zrinzo Azzopardi

Membru Parlamentari - Ħames Distrett

jawgura l-festa t-tajba
lil kulħadd

**BIEX INŻOMMU KUNTATT**
7968 1171 jew stefan@zrinzo.com

40, Triq il-Brolli, Birżebbuġa
4, Triq it-Taħħan, iż-Żurrieq

zrinzo.com



# Jack's Eat House

*Pizzeria • Restaurant • Take Away*

*Triq il-Bizantini, Qrendi*

*2168 1546 • 7931 7233 • 9910 0308*

Find us on: facebook *Jack's Eat House*






JADE JEWELLERS

**JEWELLERY & GIFTS**

23A VJAL IL- HELSIEN
ZEBBUG
Tel:21463833
www.chiarojewels.com
email:jadejewellers3@gmail.com

FOSSIL jewels & watches
LAURA BIAGIOTTI
BYBLOS jewels
KIOTO pearls
ACCURIST watches
PIERRE LANNIER watches
GOLD &SILVER jewellery

It-talba *Taħt il-Ħarsien tiegħek* għandha tabilħaqq valur kbir. Bħat-talb kollu liturġiku antik, it-talba *Sub tuum praesidium* tħaddan fiha sempliċità tassew nobbli. Barra minn hekk wieħed jinnota wkoll taqsira fl-espressjoni mħallta ma' spontanjetà mill-aktar friska. Fiha wieħed tabilħaqq jista' jinnota għadd ta' referenzi bibliċi. Fil-fatt, il-kelma ħienja, qed tirreferi għat-tislima ta' Eliżabetta. Nitolbu bl-ilsien Latin: *Benedicta tu in mulieribus* – bl-ilsien Malti, *mbierka int fost in-nisa* (Lq 1:42).

Din it-talba għandha valur storiku. Din it-talba lill-Verġni Marija magħmula mill-komunità Nisranija f'postijiet perikolużi, mingħajr dubju, tfakkarna kemm l-ewlenin Insara kienu, fil-fatt, jitolbuha fil-kuntest ta' persekuzzjoni. Bħalma kien dak fi żmien l-imperaturi Valerju jew Deċju.

Lil hinn minn dan kollu din it-talba għandha wkoll valur teoloġiku mill-aktar qawwi. L-ewwel nett wieħed irid jiftakar li fil-komunità Eġizzjana Nisranija qed iddur direttament fuq Marija biex titlobha l-ħarsien tagħha. L-Insara ntebħu li l-Verġni Marija hi viċin tat-tbatija tagħhom. Kien għalhekk li kienu jitolbuha b'mod speċifiku biex tidħol għalihom. U dan juri kemm kienu jemmnu fil-qawwa tat-talb matern tagħha.

Meta wieħed jitħaddet dwar il-veritajiet teoloġiċi li din it-talba tħabbrilna nagħmlu tajjeb jekk inżommu quddiem għajnejna tliet punti importanti fit-tagħlim dwar Marija: L-ewwel, l-għażla speċjali ta' Marija mill-Mulej (*Int biss li int mbierka*). It-tieni, il-Verġinità perpetwa ta' Marija (*Int biss li int safja*). It-tielet, il-Maternità Divina (*Omm Alla*; il-kelma *Omm* tista' tiġi meqjusa bħala traduzzjoni fqira tal-kelma *Genitrix*).

Id-deskrizzjoni ta' Marija bħala *Theotokos* matul it-tielet seklu, għalhekk mitejn sena qabel l-argumenti li huma marbuta mat-teżijiet ta' Nestorju, liema kwistjoni kienet riżolta mill-Konċilju Ekumeniku ta' Efesu fis-sena 431, diġà ħolqot problemi għal C.H. Roberts, l-editur tat-test Eġizzjan. Wieħed għandu jirrealizza li t-terminu *Theotokos* (bil-Latin *Dei Genetrix*), mhuwiex xi invenzjoni tal-ħames seklu.

Matul ir-raba' seklu, it-terminu *Theotokos* (*Omm Alla*), kien diġà popolari fin-naħa ta' Lixandra. Fil-fatt, il-Missirijiet San Alessandru ta' Lixandra, Sant'Atanasju, San Serapjun ta' Thumis u l-kittieb ekkleżjastiku Didimu l-Għami, kollha jsemmuh. Filwaqt li fl-Arabja Titu ta' Bostra, fil-Palestina Ewsebju ta' Ċesarea u San Ċirillu ta' Ġerusalemm, fil-Kappadoċja San Bażilju ta' Ċesarea, San Girgor Nazjanzenu u Severjanu minn Gabala, u, saħansitra, l-Arjani stess, bħal Asterju s-Sofista, kollha jsemmuh.

Barra minhekk, it-terminu *Theotokos* wieħed jista' jiltaqa' miegħu matul it-tielet seklu, preċiżament fix-xogħol tal-iskola ta' Lixandra. Skont ix-xhieda tal-istoriku ekkleżjastiku Sokrate (*Historia Ecclesiastica* VII, 32- PG 67, 812 B), il-ġenju kittieb Nisrani tat-tielet seklu, Oriġene, kien uża l-kelma *Theotokos* fil-kummentarju mitluf tiegħu fuq l-Ittra lir-Rumani. Id-dixxiplu ta' Oriġene, l-Isqof Dijonisju ta' Lixandra, ukoll uża t-terminu *Theotokos*. U dan għamlu lejn is-sena 250 f'ittra li kien kiteb lill-Isqof ta' Antijokja, Pawlu minn Samosata. Interessanti wieħed jinnota li t-terminu *Theotokos* ma baqax sempliċiment kunċett teoloġiku. Dan minħabba li issa, it-terminu *Theotokos* kien sab postu fil-liturġija fl-Eġittu matul it-tielet seklu. Madankollu, huwa tabilħaqq diffiċli biex wieħed jiddetermina jekk kienx id-diskors teoloġiku li nfluwenza t-talb liturġiku jew inkella viċi versa.

Wieħed jista' tabilħaqq japprezza l-qawwa straordinarja ta' San Ċirillu ta' Lixandra kontra t-teżijiet Nestorjani fil-ħames seklu sakemm, u ovvjament, it-terminu *Theotokos* kien diġà parti mid-depożitu tal-fidi li kienet mgħixha u kantata fil-liturġija ta' Lixandra għal ħafna żmien.

Jeżistu għadd ta' verżjonijiet tat-test tat-talba *Taħt il-ħarsien tiegħek*. Minbarra t-test Grieg tagħha jeżistu wkoll verżjonijiet antiki tagħha fl-ilsien Kopt, Sirjak, Armen u Latin. Rigward l-ilsien Latin, il-verżjoni użata mir-rit Ruman kienet waħda magħmula direttament mill-verżjoni Kopta tat-test. Fil-fatt, bħal fil-każ tat-test Kopt, it-test Latin juża t-terminu *praesidium* minflok *misericordia*. Sintendi, mingħajr ma jirreferi għat-test Grieg. Il-forma Ambrożjana tat-test tiddependi ħafna aktar mit-tradizzjoni Biżantina.

Fit-test Ruman, l-aġġettiv *gloriosa* biddel l-aġġettiv *casta*. Din hija żieda li daħlet aktar tard. Din l-espressjoni hija assenti mill-eżempju l-aktar antik tat-test li għandna f'idejna (jiġifieri l-Antifonarju ta' Compiègne) u anki mill-verżjoni Dumnikana tat-talba. Dan l-għaliex it-tnejn li huma jgħidu biss *Virgo benedicta*. Il-frażi mużikali affettwat ukoll is-sens tat-test Ruman. Hawnhekk teżisti

| *It-test Ruman:* | *It-test Ambrożjan:* |
|---|---|
| Sub tuum<br>praesidium<br>confugimus,<br>sancta Dei Genitrix:<br>nostras deprecationes<br>ne despicias<br>in necessitatibus,<br>sed a periculis cunctis<br>libera nos semper,<br>Virgo gloriosa<br>et benedicta. | Sub tuam<br>misericórdiam<br>confúgimus,<br>Dei Génitrix:<br>ut nostram deprecatiónem<br>ne indúcas<br>in tentatiónem,<br>sed de perículo<br>líbera nos,<br>sola casta<br>et benedícta. |

Teddies
Childcare Centre

- Free childcare Scheme
- Where kids play and learn safely,
- Indoor and Outdoor Facilities
- From New Born to School Age.
- Daily programme of activities
- Airconditioned
- Opening hours
  Mon. – Fri. 6:30am – 5:00pm
  Sat. 8:30am – 12:00pm

Filippu Farrugia Street,
Żurrieq ZRQ 2268
Tel: 2702 0362
Mob: 7964 1453
Email: teddieszrq@gmail.com






tower ironmongery

WÜRTH FASTENERS | SIGMA COATINGS INTERIOR & EXTERIOR PAINT | PROTOOL POWER TOOLS | narex POWER TOOLS | V-TAC LED BULBS & TUBES | MOTTURA SECURITY LOCKS | Cuprinol WOOD TREATMENT | TOPEX HAND TOOLS

Kress POWER TOOLS | fumagalli since 1973 RESIN OUTDOOR FITITNGS | ABB ELECTRICAL SUPPLIES | Unoair® AIR TOOLS | CISA LOCKS | ARRIGONI SUN SHADING | NEO HAND TOOLS

DUPLICATE YOUR KEY NOW!
PROFESSIONAL KEY CUTTING HERE.
SILCA YOUR GLOBAL PARTNER IN LOCKSMITHING

Tower Street, Żurrieq, ZRQ 2360
Tel: 2164 0196 • E-mail: towiro@maltanet.net

| *Traduzzjoni litterali tat-test Ruman:*<br>Taħt il-ħarsien<br>tiegħek<br>nistkennu<br>Imqaddsa Omm Alla;<br>talbna,<br>twarrabx<br>fil-bżonnijiet,<br>imma minn kull periklu<br>eħlisna dejjem<br>Verġni glorjuża<br>u Mbierka. | *Traduzzjoni litterali tat-test Ambrożjan:*<br>Taħt il-ħniena<br>tiegħek<br>nistkennu<br>Imqaddsa Omm Alla;<br>jalla t-talb tagħna<br>ma jkunx imwarrab<br>fit-tentazzjoni,<br>imma mill-periklu<br>eħlisna,<br>int li int safja<br>u Mbierka. |
|---|---|

taħwida minħabba l-fatt li *semper* ġiet attribwita lil *libera nos*. Meta, fil-fatt, din kellha tiġi attribwita lil *Virgo*. Mela, suppost għandna naqrawha *libera nos, semper Virgo* u mhux *libera nos semper, Virgo*. Il-mużiċista Franċiż Amédée Gastoué (1873 † 1943) kien tal-fehma li l-bidla fil-parti ta' *dejjem* ġiet magħmula fl-antifona Rumana biex toqgħod għall-frażi mużikali li diġà kienet teżisti. It-test Ambrożjan għandu żieda meħuda mit-test Grieg: *ne inducas in tentationem*. Din hija referenza ċara għat-talba tal-Missierna, *tħalliniex nidħlu fit-tiġrib*. Din il-frażi biddlet il-frażi ta' qabel jiġifieri *ne despicias in necessitate*.

Din l-antifona sabiħa *Taħt il-ħarsien tiegħek* kienet użata fil-liturġija Kopta tal-Għasar matul żmien il-Milied. Din l-antinfona hija wkoll magħrufa fir-rit Biżantin, Ruman u Ambrożjan. Fil-fatt, f'kull wieħed minn dawn ir-riti, għalkemm daqshekk antika u ta' ġieħ, it-talba *Sub tuum preasidium* tħaddan fiha l-umiltà, iċ-ċokon u nsibuha f'post marġinali fit-talb.

Madankollu, minkejja l-post modest tagħha fit-talb, l-imħabba tal-Insara minn dejjem qieset din it-talba daqshekk venerabbli f'post tassew għoli kemm fil-Lvant u kif ukoll fil-Punent. U dan minn ħafna qabel il-konklużjonijiet tal-analiżi tal-papiru tal-kollezzjoni hekk imsejħa *Rylands*.

Issa din il-popolarità sempliċi imma qawwija ta' din it-talba *Taħt il-ħarsien tiegħek* fakkritni fl-imħabba li Papa Franġisku stess għandu lejha! Fl-*Angelus* ta' nhar l-Ewwel tas-Sena tal-2015 Papa Bergoglio qal hekk: "Lil Marija, Omm Alla u Ommna, nippreżentawlha l-intenzjonijiet tagħna li nagħmlu l-ġid. Lilha nitolbuha tifrex fuqna lkoll u fuq il-jiem kollha tas-sena l-ġdida, il-mant tal-protezzjoni materna tagħha: 'Qaddisa Omma Alla, tinjorax is-suppliki tagħna waqt li għaddejjin mill-provi, u eħlisna minn kull periklu, o Verġni glorjuża u mbierka (*Sub tuum praesidium*).'"

Fil-Laqgħa tiegħu mal-isqfijiet Irlandiżi, nhar il-Ħadd 26 ta' Awwissu 2018, fil-Kunvent tas-sorijiet Dumnikani f'Dublin, waqt il-vjaġġ appostoliku li kien qed jagħmel fl-Irlanda fl-okkażjoni tad-IX laqgħa internazzjonali tal-familji, Papa Franġisku qal: "Jien qrib tagħkom: ibqgħu mexjin 'il quddiem, kuraġġ! Il-Mulej hu twajjeb ħafna. U l-Madonna tħarisna. U meta l-affarijiet jitqalu, itolbu *Sub tuum praesidium (Taħt il-Mant tiegħek nistkennu)* għaliex il-mistiċi Russi fil-waqtiet tat-tempesti spiritwali kienu jgħidu li għandna mmorru taħt il-mant tal-Omm Qaddisa ta' Alla, *sub tuum praesidium*".

F'udjenza li kellu mal-Komunità tal-Kulleġġ Pontifiċju Portugiż ta' Ruma, nhar it-8 ta' Mejju 2017, Papa Franġisku qal dawn il-kelmiet lil dawn is-saċerdoti: "Illum, waqt li qed nikkontemplaw il-ħajjiet umli u glorjużi tagħhom (tal-Beatu Franġisku, il-Beata Ġjaċinta u l-Qaddejja ta' Alla Lucia), aħna wkoll inħossuna li għandna nafdaw lilna nfusna lill-istess Imgħallem. U din mhijiex xi ħaġa ġdida. Aħna dejjem nitolbu għal dan fl-aktar antifona qadima lil Sidtna Marija: *Sub tuum praesidium confugimus, Sancta Dei Genitrix*. Hi tistedinna biex insibu l-kenn taħt il-mantell tagħha ta' omm li żżommilna jdejna u tgħallimna nikbru fl-imħabba ta' Kristu u fl-għaqda fraterna".

Kos hux! In-Nisrani, in-Nisranija, is-saċerdot, il-patri, is-soru, l-isqof, il-Papa, il-Maltin u l-Imqabbin, ilkoll għandna bżonn lil Marija! Għax hi Ommna! Hi titfa' fuqna l-mant tagħha! Hi ma tinjorax talbna waqt li nkunu *għaddejja mill-ħalel tal-ħajja*! Hi teħlisna minn kull periklu! Hi qrib tagħna meta l-affarijiet jitqalu! Hi li, b'imħabbitha għalina, tgħidilna: 'ibqgħu mixjin 'il quddiem, kuraġġ!' Hi twajba ħafna magħna! Hi tħarisna!

Mela, waqt li nkunu għaddejjin mit-tempesti spiritwali tagħna ħa mmorru iva niġru taħt il-mant tagħha ta' Omm! U, lil din l-għażiża Ommna Verġni glorjuża u mbierka, ħa nitolbuha minn qalbna, waqt li nħossuha tmexxina minn idejna u tgħallimna nikbru fl-għaqda tagħna ma' Ġesù u bejnietna:

*Taħt il-ħarsien tiegħek nistkennu, Omm qaddisa ta' Alla: la twarrabx minn quddiemek it-talb li nagħmlulek fi ħtiġijietna, u eħlisna dejjem minn kull tiġrib, o Verġni glorjuża u mbierka*.

*MINN QALBNA NĦOBBUK GĦAŻIŻA OMMNA MARIJA!*

# Velton Ltd

## Għad-dilettanti tal-Festi

**Lampi tal-Kulur u Ċari**

**15 watts u 25 watts**

**Kif ukoll bozoz LED**

**Mob: 9949 7336**






HORACE ENTERPRISES

TROPHIES, SPORTS GOODS AND EQUIPMENT

84, Triq Il-Gudja Għaxaq,
GXQ 2175 MALTA

21696302 / 99420346

horaceltd@gmail.com

www.horace-ent.com

Horace Enterprises Ltd

WE PRINT ON T-SHIRTS



# 100 sena mit-twelid tal-artist Emvin Cremona

Anna Cremona

**Nota mill-bord Editorjali:** *Din is-sena jaħbat il-mitt anniversarju mit-twelid tal-artist Malti Emvin Cremona. Ir-rabta li għandu mal-Imqabba hi li wieħed mill-kwadri tal-knisja li ġew sostitwiti wara l-gwerra sar proprju minnu. P. Karm Zammit kien jgħid li għalkemm dan ma kienx l-ewwel xogħol li ġie kummissjonat lilu minn knisja, irriżulta li dan kien l-ewwel kwadru li sab postu fi knisja hawn f'Malta. Il-kwadru li qed nirreferu għalih huwa dak tal-Agunija, u sar biex jieħu post wieħed aktar antik li nqered bil-gwerra, skont ma naqraw fir-rikors li sar mill-prokuratur tal-altar Antonio Mallia fit-12 ta' Jannar 1948. Cremona tħallas £80 għal din il-pittura, li l-permess għaliha ħareġ fis-27 ta' Frar. Fiha l-artist qagħad attent li jżomm mal-iskema ta' kuluri skuri li kellhom il-kwadri l-oħra li kienu jinsabu fil-knisja. Nifhmu li kienet lesta sal-14 ta' Settembru meta l-altar kien jiċċelebra l-festa tiegħu. Tajjeb niftakru li Cremona kien fost l-aktar artisti Maltin magħrufa, kemm f'Malta kif ukoll barra, u l-opri tiegħu immarkaw l-istil kontemporanju tal-arti Maltija. Il-knisja ta' raħalna għandha tassew biex tkun kburija li għandha wieħed mix-xogħlijiet l-aktar bikrija tiegħu. Infakkru wkoll li din il-pittura ġiet użata kemm-il darba mill-Kummissjoni Liturġika tal-Arċidjoċesi f'pubblikazzjonijiet tagħha, fosthom f'wieħed mill-ewwel Lezzjonarji bil-Malti u anke fil-ktejjeb ta' tifkira tal-konsagrazzjoni tal-Arċisqof Pawlu Cremona.*

*Għal din l-okkażjoni tlabna lil bint Emvin, is-Sinjura Anna Cremona, biex tiktbilna kelmtejn ta' tifkiriet li għandha ta' missierha. Minn qalbna nirringrazzjawha kemm tal-kitba kif ukoll tar-ritratti mill-arkivju tal-familja tagħha.*



*Emvin ma' ommu Maria Assunta u oħtu Mary*



*Reġistrazzjoni tal-magħmudija*

Il-papà tiegħi Emvin Cremona twieled il-Belt Valletta fis-27 ta' Mejju 1919. Mit-twelid kienu jsejjħulu Emvin iżda iċ-ċertifikat tat-twelid jurih bħala Emanuele Vincenzo.



*Id-dar ta' Emvin fejn fil-Belt*

# VRT + Wheel Alignment

*For all types of*
*Cars, Trucks, Vans and Buses*

**SIGGIEWI VEHICLE SERVICES**
Siġġiewi

Contact Victor Attard
on 99498736, 21466111









**LuxNAILS**
by Sabrina

Gel & Acrylic Nail Enhancements
Semi-Permanent Gel Polish • Natural Nail Care
Eyebrow Shaping • Lash Lifting • Upper Lip Waxing
& more

Mqabba Road, Zurrieq T. 21 649 875 M. 79 046 888

**Maths Coach**

Mathematics and Physics Private Tuition

**MATHEMATICS**

- Form 2
- Form 3
- Form 4
- Form 5 (SEC Paper 2A & 2B)
- SEC classes for Mature

**PHYSICS**

- Form 5 (SEC Paper 2A & 2B)

**Mqabba**

**7970 7458**



*Il-pittura tal-Agunija fil-knisja tal-Imqabba*



*Emvin ma' martu Lillian u uliedhom Marco, Anna u Sylvana*



*Emivn ma' martu Lilian fl-istudjo tiegħu fejn pitter il-kwadru tal-Agunija*

L-inkwatru tal-Agunija li jinsab ġewwa l-knisja parrokkjali tal-Imqabba ġie mpitter fl-istudjo tat-tpinġija fis-sular ta' fuq li l-papà kellu fid-dar ta' fejn konna noqogħdu. Din tinsab fin-naħa ta' fuq tal-



*Rikors tal-1948 għall-pittura tal-Agunija*

TROCADERO
Pastizzeria
&
Confectionery

Tel: 2164 7233

**Triq San Bażilju, Mqabba**
*(Wara l-Knisja)*

Nispeċjalizzaw f'kull kwalità ta' għaġina, ravjul, pastizzi, eċċ... Dawn l-affarijiet issibhom kemm imsajrin kif ukoll tal-friża.

*Ikollna ukoll soft drinks, ġelati, sigaretti, eċċ...*

**Naċċettaw ordnijiet għall-parties.**



*Ruben's Garage*
**Oven Baked Spray Painting**
**Insurance Approved**

**Mob: 79064856**
**6, Sejba Road, Mqabba**
**rubengarage@gmail.com**

**We Also do Plastic Bumper Repair & Windscreen Installations.**

**Philip Taxi Service**
***24 Hours Service***



**Mob: 7926 9692**
**Tel: 2168 5117**

Belt u l-ġenituri tiegħi marru joqogħdu f'din id-dar kif iżżewwġu fl-1948. Il-mamà kien jisimha Lilian imwielda Gatt. Jiena t-tieni wild minn erbgħa. Hemm ħija Marco, li huwa akbar minni, u żewgt ibniet iżgħar minni, Sylvana u Nadia.

Il-papà baqa' jpitter fl-istudjo tal-Belt Valletta sal-1975 meta konnha ċċaqlaqna għad-dar (u studjo) 'Mediterranja' li ddisinja l-papà stess. Din tinsab fit-triq tar-Rabat fin-naħa t'isfel ta' Ħ'Attard.

Sfortunatament il-papà ħalliena fid-29 ta' Jannar 1987. Fost affarijiet oħra hu ħalla ħafna opri fil-knejjes ġo Malta bħas-soqfa tal-knejjes tal-Imsida, ta' Ħal Għaxaq, tal-Imsida u tal-Ħamrun, kif ukoll f'Ta Pinu, Iż-Żebbuġ u n-Nadur (fejn iddisinja l-artal) ġewwa Għawdex.

Hu ddisinja numru kbir ta' settijiet ta' bolol bejn l-1957 u t-tmeninijiet bikrin. Dawn kisbu ammirazzjoni kbira internazzjonalment.



*Emvin iħares mit-terrazzin tad-dar fil-Belt għal fuq il-port*

Jiena kburija li jien it-tifla ta' Emvin Cremona u napprezza, kif ukoll nixtieq illi intom tapprezzaw, kemm ħalla ġid lil pajjiżu, pajjiżi u pajjiżkom: Malta.


# Mario Service Station

**3D Wheel Alignment**

**Car Accessories such as shock absorbers, brake pads, stereos, etc.**

*Nagħmlu xogħol ta'*

- *punctures*
- *computerised wheel balance*
- *computerised wheel alignment*
- *general service*
- *car & motor batteries*




**Żurrieq Road, Safi • Tel: 2764 1419**

CB COMPUTER BARGAINS

Tal-Mahznier Street,
Luqa LQA 1250, Malta

Tel: 2167 7999
Mob: 9945 3187

Email:info@computerbargainsmalta.com
Web: www.computerbargainsmalta.com



MJ GARAGE

We do servicing and repair on:
Commercial vehicle, light vans and fork lifters,
Engine overhauling for trucks, vans, cars and marine engines,
fork lifter parts, Computer diagnostic and more.

Mob: 99297127
Address: MJ Garage, G23, Ghaxaq Ind.
Park, Valletta Road, Ghaxaq
e-mail: matthewjohngarage@gmail.com



# Iż-Żjara Pastorali tal-Isqof Baldassare Cagliares fl-Imqabba fl-1615

## *It-Tieni Parti: Id-Deskrizzjoni tal-Knejjes iż-Żgħar*

Dr Simon Mercieca

F'din it-tieni parti, ser inkompli nitkellem dwar iż-żjara pastorali li l-isqof Baldassare Caglaires għamel fl-Imqabba fl-1615. L-ewwel parti tad-deskrizzjoni ta' din iż-żjara dehret is-sena l-oħra fejn fiha tkellimna dwar kif dan l-isqof iddeskriva l-knisja parrokkjali tal-Imqabba. F'din it-tieni parti, l-emfasi ser ikun issa fuq il-knejjes żgħar li kien hemm fl-Imqabba. Waqt kull żjara pastorali li l-isqof kien jagħmel, wara li kien iżur il-knisja parrokkjali, kien imur jara l-knejjes l-oħra li kien ikun hemm fil-parroċċi. Skont din id-deskrizzjoni, dawn kien żarhom fl-istess jum li kien żar il-knisja parrokkjali u kien mar ma' dawk li kienu jissejħu l-koviżitaturi, jiġifieri, monsinjuri magħżula minnu biex jassistuh waqt iż-żjara pastorali.

F'dawn il-knejjes il-viżitatur jitkellem li kellhom fihom biss '*icona*' mingħajr ma jispeċifika, kif kien jagħmel qabel, jekk din hijiex fuq tila jew le. Meta ma jispeċifikax, inkun ifisser li dik l-ikona kienet waħda tal-injam. Fi kliem sempliċi, il-pittura kienet fuq tavla jew twavel tal-injam. F'dawn il-knejjes, bħalma kien fil-każ tal-knisja parrokkjali, l-altar kien ikun wieħed tal-ġebel.

L-ewwel knisja li żar kienet dik ta' Santa Katerina. Din kellha kwadru tal-injam u magħha kellha ċimiterju li meta saret iż-żjara ma kienx għadu jintuża. Il-kwadru kien juri lil Santa Katerina flimkien ma' San Pietru. Kellha xi biċċiet artijiet ukoll, magħrufa bħala l-*Bur ta' Santa Karterina* li kienu jinsabu f'qasam magħruf bħala *Ta' Safi*. Dan il-qasam kien ġa beda jitlef l-isem tiegħu, tant li meta l-isqof żar din il-knisja kellu jispeċifika l-isem ġdid li kien qed jintuża biex juri fejn kienu jinsabu dawn l-artijiet, jiġifieri *tal-Mentana*. Illum dan l-isem hu magħruf bħala *Tal-Mentna*. B'hekk minn din iż-żjara nsiru nafu li din il-parti fl-Imqabba kien magħrufa qabel bħala *Ta' Safi*. Din il-knisja kien qed jieħu ħsiebha Ġanni Aquilina.

Tmiss magħha kien hemm knisja oħra ddedikata lil San Pietru. B'hekk San Pietru kellu żewġ knejjes b'artal maġġur iddedikat lilu. F'din il-knisja, il-pittura kienet ukoll fuq l-injam. Hawn San Pietru kien muri ma' Sant'Agata.

Wara mar żar il-knisja ta' San Bażilju. Mid-deskrizzjoni li jagħti, din kienet l-ikbar waħda mill-knejjes żgħar kollha tal-Imqabba, tant li din kellha żewġ bibien biex tidħol għalija.[1] L-oħrajn kellhom biss bieb wieħed. Fuq kollox din il-knisja kellha żewġ artali. Magħha kien hemm marbuta biċċa art li kienet ukoll f'tal-Mentna, li hawn ukoll hija mogħtija, li din l-art kienet magħrufa qabel bħala *Ta' Safi*. Ma hemmx dubju li dan kien isem ta' xi ħadd Għarbi li fl-imgħoddi mbiegħed kien joqgħod f'din iż-żona.

Wara żar żewġ knejjes oħra li jidher li kienu qodma ħafna, wisq probabbli, aktar minn dawk il-knejjes li kien żar sa issa. L-ewwel waħda kienet iddedikata lil San Mikiel Arkanġlu. Il-qedem ta' din il-knisja joħroġ mill-pożizzjoni tal-artal li kien differenti mill-oħrajn. Ma kienx fin-nofs iżda kien fl-angolu tal-ġenb. Din hija xi ħaġa li titlob studju aktar profond għaliex wisq probabbli tirrifletti xi rit qadim li kien marbut ma' din il-knisja. Anki l-fatt li l-ikona kienet żgħira u tal-injam jindika ċerta qdumija. Mis-seklu ħmistax u forsi anki mis-seklu erbatax, bdew isiru ikoni kbar fuq wara tal-altari.

Imbagħad kien hemm knisja jew kappella oħra, li kienet iddedikata lil Assunta. Dan ikompli joħroġ id-devozzjoni kbira li kien hemm lejn l-Assunta fl-Imqabba. Jidher ċar li issa d-devozzjoni lejn l-Assunta kienet qed iddur fuq il-knisja parrokkjali. Din il-knisja kien jonqosha ħafna affarijiet. Fuq kollox, din kienet qadima ħafna. Kellha fiha ikona tal-injam turi t-tlugħ fis-sema ta' Marija. Fuq kollox, wara l-Konċilju ta' Trentu, ma setax jibqa' aktar knejjes jew altari iddedikati lill-istess Titular fl-istess parroċċa.

Sakemm sar il-Konċilju ta' Trentu, ma kienx hemm il-kunċetti ta' parroċċi kif nafuhom illum. Il-konfini mhux dejjem kienu definiti u dawk il-knejjes li kienu jitmexxew minn kappillan kienu jkunu knejjes sagramentali, jiġifieri kienu l-knejjes li fihom kien jinżamm is-Sagrament u jsiru s-sagramenti fihom, bħalma kienet l-ewkaristija u żjut sagri. Fihom ukoll kien isiru s-sagramenti oħra bħalma kienu l-magħmudijiet u l-qrar. Ma kienx hemm l-anqas il-bżonn li dawn il-knejjes sagramentali jkollhom iż-żona jew il-konfini tagħhom. B'hekk seta' jkun hemm

## FRAME MAKER

caruanachristian@gmail.com

**For any kind of frames and glass cutting**

*Opening Hours:*
*Mon - Tue - Thur - Fri:*
*4.00pm - 7.30pm*
*Sat: 8.00am - 1.00pm*
*Wed: Closed*

**57, St. Catherine Street,**
**Mqabba MQB 1203**

**Tel: 2168 3308**
**Mob: 9988 8691**

## Frott il-Bidwi



**FREE DELIVERY**

13, Triq Rokku Buhagiar, Qrendi
**Mob: 99830936 / 99491957**

Ħinijiet tal-ftuħ:
**It-Tnejn, it-Tlieta, il-Ħamis u l-Ġimgħa**
mis-6:00am sa 12:00pm u
mill-4:00pm sas-7:00pm
**L-Erbgħa:** mis-6:00pm sa 12:00pm
**Is-Sibt:** mis-6:00am sa 12:00pm

Ħaxix u Frott frisk dirett mingħand il-bidwi
• Preserves • Ħaxix tal-friża

## *Carabott Jewellers*

Dun Ġużepp Zammit Street
Żurrieq - Malta. Tel: 2168 0760

Business Hours:
Monday to Friday: 9.00a.m. - 12.00p.m.
4.00p.m. - 7.00p.m.
Wednesdays & Saturdays : Half Days

knejjes iddedikati taħt l-istess titlu, jiġifieri f'dan il-każ tal-Assunta. Kif rajna, fl-Imqabba kien hemm żewġ knejjes ħdejn xulxin iddedikati lil San Pietru.

Fuq kollox minn din iż-żjara nsiru nafu li fil-kappella li kienet iddedikata lil Santa Marija kien isir għasar lejlet il-festa u wara l-ewwel għasar kien isir speċi ta' festin, imsejjaħ bil-Latin *ientaculum*. Dan ifisser li ħafna snin qabel f'din l-istess knisja, kienet issir ikla nhar il-festa. Din l-ikla kienet tissejjaħ mill-Maltin bħala żerda. Fiha kienu jittieklu affarijiet ħelwin fosthom il-qubbajt jew xi forma ta' għassieda sħuna li lum ngħidulha *porridge*. Matul il-bidu tas-seklu sbatax dan kien qed jittiekel filgħaxija. Fuq linja differenti, dan it-tip ta' festin tal-ħelu jaf l-oriġini tiegħu lill-Kristjani Għarab li ġew jgħixu fostna mis-Sirja. Biss minn din iż-żjara, insiru nafu li dan ir-ritwal kien preżenti fl-Imqabba u nsibuh ukoll fil-parroċċi tal-qrib bħalma kienet dik tal-Qrendi u anki s-Siġġiewi.

Fl-aħħar u mhux l-inqas, f'din il-parti taż-żjara nsiru nafu min beda l-ewwel ċimiterju 'proprju' tal-Imqabba li kien jinsab quddiem il-knisja ta' Santa Marija li llum hija tad-Duluri; dan kien Ġanni Agius.

Dak li ġej hija ż-żjara pastorali ta' dawn il-knejjes tal-Imqabba.

It-tieni parti taż-żjara pastorali fl-Imqabba.

f. 237v
Item visitavit Eccl[essi]a[m] in d[ict]o Casali posita sub invocatione Sanctae Catherinae, qua[m] habet altare lapideu[m] et p[er] icona[m] cum imaginibus Divae Mariae Virginis, et hinc inde Sancti Petri, et Sanctae Catherinae. Altare habet mappas et palliu[m] ex tela depicta, ac lampadem ante altare pendente[m] atq[ue] ostium cum valvis ligneis

f. 238r
versus occidente[m] indigent candelabris et cruce habet et quonda[m] clausuncula[m] tumulataru[m] duar[um] terrae appellata[m] il Bur di Santa Catherina in contrata Ta Sefi (menrata) redditus scuti unicis annualis qua[m] conducti nomina detinet Joannes Aquilinae, quod expenditur pro servitiis d[ictae] Eccl[essiae]

R[everendissi]mus D[ominus] mandavit d[ict]a[m] clausuram assegnari Procuratoribus Parrochialis Ecc[lessi]ae qui sustinere debeant onera d[ictum] Ecc[lesiam]

Item visitavit alia[m] Ecc[lessi]a[m] contigua[m] suprad[ict]a[m] sub invocatione Sancti Petri, que[m] habet Altare lapideu[m] et p[er] icona[m] cum imagine Sanct[issi]mi Trinitatis, et Sancti Petri ac Sanctae Agathae. Altare habet palliu[m] ex tela depicta, mappas, candelabra lapidea et lampadem ante altare pendente[m].

Comparvit Bartholomeus Azzupard de d[ict]e Casali et asservat q[uod] Mattheu[m] Zammit eius soceru[m] obligascit ipsum comparente[m] un tarenis tribus annui redditus cum potestate redimenti di tarenos tres in valore unciae unius, ideo praesens exhibuit d[ict]a[m] uncia[m] una[m] et tarenos duo decim ultra debitum ad hoc ut convertantur in simile redditum pro usu, et servitio eccl[essiae] suprad[ictae]

f. 238v.
Iuxta legatum d[ict]i q[ue]i de Zammit in actis Notarii Petri Zammit sub die octava Junii 1600 qua[m] summa[m] R[everendissi]mus D[ominus] adductus D[ominibus] D[elegatibus] convisitatoribus mandavit assignari Magistro Mariano Farrugie Procuratori constitutum d[icta]m Eccl[essia]m ad redditu[m] supra[dicta] constituit d[ict]e ecclessiae procui[u]s servitio.

Item visitavit ecclessia[m] sub invocatione Sancti Basilii positam in d[ict]o casale, que[m] habet altare lapideu[m] munitum omnibus necessariis et p[er] iconam cum imagine Divae Mariae Virginis hinc inde Sanct[issimos] Josophem et Basilii. Habet palliu[m] ex auripelle et lampade[m] ante altare pendente ac duo ostia cum valvis ligneis quam unu[m] est versus Aquilone[m] et alteriu[m] versus occidente[m]. Eccl[essi]a est optimae structurae antineu[m] quinq[uem] arcatas more regionis, habet scutas duo annui redditus iuxta firma[m] bulla[e] proeius servibus poenes Gusmanus Bugeia de Casali Crendo. Pro[curato]res eiusdem sunt Marius Farrugia et Sebastianus Schembri de d[ict]e Casale.

Comparvit suprad[ictum] Sebastianus Schembri, et rivelavit se teneri celebravi facere missa[m] in festi[vitatem] Sancti Basilii, ac accendere lampadem quolibet die Sabbati, et festis per annu[rum]

f. 239r.
ratione possessionis cuius clausura[e] appellat[ae] Tal Safi an in contrata Tal Mentena, adnosci ad accensioni lampadis et uncei suprad[ict]e qui hactenus satisfecit prout retulit D[ominus] Parochus.

A dextra altaris pred[ict]i est aliud altare sub invocatione Visitationis Beatae Mariae Virginis decenter ornatus boni loci, quod substinetur devotione ac a elemosynis fidelium incolem.

Item visitavit alia[m] ecc[lesi]a[m] antiqua[m] predictae sub invocatione Sancti Michaelis Archangeli que[m] habet icona[m] parva[m], et altare valde angulatum, quod R[everendissi]mus D[ominus] mandavit dilatari et reducti ad meliore[m] forma[m] ecclessia est per tota[m] de albata, et venerabiliter detenta[e]. Haeredes q[uondam] Michaelis Zammit tenentur celebrari facere primas vesperas et missa[m] in festo Sancti Michaelis Archangeli, ac dabare sacerdote[m] celebrante[m] et seu paupere[m] r[ati]one[m] possessionis cuius da clausura[e] appellata[e] Ta gzibdibija in contrata della Michabiba qui hactenus satisfecerunt.

Item visitavit aliam ecc[lessi]a[m] sub vocatione Assumpt[ion]is Beatae Mariae Virginis positam in eodem Casali.

# G. Camilleri Petrol Station

CAR SERVICING
WHEEL BALANCING
CAR ACCESSORIES
CRASH HELMETS

PUNCTURE REPAIRS
CAR BATTERIES
MOUNTAIN BIKES
OILS & FILTERS

**CAR WASH**

**FREE BALANCING WITH ALLOY WHEELS**

**TEL/FAX: 2164 1647 Tel: 2164 7235**





# Hair Couture

by Romina

No. 11,
Rokku Buhagiar Street,
Qrendi

**Tel:** 2164 9301
**Mob:** 9982 5786
**Email:** haircouture@gmail.com



# J. Cutajar

SMOKING ARTICLES

46, Springvale,
Triq il-Madonna tal-Ġilju
Mqabba
Tel: 21689653 Mob: 7949 5354

*For all your smoking needs*

f. 239v.
quem habet Altare lapideum et parva[m] p[er] icona[m] cum imagine Beatae Mariae Virginis Assumpta[e] indiget propterea alia maiora ac decenter or[nata],

altare habet palliu[m] ex tela virgata, mappas, candelabra lignea, subpedale lapideu[m] et lampadem ante altare pendente[m].

Joannes Agius tanqua[m] possessor loci domur[um] cum clausunculis convinatis in d[ict]o Casali tenetur celebrari facere primas vesperas cum i[e]ntaculo et missam in festo Assumptionis pred[ict]o ac accendere lampadem diebus consuentis et ripadare d[ict]a[m] Ecclessia[m] in necessaris.

Ideo fuit mandatu[m] ipsi Joanni p[rese]nti et audienti, ut p[er] icona[m] meliore[m] inter facciata et coemeterium infra seu mense[m].



*L-ikona li probabilment kienet it-titular l-antik ta' Santa Katarina*

f. 237v
Fl-istess mod, żar il-knisja li tinsab fl-istess raħal taħt l-isem ta' Santa Katerina li għandha altar tal-ġebel u bħala pittura fuq l-injam hemm l-immaġni tad-Divina Marija Verġni, kif ukoll ta' San Pietru u ta' Santa Katerina. L-altar għandu tvalja u vent'altar bid-drapp impinġi u lampier imdendel quddiemu kif ukoll daħla tingħalaq b'bieb tal-injam

f. 238r
iħares lejn il-punent. Jonqosha salib u gandlieri u darba kellha għalqa għad-dfin, żewġ biċċiet artijiet imsejħa il-Bur ta' Santa Katerina fil-qasam Ta' Safi (Mentana) li kienu qed iħallu dħul ta' skud fis-sena u l-knisja tinsab għand Ġwann Aquilina u sa issa l-ħlasijiet qed imorru għall-manutenzjoni tal-imsemmija knisja.

Ir-Reverendu Sinjur ordna li l-imsemmija art għandha tgħaddi għand il-prokuraturi tal-knisja parrokkjali biex b'hekk ikunu jistgħu jżommu l-obbligi tal-imsemmija knisja.

Bl-istess mod żar ukoll il-knisja li tmiss ma' din imsemmija fuq taħt it-titlu ta' San Pietru, li għandha altar tal-ġebel u bħala pittura bl-immaġni tas-Santissima Trinità u San Pietru u Sant'Agata. Għandha vent'altar tad-drapp miżbugħ, tvalji, gandlieri tal-ġebel u lampier imdendel quddiem l-altar.



*Santa Katarina u San Pietru fil-bidu tas-seklu 17*

Deher Bartolomeo Azzupard mill-imsemmi raħal u qal li l-mejjet Mattheo Zammit, ħatnu, rabtu li jagħti tarì wieħed milli jdaħħal fis-sena mid-drittijiet fuq id-dħul ta' tliet tarì tal-valur ta' unċja waħda, għalhekk wera l-imsemmija unċja u l-għoxrin taren l-oħra li kellu jagħti għal dan biex b'hekk jinbidlu fi dħul simili għall-użu u s-servizz tal-knisja imsemmija fuq

f. 238v.
skont legat, tal-imsemmi ta' Zammit, fl-atti tan-nutar Pietru Zammit taħt id-data tat-8 ta' Ġunju 1600, liema somma, ir-Reverendu Sinjur, akkumpanjat mis-Sinjuri Delegati li kienu qegħdin jagħmlu ż-żjajjar miegħu, ordna biex dan id-dħul b'risq il-knisja jkun mogħti lill-imgħallem Mariano Farrugia, li ġie magħmul prokuratur tal-imsemmija knisja biex id-dħul tal-imsemmi jmur għas-servizz tal-imsemmija knisja.

Bl-istess mod żar il-knisja taħt it-titlu ta' San Bażilju li tinsab fl-imsemmi raħal, li għandha altar tal-ġebel, u mgħammra b'dak kollu neċessarju u bħala pittura bl-immaġni tad-Divina Marija Verġni li fiha wkoll lil San Ġużepp u San Bażilju. Għandha vent'altar tal-ġilda indurat bid-deheb u lampier imdendel quddiem l-altar u żewġ daħliet bil-bibien tal-injam, b'waħda tħares lejn it-tramuntana u l-oħra lejn il-punent. Il-knisja hija fi stat ta' kostruzzjoni tajjeb ħafna u fiha ħames arkati mibnija bis-sengħa, għandha żewġ skudi fis-sena bħala dħul kif jidher miktub fil-bolla favur il-bżonn tagħha bil-piż fuq Gusmano Bugeja mir-raħal tal-Qrendi. Il-prokuraturi tal-imsemmija knisja huma Mario Farrugia u Sebastiano Schembri mill-imsemmi raħal.

Deher l-imsemmi Sebastiano Schembri u wera li hu kien miżmum li jagħmel quddiesa fil-festa ta' San

# JULIO & CHARLIE SACCO

Qrendi Road, Mqabba

Tel: 2168 3129

*Jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd*

jfakkru li huma jagħmlu

**Xogħol fl-injam ta' kwalità għolja**

**PREZZIJIET MODERATI**



# L. Micallef Steel Works

**Steel Works , Aluminum and Stainless Steel Welding**

**Ludvic Micallef** • **MIG & TIG Welder**

**Mob: 9947 6932**

***Treatments Available:***

- Relaxing Anti-Wrinkle Facials
- Deep Cleansing Facials
- Eyelash/Brow Tinting
- Electrolysis
- Waxing
- Make-up
- Manicure and Pedicure

**Lillian Camilleri**

*Beauty Therapist*

C.I.B.T.A.C.

Diploma B.A.B.T.A.C.

**10, Triq il-Mitħna, Mqabba**

**Tel: 2168 3214 Mob: 9942 6054**



Bażilju u jixgħel il-lampier kull nhar ta' Sibt u fil-festi ta' matul is-sena.

f. 239r.
Minħabba l-possessjoni tal-art li jisimha Ta' Safi fil-qasam tal-Mentena, [id-dħul] imur biex jinxtegħel il-lampier u l-unċei msemmija li sa issa huma biżżejjed, is-sinjur kappillan iżommhom bħal li kieku tiegħu.

Fuq il-lemin tal-imsemmi altar hemm ukoll altar taħt l-invokazzjoni taż-Żjara tax-Xebba Marija imżejjen kif suppost u kollox f'postu, li jiġi miżmum b'devozzjoni u bid-donazzjonijiet tal-fidili.

Bl-istess mod, żar knisja oħra qadima. Din l-imsemmija hija taħt l-isem ta' San Mikiel Arkanġlu u għandha ikona tal-injam żgħira, u altar angulat ħafna li r-Reverendu Sinjur ordna jitkabbar u jinbidel għal forma aħjar. Il-knisja hija mbajda u miżmuma b'mod tajjeb. Il-werrieta tal-mejjet Mikiel Zammit huma miżmuma biex jiċċelebraw u jagħmlu l-ewwel għasar u l-quddiesa nhar il-festa ta' San Mikiel, u jħallsu qassis biex jiċċelebra quddiesa u jagħmlu karità mal-foqra, mill-possessjoni ta' din l-għalqa magħrufa *Ta' Gzibdibija* fil-qasam tal-Imqabba, u sal-lum, il-werrieta qed jissodisfaw id-dmirijiet tagħhom.



*San Bażilju u San Mikiel fil-bidu tas-seklu 17*

Bl-istess mod, żar knisja oħra taħt it-titlu tat-Tlugħ fis-Sena tal-Beata Marija Verġni li tinsab fl-istess raħal

f. 239v.
li għandha artal tal-ġebel u pittura żgħira fuq l-injam bl-immaġni tal-Beata Marija Verġni u għalkemm jeħtieġ li jkun ikbar u mżejna b'mod diċenti, l-altar għandu ventaltar ta' drapp irrigat, tvalji, gandlieri tal-injam, tarġa [quddiemu] tal-ġebel u lampier imdendel quddiem l-altar.



*Santa Marija l-Fuqqanija*

Ġanni Agius, bħala li għandu postijiet ta' abitazzjoni bl-għelieqi fit-tarf ta' dan l-imsemmi raħal, hu marbut li jagħmel l-ewwel għasar b'żerda u quddiesa fl-imsemmija festa tal-Tlugħ fis-Sema u biex jixgħel il-lampier fil-jiem li normalment jinxtgħel il-lampier u jsewwi l-imsemmija knisja meta jkollha bżonn.

Għalhekk, l-istess Ġanni, li kien preżenti u semgħu, kien ordnat biex jagħmel ikona aħjar fuq il-faċċata u ċimiterju fi żmien xahar.

**Referenzi**

[1] Dawn huma l-bieb prinċipali u bieb li hemm fil-ġenb li llum jagħti għall-kamrun ta' maġenb din il-knisja.


**TAKE OFF**

*BAR AND RESTAURANT*

*St. Thomas Street, Luqa*

*Malta.*

***Specialises in Pasta and Grill***

**Tel: 2180 0243** ***QUICK FOOD***

*Il-Lingwa Maltija*

# Wegħda ġdida għall-festa



minn Rita Saliba

Reġgħet waslet Santa Marija. Għaddiet sena mill-burraxka ta' lejlet il-festa. Ċensina farfret l-aħħar biċċa għamara u ħadet nifs 'il ġewwa. It-tindif kważi lest.

Għadha titkexkex tiftakar bħal-lum sena huma u jaraw in-nar tal-art, tara xagħar bintha Terry jaqbad, bin-nies imdawrin magħha, kulħadd irid itaptpilha fuq rasha waqt li hi, ommha, iżżomm lin-nies 'il bogħod għax aktar werwruha milli għamlulha ġid. Imnalla kien it-tifel ta' Mona li ġietu f'rasu jinża' l-flokk u jdeffishulha f'rasha u faga l-ġamra. Għadha ġġib quddiem għajnejha lil bintha twerżaq u żżomm żaqqha. Terry kienet tqila u kien għad fadlilha ġimgħa biex jagħlqilha ż-żmien.

"Iva għal Santa Marija se tħallihielna?" tiftakar li ħarġitilha meta Terry tatha l-aħbar li se jkollhom l-ewwel tarbija. Kienet diġà qed tinkwieta jekk bintha hix se tħassrilhom il-festi, li ma setgħetx tkompli m'oħtha li tiġi kull sena mill-Awstralja, li ma ddaħħalx il-bandisti jixorbu f'pawsa mill-marċ, li ma tibqax tgawdi l-festa sal-marċ tal-aħħar…

"Ħeqq, ma, dawn l-affarijiet mhux meta trid int." Terry malajr għalqitilha ħalqha.

Ċensina kienet qaltilha biex ma toqgħodx tiġi tara n-nar magħhom. Kif kienet se tgħaddi qalb in-nies b'dik iż-żaqq? Imma Terry daħket u qaltilha li qed tinkwieta għalxejn.

"Hekk jgħidulek illum. Biex ma tinkwitax. Jaraw sa mneħirhom," bdiet tgemgem, "u dak il-lejl li qattajna l-isptar magħha biex naraw hux kollox sew, u li ma flaħtx inqum filgħodu, u tlift il-quddiesa tal-paniġierku, dak mhux inkwiet għalihom!" Imma hi u tgerger, quddiemha rat ir-ritratt tal-Assunta u ħassitha ħatja. Raddet is-salib, "imma nirringrazzjak Ommna tas-Sema li spiċċa kollox b'wiċċ il-ġid." Terry ma kien ġralha xejn, għajr li kellha taqta' xagħarha qasir u t-tarbija twieldet ġimgħa wara, fl-Ottava ta' Santa Marija, qawwija u sħiħa. Ċensina qalet kemm-il rużarju dak il-lejl u għamlet wegħda li t-tarbija jsemmuha Marija.

"Imma ma kif taqbad u tiddeċiedi għalina?" Terry u żewġha kienu urtati. "Ma kontx għedtlek li jekk ikollna tifla se nsemmuha Helen, għan-nanna ta' Damien?"

U wara ħafna persważjoni u bl-intervent ta' dak il-qaddis ta' żewġha Joey, it-tarbija ssemmiet Helen Maria.

Imma din Terry biex tgħalliha ġiet fid-dinja. Ma reġgħetx tqila bit-tieni tarbija u ż-żmien jagħlqilha għal Santa Marija? U mhux talli waslet fl-aħħar u l-ħin kollu tonfoħ u trewwaħ, bintha fl-aħħar tat-tqala saret qisha l-vapur t'Għawdex. Is-soltu bintha tiġi ttiha daqqa t'id tnaddaf id-dar hekk kif toqrob il-festa, imma issa ħlief tiġri, jew tipprova tiġri wara Helen Maria li issa telqet timxi mhix. Did-darba għalqet ħalqha u ma qaltilhom xejn. Reġgħet ħarset lejn ir-ritratt tal-Assunta u talbitha biex tieqaf ma' bintha fil-waqt tal-ħlas.

Filgħaxija n-neputija kienet donnha puttinu mpitter liebsa libsa kollha ċfuf. Ġew in-nanniet tan-naħa l-oħra u kemm Ċensina kif ukoll Joey ma qagħdux lura milli jfissdu fiha u jiggustawha. Iż-żgħira bdiet tiskanta b'kollox, iċċapċap mal-banda u tberraq għajnejha lejn id-dwal. Il-kunjati ta' Terry bdew itaqtqu kemm ikollhom x'jagħmlu meta jiġu n-neputijiet id-dar, fuq ħaġa u fuq oħra u Ċensina aktar kien moħħha biex tgawdi l-festa. Din bintha x'fettlilha ġabithom magħha? Imma drat tigdem ilsiena f'mumenti bħal dawn.

"Daqt jaħarqu n-nar tal-art," qaltilhom bid-daħka, filwaqt li tat daqqa t'għajn li tfisser ħafna lil bintha Terry. F'daqqa waħda tinstema' għajta li qatgħetha minn ġewwa.

"Helen Maria!"

Terry dehret mifxula tfittex liż-żgħira. L-oħrajn tagħthom ferneżija ma jafux fejn se jaqbdu jfittxu. Ċensina kien għoddu taha ħass ħażin. Dlonk bdiet tgħid ir-rużarju u titlob lil Sidtna Marija biex issibilha lin-neputija ċ-ċkejkna qawwija u sħiħa. B'xorti tajba ma għaddiex wisq ħin meta ċ-ċkejkna tfaċċat iżżomm id pulizija li malli sema' l-għajjat induna x'kien ġara. Iż-żgħira ma kienitx tbiegħdet wisq iżda kienet imxiet lejn gabbana mimlija kollha ġugarelli jdoqqu u jixgħelu. L-erba' nanniet infexxew ibewsu fiha. Terry kienet qed timsaħ id-dmugħ u żewġha jweżinha biex isibilha xi mkien bilqiegħda.

"Issa nieħdu ħsiebha aħna, Ċensina," qaltilha l-kunjata ta' bintha, "mur kompli gawdi l-festa inti." Il-ġenituri ta' Damien kienu jafu kemm kienet akkanita għall-festa Ċensina, li issa kienet ħadet ftit tar-ruħ wara l-qatgħa.

Nhar il-festa Ċensina kienet minn ta' quddiem tara l-vara ħierġa. F'qalbha rringrazzjat lil Santa Marija li

Helen Maria nstabet qawwija u sħiħa u wegħditha li did-darba se jiftakru fiha fil-Magħmudija tat-tarbija l-ġdida. Kienu se jagħmdu t-tieni wild hi u żewġha Joey. Isem Marija jrid jitniżżel fiċ-ċertifikat tal-Magħmudija.

Iżda tistgħu taħsbu kif baqgħet meta omm Damien qaltilha li kienet laħqet għamlet wegħda ma' San Ċirillu, peress li għandhom inkwatru tiegħu d-dar!

"Kulma nitolbuh dejjem jidħol għalina!" qaltilha bir-ragħwa f'ħalqha omm Damien. "U li ma kienx għalih ma kienitx tinstab Helen Maria!"

"Tgħidlix li jekk ikollhom tifel se jsemmuh Ċirillu?" berrqet għajnejha Ċensina.

Terry ħaditha magħhom. Qaltilhom biex ma jindaħlux. Lura d-dar lil ommha ħatfitha ħatfa nobis u qaltilha biex ma taqlax inkwiet. Imnalla reġa' daħal bejniethom Joey, li bil-paċenzja kollha sabilhom soluzzjoni.

In-neputi l-ġdid twieled jumejn fuq Santa Marija. Iċ-ċkejken seraq qalb kulħadd b'par wardiet roża u bi tbissima tal-ġenna. Il-Magħmudija saret kif miftiehma, b'Ċensina u Joey parrinijiet. Hekk kif iċ-ċelebrant dar fuq il-ġenituri biex isemmu lit-tarbija, it-tnejn wieġbu alenija, "Kyrill Mariano."

IL-KUMITAT EŻEKUTTIV

QED JORGANIZZA

# Għaġinata mal-Għanejja

## F'JUM L-OTTAVA

**IL-ĦAMIS, 22 TA' AWWISSU 8PM**

**PJAZZA TAL-KNISJA**



# B'tifkira għażiża tal-artist u skultur Renzo Gauci



Renzo Gauci minn Ħal Tarxien kien magħruf għax-xogħol tiegħu ta' disinji, skulturi ta' statwi fl-injam u tal-kartapesta li bit-talenti tiegħu hu kien jagħmel fil-knejjes u fil-festi ta' diversi rħula Maltin u Għawdxin. Renzo Gauci beda l-karriera tiegħu fis-snin sebgħin, żminijiet ta' meta l-kultura tal-festa kienet għaddejja minn diversi kriżijiet. Renzo Gauci għamel diversi disinji u xogħlijiet li ser jibqgħu jitgawdew fil-knejjes u festi, fejn fost oħrajn riċentement hu kien ħadem fuq id-disinn tal-bradella u l-bankun il-ġodda tal-vara ta' Santa Marija ta' Ħal Għaxaq.

Renzo Gauci ħalla marka kbira fuq l-armar li għadu jintrama fit-toroq tal-Imqabba waqt il-festa ta' Santa Marija. Dawn kienu xi xogħlijiet li hu kien involut fihom:

- Disinn ta' 4 pavaljuni ta' Triq id-Duluri
- Disinn ta' 13-il pavaljun ta' Triq Santa Katerina
- Disinn ta' 2 banadalori ta' Triq Santa Katerina
- Disinn ta' 7 pavaljuni għat-toroq ta' Santa Marija, San Innoċenzju, il-Kileb u ċ-Ċavi
- Disinn u xogħol ta' skultura tal-istatwa tal-Papa Piju XII
- Disinn ta' 4 gastri u 4 pedestalli maz-zuntier tal-pjazza
- Disinn ta' 8 trufej għal pjazza

Renzo ħalla din id-dinja u mar jiltaqa' mal-ħallieq li tiegħu hu għamel diversi statwi nhar it-30 ta' Awwissu 2018, fl-età ta' 59 sena. Il-ħbieb tiegħu kollha jiddeskrivuh bħala bniedem umli. Bil-versatilità tiegħu hu kien wieħed mill-artisti Maltin li komplew isaħħu l-kultura tal-festi ċċelebrati fil-bliet u rħula Maltin u Għawdxin. Bit-talent tal-arti tiegħu hu qanqal in-nies sabiex japprezzaw id-diversi forom tal-arti sagra li nsibu madwarna.

Il-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem.



*Id-disinn ta' 13 il-pavaljun ta' Triq Santa Katerina*




*Id-disinn ta' 4 pavaljuni ta' Triq id-Duluri*

# Żewġ pjanti tal-1909 u l-1939 tal-illuminazzjoni fit-toroq tal-Imqabba



Kan. Dr Jonathan Farrugia

Aktar kmieni din is-sena, ftit ġimgħat qabel l-elezzjoni, il-Kunsill Lokali nieda proġett li jpoġġi l-fanali stil antik fil-qalba storika tar-raħal. Bla dubju, dawn huma ferm isbaħ mill-bozoz tal-Gvern li mdorrijin naraw. Il-ġmiel partikulari tal-fanali l-oriġinali li tpoġġew aktar minn seklu ilu nistgħu napprezzawh grazzi għal diversi ritratti antiki tal-pjazza tar-raħal u għalhekk kienet ħaġa minn ewl id-dinja li fostna kien hemm min staqsa għalfejn dawn it-tip ta' fanali kienu tneħħew ladarba kienu daqshekk sbieħ. Permezz ta' dan l-artiklu mhux ser nidħol fil-merti tal-kwistjoni għala kienu tneħħew – probabbli r-raġuni kienet għax meta kullimkien beda jaqleb għall-elettriku fis-snin Ħamsin, il-lampi li kien hemm disponibbli ma setgħux jiġu addattati biex jidħlu fil-fanali u, sakemm reġa' qam l-interess li l-partijiet l-antiki tal-irħula kemm jista' jkun jinżammu fl-ambjent naturali tagħhom, kulħadd ikkuntenta bil-lampi kbar bojod u bla gost. Li nittama li nagħmel b'dan l-istudju hu li nitfa' ftit atkar dawl fuq meta tpoġġew uħud minn dawn il-fanali sal-bidu tas-seklu 20.



*Il-fanal maz-zuntier in-naħa tal-pjazza qabel l-1898*

L-eqdem dokumenti li għandna disponibbli li jittrattaw l-illuminazzjoni fit-toroq huma żewġ ritratti tal-pjazza tar-raħal li fihom tidher il-knisja qabel l-1898. Dan nafuh fiż-żgur għax fuq il-faċċata għad hemm jidhru t-tliet qsari tal-ġebel li kienu fil-binja l-oriġinali u li eventwalment inbidlu fit-tliet statwi tal-Fidi, it-Tama u l-Imħabba, xogħol Karmnu Mallia, fl-1898, is-sena triċentinarja tal-parroċċa[1]. F'dawn ir-ritratti, kull wieħed meħud min-naħat opposti tal-pjazza, jidhru żewġ fanali weqfin fuq arblu maz-zuntier, wieħed bejn l-istatwa tal-Immakulata u dik ta' Sant'Andrija u l-ieħor pariġġu fuq in-naħa l-oħra, bejn l-istatwi tas-Salvatur u ta' San Ġwann Battista. Flimkien ma' dawn jidhru wkoll il-fanali fuq brazzi mwaħħlin quddiem dawn l-erba' statwi tal-ġebel mad-dawra taz-zuntier. Naturalment, filwaqt li l-ewwel tnejn kienu jinxtegħlu mis-servizzi pubbliċi bil-pitrolju, dawn ta' mal-istatwi kienu jinxtegħlu mid-devoti, probabbilment bix-xemgħa.



*Il-fanal maz-zuntier in-naħa tas-salib qabel l-1898*

Jekk imbagħad naraw ritratti oħra li ġejjin minn xi snin wara naraw li saru xi bidliet. Jekk nieħdu, pereżempju, ir-ritratt meħud fis-17 ta' Novembru 1912[2] ninnutaw żewġ fanali oħra: wieħed mal-kantuniera tad-dar tal-kappillan u ieħor mal-kantuniera tal-knisja ta' Santa Katerina, it-tnejn jagħtu għal fuq il-pjazza. Fix-xellug tar-ritratt tidher l-istatwa ta' Sant'Andrija li qabel kienet maz-zuntier flok dik ta' San Rokku; ħdejn din



*Il-fanali mad-dar tal-kappillan u mal-knisja ta' Santa Katerina*

l-istatwa f'dan ir-ritratt tal-1912 ma jidher xejn. F'ritratt ieħor tal-pjazza, meħud fil-bidu tas-snin Tletin[3], naraw din l-istess statwa b'fanal wieqaf fuq arblu ma' ġenbha – dan jixbah lil dawk li jidhru fir-ritratt tas-seklu dsatax. Nifhmu li għall-fini ta' estetika tpoġġa ieħor pariġġu maġenb l-istatwa ta' San Ġwann Battista, għalkemm ritratti ma għandniex. Dan juri li biż-żmien in-numru tal-fanali fit-toroq kien qiegħed jiżdied. Dawn iż-żewġ ritratti juruna wkoll li l-fanali ta' quddiem l-istatwi ta' madwar iz-zuntier tneħħew, għax f'dawn jidher ċar li mhumiex aktar hemm. L-unika eċċezzjoni huwa l-fanal ta' mal-pedestall tal-istatwa ta' Santa Marija l-antika li kien hemm tiddomina fil-pjazza tar-raħal, li bix-xieraq ma tneħħiex, kif jixhdu dawn ir-ritratti. Il-fanali ta' quddiem in-niċeċ jidhru li ma tneħħewx anqas, għax fir-ritratt l-aktar magħruf tal-knisja parrokkjali mġarrfa jidher ċar il-fanal ta' quddiem in-niċċa sabiħa bl-istatwa ta' Santa Marija[4] li kienet mal-faċċata tad-dar ta' fejn illum hemm Triq Karmenu Ciantar.

Niġu għas-suġġett ta' din il-kitba. Kelli x-xorti li ġew f'idejja żewġ pjanti tar-raħal li jinsabu fl-arkivju tal-Uffiċċju tax-Xogħlijiet Pubbliċi fil-*file* imsemmi "*Petroleum lamps*", li fih hemm il-pjanti tal-lokalitajiet kollha ta' Malta li fil-bidu tas-seklu għoxrin tpoġġewlhom jew żdiedulhom l-ammont ta' fanali tal-pitrolju fit-toroq. Fihom, bħalma jidher fir-ritratti li qed jiġu ppubblikat għall-ewwel darba, naraw it-toroq tar-raħal immarkati b'tikek u slaleb ħomor flimkien ma' ittri u numri. Fuqhom iġibu d-dati tal-31 ta' Awwissu 1909 u tat-8 ta' Lulju 1939.

Nibdew biex ngħidu xi ħaġa żgħira fuq il-pjanta tal-Imqabba tal-1909. Apparti l-informazzjoni fuq l-installazzjoni tal-fanali, din il-pjanta ttina idea ċara taċ-ċokon tar-raħal fil-bidu tas-seklu għoxrin. B'kollox jissemmew b'isimhom 9 toroq (wieħed minnhom sqaq) u pjazza:

Strada Santa Caterina + vicoli
Strada Dolori
Strada Parrocchiale + vicoli
Strada Carmine + vicoli
Vicolo Ospedale
Via Valletta
Strada Torre
Strada San Basilio + vicoli
Strada Perika + vicoli
Piazza Giubileo Diamanti




*Il-pjanta tal-1909*

Flimkien ma' dawn jidhru fuq il-pjanta, imma mingħajr ma ngħatalhom isem, dawk li llum huma Triq il-Fjuri u Triq San Mikiel bl-isqaqien tagħhom. Il-pjazza tar-raħal tidher ukoll, imma ma fihiex nota tal-isem – probabbilment għax tinftiehem li hija l-pjazza ewlenija mill-fatt li l-knisja hija mmarkata b'salib kbir u fiha miktub "*Parish Church*". Il-knejjes l-oħra huma msemmijin ukoll b'ismijiet imħallta bejn Taljan u Ingliż: "*Church S.ta Caterina*", "*Church S. Michele*" u "*Church Dolori*"; il-knisja ta' San Bażilju mhix immarkata, forsi peress li tinsab bieb ma' bieb mal-oħra ta' San Mikiel. Barra minn hekk, fit-truf tal-pjanta jidhru wkoll toroq oħra bla isem, imma li mid-direzzjoni li għandhom immarkata nifhmu liema huma: dawk li llum huma Triq Ħal Kirkop, Triq iż-Żurrieq, Triq il-Qrendi u t-Triq tas-Sejba. Ma' dawn jissemmew ukoll xi *landmarks* importanti fir-raħal: l-iskola tal-Gvern[5] ("*Govt. School*"), il-Mitħna ta' Triq Santa Katerina[6] ("*Wind mill*") u l-Katakombi tal-Mintna[7] ("*Catacombs*"). M'hemmx referenza għaċ-ċimiterju u għall-knisja tan-Nazzarenu minħabba li l-knisja kien fadlilha tliet snin biex tinbena u ċ-ċimiterju sa dak iż-żmien kien sempliċiment midfen tal-pesta abbandunat fil-kampanja, u kellu jistenna sal-1949 biex isir iċ-ċimiterju proprju tar-raħal.[8]



Il-fanali ta' mal-istatwi taz-zuntier

Interessanti ħafna huma l-vleġeġ li jimmarkaw lejn liema rħula kienu jagħtu ċerti toroq u minn dawn napprezzaw aktar l-aċċess li kien jagħti r-raħal lill-popolin qabel ma l-bini tar-*runway* bidel dan kollu. Strada Parrocchiale kienet tibqa' sejra sas-Siġġiewi, waqt li Strada Torre kienet tinfed sa Ħal Farruġ. Dawn l-aċċessi nqatgħu meta nbniet ir-*runway*, kif fil-fatt jidher għadu ċar sal-lum l-aktar fi Triq it-Torri Vinċenti fejn il-*fencing* tal-mitjar letteralment jagħlaq it-triq. Triq Santa Katarina kienet tagħti għall-Qrendi u dik li llum hija t-Triq tas-Sejba kienet twassal sas-Siġġiewi, kif għadhom jagħmlu sal-lum dawn it-toroq; u l-istess it-toroq li jagħtu għal Ħal Kirkop u għaż-Żurrieq.

Kif għedna, din il-pjanta fiha dettalji oħra li huma tikek u slaleb ħomor, ittri u numri. Fuqha ma hemm xejn x'jindika eżatt xi jfissru – ovvjament hija ħaġa minn ewl id-dinja li huma proposti jew direttivi li għandhom x'jaqsmu mal-fanali, imma mhux indikat eżatt xiex. Parti mir-risposta tinsab fil-pjanta tas-Siġġiewi tal-1907 fejn hemm indikat li t-tikek huma l-fanali li ġa kienu hemm (*existing lamps*) waqt li s-slaleb huma l-proposti l-ġodda (*proposed lamps*). Dan ifisser li l-pjanta qed tgħidilna sal-1909 fejn kienu jinsabu l-fanali, u qed tagħti ħjiel ta' fejn kellhom jitpoġġew il-ġodda. L-ittri u n-numri li hemm jippuntaw lejn uħud minn dawn is-slaleb juruna pass jew tnejn oħra: liema fil-fatt saru fl-1909 (għandi nifhem li huma n-numri) u liema forsi saru aktar tard (l-ittri).



Il-fanal quddiem in-niċċa ta' Santa Marija li kienet fil-pjazza

Naraw issa bil-mod dawn id-dettalji. It-tikek juruna li r-raħal ma kienx wisq nieqes mill-illuminazzjoni, speċjalment meta nqisu ċ-ċokon li kellu u n-nuqqas ta' importanza li kien igawdi – dan inbidel wara l-bini tar-*runway*, u żdied ħafna fis-snin tal-gwerra. Fil-qalba tar-raħal kull triq u kważi kull sqaq kellhom il-fanali. L-uniċi żewġ toroq li ma kellhom xejn kienu Strada Torre u dik li llum hija t-Triq tas-Sejba. B'kollox sal-1909 fir-raħal kien hawn sebgħa u għoxrin fanal imqassmin hekk:

6 fi Strada Parrocchiale
- 1 f'dik li llum hija Triq il-Fjuri
- 1 fi Strada Dolori
- 4 f'Via Valletta
- 1 fi Strada Perika quddiem l-isqaqien
- 3 f'Via San Basilio
- 1 f'dik li llum hija Triq San Mikiel quddiem l-ewwel sqaq

2 f’Vicolo Ospedale
1 fil-Pjazza ta’ wara l-Knisja
3 fi Strada Santa Caterina, wieħed minnhom eżatt fejn tiżbokka fil-pjazza, faċċata tal-knisa tal-qaddisa
4 fi Piazza Giubileo Diamanti




In-nota li tispjega t-tikek u s-slaleb

Mit-tikek nifhmu li meta tpoġġew l-ewwel fanali l-għan ma kienx wieħed estetiku, bħal pereżempju biex tiddawwal il-pjazza u tidher sewwa l-faċċata tal-knisja; il-għan kien sempliċiment biex juru d-dawl f’punti mdallma u għaldaqstant meqjusa bħala perikolużi. Dan nifhmuh minn dettalji bħall-fatt li fil-pjazza mal-faċċata tal-knisja ma jidhirx li kien hemm fanali proġettati; din il-pjanta turina wkoll li dawk it-tnejn li kienu maz-zuntier kienu tneħħew, għax mhumiex indikati. Ninnutaw li kien hemm l-illuminazzjoni anke fi sqaqien pjuttost twal, bħal Vicolo Ospedale u dawk li llum huma Triq San Mikiel u Triq il-Fjuri. Il-wesgħat xi ftit jew wisq kbar, bħall-fetħiet ta’ quddiem il-knejjes tad-Duluri u ta’ Santa Katerina, quddiem l-iskola u wara l-knisja parrokkjali, ukoll kellhom fil-fanali tagħhom. Ta’ min jinnota wkoll l-għażla ta’ punti strateġiċi fejn jiltaqgħu żewġ toroq, bħal pereżempju fejn Via Valletta tinfetaħ għal Strada Torre, li ma kelliex fanali fiha, jew inkella fi Strada Parrocchiale fejn tibda dik li llum hija Triq il-Fjuri, u anke l-postijiet fejn Strada San Basilio tingħaqad ma’ Via Valletta u ma’ dik li llum hija Triq San Mikiel. F’Vicolo Ospedale wkoll kien hemm fanal faċċata tal-isqaq żgħir li fih f’nofsu. L-unika punt fejn kien hemm fanali “għall-gost” jidher li kienet il-Piazza Giubileo Diamanti għax fiha, lok relattivament żgħir u bla djar fil-viċinanzi ħlief il-mitħna, naraw erba’ tikek forma ta’ salib, u dan ifisser li dawn l-erba’ fanali kienu ġa hemm. Tajjeb li nżommu f’moħħna li ftit aktar minn 10 snin qabel, fl-1897, kien sar proġett imniedi mill-Kunsillier Imqabbi Dun Alfons Caruana li bidel il-miżbla li kien hemm f’tarf ir-raħal (appuntu “il-mintna”) fi pjazza sabiħa, iżda li fiha minn żmien għal żmien kienu jsiru atti ta’ vandaliżmu minħabba li kien hemm numru ta’ Mqabbin li kienu kontra dan il-proġett[9].

Wara li ġew identifikati l-postijiet fejn ġa kien hemm il-fanali, kien imiss li jitniżżlu fuq il-pjanta l-proposti l-ġodda, li kienu għaxra u li huma mmarkati bis-slaleb u mfassla hekk:

2 fil-pjazza maġenb iz-zuntier tal-knisja, wieħed mad-dar tal-kappillan u l-ieħor quddiem is-sede taċ-*Circolo Santa Maria*
2 fi Strada Parrocchiale
1 f’dik li llum hi Triq il-Fjuri
1 fi Sqaq fi Strada Parrocchiale
1 f’Via Valletta
1 fi Strada Santa Caterina
1 fi Piazza Giubileo Diamanti
1 fil-bidu ta’ Vicolo Ospedale



Fanal fit-tarf ta’ Triq il-Parroċċa lejn l-1915

Dawn jixhdu li l-ħsieb kien li tiġi lluminata aktar il-pjazza tal-knisja, xi sqaqien u li jiżdied id-dawl fl-aktar toroq popolati, li kienu Strada Santa Caterina, Strada Parrocchiale u l-ewwel parti ta’ Via Valletta. Ġie maħsub bħala opportunità li jiżdied fanal ieħor fi Piazza Giubileo Diamanti ma’ dawk l-erbgħa li ġa kienu hemm. Għal xi raġuni dawn il-proposti ma ġewx milqugħa kollha u fil-fatt tpoġġew sitt fanali ġodda, fil-postijiet immarkati bin-numri 1-6; eventwalment tpoġġa s-seba’ wieħed li skont nota li hemm fuq l-istess pjanta tpoġġa hemm aktar tard:

1 fi Sqaq fin-naħa ta’ fuq ta’ Strada Parrocchiale
1 fi Strada Parrocchiale fejn jibda r-raba sqaq
1 ieħor fi Strada Parrocchiale ftit aktar ’l isfel minn fejn tibda Triq il-Fjuri
1 f’Via Valletta ftit wara li taqbeż l-iskola
1 fil-Pjazza quddiem is-sede taċ-Circolo Santa Maria
1 fil-pjazza quddiem id-dar tal-kappillan
1 fil-bidu ta’ Vicolo Ospedale, li sab postu aktar tard.

Milli nistgħu ngħidu mir-ritratt tal-1912, dawn ma damux ma tpoġġew f’posthom għax jidher il-fanal li twaħħal mad-dar tal-kappillan u anke ieħor mal-ħajt tal-knisja ta’ Santa Katerina[10]. Nifhmu li dawn kellhom biss jitwaħħlu f’posthom bla ma kellhom bżonn jgħaddu kumnikazzjonijiet elettriċi, għalhekk il-ħaġa bilfors li ma kinetx tinvolvi l-ħafna xogħol aktar ikkumplikat li jsir illum!



*Il-fanal ħdejn l-istatwa ta' San Andrija u l-istage tal-linja, lejn l-1930*

Mir-ritratt l-ieħor tal-pjazza vojta fejn tidher l-istatwa ta' Sant'Andrija b'sinjal ta' *stage* tal-linja u fanal nifhmu li ma damux wisq ma saru xi żjidiet. Iż-żjieda ta' dan il-fanal ħdejn Sant'Andrija u presumibilment ieħor pariġġu n-naħa l-oħra taz-zuntier wassal biex il-knisja reġa' kellha żewġ fanali maz-zuntier, għalkemm mhux eżatt fl-istess post fejn kienu oriġinarjament. Nifhmu li possibbilment kienu żdiedu fanali oħra madwar it-toroq, forsi skont il-ħjiel li jingħata mill-ittri ħdejn is-slaleb ta' fuq il-pjanta. Iż-żjidiet jista' jkun li saru wara l-1923 għax l-istess *file* fejn tinsab il-pjanta tar-raħal bil-fanali mmarkati fih ukoll disinn *full size* tal-bokka tal-lampi, li qed inġibu ma' dan l-artiklu wkoll. Il-forma ta' dal-fanali, bħalma nistgħu naraw fir-ritratti, kienet ta' lanterna magħluqa bil-ħġieġ imwaħħla mal-ħajt permezz ta' brazz jew inkella wieqfa fuq arblu. Xi diżinji qed nippubblikawhom hawn ukoll.



*Mudelli għall-fanali*



*Il-pjanta tal-1939*

Mill-pjanta l-oħra ta' 30 sena wara, iddatata 8 ta' Lulju 1939 u mħażża minn Lawrence Zarb, – dment li t-tikek baqgħu fissru l-fanali li diġà kienu jeżistu – nieħdu idea ta' xi bidliet oħra li kienu saru sa dak iż-żmien, anke f'dak li għandu x'jaqsam mal-iżvilupp tar-raħal. Ninnutaw l-ewwel u qabel kollox il-bdil fl-ismijiet ta' xi toroq, li issa fil-maġġor parti tagħhom huma bl-Ingliż, għajr għall-pjazez li huma msemmija bil-Malti u Triq il-Lanġasa li għadha msemmija bit-Taljan. Imbagħad ninnutaw li l-Isqaqien ta' Triq il-Parroċċa huma kollha nnumerati, waqt li dik li llum hija Triq il-Fjuri u li fil-pjanta tal-1909 m'għandhiex isem, hawn hija msejħa Alley No. 5 ta' Parish Street. Dik li hi Triq San Mikiel u qabel kienet bla isem issa msemmija Matla Lane għax kienet tagħti għall-ħajt tal-matla li parti minnu għadha teżisti n-naħa l-oħra ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Il-pjazza tal-knisja did-darba ma nesewx jiktbuha, waqt li t-triq li tagħti għas-Siġġiewi issa msemmija bħala Road Tas-Seiba. Fil-waqt li ninnutaw toroq ġodda li qabel ma kienux jeżistu, dawk li llum huma Triq San Innoċenzju, Triq Sant Marija, Triq il-Kileb u Triq il-Mitħna; minn dawn hemm imsemmija bl-isem tnejn biss Innocent Street u Alley (għal Triq il-Mitħna); nifhmu li dawn it-toroq kienu għadhom qed jinbnew skont l-annijiet li nsibu fuq il-frontispizji ta' xi wħud mid-djar li fihom. Fit-triq li tagħti għal Ħal Kirkop hemm immarkat iċ-ċimiterju, kif ukoll xi ħaġa li qisha sqaq quddiemu, li nassumi li huwa l-ħajt tal-matla fejn illum hemm it-triq bl-istess isem.

Din il-pjanta ma fihiex proposti għall-fanali ġodda; fiha mmarkati t-tikek li huma kollha magħqudin flimkien fi gruppi ta' tnejn jew tlieta bi vleġeġ innumerati, li jwasslu mill-1 sas-16. Peress li din id-data kienet qrib ħafna tal-bidu tat-tieni gwerra dinjija, li bdiet fl-1 ta' Settembru ta' wara bl-invażjoni tal-Polonja mill-Ġermaniżi, jista' jkun li ġa kien hemm xi restrizzjonijiet ta' materjali bħall-pitrolju u għalhekk il-fanali ġew magħqudin fi gruppi ta' tnejn jew tlieta u l-kebbiesa kellhom jixgħelu wieħed minn kull grupp.

F'din il-pjanta tal-1939 naraw b'kollox 36 fanal immarkat, li huma mqassmin hekk:

- 7 f'Parish Street
- 2 f'Parish Street Alley No. 5/Triq il-Fjuri
- 1 fil-fetħa quddiem il-knisja tad-Duluri
- 1 f'Our Lady of Sorrows Street
- 5 fil-Pjazza tal-Knisja (2 fuq in-naħa tad-dar tal-kappillan, 1 wara l-knisja fejn hemm in-niċċa ta' San Ġużepp u 2 mal-ħajt tas-sede taċ-*Circolo Giorgio V*)
- 3 f'St Basilio Street
- 2 fi Strada Perika, qrib l-isqaqien
- 7 f'Valletta Road
- 2 f'Matla Lane/Triq San Mikiel (1 minnhom fis-sqaq)
- 4 f'St Catherine Street
- 2 fil-Pjazza Ġublew tad-Djamanti (1 minnhom ħdejn il-katakombi)

Għal xi raġuni jidher li naqsu l-fanali minn Hospital Alley, Alley 1 ta' Parish Street u Pjazza Ġublew tad-Djamanti[11].

Dawn il-lampi tal-pitrolju baqgħu jintużaw sa xi snin wara l-gwerra, meta fis-snin Ħamsin bdew ftit ftit jinbidlu ma' dawk tal-elettriku. B'dan il-kontribut ċkejken dwar l-installazzjoni ta' aktar fanali tal-pitrolju fl-1909 u l-qagħda tal-1939 nittama li tfajt ftit dawl fl-istorja minsija ta' raħalna.



*Mudell tal-lampi tal-1923*

## Referenzi

1 Carmen Lia, Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-istorja tal-Imqabba (Malta: 1997), 46.

2 Dan juri l-purċissjoni bir-relikwi li saret mill-knisja ta' Santa Katerina qabel ġew ikkonsagrati l-artali l-ġodda tal-irħam.

3 Dan nifhmuh mit-tabella bil-kelma "STAGE" fuqha ħdejn l-istatwa. Din kienet waqfa għall-karozza tal-linja, u s-servizz tat-trasport pubbliku bix-xarabank kien ġie introdott fit-toroq Maltin fi tmiem is-snin 20. "Maltese Public Transport since 1956," https://vassallohistory.wordpress.com/maltese-public-transport-since-1856-a-brief-history-of-the-public-transport-in-malta-the-omnibus-up-to-the-mid-1800s-the-only-means-of-human-transport-w/; "The traditional bus and its history," https://www.maltauncovered.com/culture/malta-bus/. Fl-Imqabba s-servizz jidher li daħal lejn l-1930: Richard Stedall-Paul Mamo, "Post l-Imqabba fl-istorja tax-Xarabank Maltija," *Programm tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju*, (l-Imqabba: 2018), 161.

4 Din in-niċċa tneħħiet fl-1980 meta nfetħet it-triq. Illum tinsab fil-bitħa taċ-Ċentru Parrokkjali ta' Ħ'Attard, imma flok l-istatwa ta' Santa Marija fiha hemm statwa tal-Madonna tal-Midalja Mirakoluża. L-istatwa tinsab għand familja fl-Imqabba (Lia, 164).

5 Din inbniet bejn l-1901 u l-1903 fejn qabel kien hemm il-Ġnien tal-Kmand; ara Joseph Zammit Mangion, "L-edukazzjoni u l-iskola fl-Imqabba," f'*L-Imqabba mal-medda tas-snin*, ed. C. Farrugia, (Malta: 1998), 144. Ġonna oħra bl-istess isem għadhom jeżistu fil-Qrendi, fiż-Żejtun u f'Ħal Għargħur u kienu twaqqfu mill-Ingliżi.

6 Il-mitħna taf il-bidu tagħha fi żmien l-Ingliżi u spiċċat tinbena lejn is-sena 1877; ara Charles Farrugia, "Storja minquxa fil-blat," f'*L-Imqabba mal-medda tas-snin*, 16.

7 Dawn kienu ġew skoperti fl-1860 kif tgħid il-lapida ta' mal-ħitan tagħhom.

8 Dwar l-istorja tal-knisja u ċ-ċimiterju tan-Nazzarenu kont ktibt fit-tul fl-2011, ara Jonathan Farrugia, "Mitt sena mit-tberik u l-inawgurazzjoni tal-knisja tan-Nazzarenu fl-Imqabba," *Programm tal-festa titulari ta' Santa Marija*, (l-Imqabba: 2011), 139-151.

9 Charles Farrugia, "Alfons Caruana: ħidmietu u r-relazzjonijiet tiegħu mal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni fl-Imqabba mitt sena ilu," *Programm tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju*, (l-Imqabba: 1997), 87.

10 Dan probabilment huwa l-istess wieħed li fil-pjanta jidher fil-bidu ta' Vicolo Ospedale.

11 Tajjeb ngħidu li teżisti pjanta oħra tal-istess sena, qisha n-negattiva ta' din li qed insemmu, fejn hemm jidhru 4 fanali oħra, fosthom wieħed f'Hostpital Alley, tnejn oħra f'Valletta Road u wieħed fl-aktar sqaq imbiegħed ta' Parish Street.

# Lil Marija Santissima



Joseph Bonnici

Miċ-ċokon bqajt pura,
u sa mill-bidu kont;
mid-dinja magħrufa;
mis-sema s'hawn bnejt pont.

Dan imqaddsa għamlek;
l-Omm tal-bnedmin kollha;
ma' ġenbek issibna,
inqimuk mal-folla.

Il-kori tal-Anġli,
ferħanin b'li sawwrek;
dejjem magħhom f'Ġenna,
li b'dawn Alla fawwrek.

B'imħabba imwegħda,
mill-Missier kbir Alla,
biex tgħina fin-niket;
b'hekk int tferraħ ħalla.

Ħekk fil-festa tidher,
qalb niesha l-Imqabbin;
bi ħġarhom ġieħ jagħtu,
speċjlament l-imseħbin.

Dawn lilek jitolbu,
biex lilhom tħarishom;
bħal l-akbar patruna;
taħt mantek tmellishom.

*7-05-2019*






GRAF
FAI Auto Parts
Gates
ICER

do not waste your time going around stop at

MAŻINI
AUTOPARTS & ACCESSORIES

QH
WÜRTH
Valeo
Japanparts

FERODO
AISIN
MONROE

where you will find

everything under one roof

*More brands available...*

Qrendi Road, Żurrieq (Ħdejn l-Armerija) ZRQ 04. Tel / Fax: 21 642465



# 50 sena mill-mewt ta' saċerdot li għamel ġieħ lill-Imqabba

## *Dun Nikola Zammit "ta' Tittu" (1888-1969)*

Kan. Dr Jonathan Farrugia u Tonina Zammit

**Daħla**

Persunaġġ Imqabbi li messna nafu aħjar huwa s-saċerdot Dun Nikola Zammit. Dwaru kien inkiteb diġà minn Carmen Lia kemm fl-annwal tal-festa titulari[1] kif ukoll fil-ktieb li ħareġ dwar l-Imqabba f'għeluq l-400 sena mit-twaqqif tal-parroċċa.[2] It-tema ta' dawn l-artikli eċċezzjonalment informattivi tas-Sinjura Lia kienet il-ħidma ta' Dun Nikola bħala kittieb. Il-għan ta' dan l-artiklu huwa li nikkumplimentaw ir-riċerka siewja tas-Sinjura Lia b'xi dettalji mill-ħajja ta' dan is-saċerdot hekk kif miftakar min-neputija tiegħu, is-Sinjorina Antonia (Tonina) Zammit *ta' Tittu*, infermiera rtirata li llum tgħix fiż-Żurrieq.



L-ewwel kuntatt li kelli ma' Dun Nikola Zammit beda madwar sena wara li ġejt ordnat, fl-2009. In-neputijiet ta' Dun Karm Ghigo ġabuli xi kotba minn ta' zijuhom li miet xahar qabel ħadt il-quddiesa jien. Fost dawn kien hemm iż-żewġ volumi ta' *It-Triek tal-Perfezzjoni Nisranija* miktubin minn Dun Nikola Zammit. Kellhom ukoll il-firma tal-awtur. Peress li ismu ma kienx ġdid għax kont qrajt l-artikli tas-sinjura Lia, dawn il-kotba aċċettajthom bil-qalb, u għadhom sal-lum fil-bibljoteka tiegħi. Milli nista' nifhem Dun Karm kien pjuttost qrib ta' Dun Nikola, għax hu kien wieħed mis-sorsi ewlenin ta' informazzjoni għall-artikli li nkitbu qabel. Peress li huma ffirmati nemmen li dal-kotba, li issa jinsabu għandi, kienu tal-awtur innifsu li eventwalment għaddihom lil Dun Karm.




*Il-firma ta' Dun Nikola*

L-interess tiegħi f'dan is-saċerdot kompla jikber meta fit-12 ta' Awwissu 2015 l-Arkivista taċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, is-Sur Eman Bonnici, kien bagħat jgħidli li sab ir-reġistrazzjoni tad-difna tiegħu fl-oqbra tal-komun u saqsini jekk kienx hemm raġuni biex dan is-saċerdot ma ndifinx jew l-Imqabba jew inkella fl-oqbra tal-kleru taħt il-kappella taċ-ċimiterji tal-Addolorata. Is-Sur Bonnici kkonferma li dan huwa każ uniku. Risposta ma stajtx intih, u fir-realtà din l-anomalija għadha misteru sal-lum. Dwar dan il-każ stramb għandha ssir referenza f'pubblikazzjoni mirquma u studjata li għandha toħroġ aktar tard din is-sena, ktieb li se jġib l-isem ta' *Id-Dfin f'Malta*, xogħol l-istess Sur Bonnici.[3]



Għal madwar erba' snin m'erġajt smajt xejn dwar Dun Nikola, imbagħad fid-19 ta' Frar ta' din is-sena, waqt li kont iż-Żurrieq sejjer mingħand it-tabib għal għand l-ispiżjar waqqfitni mara li ħasbitni saċerdot miż-Żurrieq biex nagħmilha quddiesa għal oħtha. Meta għedtilha li jien mhux min hemm ħasbet u li fil-fatt noqgħod l-Imqabba qaltli li kellha zijuha saċerdot mill-Imqabba u li kellha l-kalċi tiegħu u li xtaqet ittih lil saċerdot Imqabbi. Meta saqsietni qatt smajtx b'Dun

Nikola Zammit mill-ewwel għedtilha "dak li kien jikteb il-kotba!" u qatgħetha li l-kalċi ttih lili, għalkemm pruvajt nipperswadiha żżommu. Sagħtejn wara ħabbat il-bieb tad-dar u kien hemm l-istess mara, Tonina, u tatni l-kalċi u impulluzz ta' zijuha. Kultant l-affarijiet qas jitwemmnu!


*Il-kalċi ta' Dun Nikola Zammit*

Il-kalċi, bħalma jista' jidher fir-ritratt huwa wieħed sempliċi, imma b'dekorazzjoni fina ħafna. Id-dettall l-aktar kurjuż li fih huwa li fil-parti t'isfel hemm inċiżi d-dettalji tal-benefattur tiegħu: "*Giuseppe Pullicino Dona al Sac. N. Zammit*". Dan Giuseppe Pullicino kien membru tal-familja li kienu jieħdu ħsieb il-knisja tad-Duluri min-nofs is-seklu dsatax.

Xahar wara l-kalċi tajtu lill-arġentier Vanni Bartolo biex inaddafuli u reġa' ħareġ il-ġmiel kollu tiegħu. Fl-4 ta' Mejju kelli quddiesa ta' magħmudija l-Imqabba u erġajt "żanżantu" dakinhar, għax bix-xieraq li jintuża fil-parroċċa fejn kien iżżanżan.

Wara dan kollu, peress li din is-sena jaħbat iċ-ċinkwantenarju minn mewtu, dehrli li tkun ħaġa xierqa li jien u Tonina nitkellmu ftit dwar dan is-saċerdot, li għalkemm għex il-parti l-kbira ta' ħajtu barra mill-Imqabba, xorta waħda huwa iben denn ta' dan ir-raħal.

## Memorji ta' Tonina dwar iz-ziju Dun Nikola

Tonina l-ewwel ma qaltli kien il-għala l-laqam tal-familja hu *ta' Tittu*. Dan beda meta missier Dun Nikola, Mikiel, kien għadu tifel. Lil dan kienu jtellgħuh fuq xi siġġu għoli u kienu jgħidulu jkellimhom dwar Kristu, imma hu, ta' tifel li kien, flok *Kristu* kien jgħid *Tittu*, u baqgħetlu *ta' Tittu*. Jidher li din l-imħabba li kellu għall-fidi Mikiel żammha anke meta kiber u meta rabba lil uliedu flimkien ma' martu Karmena minn Ħaż-Żebbuġ, mhux biss għax wieħed minnhom sar saċerdot, imma għax kollha kienu nies ta' ġabra u qrib il-Knisja. Waħda mill-affarijiet li kien jagħmel ta' kuljum Mikiel kull filgħodu qabel imur għax-xogħol fil-barrieri kienet li jimxi san-Nazzarenu minn fuq il-ħajt tal-matla, jixgħel xemgħa u jibqa' sejjer għax-xogħol. Il-familja Zammit kienet toqgħod f'dar wara l-knisja, fi Triq San Bażilju, li eventwalment inxtrat mill-familja *ta' Puzzu*. Minn pjanta tar-raħal tal-1939, ippubblikata f'din il-ħarġa tal-annwal tal-festa, nafu li dik li llum hija Triq San Mikiel kienet oriġinarjament magħrufa bħala *Matla Lane*, għalhekk probabbilment Mikiel kien jgħaddi minn hemm biex jaqbad il-ħajt. In-neputijiet tiegħu kollha jiftakruh bħala raġel bieżel u tal-familja, u waqt il-ġurnata l-uniku ħin meta kien jistrieħ ftit kien wara x-xogħol meta kien ikun qed jittella' mill-barriera bit-tarjola.

Meta mistoqsija għala Dun Nikola telaq mill-Imqabba ftit żmien wara li sar saċerdot fl-1913, Tonina weġbitni li f'dawk is-snin kienu laħqu seba' saċerdoti mill-Imqabba u għalhekk kien diffiċli biex kollha jaħdmu fil-parroċċa u jkollhom biżżejjed biex jgħixu – irridu niftakru li dak iż-żmien is-saċerdoti ma kellhomx paga bħal-lum; kienu l-parruċċani li kienu jipprovdulhom l-għixien permezz tal-karità u tal-quddies, għaldaqstant f'raħal żgħir bħalma kien l-Imqabba fil-bidu tas-seklu għoxrin kien diffiċli li l-poplu jiflaħ imantni sebgħa.[4] Nikola offra li jaħdem fil-barriera ta' missieru sabiex ma jkunx ta' piż għall-familja – fil-fatt kellu seba' ħutu: sitt subien (Ġużeppi, Karmenu, Ċensu, Leli, Mosè u Toni) u oħtu waħda (Marija) – imma missieru ma ħalliehx. Dan wassal biex wara xi żmien mar jgħix il-Belt fi Triq il-Merkanti f'appartament fis-sular ta' fuq fil-bini li hemm maġenb il-knisja ta' San Ġakbu, fejn hemm il-figurin tal-abbati bil-kaxxa tad-donazzjonijiet, quddiem l-uffiċċju missjunarju.

Is-servizz tiegħu kien jagħtih primarjament b'żewġ modi: l-ewwel nett billi jqaddes ta' kuljum il-quddiesa ta' nofsinhar fil-knisja tal-Erwieħ fil-Belt stess – ħafna kienu jsemmuh għar-rettitudni tiegħu fis-sawma ta' qabel il-quddiesa, li dak iż-żmien kienet tibda min-nofs il-lejl –, u t-tieni kien jaħdem ħafna man-nies maqbudin fix-xibka tal-vizzji u nuqqas ta' valuri fl-inħawi ta' Strada Stretta. Kien magħruf ħafna għall-karità li kien jagħmel. Kellu wkoll xi kuntatti mat-tfal tal-prostituti tal-Gżira – probabbilment minħabba l-viċinanza tal-Gżira mal-Imsida fejn kien kappillan kuġinuh, l-Imqabbi Dun Innoċenz Zammit. Lil dawn kien iħajjarhom biex imorru għal-lezzjonijiet tal-katekiżmu billi jqassmilhom il-Bambini. Skont Tonina d-drawwa tiegħu kienet li kien jixtri l-Bambini ta' qisien differenti u jagħmel oħrajn bħalhom wara li joħdilhom il-forma, imbagħad kien iqabbad xi pittur mill-Belt biex jagħtihom il-kulur. Meta kienu jkunu lesti kien jqassamhom lit-tfal skont l-attendenza, inqas ma jfallu ikbar ikun il-Bambin.

Bħalma nafu mill-artikli tas-Sinjura Lia, Dun Nikola kien l-ewwel direttur tar-rivista *Malta Missjunarja*. Milli nistgħu nifhmu l-għażla waqgħet fuqu minħabba



li kien jgħix qrib ħafna tal-Uffiċċju Missjunarju u kien qrib is-seminaristi li ħarġu bl-idea ta' din il-pubblikazzjoni ta' kull xahar. Il-għan tar-rivista joħroġ ċar fl-ewwel messaġġ li kiteb dun Nikola fl-editorjal: "L-articoli li jidhru f'dan il-perjodicu jcunu ta' tagħlim fuk il-missjoni. Huma juru fix inhuma l-missjonijiet tagħna, il-bżonnijiet tagħhom, liema sagrifiċċi, u liema martirju jsofru culjum il-Missjunarji ħutna biex isalvaw l-erwieħ u jcabbru s-saltna t'Alla fl-art."[5]

Milli tiftakar Tonina ma kellux kapriċċi u qatt ma siefer. L-hena tiegħu kienet li jagħmel xogħlu sew, jgħin lit-tfal tal-Gżira u kultant jistieden lin-neputijiet joqgħodu fil-gallarija fil-karnival. Ħafna mill-ħin tiegħu d-dar kien jgħaddih jitlob quddiem Kurċifiss li llum jinsab għand in-neputija tiegħu; 'il quddiem, meta minħabba l-mard ma setax jibqa' joħroġ iqaddes, il-quddiesa kien jiċċelebra quddiem dan l-istess Kurċifiss.



Kemm dam jgħix il-Belt kienet tieħu ħsiebu n-neputija Nikolina u dan baqgħet tagħmlu għal aktar minn ħamsa u għoxrin sena sakemm kellha *slip disk* u ma setgħetx tkompli,[6] imbagħad kompliet tieħu ħsiebu Tonina. Wara ħafna snin il-Belt ma felaħx jibqa' jitla' fuq biex jidħol fl-appartament tiegħu u għalhekk mar jgħix f'dar li bena l-Marsa fi Triq San Franġisk qrib il-knisja ta' Marija Reġina. Din il-knisja ibbenefikat ħafna mill-karità tiegħu, fil-fatt skont in-neputija Dun Nikola ħallas għal numru ta' bankijiet u għal żewġ konfessjonarji. Matul ħajtu tahom ukoll armonju li eventwalment ingħata minn din il-parroċċa lill-parroċċa l-oħra tal-Marsa, dik tat-Trinità Qaddisa. Jidher li t-talent mużikali kien preżenti sew fil-familja Zammit għax anke Dun Innoċenz, il-kuġin ta' Dun Nikola, kien idoqq l-armonju meta kien kappillan l-Imsida. L-armonju Dun Nikola baqa' jdoqqu sakemm mietet oħtu Marija; wara ma riedx idoqq aktar u kien għalhekk li tah lill-patrijiet. Kellu wkoll pjanu żgħir li rregalah lis-Seminarju tal-Floriana, illum il-Kurja tal-Arċisqof.

Wara xi snin jgħix il-Marsa marad u kien jgħaddi ħafna ġranet l-isptar b'mod li ma setax jibqa' jgħix waħdu u għalhekk mar jgħix l-aħħar snin ta' ħajtu fid-Dar tal-Kleru. Kultant kien jitlob lin-neputija ssajjarlu l-lampuki li tant kien iħobb. L-aħħar memorja li għandha Tonina ta' zijuha hija li talabha ġġiblu naqra meraq tal-frott minn tad-ditta *Safari* meta kien fl-Isptar San Luqa. Qabel ħarġet berikha u ftit wara, fil-5.15pm, miet minħabba li waqfu jaħdmu l-kliewi. Kien l-ewwel jum tat-tridu tal-festa ta' raħal twelidu, nhar il-11 ta' Awwissu 1969. Indifen f'qabar komuni fid-Diviżjoni Lvant EA-A-489 fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata.



## Għeluq

B'dan l-artiklu nittama li aħna l-Imqabbin nitgħallmu ftit aktar dwar dan is-saċerdot li għex ħajja fil-kwiet u fl-atti ta' karità, u li baqa' ħaj fil-ħafna kitbiet li ħalla. Niżżi ħajr lil Tonina talli laqgħatni fid-dar tagħha u ta' ħuha Sapienz u tal-permess biex nirriproduċi ritratti ta' oġġetti li kienu ta' zijuha kif ukoll tal-informazzjoni siewja li għaddietli.

Kif għedna, Dun Nikola, kontra kull prassi, indifen fil-komun taċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata. Għalfejn sar dan mhux magħruf, anqas il-familja tiegħu stess ma jafu għala, imma jista' jkun li kienet ix-xewqa tiegħu, ta' bniedem umli li kien, li jindifen f'post fejn ma tkunx tista' titħalla tifkira. Madanakollu tkun ħaġa xierqa li xi darba jitwaqqaf mafkar żgħir ta' dan is-saċerdot fuq il-qabar tas-saċerdoti fiċ-ċimiterju tal-Imqabba, għalkemm mhux midfun hemm.

## Referenzi

1 Carmen Lia, "Mqabbin li għamlu isem… biex ma jintesewx" *Programm tal-festa titulari ta' Santa Marija*, (Malta: Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V – l-Imqabba, 1997), 61.

2 Carmen Lia, "Nies li għamlu ġieħ lill-Imqabba mis-seklu Dsatax 'il quddiem" f'*L-Imqabba mal-medda tas-snin*, ed. Charles Farrugia, (Malta: Kunsill Lokali u Parroċċa tal-Imqabba, 1998), 213-214.

3 Korrispondenzi mas-Sur Eman Bonnici bejn it-18 ta' Lulju Awwissu 2015 u d-19 ta' Lulju 2019.

4 Din ma kienetx xi ħaġa rari li s-saċerdoti jiċċaqalqu minn raħalhom minħabba l-manteniment. Il-kuġin ta' Dun Nikola, Dun Innoċenz Zammit, li sar saċerdot fit-23 ta' Diċembru 1916 ma damx ma mar kappillan l-Imsida fejn dam sal-1956.

5 Editorjal, *Malta Missjunarja* 1 (1932): 1-2. Ħajr: Arkivju Missio Malta.

6 Nikolina mietet f'Marzu 2018.

Dilettanti tan-Nar tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija fis-snin ħamsin





Ħruġ tal-Vara Titulari ta' Santa Marija



Marċ ta' nofsinhar fis-snin tmenin.



# Quddiem il-Kwadru ta' Santa Marija tal-Ħlas

Kav. Carmel Bianchi KGO
Ħal Qormi

Smajt bik, ġejt quddiemek nitlob
qaluli li ħdejk nistkenn
wegħduni li nsib il-faraġ
int, dik l-omm li tassew tħenn.

Tal-Ħlas magħrufa Marija
u grazzji xxerred bla għadd
titħassar il-qlub muġugħa
żgur lesta tgħin lil kulħadd.

Ġejt quddiemek b'idi vojta
fi ġnien qalbi m'għandix ward
m'hemmx fih ħlief għollieq u xewk
skużani jekk jien ġejt tard.

Qed naqta qalbi nitolbok
ma għandekx ħniena għalija?
Infnejt u ma baqagħlix dmugħ
Ħniena, Santa Marija!

Fejn inti Madonna, fejn int?
Ma niflaħx iżjed nitlob
mhux qed jasal talbi għandek?
Bla saħħa, dejjem nokrob.

Tassew għajjiena w imnikkta
il-kalċi farli bl-imrar
it-toqol tas-salib fnieni
iqattar taqtiriet kbar.

Ġejt b'nofs qalb għandek Madonna
kull tama taret mar-riħ
anke t-tobba qatgħu jieshom
m'hemmx tabib li nemmen fiħ.

Ma niflaħx nism' aktar botti
dawn stalletti w qsim il-qalb
jzekzku għaliex bla tfal għadni
isma' dlok tiegħi it-talb.

Jiena naf Santa Marija
kemm ħennejt għal ħafna krib
ssuperajt kull mediċina
ferħ fil-qlub biss taf iġġib.

Taf x'inhi ix-xewqa tiegħi
inti l-omm li taqra l-qlub
nixxifthom griżmejja ngħidlek…
Fakkru l-ibnek il-maħbub.

Kemm se ndum nibki Madonna
għajnejja xxuttaw mid-dmugħ
qalbi qtajt li nkompli nitlob
anqas minnek mhu mismugħ?

Fil-Kappella s-skiet inkiser
leħen mill-kwadru smajt ġej
minn fomm il-Madonna nstemgħa
"ersaq lejja, tibża xejn."

Sforz għamilt għalkemm imbikkma
ersaqt qrib il-Madonna
fwieħa ħarġet minn ġol-kwadru
li tisboq l-iprem ġonna.

B'imħabba l-Madonna lissnet
"f'widnejja wasal talbek
ieqaf ibki grazzja nroddlok
bil-ferħ se nimla qalbek."

"Mur id-dar u għid lil żewġek
li inti ser issir omm
għax ġufek laqgħa tarbija
lilha ser tħaddan, se żżomm."

Ħassejt qawwa liema bħala
bil-ferħ qalbi bdiet itfur
ma' dawk l'anġli f'dak il-kwadru
xtaqt lil wiċċha nbus immur.

*14 ta' Awwissu 2018*



# Patri Rafel ta' Sant'Anna Karmelitan Skalz (Wenzu Despott)

## *Ir-restawratur tal-Kwadru Titulari tal-Assunta fl-1943*

P. Martin Borg OCD

**Nota mill-Bord Editorjali:** *Waħda mir-raġunijiet għalfejn sar ir-restawr tal-kwadru titulari tal-parroċċa tagħna kien għax il-parti fejn jidhru l-appostli, li kienet imraqqa', kienet qiegħda tagħmel il-ħsara lit-tila. Ma kienx magħruf meta sar dan l-intervent, iżda meta tniżżel il-kwadru titulari minn postu f'Settembru 2018 fuq it-tilar dehret nota li kienet tgħid: "Restaurato da P. Raffaele Teresiano Anno 1943". Dan kien l-ewwel ħjiel li qatt instab tal-uniku restawr li sar fuq il-kwadru minn meta sar fl-1897. Dun Jonathan Farrugia, li kien preżenti meta tniżżel il-kwadru, ħa ħsieb jikkuntattja lil P. Martin Borg, Karmelitan Skalz li għandu ħafna għal qalbu l-istorja tal-Ordni tiegħu f'Malta u li ġabar ħafna informazzjoni dwar il-persuni distinti li ħarġu minn dan l-Ordni u taw kontribut kbir lis-soċjetà Maltija fl-imgħoddi. P. Martin ikkonferma min kien P. Raffaele u aċċetta li jiktbilna nota qasira dwaru, biex jibqa' mfakkar għaż-żmien li ġej il-kontribut li ta dan il-Patri artist fit-tiswir tal-ġrajjiet tal-Imqabba wara l-gwerra. Minn hawn nirringrazzjaw minn qalbna lil P. Martin għal din l-informazzjoni siewja u lil Dun Jonathan li kien strumentali biex din waslitilna.*





Kienu diversi dawk il-patrijiet Tereżjani li kienu mogħnija b'għerf u b'doni artistiċi sbieħ. Minħabba li l-Kostituzzjonijiet Reliġjużi ta' dak iż-żmien kienu rigorużi għall-aħħar fejn il-ħajja kienet klawstrali u ta' ġabra u talb kontinwu, għaldaqstant ma tantx setgħu jeżerċitaw dawn id-doni li l-Mulej għoġbu jagħtihom. Billi l-ħajja reliġjuża fil-Karmelu titlob li l-aħwa lkoll ikunu ndaqs u ma għandux ikun hemm distinzjoni bejn dawk li jissejħu majjistri u dak li jissejħu sempliċiment patrijiet, bħal fil-kas ta' Ordnijiet Reliġjużi oħra bħad-Dumnikani u l-Agostinjani, għaldaqstant kienu jagħmlu l-istudju kollha xorta waħda, uħud anke jispeċjalizzaw fis-suġġett tagħhom partikolari, imma kien projbit li jiggradwaw u jakkwistaw ċertifikati…Santa Tereża ta' Ġesù dejjem saħqet u fakkret kif "Kollox jgħaddi malajr, Alla biss jibqa'"…

Fost dawk il-Patrijiet Tereżjani Maltin jiġuni f'moħħi l-famuż Patri Raymond ta' Santa Tereża, Patri Bernard Rogos tal-Anġli, Patri Karm Vassallo tal-Bambin Ġesù, Patri Lwiġ Pisani ta' Kristu Re u oħrajn, li huma figuri ta' merti kbar fl-istorja tal-Karmelitani Skalzi Maltin.

Kien hemm oħrajn li kienu mogħnija b'doni artistiċi sbieħ kemm fil-pittura u kemm fil-mużika, fosthom insemmu lill-Patri Redent Camilleri tas-Salib, u Patri Karm Vassallo tal-Bambin Ġesù li kienu mużiċisti u kompożituri ta' mużika sagra sabiħa u devota. Fost

dawk li spikkaw fl-arti tal-pittura nsemmi lill-famuż Fra Luigi Poggi ta' San Ġużepp li attenda l-*Accademia delle Belle Arti* ta' Ruma. Għandu xogħlijiet fil-Pinacoteca tal-Vatican, kif ukoll l-affreski fis-saqaf tal-Bażilka tal-Madonna tal-Karmnu fuq l-Għolja tal-Karmelu fil-Palestina, fil-Bażilka ta' Kana fil-Galilija u fil-Knisja tas-Sależjani f'Beit Jamal (ħdejn Ġerusalemm). Insemmu ukoll lill-pittur Patri Klement Calascione ta' San Ġużepp u wkoll lill-Patri Rafel Despott ta' Sant'Anna li tiegħu ser nagħtu dan it-tagħrif fil-qosor.

Patri Rafel twieled Bormla nhar 26 ta' Marzu 1876 minn Karlu Despott u Katerina imwielda Zorbià. Ġie mgħammed il-ġurnata ta' wara fil-Knisja Kolleġġjata tal-Immakulata Kunċizzjoni tal-Belt Cospicua fejn ingħata l-isem ta' Lorenzo. Ta' 19-il sena huwa wieġeb għas-sejħa li l-Mulej kien qiegħed jagħmillu għall-ħajja fil-Karmelu, u nhar l-20 ta' Ottubru 1895 huwa rċieva l-libsa reliġjuża Karmelitana u beda s-sena tan-novizzjat fejn ingħata l-isem ta' Fra Rafel ta' Sant'Anna, skont l-użanza taż-żmien li l-patrijiet Tereżjani mhux biss jinbidlilhom l-isem tal-magħmudija imma anke l-kunjom tal-familja. Għamel il-Professjoni Sempliċi fil-Knisja ta' Santa Tereża ta' Bormla, minnfejn wara intbagħat biex jagħmel l-istudji tiegħu Venezja, fl-Italja. Ipprofessa Solenni fil-Knisja ta' Santa Tereża tal-Karmelitani Skalzi ġewwa Venezja nhar it-30 ta' Ottubru 1899 u kien ordnat saċerdot ġewwa Venezja stess mill-Kardinal Giuseppe Sarto, il-futur Papa San Piju X, nhar il-21 ta' Settembru 1901.

F'Novembru tal-1909 intbagħat fuq l-Għolja tal-Karmelu fil-Palestina, fejn kien gwida għall pellegrini li kienu jżuru dak il-post Qaddis, il-post fejn twieled l-Ordni tal-Karmelu fis-Seklu XII. F'dan iż-żmien għamel ħafna riċerki dwar is-sehem tar-Reliġjużi Maltin fuq il-Għolja tal-Karmelu, b'mod partikulari Patri Albert ta' San Gużepp, mill-Għarb Għawdex, li tiegħu kiteb il-ħajja f'manuskritt.

Fi Frar tal-1914 reġa' lura Malta, u nħatar Pirjol tal-Kunvent ta' Santa Tereża ta' Bormla, bejn l-1915 u l-1918. Huwa ġabar ħafna materjal storiku dwar il-kunvent ta' Santa Tereża u ippubblika ukoll artikli dwaru, kif ukoll dwar il-missjunarji Maltin fir-rivista ***L'Apostolato Maltese.***

Huwa għex ħajja sempliċi u ta' ġabra kbira skont is-sejħa Tereżjana tiegħu. Kien jagħmel xi xogħlijiet żgħar ta' pittura u anke restawr. Fost xogħlijiet ta' restawr (skont is-sistema ta' żmienu) kien għamel il-kwadru titulari tal-Madonna tas-Silġ, fil-kunvent tal-Patrijiet Tereżjani f'Marsaxlokk, il-Kwadru li juri lil Santa Tereża ta' Ġesù flimkien ma' San Tumas ta' Akwinu fil-knisja ta' Santa Tereża ta' Bormla u, kif ġie skopert dan l-aħħar, il-kwadru titulari tal-Assunta tal-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba. Dan tal-aħħar għamlu fl-1943, kif tgħid in-nota li nstabet fuq it-tilar tal-istess kwadru. Il-ħsara li kellu kienet tiċrita fil-parti t'isfel fir-rokna tan-naħa tal-lemin, fejn jidhru l-Appostli qed iħarsu lejn il-qabar, vojt u mimli dija, tal-Madonna. Il-ħsara kienet ġiet ikkawżata meta ġġarfet il-knisja parrokkjali tal-Assunta f'April tal-1942.

Huwa miet fil-kunvent tat-Tereżjani ta' Birkirkara nhar it-23 ta' April 1955 u jinsab midfun fil-kunvent ta' Santa Tereża ta' Bormla.






*Messaġġ mill-Għaqda Każini tal-Banda*

# Rispett u għaqda bejn is-soċjetajiet

Avv. Noel Camilleri
**President GħKB**



Is-soċjetajiet tal-banda huma sinonimi mal-festi tagħna. Dan huwa stat ta' fatt li ilu magħna għal aktar minn mija u ħamsin sena. Imma huwa fatt ukoll li dan il-patrimonju ta' pajjiżna qiegħed jiġi mhedded b'mod reali. Mhedded minn ħafna elementi li ddaħħlu fil-festi tagħna u li qegħdin jagħmlu ħsara anke lis-soċjetajiet tal-banda.

Persważ li tinnutaw li l-entużjażmu għall-marċi tradizzjonali naqas u ħafna drabi l-banda tkun waħidha fit-toroq biex imbagħad tal-anqas fil-pjazza ewlenija jew quddiem il-bini tas-soċjetà jingħaqdu magħha n-nies li jkunu preżenti hemm biss. Biss dan mhux kollox għaliex filwaqt li l-banda tkun qiegħda ddoqq xi marċ mhux l-ewwel darba li tisma' xi ħoss qawwi ta' mużika oħra ġejja minn bnadi viċin li kważi jitfi għalkollox il-ħoss tal-banda jew addirittura tgħaddi l-banda qisu xejn. U xi ngħidu għas-*cd*'s li jinħarġu bi kliem kważi identiku għajr l-isem tal-qaddis jew l-isem tas-soċjetà tal-Banda. Qisna qegħdin ninsew l-importanza tal-banda fil-festa u rridu nwarrbu t-tradizzjonijiet bl-iskuża li rridu nġeddu ħalli niġbdu ż-żgħażagħ. Li taħdem biex aktar tattira żgħażagħ lejn is-soċjetajiet tal-banda hija ħaġa li żgur kulħadd jaqbel magħha imma żgur mhux għas-skapitu li twarrab it-tradizzjonijiet sbieħ tagħna li sawru l-kultura Maltija.

Il-lista tal-affarijiet li bil-mod il-mod qegħdin kontinwament jinvadu s-sabiħ tal-festi tagħna u l-ħidma tas-soċjetajiet tal-banda tagħna li hija mifruxa tul it-tnax-il xahar tas-sena ma tiqafx hawn. Hemm ukoll l-ispiża biex tamministra soċjetà tal-banda liema spiża dejjem qiegħda tikber u dan minkejja li ħafna mill-ħidma ssir b'mod volontarju għall-benefiċċju ta' dik il-belt jew raħal. Soċjetà tal-Banda ma għandhiex tittieħed li qiegħda hemm jiġri x'jiġri u dejjem lesta biex tieħu sehem mingħajr ma tingħata kumpens xieraq għall-ħidma kollha li tagħmel kemm dik li tidher u anke dik li ma tidhirx. Ħafna drabi din it-tieni parti tal-ħidma tkun ferm akbar u ta' wġigħ ta' ras mill-ewwel parti.

Kien proprju għalhekk li s-Soċjetajiet tal-banda membri fi ħdan l-Għaqda Każini tal-Banda fi Frar 2019, approvaw dokument li permezz tiegħu ġew introdotti ċerti miżuri ġodda ħalli jkun hemm aktar rispett reċiproku bejn l-istess soċjetajiet, mal-mużiċisti li l-impenn tagħhom huwa ferm importanti għall-baned imma wkoll ma' entitajiet oħra fosthom il-parroċċi u l-kumitati responsabbli għall-festi. Din hija deċiżjoni li ttieħdet b'mod studjat u b'għaqal u l-Għaqda Każini tal-Banda tikkonsiderah li huwa l-ewwel pass sabiex inkomplu naħdmu flimkien ħalli l-ħidma tas-Soċjetajiet tal-banda b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam il-banda u s-sehem tagħha fil-festi tagħna jibqa' sehem fundamentali fit-tifsira vera ta' festa Maltija.

Irridu lkoll naħdmu biex din it-tifsira nkomplu nsaħħuha u fuq kollox inħarsuha. Jekk ma nurux rispett reċiproku u fuq kollox ħidma kollettiva allura dak li huwa wirt importanti ta' pajjiżna jista' jintilef. Għalhekk ikoll kemm aħna rridu nkunu t-tarka sabiex ma nħallu lil ħadd u xejn li jtappan is-sinifikat tal-festa.

F'isem l-Għaqda Każini tal-Banda nawgura l-festa t-tajba, u nirringrazzja lis-Soċjetà tal-Banda u l-membri tagħha għax-xogħol volontarju kbir li jsir. Nappella sabiex dik il-ħidma tissarraf f'ċelebrazzjonijiet denji ta' festa li tgħaqqad il-poplu.

# Fir-Raħal ta' Santa Marija



Stefano Ancilleri

Sena ilu kont sellimtlek bħala Mqabbi wisq devot
li trawwimt fil-bejta tiegħek, illum Skali, ftit 'il bogħ'd.
Imma l-qalb ma tafx b'distanza għax kull ħin tiftakar fik,
f'dik is-sura ħelwa tiegħek, ta' kuljum titgħaxxaq bik.

Illum nifhem sew il-għala tant jinġibdu l-folol lejk,
tant ifittxu l-barka tiegħek ma' kull ħarsa tleħħ f'għajnejk,
daqskemm tleħħ f'qalb l-emigranti li minn arthom miftumin,
'mma sal-lum bqajt tiġri f'demmhom għaliex huma lkoll Maltin.

U l-istess il-missjunarji li ħallew din l-art-teżor
biex irawmu l-merħla tiegħek f'art imbiegħda, bħal barklor,
dejjem jaqdef sajf u xitwa, kemm fil-bnazzi w f'temp krudil
biex iwettaq dmiru sewwa mingħajr biża' qatt fl-għemil.

U xi ngħidu għat-turisti li kull sena jiffullaw
biex il-ġmiel tax-xbieha tiegħek b'reqqa kbira jammiraw?
Għax tassew teżor mill-isbaħ għamel Xandru l-prim skultur
meta ħalla lill-Imqabba dan il-wirt kapulavur.

U xejn inqas prominenti ta' Venuti fuq l-altar,
kwadru jimraħ fl-eleganza kif jistħoqq lit-titular,
bi xbihetek tielgħa s-sema f'att ta' mħabba u tifħir
lejn min żejnek bl-akbar għaġeb bħad-deh'b fin minn ta' Ofir.

Jixraq sew għalhekk li nħarsu l-patrimonju ta' tant snin
li kburin jagħmilna kollha, speċjalment lill-Imqabbin,
li sofrew l-agħar konsegwenzi meta l-għadu resaq qrib
u lit-tempju ġewwa l-misraħ ifflaġella bit-tiġrib.

Imma Int bqajt dejjem f'nofsna w kif it-tmiem issuperajt,
meta mdawra minn tant anġli fl-għoli, fl-għoli 'l fuq sew tlajt,
hekk ukoll ridt terġa' tgħolli lil raħalna moribond
mill-abbiss tal-agunija, f'tarf l-irdum, f'dagħbien profond,

għall-eklissi ġewwa s-sema meta l-lejl jinbidel f'nhar,
meta l-mewt ma taħkimx iżjed u l-orrur idub fiċ-ċpar.
U mill-ħerba fl-aħħar gwerra qiegħda tibki wied ta' dmija,
illum għandna raħal-ġawhra, jagħtik ġieħ Santa Marija!

*Is-6 ta' Marzu 2019*



# L-Ewwel Kappillani li mexxew il-parroċċa tal-Imqabba

Mario Fenech

Sibt dan it-tagħrif dwar il-knisja parrokkjali tal-Imqabba fil-kitba tal-Istoriku Achille Ferris fil-Kapitlu tal-ktieb bit-Titlu "Casal Micabiba" Chiesa Parrocchiale. Il-knisja parrokkjali tal-Imqabba fl-antik kienet tagħmel mal-Parroċċa Matriċi ta' Bir Miftuħ. Kien il-poplu ta' dan ir-raħal li għamel it-talba uffiċjali lill-Isqof Mons. Duzina fis-sena 1575 sabiex dan iwaqqaf il-Parroċċa, iżda din it-talba baqgħet ma ntlaqgħetx sakemm għaddew 23 sena.



Meta miet il-kappillan tal-parroċċa ta' Bir Miftuħ fis-sena 1592 li kien Dun Bartolomeo Mangion, l-Isqof Mons. Tommaso Gargallo nhar id-29 ta' Mejju tal-istess sena neħħa lir-raħal minn mal-Matriċi ta' Ħal Kirkop li kien bit-Titlu ta' San Leonardo biex waqqaf il-Parroċċa li fiha kien hemm l-irħula ta' Ħal Safi u l-Imqabba. Jidher li n-nies ta' dawn iż-żewġt irħula ma kienux kuntenti b'dan u għalhekk baqgħu jinsistu mal-Isqof Mons. Tommaso Gargallo biex dan iwaqqaf l-irħula tagħhom bħala parroċċi għalihom. Kien f'Novembru tas-sena 1598 meta huwa ħareġ id-digriet tiegħu fejn waqqaf dawn l-irħula bħala parroċċi awtonomi.

Il-knisja tal-Imqabba li bdiet isservi bħala dik parrokkjali kienet iddedikata lill-Assunzione di B.V. L-abitanti tar-raħal kellhom l-obbligu li jieħdu ħsieb il-Prebenda annwali tal-Kappillan, kif ukoll jaraw li jkun hemm il-lampier mixgħul quddiem is-sagrament. L-ewwel kappillan kien Dun Giovanni Mizzi li kien diġà serva ta' Viċi Parroku tar-raħal ta' Ħal Safi. Huwa nħatar mill-Isqof Mons. Tommaso Gargallo f'Novembru tas-sena 1598 mat-twaqqif tal-parroċċa. Fis-sena 1603 ġie maħtur Kanonku tal-Kapitlu Metropolitan. Miet fis-sena 1621.

It-tieni kappillan kien Dun Pietro Pace li kien ukoll inħatar mill-Isqof Mons. Tommaso Gargallo. Huwa mexxa l-parroċċa tal-Imqabba minn Settembru tas-sena 1604 u baqa' fil-Kariga sas-sena 1633. X'aktarx li dan kien miet barra mir-raħal għaliex ma hemm l-ebda kitba dwar il-mewt tiegħu fir-reġistru tal-parroċċa.

Kien għamel xi żmien jaħdem ma dan il-Kappillan bħala Viċi Parroku Dun Andrea Farrugia. Dan laħaq kappillan fi Frar tas-sena 1634 u baqa' jmexxi l-parroċċa sakemm miet nhar it-12 ta' Ottubru 1663.

Dawn il-kappillani li semmejt f'din il-kitba tiegħi ħadmu mhux biss biex mexxew lill-poplu tar-raħal spiritwalment, iżda wkoll biex għanew lill-knisja b'numru ta' Opri Sagri sbieħ xhieda tal-imħabba tan-nies lejn il-Patruna tagħhom.

Il-festa t-tajba lil kulħadd!

# Rendikont tal-Festa ta' Santa Marija 2018



## Dħul

| | |
|---|---|
| Bilanċ 2017 | €200 |
| Envelopes u donazzjonijiet* | €3,200 |
| Kaxxa quddiem il-vara | €105 |
| Ħruġ min-niċċa | €750 |
| Ġabra Ħadd qabel il-festa | €615 |
| Ġabra 15 ta' Awwissu | €570 |
| Dħul vara fil-Knisja | €770 |
| Donazzjoni fjuri | €100 |
| | **€6,310** |

*Kien hemm donazzjoni ta' €200, donazzjoni ta' €150, żewġ donazzjonijiet ta' €100 u tliet donazzjonijiet ta' €70

## Ħruġ

| | |
|---|---|
| Orkestra | €2,200 |
| Transport | €100 |
| Fjuri | €160 |
| Daqq tal-qniepen | €350 |
| Servizz Saċerdoti | €600 |
| Kappisti | €165 |
| Dawl koppla | €962 |
| Dawl faċċata | €1,400 |
| Abbatini | €60 |
| | **€5,997** |
| **Bilanċ** | **€313** |

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tixtieq tirringrazzja lill-partitarji kollha li jagħtu sehemhom f'kull kummissjoni u s-sotto kumitati għall-impenn u d-dedikazzjoni li juru matul is-sena kollha, b'mod partikolari fil-festa.
Grazzi kbira lill-benefatturi kollha ta' din is-Soċjetà.

# Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni


3M Kebab House
/Take Away ....................140
A. Ferriggi ....................60
Aida Hall ....................42
Albion VRT Station ....................29
Alessio's Old Cottage ....................60
All 'n 1 ....................42
Andrew Vassallo Ltd ....................140
ArtiĠenjali ....................72
Attard Bros ....................38
B&G Hardware Store ....................132
Bibas ....................132
BOV ....................72
Briffa Landscaping ....................60
Browns ....................88
Buddy Study ....................122
Bufni Gardens ....................109
C&G Hardware Store ....................88
Callus Garden Centre ....................134
Camilleri
Marble Works Ltd ....................134
Carabott Jewellers ....................172
Cassar Florist ....................40
Cassarini Restaurant ....................136
Charlie t-Tirxa ....................136
Cheyenne ....................64
Computer Bargains ....................170
Ctronics ....................64
D. Spiral ....................142
Daily Needs ....................63
Darren's Butcher ....................63
Dee's Pizzeria & Takeaway ....................74
Demsey Aluminium ....................90
Demsweet Garage ....................142
DES ....................16
Di Rocco Trading Limited ....................66
Digital Arena ....................150
DoS Avós ....................66
E. Theuma & Company Ltd ....................138
EGM Psaila ....................146
Elbros ....................8
Elmo Insurance ....................148
Etienne Garage ....................90
Fajsu ....................122
FGP ....................146
Frame Lane ....................112
Frame Maker ....................172
Fresh&Clean ....................138
Frott il-Bidwi ....................172
G. Camilleri Petrol Station ....................174
Gabba Auto Tint ....................4
Gasan Mamo Insurance ....................70
Gold Lady Jewellery ....................156
Golden Point ....................98
Hair Couture ....................174
Heineken .................... inside back
Horace Enterprises ....................164
HSBC ....................39
iShine ....................126
Ivan's Garage ....................52
J J Supermarket ....................48
J. Cutajar ....................174
Jack's Eat House ....................160
Jade Jewellers ....................160
James Caterers ....................52
Jessica Rita Galea ....................148
JMA Aluminium Works ....................98
John's Butcher ....................154
Jolly ....................159
Julia Farrugia Portelli ....................94
Julio & Charlie Sacco ....................176
Kristianne Stationery ....................141
L. Micallef Steel Works ....................176
La Bottega dell'Arte ....................82
Lillian Camilleri ....................176
Londoner Pub ....................58
Lorraine Zammit ....................90
Lorraine's Beauty Clinic ....................110
LUX Nails ....................166
Magic Clean ....................120
Magri Butcher Shop ....................120
Mallia Petrol Station Ltd ....................156
Malta Bus Coop. ....................82
Mangion Brothers
Zurrieq Ltd ....................118
Mapfre Middlesea
- Moira Magro ....................86
Mariano's Garage ....................118
Mario Service Station ....................169
Mark Portelli ....................150
Maths Coach ....................166
Maypole ....................68
Mażini ....................188
McSims ....................26
Michael Bezzina ....................130
MJ Garage ....................170
Mobiltech VRT Station ....................108
Movie Land ....................130
Ohio ....................17
One4all .................... inside front
Owen Bonnici ....................62
Palazzo Castelletti ....................93
Papas ....................48
Paul & Mark Super-Market ....................108
Pet Care ....................130
Philip Taxi Service ....................168
Pineapple ....................24
Polidano ....................10
Portelli & Brincat ....................93
Reborn Snack Bar ....................102
Remissa ....................116
Reno Farrugia ....................20
Richard Lifters ....................36
Richard's Gourmet
Fish Shop ....................102
Ruben's Garage ....................168
Scicluna Florist ....................126
Sierra ....................18
Siggiewi Vehicle Services ....................166
Silvio's ....................128
St. Paul's Dental Clinic ....................158
St. Peter's Ironmongery ....................158
Stanley Zammit ....................154
Stefan Zrinzo Azzopardi ....................159
Step 'n' Shop ....................81
Step in ....................80
Super S Ironmongery ....................116
Ta' Manwel Farmhouse ....................68
Ta' Balal
Petrol Service Station ....................116
Ta' Frida Pet & Garden ....................22
Ta' Rita Lapsi View ....................28
Tahabel Ltd ....................128
Take Off ....................177
Tal-Bazzi ....................106
Tal-Paradise ....................187
Tar-Robba Recycling Centre ....................6
Teddies Childcare Centre ....................162
Terry's Take Away ....................162
Teżor il-Bidwi ....................112
The Core Beauty Clinic ....................124
The Fruit Shop ....................96
The Wooden Box ....................30
Timberland ....................14
Timeless Home & Decor ....................39
Toni Bezzina ....................96
Tower Ironmongery ....................162
Trocadero ....................168
Unistyler ....................32
Velton Ltd ....................164
Vigo ....................124
Village Core ....................46
Viper Garage ....................195
Visage ....................92
Xarolla ....................92
Xelini Co. ....................188
Xuereb Installations Ltd ....................78
Yo Bet It ....................12
Zahra Group ....................36


Heineken
HEINEKEN LAGER BEER
Heineken
0.0
PREMIUM QUALITY
NOW
YOU
CAN
NEW HEINEKEN 0.0
GREAT TASTE. ZERO ALCOHOL.
Heineken



Socjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V
Palazz Santa Marija, Pjazza tal-Knisja, L-Imqabba, Malta
www.santamarija.com | santamarija | santamarijamqabba